# innaqqsu l-inċertezzi

seminar fuq il-varjanti ortografiċi
l-20 ta' Jannar 2007

dokument għad-diskussjoni

# innaqqsu l-inċertezzi

## seminar fuq il-varjanti ortografiċi
## l-20 ta' Jannar 2007

## dokument għad-diskussjoni

Din il-pubblikazzjoni tiġbor fiha l-fehmiet ta' madwar 30 ruħ fuq il-varjanti ortografiċi fl-ilsien Malti. L-awturi tagħhom—uħud minnhom awturi u għalliema magħrufa, oħrajn tradutturi, qarrejja tal-provi u pubblikaturi—kienu ntalbu mill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti jagħtu fehmiethom biex ikunu ta' għajnuna fid-diskussjoni dwar il-varjanti ortografiċi. It-tweġiba mħeġġa għal din is-sejħa kif ukoll il-varjetà u l-validità ta' ħafna mill-argumenti ħajru lill-Kunsill jippubblikahom f'din il-ġabra.

Madanakollu, il-Kunsill jixtieq jagħmilha ċara li l-fehmiet imfissra f'din il-ġabra huma biss ta' l-awturi tagħhom u bl-ebda mod ma għandhom jitqiesu bħala l-fehma uffiċjali tal-Kunsill.

Il-Kunsill tal-Malti jixtieq juri l-apprezzament tiegħu għall-kontribut ta' kull min perreċ fehemtu fuq il-varjanti u b'hekk għen biex id-diskussjoni tkun iktar mifruxa u d-deċiżjoni finali iktar matura. Il-pubblikazzjoni ta' din il-ġabra hija messaġġ ċar mill-Kunsill lil kull min jgħożż l-ilsien li jgħaqqadna li l-fehma ta' kull wieħed minna tiswa.

Meta l-Kunsill jieħu deċiżjoni fuq il-varjanti diskussi fis-seminar tal-lum, *Innaqqsu l-Inċertezzi: Il-varjanti Ortografiċi*, din id-deċiżjoni se tkun uffiċjali u finali, u se jgħarraf biha lil kulħadd permezz ta' pubblikazzjoni oħra.

L-20 ta' Jannar 2007

© L-awturi

**Werrej**


| | |
|---|---|
| Stedina mill-Kunsill tal-Malti għal fehmiet fuq il-varjanti | 4 |
| Ġabra tal-varjanti ortografiċi | 6 |
| Agius Muscat Anton | 17 |
| Aquilina Pawlu | 18 |
| Azzopardi Carmel | 22 |
| Bezzina Carmel | 37 |
| Borg Albert | 38 |
| Briffa Charles | 41 |
| Cachia Carm C. | 48 |
| Cachia Lawrenz | 51 |
| Cassar Mario | 54 |
| Coleiro Karl | 62 |
| Degiorgio John | 70 |
| Fabri Ray | 75 |
| Farrugia George | 78 |
| Farrugia Inguanez Simone | 94 |
| Felice Pace Joe | 117 |
| Fenech Victor | 120 |
| Ferstl Maria | 122 |
| Grima Kenneth | 131 |
| Gruppetta Christopher | 141 |
| Izzo Clarke Joseph | 143 |
| Mifsud Immanuel | 145 |
| Mifsud Bonnici Ugo | 148 |
| Mifsud-Chircop Ġorġ | 150 |
| Muscat David | 155 |
| Portelli Terence | 160 |
| Serracino-Inglott Mario | 164 |
| Spagnol Michael | 166 |
| Stolz Thomas | 170 |
| Teuma Edmund | 174 |
| Vanhove Martine | 178 |
| Vella Alexandra | 183 |
| Vella Charles | 186 |
| Żahra Trevor | 194 |

STEDINA MILL-KUNSILL TAL-MALTI GĦAL FEHMIET FUQ IL-VARJANTI

Wieħed mill-għanijiet tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti huwa li nkomplu nsaħħu dak li għamlu ta' qabilna fl-oqsma kollha, u mhux inqas fil-qasam ta' l-ortografija. Dan it-tisħiħ jidher, fost ħidma oħra, fil-kors ta' sena li jwassal għal Ċertifikat Universitarju għall-Qarrejja tal-Provi li għaddej bħalissa, u li fih aktar minn 40 qarrej tal-provi qed jitħarrġu b'mod professjonali fuq ir-regoli uffiċjali tal-kitba Maltija.

Iżda daqskemm il-Kunsill huwa impenjat li jiżgura li l-ortografija tal-Malti tissaħħaħ u tkun osservata, daqshekk ieħor għandu d-dmir joħloq u jżomm forum ħaj li fih issir diskussjoni serja u miftuħa fuq l-ortografija, bil-għan li minn żmien għal żmien ikun jista' jasal għal kjarifiki, interpretazzjonijiet u aġġornamenti li jkunu xierqa u meħtieġa, kif inhu marbut jagħmel bil-Liġi tal-Malti (2004).

Kif taf int, problema li ilha tħabbat lil min jikteb bil-Malti hija dik tal-varjanti, jiġifieri **dak il-kliem li fil-kitba għandu iktar minn għamla waħda użata regolarment** (eż. *l-lum* u *llum*, *Awwissu* u *Awissu*, *m'hux* u *mhux*). Dawn il-varjanti, li huma numerużi għal diversi raġunijiet, qegħdin ifixklu lil kull min jikteb bil-Malti imma wisq aktar lil min juża l-kompjuter biex ifittex il-kelma (bl-għajnuna tas-*Search*) u lil min jaħdem fi grupp (bħal f'kumpanija ta' tradutturi jew tim ta' ġurnalisti) fejn sħabu forsi ma jagħżlux il-varjanti li jippreferi hu.

M'għandniex xi ngħidu, hawn m'aħniex nirreferu għal każi fejn waħda mill-kelmiet hija ħażina għaliex tmur kontra xi regola grammatikali jew ortografika (eż. *għejxien* u ~~*għixien*~~, *pożizzjoni* u ~~*posizzjoni*~~). Għax dak li hu ħażin, ħażin.

Qed nitkellmu fuq każi fejn **il-forom differenti jitlissnu l-istess u għadhom aċċettati u użati t-tnejn** (eż. *ta' l-għaġeb* u *tal-għaġeb*, *l-aħħarnett* u *l-aħħar nett*, *prietka* u *priedka*). F'każi bħal dawn, l-alternattivi fil-kitba mhumiex meħtieġa u ma jagħmlux ħlief jikkawżaw inċertezzi żejda u jheddu l-istabilità tal-kitba. Il-Kunsill huwa tal-fehma li għandna naslu biex nagħżlu forma waħda skond kriterji definiti. B'hekk jonqos it-taħwid u l-ħaddiema tal-Malti jkollhom riegla ċara ma' xiex jimxu.

Il-Kunsill huwa ddeterminat li kull deċiżjoni li tittieħed tkun deċiżjoni serja u matura. Għalhekk beħsiebu jiddeċiedi biss wara ħafna ħsieb u wara li jkun ikkonsulta l-fehmiet ta' persuni midħla sewwa tal-Malti u persuni influwenti, u wara li jkun qies l-attitudnijiet tal-pubbliku. Għal dan il-għan f'Jannar li ġej se jorganizza l-ewwel wieħed minn sensiela ta' seminars INNAQQSU L-INĊERTEZZI u fih kulħadd ikollu ċ-ċans juri fehemtu.[1] Barra l-pubbliku, se nistiednu ġurnalisti, kittieba, pubblikaturi, għalliema, tradutturi, qarrejja tal-provi, eżaminaturi u nies oħra milqutin minn din il-problema. Wara din il-konsultazzjoni wiesgħa, il-Kunsill se jikkonsidra kulma jkun intqal, jagħmel il-bilanċi meħtieġa u jieħu deċiżjonijiet li jgħinu biex tibda titfejjaq din il-marda ta' inċertezzi u dubji li qed ixxekkel l-iżvilupp ta' l-ilsien nazzjonali. Id-deċiżjonijiet, imbagħad, iwassalhom lil kulħadd,

[1] Is-seminars f'din is-sensiela se jkunu jinkludu wieħed fuq il-varjanti fonetiċi (eż. *probabbiltà* u *probabilità; kuxxtejh* u *koxxtejh*) u l-ieħor fuq il-kitba tal-kliem Ingliż li dieħel fil-Malti (eż. *roundabout* u *rawndebawt; union, junjin* u *unjin*).

partikolarment lill-ġurnalisti, 'l-għalliema u 'l-eżaminaturi. Biex ilkoll flimkien niġbdu ħabel wieħed.

Huwa hawnhekk fejn huwa mixtieq is-sehem tiegħek. Lilek qed nistednuk biex, wara li tkun osservajt u għarbilt il-varjanti li qed nibagħtulek,[2] jekk jogħġbok tikteb fehemtek f'madwar 1,000 kelma (xi żewġ paġni) dwar:

- kif tara l-kwistjoni tal-varjanti ortografiċi inti;
- kif kont tqassamhom u għaliex;
- liema varjanti (eż. *filgħodu* jew *fil-għodu*) kont tippreferi tagħżel u fuq liema kriterji (tinsiex li l-kriterji jistgħu jkunu mhux biss lingwistiċi, imma wkoll pedagoġiċi, viżivi, prattiċi, ta' kontinwità, ta' identità, eċċ. eċċ.).

Napprezzaw ħafna li l-kitba tiegħek tkun konċiża u diretta u l-ideat ikunu ppreżentati b'mod komdu għall-qarrejja, billi tkun ċar, taqsam il-kitba tiegħek f'paragrafi qosra u tuża numri, bulits, eċċ. li jgħinu lill-għajn. Nitolbuk tibgħat il-kitba tiegħek fl-indirizz: 36 Triq iz-Zekka, il-Belt, jew bil-posta elettronika: kunsilltalmalti@gov.mt.

Il-Kunsill beħsiebu jqassam dawn il-kitbiet stampati b'isem l-awturi tagħhom qabel u matul is-seminar.

Nirringrazzjawk tal-kooperazzjoni.

Dejjem tiegħek,

Il-Prof. Manwel Mifsud

President

[2] Qed nibagħtulek lista tal-varjanti f'ordni alfabetiku. Il-varjanti ġabarhom ġentilment is-Sur George Farrugia bl-għajnuna ta' nies oħra, fosthom is-Sur Mario Cassar. Din il-ġabra mhijiex lista uffiċjali maħruġa mill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti u bl-ebda mod m'għandha titqies bħala lista kompleta; fil-fatt tkun aġġornata kull ftit jiem. Qed nibagħtuhielek biss bħala għajnuna għall-kitba tiegħek. Jekk inti tiġbor varjanti oħra tista' żżidhom u nitolbuk tibgħathomlna.

ĠABRA TAL-VARJANTI ORTOGRAFIĊI

Din il-ġabra mhijiex lista uffiċjali maħruġa mill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti u bl-ebda mod m'għandha titqies bħala lista kompleta. Qed tixxandar biex tkun ta' għajnuna għal min jixtieq jikteb fuq il-varjanti ortografiċi.[3]

Il-kliem f'parentesi jfisser li jitlissen differenti minn ta' maġenbu u se jiġi diskuss f'seminar ieħor li se jkun fuq il-varjanti fonetiċi.

Il-kliem bi stilla quddiemu forsi ma jintużax wisq imma mhux impossibbli li tarah miktub.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | a favur | affavur | | | |
| 2. | Afrika | Affrika | | | |
| 3. | akkrettu | akkredtu | | | |
| 4. | a la biebu | alabiebu | | | |
| 5. | Alla ħares | Allaħares | allaħares | Alla jħares | Allajħares |
| 6. | alleluja | allelulja | halleluja | | |
| 7. | alliev | alljiev | | | |
| 8. | ammen | amen | | | |
| 9. | Arabja | Għarabja | | | |
| 10. | Awissu | Awwissu | | | |
| 11. | awl il-lejl/<br>ewl il-lejl | awlillejl/<br>ewlilejl | | | |
| 12. | ażżma | ażma | | | |
| 13. | il-Baħar Mediterran | il-baħar mediterran | | | |
| 14. | baħħar | baħħâr | | | |
| 15. | barra minn hekk | barraminhekk | | | |
| 16. | barra nett | barranett | | | |
| 17. | begħedna | begħidna | | | |
| 18. | bergħud | bergħut | | | |
| 19. | berritta | beritta | | | |
| 20. | bħal issa | bħalissa | | | |

[3] Dawn il-varjanti ġabarhom ġentilment is-Sur George Farrugia bl-għajnuna ta' nies oħra, fosthom is-Sur Mario Cassar.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 21. | bħal kieku | bħalkieku | | | |
| 22. | bħal li kieku | bħallikieku | | | |
| 23. | bħal-lum | *bħallum | | | |
| 24. | bħal ma | bħalma | | | |
| 25. | bħal meta | *bħalmeta | | | |
| 26. | bħal xejn | *bħalxejn | | | |
| 27. | biblijografija | bibljografija | | | |
| 28. | biblijoteka | bibljoteka | | | |
| 29. | bibliku | bibbliku | | | |
| 30. | bidu nett | bidunett | | | |
| 31. | bies | bież | | | |
| 32. | bi ħsiebi | biħsiebi | (beħsiebi) | (fi ħsiebi) | (fiħsiebi) |
| 33. | bil-fors | bilfors | | | |
| 34. | bil-ġiri | bilġiri | (bilġri) | | |
| 35. | bil-ħaqq | bilħaqq | | | |
| 36. | bil-kemm | bilkemm | | | |
| 37. | bil-kif | *bilkif | | | |
| 38. | bil-lejl | billejl | | | |
| 39. | bil-qiegħda | bilqiegħda | | | |
| 40. | bil-wieqfa | bilwieqfa | | | |
| 41. | bi nhar | binhar | | | |
| 42. | biż-żejjed | biżżejjed | | | |
| 43. | buz | buts | *boots* | | |
| 44. | ċagħak | ċagħaq | | | |
| 45. | daħak | daħaq | | | |
| 46. | da parti | daparti | | | |
| 47. | dak in-nhar | dak inhar | dakinhar | | |
| 48. | dal-għodu | dalgħodu | | | |
| 49. | dal-ħin | dalħin | | | |
| 50. | dal-lejl | dallejl | | | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 51. | dal-waqt | dalwaqt | | |
| 52. | daqs hekk | daqshekk | | |
| 53. | daqs kemm | daqskemm | | |
| 54. | daqs kieku | daqskieku | | |
| 55. | daqs li kieku | daqslikieku | | |
| 56. | daqs tant | daqstant | | |
| 57. | daqs xejn | daqsxejn | | |
| 58. | darba fil | darba fill | darbafill | *darbafil |
| 59. | dawra mejt | dawramejt | | |
| 60. | da żgur | dażgur | | |
| 61. | den | denn | (*ara* inden) | |
| 62. | dettall | *dettal | | |
| 63. | dgħufija | dgħjufija | *djufija | |
| 64. | diqa | dieqa | | |
| 65. | disa' mija | disamija | | |
| 66. | disat elef | disatelef | | |
| 67. | duħ | dugħ | | |
| 68. | dvalja | tvalja | | |
| 69. | ewieq | ewwieq | | |
| 70. | ewl il-lejl | ewlillejl | | |
| 71. | Ewropew | ewropew | | |
| 72. | fehimti | fehmti | fehemti | |
| 73. | fil-fatt | filfatt | | |
| 74. | fil-għaxija | filgħaxija | (flgħaxija) | (fl-għaxija) |
| 75. | fil-għodu | filgħodu | | |
| 76. | fil-waqt | filwaqt | | |
| 77. | fl-aħħar nett | fl-aħħarnett | flaħħarnett | |
| 78. | fuq nett | fuqnett | | |
| 79. | ġa la darba | ġaladarba | | |
| 80. | ġara | ġâra | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 81. | ġegħilna | ġegħelna | |
| 82. | ġewwa nett | ġewwanett | |
| 83. | ġie li | ġieli | |
| 84. | ġix | ġiex | |
| 85. | gastro-intestinali | gastrointestinali | |
| 86. | gerbu | gerbbu | |
| 87. | gidien | gidjien | |
| 88. | gods | gozz | |
| 89. | granmastru | gran mastru | grammastru |
| 90. | għad illi | għadilli | |
| 91. | għafrid | għafrit | |
| 92. | għaġla | għaġġla | |
| 93. | għajat | għajjat | |
| 94. | għall-aħħar | għallaħħar | |
| 95. | għal biex | għalbiex | |
| 96. | għal daqs hekk | għaldaqshekk | għal daqshekk |
| 97. | għal daqs tant | għaldaqstant | għal daqstant |
| 98. | għal fejn | għalfejn | |
| 99. | għal għarrieda | għalgħarrieda | |
| 100. | għal hekk | għalhekk | |
| 101. | għal issa | għalissa | |
| 102. | għal kemm | għalkemm | |
| 103. | għal kollox | għalkollox | |
| 104. | għal li | għalli | |
| 105. | għal xejn | għalxejn | |
| 106. | għal xiex | għalxiex | |
| 107. | għall-aħħar | għallaħħar | |
| 108. | għall-anqas/<br>għall-inqas | għallanqas/<br>għallinqas | |
| 109. | għarkupptejh/ | għarkubbtejh/ | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | għarkopptejh | għarkobbtejh | |
| 110. | għar u każa | għarukaża | (għarkaża) |
| 111. | għargħax | għarax | |
| 112. | għedt | għidt | |
| 113. | għotien | għotjien | |
| 114. | hawn hekk | hawnhekk | |
| 115. | hemm hekk | hemmhekk | |
| 116. | heżheż | heżżeż | |
| 117. | ħalltejn | ħaltejn | |
| 118. | idejk | jdejk | |
| 119. | il-bieraħ | ilbieraħ | |
| 120. | il-bieraħt lula/ il-bieraħt lura | ilbieraħtlula/ ilbieraħtlura | ilbiraħtlula/ ilbiraħtlura |
| 121. | il-lejla | illejla | |
| 122. | il-lum | illum | |
| 123. | imb'ras | imbras | |
| 124. | imb'wiċċ | imbwiċċ | |
| 125. | inden | indenn | |
| 126. | in ġenerali | inġenerali | |
| 127. | inizjattiva | inizzjattiva | |
| 128. | inkwatru | inkwadru | |
| 129. | in kwistjoni | inkwistjoni | |
| 130. | it-tielet nett | it-tieletnett | it-tiletnett |
| 131. | it-tieni nett | it-tieninett | it-tininett |
| 132. | Islam | Iżlam | |
| 133. | iż-żejjed | iżżejjed | |
| 134. | kagħka | qagħqa | |
| 135. | karozza | karrozza | |
| 136. | 'kk Alla jrid | 'k Alla jrid | 'kallajrid |
| 137. | kasbar | każbar | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 138. | kemm-il darba | kemmildarba | | |
| 139. | kemm xejn | kemxejn | | |
| 140. | ’kk jogħġbok | ’k jogħġbok | | |
| 141. | koperattiva | kooperattiva | koperativa | kooperativa |
| 142. | koperazzjoni | kooperazzjoni | | |
| 143. | kordinatur | koordinatur | | |
| 144. | kordinazzjoni | koordinazzjoni | | |
| 145. | kontrik | kontriek | | |
| 146. | kull darba | *kuldarba | | |
| 147. | kull fejn | kulfejn | | |
| 148. | kull ħadd | kulħadd | | |
| 149. | kull imkien | kullimkien | | |
| 150. | kull jum | kuljum | | |
| 151. | kull ma | kulma | | |
| 152. | kull meta | kulmeta | | |
| 153. | kull min | kulmin | | |
| 154. | kull tant | kultant | | |
| 155. | kull xejn | kulxejn | | |
| 156. | la branzetta | labranzetta | | |
| 157. | la darba | ladarba | | |
| 158. | la ġenba | laġenba | | |
| 159. | l-aħħar nett | l-aħħarnett | | |
| 160. | l-aħwa | laħwa | | |
| 161. | la kemm | lakemm | | |
| 162. | la Maltija | lamaltija | | |
| 163. | l-anqas | lanqas | | |
| 164. | lembija | lenbija | | |
| 165. | lembuba | lenbuba | | |
| 166. | l-ewwel nett | l-ewwelnett | | |
| 167. | liema bħalu | liemabħalu | li ma bħalu | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 168. | lil hawn | lilhawn | |
| 169. | lil hemm | lilhemm | |
| 170. | lil hinn | lilhinn | |
| 171. | linjigwida | linji gwida | linji-gwida |
| 172. | ’l ura | lura | |
| 173. | il-Lvant Ċentrali | il-lvant ċentrali | |
| 174. | il-Lvant Nofsani | lvant nofsani | |
| 175. | ma’ dan kollu | madankollu | (madanakollu) |
| 176. | ma’ dwar | madwar | |
| 177. | ma’ ġenb | maġenb | |
| 178. | m’aħniex | maħniex | |
| 179. | magna | makna | |
| 180. | Magreb | Magħreb | |
| 181. | manġa passiġġa | manġapassiġġa | (manġapasseġ ġja) |
| 182. | ma’ tul | matul | |
| 183. | megħikna | megħekna | |
| 184. | m’hawnx | ma hawnx | mhawnx |
| 185. | m’hemmx | ma hemmx | mhemmx |
| 186. | m’hijiex | mhijiex | |
| 187. | m’hix | mhix | |
| 188. | m’humiex | mhumiex | |
| 189. | m’huwiex | mhuwiex | |
| 190. | m’hux | mhux | |
| 191. | m’iniex | miniex | |
| 192. | m’inix | minix | |
| 193. | m’intix | mintix | |
| 194. | m’intomx | mintomx | |
| 195. | m’intx | mintx | |
| 196. | minn barra | *minbarra | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 197. | minn bejn | *minbejn | |
| 198. | minn daqqiet | *mindaqqiet | |
| 199. | minn daqs hekk | *mindaqshekk | |
| 200. | minn fejn | *minfejn | |
| 201. | minn flok | minflok | |
| 202. | minn fuq | minfuq | |
| 203. | minn għajr | mingħajr | |
| 204. | minn għalija | mingħalija | |
| 205. | minn għand | mingħand | |
| 206. | minn tagħna | mintagħna | |
| 207. | Mislem | mislem | |
| 208. | mnalla | mn'Alla | m'nalla |
| 209. | Musulman | musulman | |
| 210. | naħnaħ | nagħnagħ | |
| 211. | nagħaġ | ngħaġ | |
| 212. | nagħirfu | nagħrfu | nagħarfu |
| 213. | nehimżu | nehmżu | nehemżu |
| 214. | negħilbu | negħlbu | negħelbu |
| 215. | negħimżu | negħmżu | negħemżu |
| 216. | Nisrani | nisrani | |
| 217. | nofs il-lejl | nofsillejl | |
| 218. | nofs in-nhar | nofs inhar | nofsinhar |
| 219. | in-Nofsinhar | in-nofsinhar | |
| 220. | nofs ta' nhar | nofstanhar | |
| 221. | nofs siegħa | nofsiegħa | |
| 222. | partu | parttu | |
| 223. | peprin | pepprin | |
| 224. | per eżempju | pereżempju | |
| 225. | perjodu | perijodu | |
| 226. | per każu | perkażu | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 227. | pezza kustjoni | pezzakustjoni | |
| 228. | prietka | priedka | |
| 229. | prim kuġin | primkuġin | |
| 230. | prim ministru | *primministru | |
| 231. | prima donna | primadonna | |
| 232. | proprjament | propjament | |
| 233. | proprjetà | propjetà | |
| 234. | proprjetarju | propjetarju | |
| 235. | proprju | propju | |
| 236. | Protestant | protestant | |
| 237. | qabel xejn | qabelxejn | |
| 238. | qajl qajl | qajlqajl | (qalqajl) |
| 239. | qara' bagħli | qarabagħli | |
| 240. | qegħidna | qegħedna | |
| 241. | qiegħ nett | qigħnett | qiegħnett |
| 242. | qies | qjies | |
| 243. | quddiem nett | quddimnett | quddiemnett |
| 244. | radju dramm | radjudramm | |
| 245. | risq | riżq | |
| 246. | rkobba | rkoppa | |
| 247. | ruxmata | ruxxmata | |
| 248. | sa dan it-tant | sadanittant | (sadattant) |
| 249. | sa fejn | safejn | |
| 250. | sa fl-aħħar | saflaħħar | |
| 251. | sa frattant | safrattant | |
| 252. | sa kemm | sakemm | |
| 253. | sa l-aħħar | salaħħar | |
| 254. | sal-lum | sallum | sa llum |
| 255. | santa fjakka | santafjakka | |
| 256. | santa paċenzja | santapaċenzja | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 257. | sekond kuġin | sekondkuġin | | |
| 258. | sekonda awla | sekondawla | | |
| 259. | Semitiku | semitiku | | |
| 260. | serduk | serduq | | |
| 261. | sewwa sew | sewwasew | | |
| 262. | sieda | sjieda | | |
| 263. | sfog | żvog | | |
| 264. | skansa faċendi | skansafaċendi | | |
| 265. | skond | *skont | | |
| 266. | soċjo-ekonomiku | soċjoekonomiku | | |
| 267. | sogħob bija/ jisgħob bija | sogħobbija/ jisgħobbija | | |
| 268. | soptu | sobtu | (zoptu) | |
| 269. | sotto kumitat | sottokumitat | sotto-kumitat | |
| 270. | sotto spekkju | sottospekkju | sotto-spekkju | (sottospekkjo) |
| 271. | sta bene | stabene | | |
| 272. | subien | subjien | | |
| 273. | super potenza | superpotenza | | |
| 274. | is-Sur X. Attard | is-sur X. Attard | | |
| 275. | t'apposta | tapposta | | |
| 276. | t'April | ta' April | | |
| 277. | t'Elena | ta' Elena | | |
| 278. | t'Indri | ta' Indri | | |
| 279. | t'Ottubru | ta' Ottubru | | |
| 280. | t'Ugo | ta' Ugo | | |
| 281. | ta' bil-fors | ta' bilfors | tabilfors | |
| 282. | ta' bil-ħaqq | ta' bilħaqq | tabilħaqq | |
| 283. | ta' bir-ruħi | ta' birruħi | tabirruħi | |
| 284. | ta' lanqas | talanqas | ta' l-anqas | (ta' l-inqas) |
| 285. | ta' l-hena | tal-hena | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 286. | ta’ l-għalqa | tal-għalqa | |
| 287. | ta’ mpar(i) | tampar(i) | |
| 288. | taħt nett | taħtnett | |
| 289. | tal-lum | tallum | ta’ llum |
| 290. | tas-sew | tassew | |
| 291. | tieba | tjieba | |
| 292. | togħomti | togħmti | |
| 293. | użu frutt | użufrutt | |
| 294. | wara nett | waranett | |
| 295. | wegħidna | wegħedna | |
| 296. | wieħed u tletin | *wieħed-u-tletin | |
| 297. | xbieha | xbiha | |
| 298. | xhieda | xiehda | |
| 299. | x’ħin | xħin | |
| 300. | xi ħadd | xiħadd | (*xaħadd) |
| 301. | xi ħaġa | xiħaġa | (*xaħaġa) |
| 302. | xi kull tant | xi kultant | |
| 303. | xi mkien | *ximkien | |
| 304. | xi minn daqqiet | ximindaqqiet | |
| 305. | ix-Xmara Ġordan | ix-xmara Ġordan | |
| 306. | żieda | żjieda | |
| 307. | żina | żîna | |

# Anton Agius Muscat

1. Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti jaqdi dmir xieraq meta jfittex inaqqas dubji fl-ortografija tal-Malti, iżda ma hemmx ħtieġa ta' ġiri żejjed għal "standardizzazzjoni" b'riħet użu tal-kompjuter u dan għax jeħtieġ iż-żmien sabiex il-Malti jilħaq "joqgħod" bħalma "qagħdu" ilsna oħra fl-Ewropa meta sabu "t-tpaxxija" tal-wens taż-żmien fit-tiswir tagħhom. Ma ninsewx li l-lum id-djalett qiegħed isib min japprezzah u ħadd ma ħareġ jgħid li l-kompjuter ifixkel jew sejjer jitfixkel huwa u jaħdem bħala għodda.

2. Kull deċiżjoni trid tkun serja u matura. Għaldaqshekk, il-grammatika trid tgħix f'kull deċiżjoni u rridu niddeterminaw "il-prinċipju" jew "il-loġika" li tiddetermina d-deċiżjoni meta nagħżlu bejn il-Malti "urban" jew il-Malti "kampanjol" bħal fil-kelma *priedka/prietka* fejn aħniex nagħtu widen ta' l-etimoloġija jew il-fonoloġija (fomm il-kotra)?

3. Ma niġrux għal xejn b'xejn fi kliem bħal *basbas/bażbaż* meta l-istudjuż ħtieġlu jieqaf għax, bir-raġun kollu, il-poplu determinatur ma qalibx il-keffa tal-miżien lingwistiku naħa jew oħra sabiex jgħin l-istudjuż.

4. L-hekk imsejjaħ "varjanti" bħal *fil-għodu/filgħodu* mhumiex varjanti fis-sens sħiħ għax huma aktar "stil grammatikali" li jgħinu liż-żgħar jibdew jifhmu l-kitba bil-Malti u jista' jkun li jiġri li dawk li aktar ma jikbru jitilfu s-sabar u "jgħaqqdu" partiċella ma' artiklu u nom. Irridu niftakru f'min irid jitgħallem il-Malti u mhux f'min irid jimponi għażlu meta jaħseb li għax kiber fis-snin, mela kiber f'għerfu u f'għażlu.

5. Hemm "il-problema" ta' l-Ingliż li "jħarbat" il-Malti wisq u wisq aktar mit-Taljan: madanakollu din "problema" għaliha li ma taqax taħt id-dell ta' "varjanti."

6. Fl-aħħarnett huwa sewwa ħafna li niġbdu ħabel wieħed. Jeħtieġ ukoll niftakru li:

- il-ġurnalisti jmisshom tabilħaqq ikunu jafu u jħobbu l-Malti mingħajr ma jitħajru jagħmluha ta' "mħallfin" billi joħolqu "stil partikolari ta' lsien Malti" *("house style")* bħalma ġara
- l-għalliema tal-Malti jeħtieġ li jfittxu jifhmu aħjar u jħobbu l-morfoloġija u s-sintassi tal-Malti sabiex l-għarfien u l-imħabba tagħhom jirnexxilhom jgħadduhom lill-iskular jew lill-istudent
- l-eżaminaturi tal-Malti jeħtieġ jaraw kif u x'fatta l-karti ta' l-eżami jaqdu l-istudent ifisser ruħu (ukoll bid-dizzjunarju qrib waqt l-eżami) u l-eżami ma jaqdix sabiex ifixkel u joqtol ir-ruħ tal-ħsieb ta' l-istudent tal-Malti.

# Pawlu Aquilina

Għalkemm m'iniex xi studjuż tal-lingwi naf u nifhem li kull lingwa għandha l-varjanti ortografiċi tagħha. Hekk ukoll il-Malti. L-istess dizzjunarju ta' Ġużè Aquilina jagħti ħafna minnhom, min mogħti l-ewwel preferenza u min it-tieni.

Jidhirli li m'hemm xejn ħażin billi jkun hemm varjanti, sakemm dawn ma jiksrux ir-regoli ortografiċi; eż: Awissu u Awwissu[4]. L-importanti hu li fl-istess kitba, l-awtur għandu jkun konsistenti u konformi fil-kelma li għażel li jikteb u mhux daqqa jiktibha mod u daqqa jiktibha mod ieħor.

Iżda llum qed jinkitbu varjanti li mhux dejjem ifissru eżattament dak li għandhom ifissru. Eż: (1) *illum* u (2) *il-lum*.

1. *Illum* rari tara xi ħmara tiġbed karettun, anqas qalb ir-raba'.
2. Kellu jasal mill-Amerka *l-lum*, il-Ħamis.

Fl-ewwel eżempju għandha t-tifsira ta' *nowadays* fl-Ingliż, waqt li tat-tieni għandha tifsira ta' *this day.*

Jekk irridu nħaffu l-kitba, nistgħu nagħżlu li niktbu dejjem l-istess waħda, tkun liema tkun it-tifsira li semmejt, għax it-tifsira eżatta tittieħed mis-sens tas-sentenza nnifisha.

Fejn jidħlu partiċelli/prepożizzjonijiet quddiem il-kelma, inħoss li f'ħafna każi dawn jistgħu jingħaqdu mal-kelma, kif issa jidher li ndara minn kulħadd:

Eż: *bi* (mhux *be*)*ħsiebi*, ssir *biħsiebi*; hekk ukoll: *fiħsiebi, bilkemm, bilwieqfa, bilkif, filgħodu, filgħaxija,* eċċ.

Iżda m'għandhomx jingħaqdu meta s-sens jibdel it-tifsira, eż:

1. Jekk l-imħallef jimxi *bil-ħaqq*, il-ħati ħaqqu jeħel għomru l-ħabs talli qatel kiesaħ u biered.
2. *Bilħaqq,* insejt ngħidlek li kelli nidħol l-isptar bla ħsieb!

*Kull* + kelma għandha ssir *kul* meta l-kelma ta' magħha tkun tibda b'konsonanti; eż: *kulħadd, kulfejn, kulħin, kuljum kulmin, kulmeta;* iżda meta l-kelma ta' wara *kull* tibda b'vokali, din tibqa' *kull:*
*Eż: kullimkien.*

Il-partiċella *ma'* kif ukoll *ma* (tan-negattiv), tista' tingħaqad mal-kelma/verb ta' warajha u nħaffu l-kitba: eż: *madankollu, madwar, maġenb/ mhux, mhawnx, mhemmx, mintix, maħniex,* eċċ.

Dwar *miniex* u *minix:* it-tnejn jingħadu u jinkitbu iżda *miniex* hija grammatikalment dik korretta.

Il-partiċella *ta'* tista' wkoll tingħaqad dejjem ma' l-artiklu quddiem nom kemm jekk jibda b'konsonanti kif ukoll b'vokali.

Hemm ħafna kliem ieħor, kif mogħti fil-lista twila ta' 307, li ngħatatilna biex naraw u niflu.

[4] Nippreferi kif inħossha: Awwissu.

Biex ma noqgħodx intawwal f'din il-kitba, qiegħed nagħżel minn dik il-lista dak li jidhirli għandu jinkiteb, iżda lest li nagħti l-fehma tiegħi għala għażilt hekk meta nkun mitlub.

Il-prinċipji li mexxewni f'din l-għażla huma tnejn:

- ir-regoli kif approvati mill-Akkademja, u
- l-użu li qed jagħmel il-poplu fil-kelma mitkellma *sakemm ma jinkisrux ir-regoli grammatikali/ortografiċi kif approvati.*

Qiegħed ukoll nagħti lista ta' varjanti - li jżidu juru l-ħtieġa ta' gwida uffiċjali - u li ltqajt magħhom fil-qari ta' provi; ta' min jistudjahom u jiddeċiedi uniformità fil-kitba tagħhom.

*Lista ta' kliem varjanti milli ltqajt magħhom fil-qari ta' provi u li ta' min jiddeciedi* <u>*uniformità*</u> *fil-kitba tagħhom. Xi wħud minnhom huma ortografikament żbaljati.*

**A**
abiltà - abbiltà
adattat - addattat
agrikultura - agrikoltura
alfabet - alfabett
alkol - alkoħol
Amerika - Amerka
amfiteatru - anfiteatru
amministrativa - amministrattiva
analisi -analiżi
ansjuż - anzjuż
antaljoli - antarjoli
antitesi - antiteżi
apostrofu - appostrofu
arċipierku - arċipiergu
artiku - arktiku
assikurazzjoni -assigurazzjoni
avanza - avvanza

**B**
baċil - baċir
bajunetta - bajjunetta
ballerina - ballarina
bażilka - bażilika
biżestili - bisestili
bizarr - bizzarr
blaws - blawż
Britannja - Brittanja
bugħawieġ- bukagħwieġ
bulettin - bullettin
buri - buli
bużbież- busbies

**Ċ**
ċċaċċraw - ċċaċraw
ċaqlem - ċeklem
ċarruta - ċaruta
ċentigramm - ċentigram
ċinturin - ċintorin

**D**
damiġjana - damiġġjana
debulizza - debolezza, debbol e/i zza
definitiv - definittiv
delettant - dilettant
delirju - dellirju
depożtu - depożitu
dettal - dettall
dieta - djieta
diffamazzjoni -defamazzjoni
differixxa - diferixxa
diluvju - dilluvju
disenterija - diżenterija
diżapprovazzjoni - disapprovazzjoni
diżgrazzja - disgrazzja
diżinfettant - disinfettant
dutrina - duttrina
dverna - tverna

**E**
ebanu - ebbanu
eċitament - eċċitament
edifiċju - edifiċċju
eklesjastiku - ekkleżjastiku
eklissi - ekklissi
eletriku - elettriku
emekranja - emi/egranja
emna - ammna
emotiv - emottiv
enfasi - enfażi
epistoli - eppistoli
esenzjoni - eżenzjoni
eżaġera -esaġera
eżekuttiv - esekuttiv
eżempi - eżempji
eżerċitu - eżerċtu
eżerċizzi - eżerċizzji
eżotiku - esotiku

**F**
fabrika - fabbrika
fajenza - fajjenza/faenza
fantażma - fantasma
filosfu - filosofu
fiżljoloġija - fisjoloġija
fjuż- fjus
flanella - flannella
frażjoloġija - frasjoloġija
fregata - frejgata
freżja - fresja
fwieħa - fwiħa

**Ġ**
ġamm- ġam
ġulep - ġulepp

**G**
gabjun - gabbjun
gallarija - gallerija
gass - gas
gavda - gafda
gidmejmun - kidmejmun
gilpa - kilpa
gram - gramm
grammatka - grammatika
grampun - granpun
grog - grokk
gverta - kverta

**GĦ**
għajat - għajjat
għanbaqra - għajnbaqra
għarxa - għarġa
għedt - għidt
għolliq - għollieq
għonella - għonnella

**Ħ**
ħanniqa - ħannieqa
ħorriq - ħo/urrieq
ħożba - ħosba

**I**
ikkompjuterizza - ikkomputerizza
impieg - impjieg
improvizzat - improvvizzat
inċisiv - inċiżiv
inġinier - enġinier
inglesizza - ingleżizza
inventati - ivvintati
invilopp - invilops
Islanda - Iżlanda

**J**
jambi - janbi
jewilla - jewwilla
jibbru - jibru
Jiermu - Iermu

**K**
kajjikk - kajjik
kaligrafija - kalligrafija
kalunja - kalunnja
kamoxx - kamox
kankrena - gangrena
kapott - kappott
kapuċċini - kappuċċini
karika - kariga
katavru - kadavru
katidral - kattidral
kavallier - kavalier
każett - kassett
kkorreġa - kkoreġa
kolleġġjata - kolleġjata
kommensurabbli - kommenżurabbli
komputer - kompjuter
komunist - kommunist
komunità - kommunità
konċilju - kunċilju
konjak - konjakk
konsekwenzjali - konsegwenzjali
korintu - korintju
kumnikazzjoni - komunikazzjoni
kunsinna - kunsinja
kurdiċella - gurdiċella
kuxtbierna - kuxbiena

**L**
lastiku - lastku
leġislativa - leġislattiva
leġiżlativa - leġiżlattiva
libra - libbra
liċenzja - liċenza
limiti - limti
logutenent - logutenent
loktenent - logtenent
l-oppju - loppju

**M**
Majjistral - majistral
Margarita - margerita
Mazkal - mazkan
Medalja - midalja
Merqtux - merdqux
Mestrwazzjoni - mestruazzjoni
Metall - metal
Mol - moll
Monasteru - monasterju
Mudullun - mudullum
Munizzjon - munizjon

**N**
nagit - nagitt
Nazaret - Nazzaret
nigrufun - nigrifun
nimfa - ninfa
nobiltà - nobbiltà
nol - noll
nugrufun - nugrufum
numismatika- numiżmatika

**O**
objetta - obbjetta
oċjan - oċean
ommissjoni - omissjoni
ossiġnu - ossiġenu

**P**
pajsaġġ - pajżaġġ
pappagal - pappagall
parafin - paraffin
paranoja - paranojja
partikulari - partikolari
passolina - passulina
pastaż - pastas
penisilin - penisellin
pepprin - peprin
perjodiku - perjodku
perjodu - perijodu
pieg - pjieg
piramda - piramida
pissiperla - passiperla
Polakk - Pollakk
politika - politka
poljestru - polijestru
porvli - polvri
possibiltà - possibbiltà
ppanikkja - ppanikja
ppossieda - pposseda
preservat - preżervat
propjetà - proprjetà
proverbi - proverbji
pussess - pużżess

**Q**
qanniċ - qanniċċ
qies - qjies
quddemija - quddimija
quddemin - quddimin

**R**
rabarbru - labarbru
ram - ramm
ranċiż - ranċis - narċis/ż
regoli - reguli
relativ - relattiv
responsabilità - responsabbiltà
rewixta - rewwixta
riedni - riegni
rifettorju - refettorju
riġment - reġiment
rignu - riegnu
rikmandazzjon - rikomandazzjoni
riljiev - riljev
rinnegat - rinegat
riservat - riżervat
rkabtu - rkaptu
rożinjol - rużinjol
rpos - rpoż
rrolja - rrollja
rsiera - lsiera
rxiex - rxix

**S**
sagrifiċċju - sakrifiċċju
Samaritan - Sammaritan
saratizzi - seratizzi, se/arratizzi
sasla - sassla
selvaġġ - salvaġġ
sensar - sensal
sensitiv - sensittiv
serbut - sarbut
set - sett
sigarett/i - sigarrett/i
sinfonija - simfonija
sinifikat - sinjifikat
skalpell - skarpell
skarpan - skarpar
skonnettja - skonnetta
skredtu - skreditu
sodisfatt - soddisfatt
solenni - sollenni
sombor - sonbor
spiral - spirall
splussiv - splużiv
spontaneu - spontanju
spontanju - spontaneu
ssopona- ssoppona
ssupplixxa - ssuplixxa
stabilixxa - stabbilixxa
stmell- stmerr
stupitaġni - stupidaġni
suġġett - soġġett
sulfarina - sufarina, suffarina

**T**
taljola - tarjola
tamboġġ - tamboċċ
tapezzerija - tapizzerija
telegraf- telegraff
telegramm - telegram
tirreferixxi - tirriferixxi

tiżi - tisi
tram - tramm
trianglu - trijanglu
triplu - tripplu
tron - tronn
tunellata - tunnellata
turban- turbant
turrufnament - turufnament
tverna - dverna

**U**
urugan - uragan

**V**
van - vann
vanġelu - vanġelju
veritjeri - veriteri
villeġġjatura - villeġġatura

**W**
waranijiet - warranijiet

**X**
xbieha - xbiha
xeneġġjatura - xeneġġatura
xofftejn - xufftejn - xoftejn
xtelliera - xtilliera

**Ż**
żelu - zelu
żgħożija - żgħużija
żigarella - żagarella
żingara - zingara
żjieda - żieda
żmenijiet - żminijiet
żmerċ - żmerġ
żona - zona
żorr - zorr
żuffjett - żufjett
żurżiqa - żurżieqa

**Z**
zobtu - sobtu - soptu
zodijaku - żodijak

Carmel Azzopardi

**Daħla**

Ma hemmx dubju li varjanti li huma żejda jxekklu l-lingwa u jikkumplikaw l-ortografija. Min-naħa l-oħra, wieħed irid joqgħod attent u jaġixxi b'kawtela meta jiġi biex inaqqas forom ortografiċi li ilhom stabbiliti s-snin twal. **Ir-regoli ta' l-ortografija jakkwistaw is-saħħa bl-istabilità u l-istabilità tiġi mill-konsistenza fl-użu, użu li jtul is-snin.** Wieħed irid joqgħod attent aktar biex ma jxellifx prinċipji fundamentali, bħal pereżempju:

a) il-prinċipju li dak li niktbu jirrifletti dak li llissnu (ovvjament dan ma japplikax fil-każ ta' xi forom li huma kkundizzjonati mill-fonoloġija jew mill-etimoloġija), u mhux bil-maqlub. Noħolqu problema jekk nagħżlu forma ortografika waħda biex nirrappreżentaw żewġ ħsejjes li t-tnejn jeżistu fil-Malti mitkellem; jekk fil-Malti mitkellem jeżistu kemm **flatt** u kemm **flett** u niddeċiedu li niktbu biss *flatt*. Inkunu qed inwarrbu r-regola eżistenti u noħolqu regola li tgħid li s-sinjal grafiku *a* (li attwalment jirrappreżenta l-ħoss ta' **a** qasira u twila) jista' jirrealizza ruħu kemm bil-ħoss **a** (bħal fil-kelma **flatt**) u kemm bil-ħoss **e** (bħal fil-kelma **flett**).

b) Il-prinċipju li meta nintegraw kliem mill-Ingliż u mir-Rumanz, bħala regola, niktbu kif illissnu. **Aktar ma nitbiegħdu mill-kriterju fonetika aktar intaqqlu r-regoli ta' l-ortografija.**

**Wieħed għandu jfittex li jnaqqas u jwarrab il-varjanti żejda, iżda mhux li jelimina l-varjanti biex sempliċiment jissimplifika**. Fihom infushom il-varjanti ma joħolqux problema ortografika **sakemm ikunu stabbiliti u kulħadd ikun jaf bihom**. Il-fatt li wieħed ikun jista' jikteb kemm *jaqalgħu* u kemm *jaqilgħu* ma joħloqx problema ortografika, anzi jnaqqas il-possibiltà li wieħed jiżbalja għax jagħti lill-kittieb il-fakultà li jagħżel bejn żewġ forom ortografiċi li t-tnejn huma korretti. Ma jidhirx li, biex inħaffu t-tiftix ta' kelma fl-internet jew biex nistandardizzaw il-kitba ta' grupp ta' kittieba, għandna nfittxu li nelimaw il-varjanti.

### LINJI GWIDA GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-VARJANTI

1. Żewġ forom ortografiċi jitqiesu li huma varjant meta t-tnejn ikunu ortografikament u grammatikalment korretti.

   **Forma li tmur kontra r-regoli ta' l-ortografija jew tal-grammatika qatt m'għandha titqies li hi varjant tal-forma korretta**. Il-frekwenza fl-użu ta' forma żbaljata qatt m'għandha tiġġustifika l-aċċettazzjoni ta' dik il-forma. Dawn li ġejjin (meħudin mil-lista ta' varjanti li tqassmet u mid-dizzjunarji ppubblikati) huma eżempji ta' psewdo-varjanti, varjanti li m'huma varjanti xejn għax waħda mill-forom hi żbaljata.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | ***akkredtu*** / *akkrettu*<br>***priedka*** / *prietka* | Niktbu *akkredtu* u *priedka* għax innisslu forom bħal *akkreditani*, *predikatur*. |
| 2. | ***peprin*** / *pepprin*<br>***ażma*** / *ażżma*<br>***bibbliku*** / *bibliku*<br>***għafrit*** / *għafrid* | Niktbu *peprin, ażma, bibbliku, għafrit* għax dawn huma l-forom korretti etimoloġikament. |

3. ***baħħar*** / *baħħâr*
***żina*** / *żîna*

Fil-Malti normalment jintuża biss l-aċċent grave fuq vokali aċċentata li tkun fit-tarf tal-kelma (eż. età) (l-Aġġornament, Regola II). Il-forom *baħħar* u *żina* huma għalhekk il-forom korretti.

4. ***buz*** / *buts* / *boots*

*Buz* biss hi l-forma korretta. Il-forma Ingliża *boots* trid tintegra ruħha kompletament u tinkiteb kif tinħass għax minnha qed innisslu forom oħrajn (ara Azzopardi 2003, pp. xvi - xvii). Noħorġu *buza* u *buzijiet*. Ma niktbux *buts* għax il-konsonanti S hawnhekk mhux qed timmarka l-plural (il-plural hu *buzijiet*) u għalhekk il-ħoss **ts** jinkiteb kif normalment jinkiteb fil-Malti, i.e. *z*. Ara wkoll Azzopardi 1997, Kap 5, 4.1.2.5.1.

5. ***diqa*** / *dieqa*

Il-forma *diqa* toqrob aktar lejn il-forma Għarbija ($\mathbf{daqi^{j}q}$) u ssegwi l-binja ta' forom oħra bħal *ħila, qima, riħa.*

6. ***disat elef*** / *disatelef*
***disa' mija*** / *disamija*

Il-forom *disatelef* ✗ u *disamija* ✗ ma jsegwux l-użu komuni. Li nitbiegħdu mill-użu komuni u nibdew niktbu n-numri (jew xi numri) kelma waħda m'hix ħaġa prattika u toħloq aktar problemi milli tissimplifika. Tagħti lok li niktbu, pereżempju, *tnejnugħoxrin* ✗ u *tnejnugħoxrinelf* ✗.

7. ***ħdax-il*** / *ħdaxil*

Li niktbu s-sing (jew li ma niktbuhx) f'kelmiet bħal *ħdax-il* hi deċiżjoni ortografika. Iżda bi tradizzjoni dejjem ktibna *ħdax-il*, u għalhekk m'hemmx raġuni għala għandna nbiddlu u nibdew niktbu *ħdaxil* ✗.

8. ***ewieq*** / *ewwieq*
***għajat*** / *għajjat*

Hemm it-tendenza li l-konsonanti J u W intervokaliċi jiġu ppronunzjati twal. Iżda dan ma jiġġustifikax li naċċettaw il-forom *ewwieq* ✗ (plural ta' *uqija*) u *għajjat* ✗. Il-forma *għajat* issegwi l-mudell *swat*, bid-differenza li żżomm il-vokali ta' l-Għarbi fl-ewwel sillaba minħabba li l-konsonanti GĦ trid bilfors ambjent vokaliku.

9. ***fehmti*** / *fehemti*
***togħmti*** / *togħomti*
***negħlbu*** / *negħelbu*

i) Illum nafu li kien hemm żvilupp fil-kitba ta' *negħlbu* / *negħelbu*. Il-forma *negħlbu* issa ilha stabbilita; insibuha fi Cremona l-aktar riċenti u anke fir-Regoli tal-Kitba tal-Malti ppubblikat mill-Akkademja (Regola 27). Hemm ukoll argument lingwistiku li jiġġustifika l-assenza tal-vokali tal-leħen qabel il-likwida fis-sekwenza GĦLB - il-konsonanti GĦ hawnhekk m'għandhiex valur ta' fonema konsonantali u għalhekk iż-żieda tal-vokali tal-leħen hi superfluwa. Ara wkoll Azzopardi, 1997, Kap. 2, 2.3.5.2.

ii) La niktbu *negħlbu*, niktbu wkoll *fehmti* u *togħmti*. Għall-istess raġuni msemmija hawn fuq, iż-żieda tal-vokali tal-leħen qabel il-likwida fis-sekwenzi HMT u GĦMT m'hix meħtieġa għax f'kull każ il-likwida M mhux qed tinqabad f'ambjent mhux vokaliku.

10. ***gerbu*** / *gerbbu*

Il-forma *gerbbu* ✗ tmur kontra r-regoli stabbiliti (It-Tagħrif, Regola 47) u l-użu komuni. Barra minn hekk, toħloq problema għax il-kittieb ikollu jirrikorri għall-morfoloġija biex jiddetermina kif se jikteb. Min-naħa l-oħra, il-forma *gerbu* tinkiteb kif titlissen.

11. ***għaġla*** / *għaġġla*

Il-forma *għaġġla* ✗ ma ssewgwix il-mudelli tan-nomi verbali tas-Semitiku. Bħalma minn QaBaD niktbu *qabda*, minn GĦaĠeL niktbu *għaġla*.

12. ***għedt*** / *għidt*

Il-forma *għidt* ✗ mhix ortografikament korretta għax hawnhekk m'għandniex dittong (GĦI) (dittong bħala regola ma nsibuhx f'sillaba li tingħalaq b'żewġ konsonanti) iżda sekwenza magħmula mill-konsonanti GĦ u vokali qasira. Id-dittong GĦI jinbena mill-ħsejjes **e** u **i**$^{j}$. Eż. *sebgħin* (fuq il-mudell *ħamsin*), *tgħin* (fuq il-mudell *tħit*). Hawnhekk, l-istess bħall-forom *sibt, kilt, mitt, dort,* eċċ., għandna vokali qasira li, iżda, qed titlissen twila (ē) għax qiegħda fl-ambjent tal-konsonanti GĦ. Barra minn hekk, l-istess pronunzja tindikalna li m'għandniex dittong għax nippronunzjaw **ētt** u mhux **ējtt**. Ara Azzopardi, 1997 Kap. 2, 3.2.2.3.0.

Dan jgħodd ukoll fil-każ tal-forma *għomt*, iżda hawnhekk ma jidhirx li hemm problema għax il-forma ortografika żbaljata *għumt* ✗ ma nsibuhiex.

13. ***sal-lum*** / *sallum* / *sa llum*

Idealment l-artiklu m'għandux jingħaqad man-nom (eż. *illum, illejla, ilbieraħ*). Bla dubju dan it-tagħqid joħloq problema meta qabel in-nom li jinkiteb kelma waħda ma' l-artiklu jkollna prepożizzjoni li magħha jinhemeż l-artiklu. Ngħidu aħna, wara l-prepożizzjonijiet MINN, GĦAL, LIL, BĦAL l-artiklu ma jista' qatt jinkiteb kelma waħda ma' nom li jibda bil-konsonanti L. Jiġifieri, ma nistgħux niktbu *mil-llum* ✗*, għal-llum* ✗*, bħal-llum* ✗ (xi kittieba anke jiktbu *mill-llum* ✗, *mill-llejla* ✗) għaliex

a) konsonanti rrepetuta tliet darbiet wara xulxin mhix ortografikament possibbli u

b) is-sing irid dejjem jaħbat wara l-artiklu u mhux qablu.

Ma naqbilx li naċċettaw li niktbu l-artiklu kelma waħda man-nom f'każi u mbagħad ma nagħmlux l-istess f'każi oħrajn. Għandna ngħidu li l-artiklu ma jinkitibx kelma waħda man-nom, jew għallinqas, li l-artiklu ma jinkitibx kelma waħda man-nom meta qabel in-nom ikollna prepożizzjoni li magħha jingħemeż l-artiklu.

14. ***inizjattiva*** / *inizzjattiva*

Wara vokali twila niktbu s-sekwenza *zj* u mhux is-sekwenza *zzj*. Eż. *spazju, dazju, negozju*. Niktbu *zj* wkoll meta ma' kelma li jkollha sekwenza magħmula minn vokali twila u ZJ jiżdied suffiss li jressaq l-aċċent lura u perkonsegwenza jqassar il-vokali. Eż. *spazjali, dazjabbli, neguzjant* (ara Azzopardi 1997, Kap. 7, 2.4.5.0.4). Il-kelmiet *inizjattiva, inizjali* huma mibnija mill-kelma *inizju* (kelma ipotetika għax fil-Malti ma nsibuhiex, iżda nsibuha fit-Taljan) u s-suffissi rispettivi *attiva*, *ali*. Hawnhekk niktbu sekwenza *zj* bl-istess raġunar bħal ma niktbu *spazjali, dazjabbli*, eċċ.

15. ***Iżlam*** / *Islam*

Il-konsonanti S tat-Taljan fil-Malti tinkiteb kif titlissen (Iż-Żieda, Regola 6). Ladarba, bħala regola, kulħadd ilissen **iżlam**, għandna niktbu *Iżlam*.

16. ***'k Alla jrid*** / *'kk Alla jrid*

JEKK titqassar *'k* u mhux *'kk*. Jekk it-taqsira 'KK taħbat qabel kelma li tibda bil-konsonanti K jew b'sekwenza konsonantali, ikun hemm problema fit-tlissin tas-sekwenza konsonantali sħiħa. Eż. *'kk Kalanċ irid; 'kk Fredu jrid*. Nevitaw il-problema jekk inqassru 'K.

17. ***koperattiva*** / *kooperattiva*
***koordinazzjoni*** / *kordinazzjoni*

Fil-każi fejn prefiss li jispiċċa b'vokali jinhemeż ma' kelma li tibda bil-vokali għandna niktbu kif nippronunzjaw. Ma jagħmilx sens li niktbu *kooperattiva* ✗ jekk nippronunzjaw **koperattiva**; anqas u anqas jagħmel sens li niktbu *kordinazzjoni* ✗ jekk kulħadd ilissen **koordinazzjoni**.

18. ***kontrik*** / *kontriek*

Il-forma *kontriek* ✗ hi żbaljata. Hawnhekk mhux il-każ li nimxu fuq il-forom tas-semitiku li jbiddlu l-vokali A finali f'IE, eż. *ħalla* + *k* = *ħalliek*. Hawnhekk għandna l-prepożizzjoni KONTRA li qed tieħu s-suffiss pronominali K. Fil-Malti meta suffiss pronominali jinhemeż ma' prepożizzjoni li tispiċċa bil-vokali A din il-vokali ma ssirx IE. Eż. *wara* + *k* = *warajk*. Anke l-istess pronunzja (**kontri**$^{j}$**k**) tindikalna li għandna niktbu *kontrik* u mhux *kontriek* ✗. Meta jiżdiedu s-suffissi, il-kelma KONTRA twaqqa' l-vokali A u tiżdied il-vokali I, l-istess bħal ma jiġri fil-każ ta' GĦAL u FAVUR.

| | | |
|---|---|---|
| | | Niktbu *kontrija, kontrik, kontrih,* eċċ. l-istess bħal ma niktbu *għalija, għalik, għalih*, eċċ. u *favurija, favurik, favurih*, eċċ. |
| 19. | ***lura*** / *'l ura* | Illum niktbu *lura*. Mhux il-każ li wieħed jifred il-partiċella minn mal-prepożizzjoni biex iħassar żvilupp li seħħ snin ilu u issa hu aċċettat. |
| 20. | ***magna*** / *makna* | It-tlissin komuni hu **magna** u, ladarba llissnu **g**, għandna niktbu *magna* u mhux *makna* ✗. Hawnhekk mhux il-każ li nkunu konsistenti ma' forom oħra li jinkitbu bil-K, eż. *makkinarju, makkinista*. Li kelma ta' nisel barrani tieħu aktar minn zokk morfemiku wieħed meta tintegra ruħha fil-Malti hi ħaġa komuni u aċċettata. |
| 21. | ***qies*** / *qjies*<br>***żieda*** / *żjieda*<br>***subien*** / *subjien* | Grammatikalment il-forom korretti huma l-forom li jinkitbu bil-konsonanti *j*. Iżda din il-konsonanti dgħajfa fit-tlissin qed taqa' u għalhekk f'dan il-każ ma jagħmilx sens li niktbu b'mod differenti minn kif illissnu. |
| 22. | ***is-Sur*** *Attard* / *is-sur Attard* | Il-kelma SUR dejjem inkitbet b'ittra inizjali kbira u hawnhekk il-Malti jsegwi l-punteġġjatura użata f'ilsna oħra. Xejn ma jagħmel sens li wieħed ibiddel dak li ilu stabbilit u aċċettat anke f'livell internazzjonali. |
| 23. | ***xbiha*** / *xbieha* | Il-forma *xbiha* toqrob aktar lejn il-forma Għarbija (**xbi$^{j}$ja**). |
| 24. | ***xhieda*** / *xiehda* | Il-forma *xhieda* toqrob aktar lejn il-forma Għarbija (**xahāda**). |
| 25. | ***wgħedi*** /*wegħdi* | Il-plural (plural miksur) ta' *wegħda* hu *wgħedi*. L-istess bħal ma minn *bitħa* nagħmlu *btieħi*. |
| 26. | ***probabilità*** / *probabbilità* / ***probabiltà*** / *probabbiltà*<br><br>***probabilment*** / *probabbilment* | L-argument li niktbu *probabbiltà / probabbilità* u *probabbilment* b'B doppja għax niktbu *probabbli* b'B doppja mhux validu. Hemm raġuni lingwistika għala niktbu *probabbli* b'B doppja. *Probabbli* ġejja minn 'probabile' tat-Taljan. Il-kelmiet kollha li fit-Taljan jispiċċaw bis-suffiss 'bile' għandhom vokali twila qabel dan is-suffiss. Fl-integrazzjoni tagħha fil-Malti l-kelma 'probabile' ssofri xi tibdil. Titlef il-vokali I tas-suffiss (dan jiġri biex titnaqqas sillaba u l-aċċent ma jibqax jaqa' fuq it-tielet sillaba mill-aħħar) u l-vokali twila A ta' qabel is-suffiss tiqsar. Biex nikkumpensaw għal dan it-taqsir u anke għax sillaba aċċentata li jkollha vokali qasira x'aktarx (għalkemm nhux bilfors) tingħalaq b'żewġ konsonanti, tawwalna l-konsonanti B u niktbu B doppja. Ara wkoll |

Azzopardi 1997, Kap. 7, 2.3.2.0.0.

Il-kelma *probabilità* mhix ġejja minn *probabbli* iżda mit-Taljan 'probabile'. U l-istess il-kelma *probabilment*. Din ġejja minn 'probabilmente' tat-Taljan. F'dawn iż-żewġ każi m'għandniex il-kuntest (il-vokali twila li tiqsar) li għandna fil-bidla 'probabile' > *probabbli*, u għalhekk m'hemmx raġuni għalfejn għandna nirduppjaw il-Konsonanti B u niktbu *probabbiltà* u *preferibbilment*.

L-argument li nirduppjaw il-konsonanti B (*probabbiltà*) minħabba li qed inwaqqgħu l-aħħar vokali I ta' *probabilità* ma jorbotx għax f'każi oħra dan l-irduppjar ma jsirx. Pereżempju mit-Taljan 'facilità' (jew 'faciltà') innisslu f*aċilità* jew *faċiltà*, iżda ma nnisslux *faċċiltà*.

Bi qbil mal-prinċipju li fi kliem li ġej mit-Taljan niktbu kif nippronunzjaw wieħed jaċċetta li f'xi nomi u avverbji niktbu B doppja (eż. *probabbiltà, preferibbilment*) għax hawn min jippronunzja B twila. **Iżda jekk se nnaqqsu l-varjanti f'dan il-każ naqbel li nagħżlu l-forom li huma lingwistikament aktar korretti**, i.e. ***probabiltà / probabilità* u *probabilment*.**

27. ***tenis*** / *tennis*

Xi kliem ta' nisel Ingliż fl-Ingliż jinkiteb b'konsonanti doppja iżda jitlissen b'konsonanti qasira. Bi qbil mal-prinċipju li, ħlief għal xi ftit każi partikulari, meta nintegraw kliem mill-Ingliż niktbu kif nippronunzjaw, fil-Malti dan il-kliem jinkiteb kif jinħass, jiġifieri b'konsonanti waħda (ara Azzopardi, 1997, Kap. 7, 2.3.2.1). Jekk, għax influwenzati mill-forma grafika ta' l-Ingliż, niktbu konsonanti doppja, noħolqu problema ortografika għax ikollna ngħidu li konsonanti qasira tiġi rappreżentata grafikament b'żewġ modi: b'konsonanti waħda (eż. *kines*) jew b'konsonanti doppja (eż. *tennis*).

28. ***dawru*** / *dawwru*
***kejlu*** / *kejjlu*

Skond ir-regoli eżistenti ( It-Tagħrif, Regola 41) il-forom *dawru* u *kejlu* biss huma korretti. Skond argument morfoloġiku, wieħed jikteb *dawwru* ✗ u *kejjlu* ✗ (l-istess bħal ma jikteb *kissru*). Iżda min-naħa l-oħra jekk wieħed japplika l-argument fonetiku, wieħed jasal biex jippreferi l-forom *dawru* u *kejlu* għax ma jagħmilx sens li wieħed jirrappreżenta d-dittongi **au** u **ei** bis-sekwenzi rispettivi *aww* u *ejj* (ara Azzopardi 1997, Kap. 6, 2.2). Iż-żewġ argumenti huma validi, iżda argument aktar b'saħħtu minn dawn it-tnejn hu l-argument tal-konsistenza. Għax għandna nbiddlu regola li ilna napplikaw għexieren ta' snin biex

napplikaw raġunar partikulari u neskludu ieħor li hu daqstant validu? L-argument tal-konsistenza jindika li għandna niktbu *dawru* u *kejlu*.

29. ***iffajljar*** / *fajljar*

In-nomi verbali mnisslin minn verbi ta' nisel Ingliż u Rumanz li fil-lingwa oriġinali jibdew b'konsonanti waħda (eż. 'to file', 'formare') dejjem jirduppjaw il-konsonanti tal-bidu. Nippronunzjaw u niktbu ***l-iffajljar*** u mhux ***il-fajljar*** ✗; ***l-iffurmar*** u mhux ***il-furmar*** ✗.

30. ***telefown*** / *telefon*

Fi kliem imnissel mill-Ingliż niktbu kif nippronunzjaw. Nippronunzjaw **telefown**, mela niktbu *telefown*. Il-fatt li mit-Taljan 'telefono' ħriġna zokk morfemiku ieħor *telefon* li fuqu mbagħad bnejna kelmiet bħal *telefonata* mhux argument li jġegħilna niktbu *telefon* ✗ minflok *telefown*. Jekk naċċettaw li niktbu *telefon* ✗ noħolqu problema għax ikollna ngħidu li l-ħoss **ow** fil-Malti jinkiteb *ow* (eż. *kowt*), *għu* (eż. *għuda*) u *o* (eż. *telefon* ✗), u wkoll li l-ittra O fil-Malti tirrealizza ruħha fil-ħsejjes **o** (eż. **kors**, **ō** (eż. **kor**) u **ow** (eż. **telefon**). Dawn huma kumplikazzjonijiet li jtaqqlu r-regoli ta' l-ortografija u għandhom jiġu evitati.

31. ***bi mqass*** / *b'imqass*
***fi rkant*** / *f'irkant*
***xi rrisponda*** / *x'irrisponda*
***xi mkien*** / *x'imkien*
***xi jrid*** / *x'irid*

Il-partiċelli BI, FI u XI (XI użata bħala pronom) ma jitqassrux meta jaħbtu quddiem kelma li tibda b'żewġ konsonanti. Mela ma jagħmilx sens li meta jaħbtu quddiem kelma li tibda b'sekwenza magħmula minn konsonanti likwida u konsonanti jew b'sekwenza magħmula minn konsonanti doppja, l-ewwel inżidu vokali tal-leħen u mbagħad inqassru l-partiċelli. Jiġifieri ma jagħmilx sens li niktbu *b'imqass* ✗, *f'irkant* ✗, u *x'irrisponda* ✗.

Hu aktar żbaljat li niktbu *x'imkien* ✗ għax hawnhekk il-partiċella XI ma titqassar qatt għax mhix użata bħala pronom.

Bl-istess raġunar ma jagħmilx sens li nibdlu l-prefiss J tal-verb JRID mal-vokali I (bidla li sseħħ meta s-sekwenza JR ma jkollhiex ambjent vokaliku) meta l-partiċella li taħbat qabel il-verb qed diġà tipprovdi l-ambjent vokaliku għax tispiċċa bil-vokali I. Jiġifieri ma jagħmilx sens li niktbu *irid* imbagħad inqassru l-partiċella XI biex niktbu *x'irid* ✗ meta nistgħu niktbu *jrid* wara l-partiċella XI - *xi jrid*.

32. ***junjin*** / *unjin* / *unjon*

Mill-Ingliż għall-Malti niktbu kif nippronunzjaw. Mela l-forma *junjin* biss hi korretta. Inkella noħolqu problemi għax ikollna ngħidu li l-ittra U tippronunzja ruħha **u** (eż. **kull**), **u**$^{W}$ (eż. ku$^{W}$l), **ū**

(eż. **qluħ**) u wkoll **ju**$^{w}$ (eż. j**u**$^{w}$**njin**).

33. ***midja*** / *medja* / *media*
***stejtus*** / *status*
***dejta*** / *data*

Fl-użu komuni dawn il-kelmiet jitlissnu b'mod li joqrob lejn il-pronunzja Ingliża. Nippronunzjaw **mi**$^{j}$**dja**, **stejtus** u **dejta** rispettivament. Jekk se jintegraw ruħhom fil-Malti (jintużaw ħafna u m'hemmx raġuni għal m'għandhomx jiġu integrati), għandhom jinkitbu kif jinħassu, jiġifieri *midja, stejtus u dejta.*

34. ***issugraw*** / *issograw*

Fi kliem ta' nisel Rumanz insibu każi fejn isseħħ bidla fil-vokali minħabba ċaqliq fl-aċċent. Bħala regola, f'sillaba li tkun aċċentata nsibu l-vokali O aktar milli l-vokali U. Meta sillaba aċċentata li jkollha l-vokali O ma tibqax aċċentata, isseħħ il-bidla O > U. Pereżempju, niktbu *issogra, innota, ivvota* (l-aċċent qiegħed fuq is-sillaba li fiha l-vokali O). Iżda mbagħad niktbu *issugraw, innutaw, ivvutaw* (l-aċċent resaq fuq l-aħħar sillaba).
Għal din ir-raġuni għandna niktbu *issugraw* u mhux *issograw* ✗.

35. ***tani jdejh*** / *tani idejh*

Mill-Għarbi **jad** noħorġu żewġ forom, forma li titlef il-konsonanti J (ID) u forma li żżommha (JDEJN). Ma jidhirx li nistgħu ngħidu li l-forma hi IDEJN u li jekk illissnu **jdejn**, dan jiġri minħabba li l-konsonanti inizjali I taħbat f'ambjent vokaliku (eż. **tāni jdejħ**). Il-vokali I ta' ID hi mhix l-istess vokali I ta' IDEJH. Il-vokali I ta' ID hi I etimoloġika għax iżżomm postha anke meta tkun f'ambjent vokaliku. Illissnu **tāni i**$^{j}$**du** u mhux **tāni jdu**. Min-naħa l-oħra, il-vokali I ta' IDEJH mhix I etimoloġika għax titlissen **j** f'ambjent vokaliku. Illissnu **tāni jdejħ**.
L-argument li l-vokali I ta' IDU żżomm postha f'ambjent vokaliku (eż. *tani idu*) filwaqt li l-vokali I ta' IDEJH tinbidel f'J f'ambjent vokaliku ma jreġix. Kelmiet oħra li jibdew bil-vokali I jżommu din il-vokali anke meta l-aċċent ma jibqax fuq is-sillaba inizjali.
Eż. *tani ikliet*
Hawnhekk il-vokali I żżomm postha anke f'ambjent vokaliku għax hi I etimoloġika.
Etimoloġikament il-kelma tibda bil-J (JDEJH) u din tinbidel fil-vokali I (il-bidla J > I hi possibbli u komuni fil-Malti) meta ma tkunx f'ambjent vokaliku, eż. *tak idejh*.
Jidher, għalhekk, li għandna niktbu *tani jdejh*, forma li wkoll tirrifletti dak li llissnu.

2. Kliem li jintegra ruħu fil-Malti mill-Ingliż jinkiteb kif jinħass (jiġifieri jintegra ruħu b'mod sħiħ) meta minnu nnisslu forom oħrajn. Eż. Niktbu *baġit* għax innisslu *baġitarju*; niktbu *faks* (jew *feks*) għax innisslu *iffakksja* (jew *iffeksja*).

3. Jekk se nagħżlu bejn żewġ varjanti, nagħżlu b'din il-prijorità:

   i) skond argument lingwistiku
   ii) skond il-frekwenza fl-użu / dak li ktibna bi tradizzjoni

   Ngħidu aħna, jekk se nagħżlu bejn probabiltà u probabbiltà, nagħżlu ta' l-ewwel għax hi lingwistikament aktar korretta (ara l-punt 25 f'p. 6 ) Insibu mbagħad diversi każi fejn l-għażla ssir skond il-frekwenzu fl-użu jew skond dak li ktibna bi tradizzjoni. Insemmi dawn il-każi:

   1) begħidna / begħedna

      Il-ħoss ta' E twila (ē) xi drabi jiġi rrappreżentat grafikament bis-sekwenza *egħi* (*begħidna*) jew bis-sekwenza *egħe* (*begħedna*). Is-sekwenza *egħe* hi rappreżentazzjoni grafika aktar fonetika mis-sekwenza *egħi*. Iżda, min-naħa l-oħra s-sekwenza *egħi* hi rappreżentazzjoni grafika aktar morfoloġika. Hi ssegwi l-mudell BeRiKna anke fl-għażla tal-vokali u hi karattersitika partikulari ta' ċerti forom tal-verb tat-III u tas-VI Forma. Għal dawn ir-raġunijiet, u anke minħabba l-fatt li tradizzjonalment aktar ktibna *egħi* milli *egħe*, jidher li l-aktar forma grafika li għandha tinżamm, fil-każ li jkun deċiż li titwaqqa' forma minnhom, hi l-forma *egħi*, jiġifieri *begħidna*.

   2) biblijografija / bibljografija

      Ma jidhirx li hemm argument lingwistiku li jiffavorixxi forma aktar minn oħra. Konsonanti likwida tista' titlissen bejn żewġ konsonanti jekk waħda minn dawn il-konsonanti tkun konsonanti dgħajfa (J / W). Eż. **rawlkom**, **proprju**, **lawrja**, **iffrejmja**. Jiġifieri, l-forma BIBLJOGRAFIJA hi lingwistikament possibbli u ma toħloqx problemi la fit-tlissin u l-anqas fil-kitba. Ladarba ż-żewġ forom huma possibbli, nagħżlu li nżommu forma minnhom (dejjem jekk ikun deċiż li nżommu forma waħda) skond il-frekwenza fl-użu. Jidher li fil-Malti mitkellem il-forma BIBLIJOGRAFIJA hi aktar frekwenti.

   3) propju / proprju

      Is-sekwenza PRJ hi lingwistikament possibbli (eż. **rawlkom**, **lawrja**, eċċ). Iżda, għalkemm f'din is-sekwenza l-likwida R tista' titlissen (eż. **approprjazzjoni**), fir-realtà jidher li ħafna jippronunzjaw **propju** u mhux **proprju**. Lingwistikament ma jagħmilx sens li nibqgħu niktbu forma li ma tirrappreżentax it-tlissin komuni u għalhekk, jekk se neskludu forma, jaqbel li nżommu l-forma *propju*.

   4) den / denn; inden / indenn

      Fiż-żewġ każi s-sillabi DEN u DENN huma t-tnejn possibbli u t-tnejn isegwu r-regoli li jikkonċernaw l-istruttura tas-sillaba: sillaba aċċentata li jkollha vokali twila tingħalaq b'konsonanti waħda (DEN) u sillaba aċċentata li jkollha vokali qasira tingħalaq b'konsonanti doppja jew b'sekwenza magħmula minn żewġ konsonanti (DENN/KELB).

      Argument lingwistiku favur il-forma DENN jista' jkun il-fatt li din il-forma ssegwi forom oħra li għandhom l-istess kuntest lingwistiku: DISINN, STANN, ŻBALL,

DETTALL. Nosservaw li f'dawn il-forom, u l-istess fil-forom DENN u INDENN, il-konsonanti doppja fit-tarf tal-kelma qed tieħu post is-sekwenzi *gn* (**nj**) u *gl* (**lj**) tat-Taljan (eż. '*disegno*', '*sbaglio*'). Fil-Malti dawn is-sekwenzi m'humiex possibbli jekk ikunu fit-tarf tal-kelma għax il-konsonanti J trid dejjem ambjent vokaliku. Lingwistikament kien hemm żewġ possibiltajiet: jew nippronunzjaw sekwenza magħmula minn vokali qasira u konsonanti doppja (minflok is-sekwenzi **nj** u **lj**) inkella nippronunzjaw sekwenza magħmula minn vokali twila u konsonanti waħda (ara Azzopardi 1997, Kap. 7, 2.4.5.5.0). Fil-biċċa l-kbira tal-każi għażilna l-ewwel possibiltà (***disinn, stann, żball, dettall*** u wkoll ***denn, indenn***). Iżda din l-għażla ma teskludix il-possibiltà l-oħra: ***den, inden***. Għal din ir-raġuni, jekk se niddeċiedu li nwaqqgħu waħda mill-forom, għandna niddeċiedu skond il-frekwenza fl-użu. Jista' jkun li din aktar ixxaqleb lejn il-forom ***den*** u ***inden***.

5) dgħjufija / djufija / dgħufija

L-għerq oriġinali ta' dawn il-forom kien D-GĦ-F u l-verb ewlieni kien DaGĦeF. Il-konsoanti J ħadet post l-GĦ x'aktarx għax l-irduppjar tal-konsonanti GĦ (irduppjar li jseħħ fit-II u fis-VII Forma) mhux possibbli fil-Malti.[5] Iżda b'xi mod ir-radikali GĦ reġgħet sabet post fil-forom imnisslin mill-għerq D-GĦ-F u bħala regola tinkiteb wara l-ewwel radikali: *dgħajjef*, *iddgħajjef* u l-istess fil-forma tan-nom astratt *dgħjufija* (mill-verb DGĦieF).

Għalkemm f'kull każ il-preżenza ta' l-GĦ hi żejda u qed tirrendi l-forom kollha irregulari, bi tradizzjoni dejjem ktibnieha, għallinqas fil-verbi. Fil-każ tan-nom astratt insibu tliet forom ortografiċi: *dgħjufija, djufija* u *dgħufija*. Minn dawn it-tlieta l-aktar waħda li toħloq problema hi l-aħħar forma, għalkemm fil-verita' hi l-unika waħda li tinbena skond l-għerq oriġinali. Toħloq problema għaliex fiha m'għandniex qbil bejn il-forma mlissna u l-forma miktuba - illissnu **j** u niktbu *għ*, *għ* li f'dan il-kuntest normalment tifforma parti mis-sekwenza *għu* li tirrealizza ruħha f'dittong (**ow**).

Iż-żewġ forom l-oħra jistgħu jkunu aċċettabbli t-tnejn. Il-forma *djufija* hi regolari u ssegwi l-binja tan-nom astratt (eż. *tjubija*). Min-naħa l-oħra, il-forma *dgħjufija* hi irregolari għax il-preżenza ta' l-GĦ qed toħloq forma li ma ssegwix il-mudell stabbilit. Iżda, minkejja dan, jekk se nagħżlu forma waħda, naħseb li għandna niktbu *dgħjufija*. Ir-raġuni hi li, bi ftit eċċezzjonijiet, dejjem hekk ktibna u, barra minn hekk, jekk se niktbu *djufija*, ikun jagħmel sens li niktbu wkoll *dajjef* u *ddajjef*. U dawn huma bidliet li, għalkemm jagħmlu sens morfoloġikament, m'humiex kunsiljabbli għax żgur li jdgħajfu l-istabilità ta' l-ortografija.

4. Fi kliem ta' nisel Semitiku jekk se nagħżlu bejn forma li ssegwi l-etimoloġija u l-għerq tal-kelma (eż. *riżq*) u forma li tinkiteb kif tinħass (eż. *risq*) nagħżlu skond:
5.
    i) skond il-possibiltà li nnisslu forom li jżommu l-għerq tas- Semitiku
    ii) dak li ktibna bi tradizzjoni

    F'każi fejn żewġ forom huma t-tnejn etimoloġikament korretti (eż. *serduq / serduk*; *daħak / daħaq*; *kagħka / qagħqa*) jew naċċettawhom it-tnejn inkella nagħżlu skond il-frekwenza fl-użu.

[5] Il-bidla GĦ > J isseħħ ukoll f'każi oħra, pereżempju fil-forom bqajt, bqajtu, bqajna (minflok bqagħt✕, bqagħtu✕, bqagħna✕) u l-forma bqija (minflok bqigħa✕).

6. Fi kliem ta' nisel Rumanz nagħżlu jekk niktbux skond kriterju etimoloġiku (eż. *tvalja*) inkella skond kif nippronunzjaw (eż. *dvalja*):

    i) skond il-possibiltà li nnisslu forom li jsegwu l-etimoloġija (eż. *priedka* għax illissnu *predikatur*)
    ii) skond dak li ktibna bi tradizzjoni

7. Fil-każ ta' frażi li tinkiteb kelma waħda:

    i) ma ngħaqqdux meta t-tagħqid jikkaġuna problema ortografika (eż. mil-llum)

    ii) ngħaqqdu l-frażijiet li issa ilhom jinkitbu kelma waħda, **iżda nillimitaw ħafna ż-żieda ta' każi oħra.**
    Il-kriterju li niktbu espressjoni b'żewġ modi - jew kelma kelma (eż. *biż-żejjed*) inkella kelma waħda (eż. *biżżejjed*) biex niddistingwu bejn tifsira u oħra (eż. *Tema' tużżana nies **biż-żejjed** li kellu.* u *Ma kienx **biżżejjed** li qassam ġidu kollu)* u bejn funzjoni grammatikali u oħra (eż. bejn prepożizzjoni li tingħaqad ma' nom li jieħu l-artiklu (**biż-żejjed**) u bejn avverbju (**biżżejjed**) **m'għandux jiġi applikat dejjem**. Jekk isir hekk nagħtu lok għal żieda enormi fl-għadd tal-varjanti. Pereżempju, jekk nieħdu biss il-prepożizzjoni BI, il-possibiltajiet li din tingħaqad ma' nom biex toħloq avverbju huma bla għadd: *bil-mod, bil-mod il-mod, bil-kwiet, bil-għaqal, bil-ġenn, bil-kalma kollha, bil-galbu, bil-maqlub*, *bit-tlikki t-tlikki*, eċċ. Dawn u mijiet oħrajn kollha jistgħu jinkitbu b'żewġ modi skond il-kriterju msemmi hawn fuq. **Ovvjament dan m'għandux isir**.

    iii) Ngħaqqdu dejjem meta waħda mill-kelmiet tal-frażi ma tkunx teżisti fil-Malti bħala kelma weħidha. Eż. *pereżempju* (il-kelma *per* ma teżistix weħidha)

    iv) Ngħaqqdu meta hemm raġuni grammatikali. Ngħidu aħna, il-forom ortografiċi *qara' bagħli* u *qargħa bagħlija* jsegwu forom oħrajn li ma jinkitbux kelma waħda. Eż. *tadam żenguli*, *tadama żengulija*. Iżda l-forma tal-plural magħdud ta' *qargħa bagħlija* ma ssegwix il-forom l-oħra. Minn *tadama żengulija* nagħmlu *tadamiet żengulin*, iżda mbagħad nagħmlu *qargħabagħlijiet*. Grammatikalment il-forma *qargħabagħlijiet* qed iġġib ruħha bħala kelma waħda u tieħu suffiss wieħed. Ma nagħmlux *qargħiet bagħlin/bagħlija*. Għal din ir-raġuni jagħmel sens li niktbu kelma waħda fit-tliet forom, *qarabagħli, qargħabagħlija, qargħabagħlijiet*. (**Biss, wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll l-aspett viżiv u l-aspett pedagoġiku msemmija fil-punt (v) hawn taħt**)

    v) Nagħtu kas l-aspett viżiv u l-aspett pedagoġiku qabel niddeċiedu li ngħaqqdu frażi. Forom ortografiċi twal ħafna m'mhumiex tipiċi tal-Malti. Ngħidu aħna, il-forom *ximinndaqqiet, għallijistajkun, jekkallajrid* jidhru koroh u x'aktarx wieħed idum ma jaċċettahom jew ma jaċċettahom qatt. Barra minn hekk, jikkumplikaw l-ortografija, l-aktar għal studenti żgħar, għax itwal ma tkun il-kelma akbar id-diffikultà biex tinkiteb tajjeb.

8. Fejn żewġ forom (jew aktar) li jvarjaw minħabba bidla vokalika jkunu ppronunzjati t-tnejn bi frekwenza konsistenti niktbu ż-żewġ forom jew aktar. Eż. *naqilgħu / naqalgħu; intlaqgħet / intlaqgħat / intleqgħet; iqsar / aqsar; bejken / bejkin; flett / flatt; riċenti / reċenti.*

    F'xi kliem ta' nisel Ingliż insibu varjazzjoni fit-tlissin li x'aktarx hi r-riżultat ta' fażijiet ta' integrazzjoni differenti, fażi bikrija fejn il-Malti kien aktar b'saħħtu u allura l-kelma tgħawġet biex tobdi r-regoli tal-pronunzja tal-Malti (eż. *maniġer*) u fażi aktar riċenti fejn

l-Ingliż kien b'saħħtu u allura l-kelma żammet pronunzja li toqrob lejn il-pronunzja ta' l-Ingliż (eż. *meniġer*).

Hawnhekk jaqbel li nżommu ż-żewġ forom - *maniġer* u *meniġer*. Jekk niddeċiedu li nwarrbu forma minnhom, ngħidu aħna l-forma l-aktar riċenti *meniġer* (forma li x'aktarx se tkun hi li tibqa' tintuża għax fil-futur il-kuntatt ma' l-Ingliż x'aktarx li jiżdied u mhux jonqos), niżbaljaw u **noħolqu kumplikazzjoniet għax nibdew niktbu b'mod li ma jirriflettix dak li nippronunzjaw.** Il-problema tal-varjant probabilment li tispiċċa maż-żmien meta l-forma bikrija tmut mewta naturali.

9. (**Din il-linja gwida ma timxix għal kollox mar-regoli eżistenti**)
    *a)* Prefiss jingħaqad mal-kelma mingħajr is-sing. Eż. *koordinazzjoni, transkonfinali, illeġittimu*
    b) Meta prefiss li jispiċċa b'vokali jingħaqad ma' kelma li tibda b'vokali:
        1) niktbu skond ir-regoli li japplikaw fil-każ ta' kliem li jista' jinkiteb bis-sekwenza V-V (eż. *reali*) jew bis-sekwenza V-J-V (eż. *trijonf*) Eż. *nirrijorganizzaw, trijangulari, trijumvirat, bijennali, bijoloġija*. Ara wkoll Azzopardi 1997, Kap. 3, 2.5.7.
        2) niktbu vokali waħda meta llissnu vokali waħda. Eż. *koperattiva, tikkoperaw*

10. F'xi każi (il-biċċa l-kbira każi li jirrigwardaw kelmiet partikulari) niktbu skond dak li ktibna bi tradizzjoni, anke meta l-morfoloġija jew l-etimoloġija jindikaw mod ieħor. Pereżempju, il-forma ortografika *miniex* ma taqbilx mal-pronunzja u jidher li hawnhekk mhux il-każ li l-vokali A finali ta' JIENA qed issir IE meta jiżdied is-suffiss X. Alexander Borg (1978. 3.12.3, p. 171) jispjega dan billi jgħid li *miniex* mhux ġejja minn **anā** iżda minn **ani**, u għalhekk suppost li niktbu *minix*, l-istess bħal ma mill-Għarbi **'anti** niktbu u llissnu ***minti*** ***j*** ***x***. Iżda, minkejja dan l-argument u anke minkejja n-nuqqas ta' qbil bejn dak li llissnu u dak li niktbu, ma naqbilx li wieħed għandu jbiddel dak li ilna niktbu s-snin twal għax kull bidla ddgħajjef l-istabilità tar-regoli ortografiċi.

11. Naċċettaw li niktbu żewġ forom ta' l-istess kelma meta l-kelma titlissen b'żewġ modi differenti minħabba ċaqliq fl-aċċent. Eż. *ċuwingamm / ċuwingam; maxingann / maxingan; rifill / rifil; ammenn / ammen.*

12. F'xi kliem ta' nisel Semitiku ma nibqgħux marbutin ma' l-etimoloġija fejn il-forma Maltija sofriet tibdil li ġie fossilizzat. Fil-biċċa l-kbira tal-każi dan itt-bdil ma joħloqx problemi. Eż. mill-Għarbi qarafa llissnu giref; u minn kadama llissnu gidem. Il-bidliet Q > G u K > G huma stabbiliti u ma joħolqux problema ortografika. Iżda nsibu għallinqas każ wieħed (ma neskludix li jista' jkun aktar) fejn qed niktbu b'żewġ modi differenti minħabba li bidla li seħħet mill-Għarbi għall-Malti mhux qed tiġi riflessa dejjem fil-livell miktub. Qed nirreferi għall-varjant IRKOPPA / IRKOBBA. Il-konsonanti B tal-kelma Għarbija qed titlissen **pp** jew **p** f'kull kuntest, f'kuntest fejn isseħħ assimilazzjoni (eż. **irkopti**) jif ukoll f'kuntest fejn ma sseħħx (eż. **irkoppa)**. Jidher għalhekk li l-bidla minn B għal P seħħet fil-kuntesti kollha u ma jagħmilx sens li nibqgħu nippronunzjaw **pp** jew **p** u niktbu *bb*.

13. Hemm varjanti li huma stabbiliti permezz ta' regoli speċifiċi. Qabel ma wieħed jasal biex ibiddel ir-regoli eżistenti, wieħed irid jiżen l-implikazzjonijiet, l-aktar minħabba l-ħtieġa li nżommu l-istabilità tar-regoli.

    Eżempji ta' varjanti stabbiliti mir-regoli:

    *1)* *t'April / ta' April*

Iż-żewġ forom huma ppronunzjati u għalhekk ma jidhirx li hemm raġuni għala għandha titneħħa waħda minnhom.

2) *l-għalqa / il-għalqa; l-hena / il-hena*
Għakemm il-forom mingħajr il-vokali tal-leħen huma aktar komuni, ma neskludix li hawn min jippronunzja l-forom bil-vokali tal-leħen u hemm ċertu kuntesti li jinkludu dawn il-forom (ngħidu aħna fil-poeżija). Ma naħsibx li dawn il-forom (*il-għalqa, il-hena*) għandhom jitneħħew.

3) *ta' l-għalqa / tal-għalqa; ta' l-hena / tal-hena*
Hawnhekk il-konsonanti GĦ u H m'għandhomx valur ta' fonema konsonantali u għalhekk il-kelmiet *għalqa* u *hena* jġibu ruħhom daqs li kieku jibdew bil-vokali. Fir-realtà, il-forom *ta' l-għalqa* u *ta' l-hena* jirriflettu l-mod kif illissnu u għalkekk jidher li l-forom *tal-għalqa* u *tal-hena* huma żejda u jistgħu jitneħħew.

4) *illibbes / inlibbes; irrodd / inrodd;*
Ir-regola tgħid li llissnu u niktbu ***illibbes*** u ***irrodd***, iżda hawnhekk kien hemm żvilupp u l-forom li fihom l-assimilazzjoni ma sseħħx (***inlibbes*** u ***inrodd***) saru aċċettati kemm fit-tlissin kif ukoll fil-kitba.

14. Żewġ forom ortografiċi li jieħdu tifsira differenti m'għandhomx jitqiesu li huma varjanti. Eż. *assigura* (żgura) u *assikura* (inxurja).

**Klassifika tal-Varjanti**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | frażi li tinkiteb kelma kelma (*fil-waqt*) | frażi li tinkiteb kelma waħda (*filwaqt*) |
| 2. | kelma li tinkiteb b'konsonanti waħda (*Awissu*) (*pruvajt*) (*preparat*) (*traffikar*) | kelma li tinkiteb b'konsonanti doppja (*Awwissu*) (*(i)ppruvajt*) (*(i)ppreparat*) (*i)ttraffikar*) |
| 3. | kelma li tinkiteb b'vokali 1 (*aktar*) | kelma li tinkiteb b'vokali 2 (*iktar*) |
| 4. | kelma li tinkiteb skond l-etimoloġija (*riżq*) | kelma li tinkiteb skond il-fonetika (*risq*) |
| 5. | kelma li tinkiteb b'mod li jirrifletti aċċent 1 (*ċuwingamm*) | kelma li tinkiteb b'mod li jirrifletti aċċent 2 (*ċuwingam*) |
| 6. | kelma li ssofri riduzzjoni (*grammatka*) | kelma li ma ssofrix riduzzjoni (*grammatika*) |
| 7. | prefiss li jinkiteb bis-sing (*Ewro-mediterranja*) | prefiss li jinkiteb mingħajr is-sing (*Ewromediterranja*) |
| 8. | forma Semitika 1 (*għargħax*) | forma Semitika 2 (*għarax*) |
| 9. | forma etimoloġika 1 | forma etimoloġika 2 |

| | | |
|---|---|---|
| | (*serduq*) | (*serduk*) |
| 10. | punteġġjatura 1<br>(*il-Baħar Mediterran*) | punteġġjatura 2<br>(*il-baħar mediterran*) |
| 11. | sekwenza EGĦI<br>(*begħidna*) | sekwenza EGĦE<br>(*begħedna*) |
| 12. | sekwenza li ma ssofrix riduzzjoni<br>(*biblijografija*) | sekwenza li ssofri riduzzjoni<br>(*bibljografija*) |
| 13. | sillaba aċċentata li jkollha vokali twila u li tingħalaq b'konsonanti waħda<br>(*den*) | sillaba aċċentata li jkollha vokali qasira u li tingħalaq b'konsonanti doppja<br>(*denn*) |
| 14. | forma irregolari<br>(*dgħjufija*) | forma regolari<br>(*djufija*) |
| 15. | forma minn għerq 1<br>(*gods*) | forma minn għerq 2<br>(*gozz*) |

**Biblijografija**

Akkademja tal-Malti, "Żieda mat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija (1924)". *Il- Malti,* 1984: 1-2.

_____ "Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija (1924)". *Il-Malti,* 1992.

_____ *Regoli tal-Kitba tal-Malti*, Klabb Kotba Maltin, 1998.

Aquilina, J., *Maltese-English Dictionary*. Malta: Midsea Books Ltd, I: 1987, II: 1990.

Azzopardi, C., *L-Ortografija Uffiċjali tal-Malti: Analiżi Lingwistika Kritika b'Suġġerimenti għal Titjib,* Teżi ta' l-M.A., l-Università ta' Malta, 1997.

_____ *"L-Ortografija*". *Il-Malti LXXIV*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2000, pp. 71-89.

_____ *Gwida għall-Ortografija*, Malta, Klabb Kotba Maltin, 2003.

Borg, Alexander, *A Historical and Comparative Phonology and Morphology of Maltese*. Teżi tal-Ph.D., The Hebrew University, 1978.

Cachia, L., *Grammatika Ġdida tal-Malti*. Malta, 1994 (1).

Cremona, A., *A Manual of Maltese Orthography and Grammar*. Malta, 1929.

_____ *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija* I. Malta: Empire Press, 1935.

_____ *Tagħlim fuq il-Kitba Maltija* II. Malta: Giov. Muscat, 1938.

Fenech, D., *L-Ortografija Moderna*. Malta: Kulleġġ S. Wistin, 1983.

Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija.* Malta, 1924.

Serracino-Inglott, E., *Il-Miklem Malti*, vol. I - X (jinkludu "Grammatika Umanizzata ta' l-Ilsien Malti). Malta: Klabb Kotba Maltin, 1975-1987.

Serracino-Inglott, M., *Dizzjunarju Malti*. Malta: Merlin Library, 2000.

Sutcliffe, E. F., *A Grammar of the Maltese Language*. Valletta: Progress Press, 1936.

# Carmel Bezzina

1. Kliem ta' nisel Semitiku nħoss li għandna niktbuh skond ir-radikali fl-Għarbi. Għaldaqstant: *Għarabja; Islam; bergħut;*[6] *bież; daħak; dgħufija; għargħax; heżżeż.*

2. Dawn il-frażijiet jew espressjonijiet naqbel li għandna niktbuhom skond il-binja oriġinali tagħhom, li naraha loġika ħafna:
- imsawrin minn prepożizzjoni, artiklu, u nom: *bil-lejl; bin-nhar; bil-qiegħda; bil-wieqfa; fil-għodu; fil-/fl-għaxija; fil-fatt; fil-waqt;*[7] *għal għarrieda; għall-aħħar; għall-anqas/għall-inqas; għall-aħħar; bħal-lum; bħal meta; bħal xejn; bi/fi ħsiebi; bil-fors; bil-ġiri; bil-ħaqq; bil-kemm; bil-kif; biż-żejjed; sa fl-aħħar; sa l-aħħar; sal-lum; xi ħadd; xi ħaġa; xi kultant; xi mkien; xi mindaqqiet.*
- imsawrin minn prepożizzjoni u avverbju: *lil hawn; lil hemm/hinn.*
- imsawrin minn pronom dimostrattiv, artiklu, u nom: *dak in-nhar; dal-għodu; dal-ħin; dal-lejl.*
- nomi artikolati: *il-lejla; il-lum; il-bieraħ; l-aħwa; l-anqas.*[8]
- frażijiet fl-istat kostrutt u espressjonijiet oħra: *awl/ewl il-lejl; kemm-il darba; nofs il-lejl; nofs in-nhar; nofs ta' nhar; nofs siegħa; sogħob bija; jisgħob bija.*
- kelmiet il-għadd: *disa' mija; disat elef; wieħed u tletin.*
- fin-negattiv tal-pronomi personali: *m'iniex; m'intix; m'huwiex* (iżda l-forma mqassra *mhux* naċċettawha); *m'hijiex* (il-forma mqassra 'mhix' naċċettawha); *m'aħniex; m'intomx; m'humiex.*

3. Frażijiet oħra li l-lum saru espressjonijiet li ħadu l-forma tagħhom naqbel li nħalluhom hekk:
*daqshekk; daqskemm; daqskieku; daqslikieku; daqstant; daqsxejn; dawramejt; dażgur; ġaladarba; ġieli; għaldaqshekk; għaldaqstant; għalfejn;*[9] *għalhekk; għalissa; għalkemm; għalxejn; għalxiex; hawnhekk; hemmhekk; kulfejn; kulħadd; kullimkien; kuljum; kulma; kulmeta; kultant; minflok; mingħajr; mingħand; sadanittant/sadattant; sewwasew; tassew; xħin.*[10]

4. F'kelmiet fejn l-element varjabbli huwa l-vokali, nimxi ħafna mal-fonetika: *begħedna; fehemti; ġegħelna; għedt; megħekna; wegħedna.*

5. Naħseb li għandu jkun hemm każi fejn titħalla l-għażla:
*m'hawnx/ma hawnx* (imma mhux *mhawnx*); *m'hemmx/ma hemmx; ta' April/t'April; ta' Ottubru/t'Ottubru; ta'/t'Elena, Indri, Ugo,* u l-bqija.

6. L-użu ta' ittri kapitali għandu jitħalla biss għall-bżonn. Għaldaqstant niktbu: *il-baħar Mediterran; Ewropew; il-Lvant Nofsani* (billi qed nirreferu għal reġjun partikulari) iżda *il-lvant ta' l-Ewropa*; *mislem/musulman; nisrani; protestant; is-sur X. Attard; ix-xmara Ġordan.*

---

[6] Fil-każ ta' *bergħud/bergħut*, nimxi ma' *ard/art*; ġaladarba dejjem ktibna *art*, qed nissuġġerixxi li niktbu *bergħut*.
[7] Hawn nagħmel differenza bejn *fil-waqt* (fis-sens ta' "fil-mument") u *filwaqt*.
[8] Naħseb li għandna nagħżlu bejn *l-anqas* (il-maqlub ta' *l-aktar*) u *lanqas* (bħal fl-Ingliż *neither… nor*),
[9] Nagħmel għażla bejn *għal fejn* (f'sens ta' direzzjoni: "għal fejn int?") u *għalfejn*.
[10] Nagħmel differenza bejn *xħin* (fis-sena ta' "meta") u *x'ħin* meta wieħed jistaqsi: "x'ħin hu?"

Minħabba l-importanza straordinarja tal-litteriżmu fis-soċjetà tagħna, l-ortografija għandha tkun aċċessibbli għall-ikbar numru ta' individwi possibbli, u m'għandhiex tkun donnha l-qasam privileġġat ta' xi ftit studjużi. F'sistema verament demokratika ħila daqshekk importanti għandu jkollha l-ikbar u l-usa' firxa possibbli. Għalhekk mingħajr ma jissagrifika l-metodu xjentifiku l-istudjuż għandu jiżgura li s-sistema ortografika jżommha sempliċi kemm jista' jkun billi jfittex kriterji li jkunu prattiċi u aċċessibbli għal kulħadd, u l-għadd tagħhom ikun l-inqas possibbli.

Fil-lista ta' 307 varjanti mehmuża ma' l-istedina tad-9 ta' Novembru, wieħed jista' joħloq ċertu gruppi skond ċertu prinċipji.

*1. Espressjonijiet b'kompożizzjoni trasparenti*
Il-grupp 4, 5, 11, 15, 16, 20-26, 30, 32-42, 46-60, 65, 66, 70, 73-79, 82-83, 89, 90, 94-108, 110, 114, 115, 119-124, 126, 129-131, 133, 136, 138-140, 146-163, 166-170, 172, 175-178, 182, 184-206, 208, 217-221, 224, 226, 229-231, 237-239, 241, 243, 248-254, 261, 267, 269-270, 273, 275, 281-284, 287-290, 294, 296, 299-304.

Hawnhekk għandna espressjonijiet b'xi mod komposti, imma f'kull każ il-kompożizzjoni tagħhom hija rikoverabbli sinkronikament. Nipproponi għalhekk li għall-prattiċità fejn għandna kompożizzjoni sinkronikament trasparenti din tiġi riflessa fil-kitba, eż. *20. bħal issa, 38. bil-lejl, 41. bi nhar, 208. mn'Alla, 281. ta' bil-fors, 289. tal-lum, 302. xi kull tant, eċċ.* B'hekk nevitaw komplikazzjonijiet oħra bħall-eżitazzjoni fil-każ ta' ngħidu aħna *290. tas-sew / tassew*: veru li donnu iżjed frekwenti jew komuni l-varjant *tassew* f'dal-każ, imma wieħed jiġbed linja għad-dritt bil-prinċipju tat-trasparenza sinkronika; u fil-każ ta' per eżempju, *289. tal-lum / tallum / ta' llum* hemm ċertu stramberija fl-*l* irduppjata f' *tallum*; u jekk nevitaw il-varjant *ta' llum,* niffrankaw il-ħtieġa ta' regola oħra li tkun tippermetti kemm il-forma *llum* kif ukoll *lum*. Fil-każ ta' *136. 'kk Alla jrid / 'k Alla jrid*, b'dan il-prinċipju wieħed jiffranka wkoll id-dilemma *'kk / 'k* għax sinkronikament għandna *jekk* li tinqatgħalha l-parti tal-bidu u ssir *'kk*, mingħajr il-ħtieġa ta' operazzjoni oħra biex tinqata' wkoll waħda mill-konsonanti fis-sekwenza rduppjata (ara wkoll 140).

F'dan il-grupp ta' espressjonijiet ġeneralment insibu nom flimkien ma' parti oħra tad-diskors inqas "prominenti" bħal prepożizzjoni, eż. *75. fil-għodu*, jew xi partiċella, eż. *157. la darba*. Imma għandna każijiet fejn l-elementi fl-espressjoni komposta jkollhom l-istess, jew kważi l-istess "prominenza", eż. *171. linji gwida* u *244. radju dramm* (Nom u Nom), *181. manġa passiġġa* (Verb u Verb), *239. qara' bagħli* (Nom u Aġġettiv), *258. sekonda awla* (Aġġettiv u Nom), *264. skansa faċendi* (Verb u Nom). F'dan il-grupp jidħlu: 85, 171, 181, 227, 239, 244, 255-258, 264, 266 u 293. Bħala espressjoni komposta hawnhekk xorta għandna funzjoni nominali minkejja l-elementi differenti fil-kompożizzjoni: nipproponi li dan il-grupp ukoll isegwi l-prinċipju ta' l-ewwel grupp u l-elementi jinkitbu b'mod mifrud.

Fil-każ ta' *85. gastro-intestinali* u *266. soċjo-ekonomiku* l-elementi fil-kompożizzjoni huma wkoll trasparenti sinkronikament. Jekk mhux possibbli jinkitbu kompletament mifrudin (ara *270. sotto spekkju* u *273. super potenza*), għallinqas jinkitbu bis-sing.

*2. L-ittra kapitali*
Hemm grupp żgħir ta' varjanti fejn nippreferi li jintużaw l-ittri kapitali għax jinvolvu identitajiet speċjali. Dawn huma l-varjanti 13, 71, 73, 174, 207, 209, 216, 219, 236, 259 u 305. Fil-każ tal-varjant 274 jekk it-titlu *Sur* niktbuh bl-ittri kapitali nkunu qed nallineaw dan l-użu ma' l-ittri kapitali f'titli oħra, eż. *Dun, Dott. Prof.*, eċċ.

*3. Aċċent għal vokali twila*

Fil-varjanti 14 għandna l-każ ta' l-omonimja bejn il-verb tat-tieni forma u n-nom ta' l-aġent. Fil-prinċipju l-kuntest iservi biex ineħħi l-ambigwità, imma żgur li l-preżenza ta' l-aċċent tgħin, speċjalment meta wieħed ikollu jaqra fil-pubbliku. U dan japplika iżjed u iżjed fil-każ tal-varjanti 307 fejn l-omonimja qiegħda bejn żewġ nomi.

*4. Għarfien storiku jew realtà sinkronika*
Varjanti li jiġu mill-għarfien storiku u mhux mir-realtà sinkronika għandhom jiġu evitati (anki f'gieħ il-konsistenza mal-prinċipju stabbilit diġà, ngħidu aħna fil-każ tal-kliem missellef mit-Taljan li fih *s,* li fil-Malti tinkiteb *ż*, eż. *diżinteressat.*
F'dan il-grupp insibu każijiet fejn m'hemmx alternanza sinkronika li bis-saħħa tagħha konna nkunu niktbu mod minkejja li nlissnu mod ieħor, eż *kiteb* niktbuha bil-*b* finali anki jekk inlissnuha *p*, għax għandna forom oħra sinkroniċi bħal *kitbet* fejn inlissnu l-ħoss ta' *b*. Għalhekk fil-każijiet 67 u 210 nagħżel li nżomm il-*ħ*, fil-31 u l-245 inżomm is-*s,* fil-137 inżomm iż-*ż*, u fil-91 inżomm it-*t*.
Fil-każ ta' 68, m'għadx hemm il-konnessjoni sinkronika ta' *dvalja/tvalja* ma' *tavla* (kelma kurrenti fil-Malti) u għalhekk nagħżel il-varjant bid-*d*. L-istess fil-każ 3, ***akkrettu/akkredtu,*** aktarx m'għadx hemm l-għarfien tal-konnessjoni mal-kelma Maltija *kreditu*, u għalhekk nagħżel il-varjant bit-*t*. F'dawn iż-żewġ każijiet l-unika ġustifikazzjoni biex issir għażla differenti hija l-konsiderazzjoni ta' kif jinkiteb dan il-kliem fil-lingwa oriġinali minn fejn ġejjin: kieku kellna nimxu hekk, konna nkunu qegħdin nintroduċu l-kriterju storiku u ninnegaw li kliem bħal dan illum jifforma parti integrali mill-Malti. L-istess fil-każijiet *9. Arabja/Għarabja* u *180. Magreb/Magħreb*: l-*għ* nistgħu niġġustifikawha biss bil-kriterju storiku (dan huwa l-każ anki fl-isem *Għarbi* u l-forom relatati tiegħu). Għalhekk nipproponi li dawn il-varjanti jinkitbu mingħajr l-*għ*.

*5. Il-firxa sinkronika*
Hemm grupp ieħor ta' varjanti li jixbah ftit jew wisq lill-grupp ta' qabel, numru 4. Hawnhekk is-soluzzjoni tiġi wkoll mir-realtà sinkronika: jekk kulħadd jgħid *gerbeb* bla problema ta' xejn, għalfejn għandna nintroduċu l-varjant *gerbu* flok *gerbbu*? U l-istess f'dawn il-każijiet li ġejjin: *222. parttu*, ara *partat*; *117. ħalltejn*, ara n-nom *ħalla*; *128. inkwadru*, ara *kwadru, inkwadra*; *132. Islam*, ara *207. Mislem, 209. Musulman*; *179. makna*, ara *makkinarju* (hemm ukoll il-possibbiltà tal-varjant biċ-*ċ*: *Maċina* mill-Franċiż *machine* imma ħadd ma jaħseb f'din il-konnessjoni); u *228. priedka*, ara *predikazzjoni*.

*6. Il-mudell analoġiku*
Fil-każ ta' 111 u 116 nipproponi li nżommu l-interpretazzjoni ta' verb trilitteru tat-tieni forma minflok verb kwadrilitteru. Suppost li l-problema fil-grupp 211-215 hija ċara: għandna l-*għ* jew l-*h* ma' konsonanti likwida oħra (*r/m/l*) u suppost li mudell bħal *seraq* jagħtina l-pożizzjoni tal-vokali kif jidher fl-ewwel varjant f'kull każ: *nagħirfu, eċċ.* Sakemm l-ortografija tibqa' żżomm ir-rappreżentazzjoni ta' l-*għ* u l-*h* ma naħseb li jista' jinbidel xejn ħlief li nressqu l-forma miktuba iżjed viċin tar-realtà mitkellma billi flok it-tieni vokali *i* niktbu *212. nagħarfu, 213. nehemżu, 214. negħelbu* u *215. negħemżu*. Jekk nagħżlu l-varjanti *nagħrfu, nehmżu, eċċ.* inkunu qed nintroduċu regola oħra, eċċezzjoni għal liema mudell wieħed għandu juża fil-każ ta' verbi bil-konsonanti likwida.
Għal 72 u 292 nipproponi li nsegwu mudell iżjed aċċessibbli bħal *kelmti* u niktbu *fehmti* u *togħmti.*

*7. Varjanti li b'xi mod jirriflettu pronunzja differenti*
Hemm grupp ieħor ta' varjanti li jirriflettu pronunzja differenti. Hawnhekk is-soluzzjoni m'hix faċli għax ir-realtà lingwistika hi li l-Malti Standard (apparti d-djaletti) għandu l-varjanti li huma fatt sinkroniku: min jgħid hekk u min jgħid hekk u t-tnejn (jew it-tlieta) jkunu qed jitkellmu mhux bil-Malti djalettali imma bil-Malti Standard. Hemm minn dawn il-varjanti li m'humiex daqshekk kurrenti (eż. *306. żjieda* ?) imma l-biċċa l-kbira jinstemgħu tista' tgħid indaqs. Jien tal-fehma li dawn il-varjanti jiġu rrappreżentati wkoll fil-kitba (wieħed iżomm il-konsistenza fit-test) u bil-mod il-mod wieħed minnhom aktarx jispiċċa biż-żmien, kif qed jiġri

ngħidu aħna fil-każ ta' *44. ċagħak/ċagħaq* u oħrajn bil-varjazzjoni *k/q* fl-aħħar tal-kelma, cf. 45 u 260. Fil-każ ta' *88. gods/gozz* jinstema' kemm il-varjant *gezzez* kif ukoll *geddes*: għalhekk dawn iż-żewġ varjanti għandhom jibqgħu. U fil-każ ta' *263. sfog/żvog* hemm min jgħid *sfoga* u *sfog*; u hemm min juża *żvog* (imma mhux *żvoga*). Hawnhekk ukoll nipproponi li ż-żewġ varjanti jibqgħu. B'daqshekk ma jidhirlix li hemm xi theddida għall-istatus tal-Malti jew xi periklu ta' xi diżgwid serju sakemm wieħed kemm jista' jkun iżomm il-konsistenza.

Hawnhekk se nidentifika liema minn dawn il-varjanti jirrappreżentaw l-użu tiegħi:*1. affavur, 2. Affrika, 6. alleluja, 7. alljiev, 8. ammen, 10. Awwissu, 11 u 70. awl il-lejl, 12. ażżma, 17. begħedna, 19. berritta, 27. biblijografija, 28. bibjoteka* (u mhux iż-żewġ varjanti mogħtija),*29. bibliku, 34. bil-ġiri* (u mhux *bilġri*), *44. ċagħaq, 45. daħaq, 61. den, 62. dettall, 63. dgħjufija, 64. dieqa, 69. ewwieq, 81. ġegħelna, 84. ġiex, 87. gidien, 88. gozz, 92. għaġġla, 93. għajjat, 109. għarrkupptejh, 112. għedt, 113. għotjien, 118. idejk, 120. il-bieraħt lula, 125. inden, 127. inizjattiva, 134. qagħqa, 135. karozza, 141. koperattiva, 142. koperazzjoni, 143. koordinatur, 144. koordinazzjoni, 145. kontrik, 164. lenbija, 165. lenbuba, 183. megħekna, 223. peprin, 225. perijodu, 232. propjament, 233. propjetà, 234. propjetarju, 235. propju, 240. qegħedna, 242. qies, 246. rkoppa, 247. ruxxmata, 260. serduq, 262. sieda* (kieku kelli ngħidha), *263. żvog, 268. zoptu, 272. subien, 276. ta' April, 277. ta' Elena, 278. ta' Indri, 279. ta' Ottubru, 280. ta' Ugo, 285. ta' l-hena, 286. ta' l-għalqa, 291. tieba, 295. wegħedna, 297. xbieha* u *306. żieda.*

*8.* Il-varjant 43 jinvolvi il-kitba ta' kliem ġej mill-Ingliż.

Charles Briffa

**Introduzzjoni**
Nemmen li jkun utli u konvenjenti jekk ikollna forma ortografika waħda għal kull kelma, u li fil-miktub għandna nkunu ħafna aktar konsistenti milli fil-mitkellem.

Nifhem li jekk neliminaw il-varjanti ortografiċi (li jistgħu jwasslu għat-taħwid) inħaffu l-ħidma u l-proċess ta' tagħlim u ta' l-assessjar ta' dak it-tagħlim; u f'kull qasam soċjali ieħor il-kitba teħfief.

Nagħraf li l-ħtiġijiet elettroniċi qegħdin jiddettaw li ma għandux ikun hemm wisq varjanti.

**Il-Kriterji**
Fil-proċess ta' riforma ortografika għandna nfittxu:
- it-tħaffif u s-sempliċità
- il-loġika morfoloġika
- ir-rispett tal-konswetudni.

Dan ifisser li l-ortografija (li trid taqdi lill-kittieba u lill-istudenti):
- għandha tkun, qabel xejn, ħafifa u sempliċi biex il-ħakma fil-kitba titjieb u l-kitba tkun aktar prattika (dan il-fattur jista' wkoll ikun ta' għajnuna għall-ortoepija)
- għandha tkun kompatibbli mas-sistema grammatikali ta' lsienna biex ir-raġuni li nsibu (għal xi forma ortografika) tkun tagħmel sens; ma' dan irrid inżid li l-għajn u l-akka (għalkemm sikwit huma siekta) għandhom ir-realtà tagħhom fis-sistema
- għandha tirrispetta d-drawwiet li diġà jeżistu għax ħadd ma jixtieq iċedi l-frott ta' l-investiment tiegħu (la darba wieħed ikun tgħallem forma, ikollu rabta emozzjonali qawwija magħha, aktar u aktar jekk dik il-forma tkun xi waħda diffiċli u kellu jqatta' ħafna ħin u sforz biex jitgħallimha).

Għalkemm ikun tajjeb kieku dawn it-tliet kriterji jaħdmu id f'id f'kull każ mhux dejjem jistgħu jiġu applikati f'daqqa għal kull każ. Imma għal kull każ, aktar ma napplikaw minnhom aktar nissodisfaw lill-kittieba.

**Kliem Separat u Sħiħ**
Il-kriterju tat-tħaffif fl-ortografija jnaqqas l-inċertezzi u l-ansjetajiet fil-kitba u jgħin fit-tiswir ta' l-ideat (speċjalment fil-kitba mgħaġġla). Kittieb tal-galbu, li jkun irid joqgħod jorqom il-kitba (l-aktar fil-proża kontinwa) biex itejjeb l-istrutturi għall-aħjar effett/i li jixtieq fl-istil li jagħżel, ikollu problema inqas għax ma jkollux għalfejn joqgħod jinkwieta fuq kif se jikteb.

Dan il-kriterju tat-tħaffif noftqu fi tnejn:
(a) tgħaqqid ta' elementi mill-inqas, għax il-kliem kompost isawwar kliem polisillabiku u dan jista' jikkawża grad ta' diffikultà fit-tagħlim (speċjalment fil-livell primarju): għalhekk niktbu *xi minn daqqiet, dak in-nhar, a favur, a krettu, a bażi, da parti, taħt nett,* eċċ.; it-tiswir ta' kliem polisillabiku jitlob sforz akbar mill-memorja u jitlob regoli ġodda (eż. twaqqigħ ta' waħda mill-konsonanti doppji meta jaħbtu ma' konsonanti oħra ġ*kull + tant = kultant*ħ) li jafu joħolqu diffikultajiet ġodda (eż. f'xi każijiet nirduppjaw l-ittri ġ*a + favur = affavur; a + krettu = akkrettu*ħ u f'każijiet oħra nwaqqgħu l-ittri ġ*kull + tant = kultant*ħ);
(b) tqassir ta' elementi mill-inqas: għalhekk niktbu *ta' April, ta' Elena, ma għandux;* it-tfal jibqgħu jżommu f'moħħhom it-*ta'* u l-*ma'* sħaħ; hawn qed ngħid li l-frażi tinkiteb dejjem sħiħa (*ta' Ottubru, ma għandhiex*) imbagħad ħalli tinqara fil-forma naturali tagħha (*t'Ottubru, m'għandhiex*) - l-istandardizzazzjoni tkun fil-kitba. L-istess ħaġa tgħodd għal *ma hawnx, ma hemmx, ma aħniex, ma huwiex, ma humiex, ma hijiex, ma*

> *intix, ma intx, ma intomx*: jinkitbu sħaħ imma jinqraw imqassra. ġJekk din l-idea ma tingħoġobx, allura dawn għandhom jinkitbu bl-apostrofu: *m'hawnx, m'humiex,* eċċ.ħ Fil-każ tal-forom imqassra tagħhom, jinkitbu bl-apostrofu: *m'hix, m'hux, m'inix.*

Jiġifieri, jien favur il-kitba ta' kliem sempliċi li jkun separat u sħiħ (sa fejn nistgħu). B'hekk ngħinu l-memorja. It-tfal jiftakru kif jiktbu kliem qasir aktar; kelma twila taf tgerrixhom u toħloqilhom il-problemi. Ngħidu aħna, eħfef iżommu f'moħħhom tliet kelmiet żgħar (*ma' dan kollu, sa dan it-tant, xi minn daqqiet, li ma bħalu, barra minn hekk*) milli kelma twila b'ħafna sillabi (*madankollu, sadanittant, limabħalu, barraminhekk, ximindaqqiet,* plass li l-aħħar tnejn għandhom ir-regola li jridu jwaqqgħu konsonanti). Il-kliem kompost polisillabiku (*madankollu, sadanittant, ximindaqqiet, limabħalu, barraminhekk*) isir kliem ġdid: differenti mill-partijiet tiegħu.

Fil-kliem separat u sħiħ jibqa' jingħaraf l-element ewlieni fil-frażi u tibqa' tingħaraf ir-relazzjoni bejn il-kliem. Ngħidu aħna, fil-frażijiet *da parti, a favur,* u *sa dan it-tant* l-istudent (li jkun tgħallem *parti, favur,* u *tant*) jibqa' jagħraf il-frażijiet għax jifhem li hemm relazzjoni bejn *da parti* u *parti,* bejn *a favur* u *favur,* u bejn *sa dan it-tant* u *tant*: l-elementi ewlenin (*parti*, *favur*, *tant*) jibqgħu jidhru ċari. Mentri, *daparti*, *affavur*, u *sadanittant* għall-għajn li tittrażmetti sinjali lill-moħħ jidhru kliem differenti.

B'dan il-kriterju wkoll dak il-kliem li jkollu l-artiklu jibqa' jżomm l-identità sħiħa ta' l-artiklu u meta jkun hemm xi prepożizzjoni jew partiċella oħra din tibqa' mifruda u tingħaraf b'mod ċar: i.e. jibqa' jinkiteb is-sing, eż. *il-lejla, fil-fatt, fil-għodu, għall-aħħar.* Fl-istess ħin, meta jkun hemm partiċella mqassra (għax ma nistgħux nagħmlu mod ieħor) jibqa' jinkiteb l-apostrofu: eż. *x'ħin, m'hix.* ġNagħmlu distinzjoni bejn "F'*xi ħin* niġi għalik" u "Għidli *x'ħin* hu, jekk jogħġbok."ħ

B'dan il-kriterju, allura, għandna niktbu:

<u>Kliem separat u sħiħ</u>
*a bażi, a favur, a krettu, a la biebu, Alla ħares, awl il-lejl, barra minn hekk, barra nett, bħal issa, bħal kieku, bħal li kieku, bħal-lum, bħal ma, bħal meta, bħal xejn, bidu nett, bi ħsiebi, bil-fors, bil-ġiri, bil-kemm, bil-kif, bil-lejl, bil-qiegħda, bil-wieqfa, bi nhar, da parti, dak in-nhar, dal-għodu, dal-ħin, dal-lejl, dal-waqt, daqs hekk, daqs kemm, daqs kieku, daqs li kieku, daqs tant, daqs xejn, darba fill, dawra mejt, da żgur, disa' mija, disat elef, fil-fatt, fil-għaxija, fil-għodu, fil-waqt, fl-aħħar nett, fuq nett, ġa la darba, ġewwa nett, ġie lie, għad illi, għall-aħħar, għal biex, għal daqs hekk, għal daqs tant, għal fejn, għal għarrieda, għal hekk, għal issa, għal kemm, għal kollox għal li, għal xejn, għal xiex, għall-aħħar, għall-anqas/inqas, hawn hekk, hemm hekk, il-bieraħ, il-bieraħt lura, il-lejla, il-lum, in ġenerali, in kwistjoni, it-tielet nett, it-tieni nett, iż-żejjed, kemm-il darba, kemm xejn, kull darba, kull fejn, kull ħadd, kull imkien, kull jum, kull ma, kull meta, kull min, kull tant, kull xejn, la branzetta, la darba, la ġenba, l-aħħar nett, l-aħwa, la kemm, la Maltija, l-anqas, l-ewwel nett, li ma bħalu, lil hawn, lil hemm, lil hinn, ma' dan kollu, ma' dwar, ma' ġenb, ma aħniex, ma' tul, ma hawnx, ma hemmx, ma hijiex, m'hix, ma humiex, ma huwiex, m'hux, m'inix, ma intix, ma intomx, ma intx, minn barra, minn bejn, minn daqqiet, minn daqs hekk, minn fejn, minn flok, minn fuq, minn għajr, minn għalija, minn għand, minn tagħna, mn'Alla, nofs il-lejl, nofs in-nhar,*[11] *nofs ta' nhar, nofs siegħa, per eżempju, per każu, qabel xejn, qajl qajl, qiegħ nett, quddiem nett, sa dan it-tant, sa fejn, sa fl-aħħar, sa frattant, sa kemm, sa l-aħħar, sal-lum, sewwa sew, sogħob bija,*[12] *sta bene, ta' April, ta' Elena, ta' Indri, ta' Ottubru, ta' Ugo, ta' bil-fors, ta' bil-ħaqq,*

---

[11] Fil-każ ta' *nofs in-nhar ("noon")* it-terminu jinkiteb bi kliem separat u hekk l-element ewlieni ta' *nhar* ("jum") jibqa' distint; fil-waqt li *nofsinhar ("south")* tibqa' kelma komposta għax m'hemmx relazzjoni immedjata ma' *nhar* ("jum"). Meta *nofsinhar* tindika lok ġeografiku speċifiku, tinkiteb b'ittra kapitali (eż. *in-Nofsinhar ta' l-Ewropa*).

[12] Dan il-verb prepożizzjonali huwa aktar faċli tikkonġugah hekk: *sogħob bija, sogħob bik, jisgħob bina, jisgħob bihom.*

*ta' bir-ruħi, ta' l-anqas, ta' mpar(i), taħt nett, tal-lum, tas-sew, wara nett, wieħed u tletin, x'ħin, xi ħadd, xi ħaġa, xi kull tant, xi mkien, xi minn daqqiet.*

Għalkemm il-kliem qiegħed jinkiteb separat, meta jinqara jrid iżomm ir-regoli ta' l-intonazzjoni fit-taħdit kontinwu: eż. *kull ma* tinqara mingħajr il-waqfa bejn il-kelmiet (*kull + ma*) u ż-żewġ vokali *a* li jaħbtu ma' xulxin f'*ta' April* jinħatfu f'waħda u tinqara qisha kelma waħda (*t'April*). L-istess jgħodd għall-każijiet simili.

**Morfoloġija jew Tħaffif?**
Fuq il-mudelli *naħilbu, nisirqu, nitimgħu, noħonqu* (bit-tieni radikali konsonanti likwida - dawn il-mudelli ma joħolqu ebda diffikultà fit-tagħlim) għandna nsawru *nagħarfu, nehemżu, negħelbu, negħemżu* (din il-forma żżomm il-paralleliżmu vokaliku u timxi skond il-ħoss. Imma fl-edukazzjoni eħfef tgħallem *nagħrfu, nehmżu, negħlbu, negħmżu* għax il-problema qiegħda fl-ewwel konsonanti tal-għerq (*għ/h*). L-għalliem ikun qalilhom lill-istudenti tiegħu li meta jkollhom verb bl-*għ/h* (eż. *għamel, għażel, għażaq, għaraf, hemeż, għeleb, għemeż*) jieħdu mudell ta' verb li fl-istess pożizzjoni tal-*għ/h* ikun hemm xi likwida (eż. *resaq*) u hekk ikunu jistgħu jibnu fuqu: *nersqu = nagħmlu, nagħżlu, nagħżqu, nagħrfu, nehmżu, negħlbu, negħmżu*. Hemm konsistenza u loġika f'dan it-tagħlim, u fl-istess ħin il-morfoloġija ma hijiex qed tbati wisq.

Mill-banda l-oħra, jekk ninsistu fuq il-forom *nagħarfu, nehemżu, negħelbu, negħemżu* nkunu qegħdin nikkomplikaw aktar it-tagħlim. Għax, wara li l-għalliem ikun qalilhom biex jibnu verbi bħal *għamel* fuq *resaq*, ikollu jżid "ħlief meta t-tieni konsonanti tal-għerq tkun likwida" u jkollu jsib mudell ieħor u jispjega għaliex. U l-konsistenza li semmejna qabel tkun inkisret.

Għalhekk, sabiex it-tagħlim jibqa', sa kemm jista', ħafif nagħżlu li niktbu *nagħrfu, nehmżu, negħlbu, negħmżu.*

Eħfef ukoll biex tgħallem *togħmti* u *fehmti*. Avolja morfoloġikament għandna nibnu *togħomti/fehemti* fuq il-mudell *kamarti* (li ma toħloq ebda diffikultà fil-kitba), imma f'dawn il-forom donnu hemm xi sillaba żejda li ma tinħassx. U allura inqas ikkomplikata l-ħaġa meta tispjega li minn *togħma/fehma* nagħmlu *togħmti/fehmti* li huma, wara kollox, ħafna eqreb lejn kif inħossuhom.

Xi ħaġa simili għandna f'*xhieda*. Jekk nimxu mal-morfoloġija rridu niktbu *xiehda* (jew *xihda* fuq il-mudelli *serqa, kitba, telfa, telqa*?). Imma issa tant indrat *xhieda*, u fid-dizzjunarju tiegħu l-Prof. Aquilina hekk jagħtiha, li jaqblilna nżommuha ħalli ma nħawdux: allura niktbu *xhieda* biex anki meta ngħallmuha ma' *xhud*, iż-żewġ kelmiet jgħinu lil xulxin għax b'mod konsistenti jidher it-twaħħid *xh* li jibqa' jiġi assoċjat ma' dawn il-kelmiet. ġMa nara xejn ħażin li jkollna sitwazzjoni bħal din,"*Ix-xhieda* taw *ix-xhieda* tagħhom", għax innaqqsu aktar id-diffikultà minħabba li ma jkollniex għalfejn noqogħdu nagħżlu bejn forom differenti.ħ

**Kitba skond il-Ħoss**
Għat-tħaffif ukoll għandna niktbu kif inlissnu ċertu kliem li l-etimoloġija tagħhom tista' tindika mod ieħor. Kultant jekk nissillabaw il-kelma tkun eħfef biex inħossuha. Jiġifieri, niktbu skond il-ħoss sakemm ma jkunx hemm xi derivazzjoni li tiċċaralna s-sitwazzjoni (eż. *xebh* għax *xbiha*). Għalhekk, niktbu *rkoppa* avolja l-etimoloġija turiha bil-*b* doppja; f'dan il-każ *irkoppa* semantikament tbiegħdet ħafna minn *rikeb*. Fil-każ ta' *buz*, il-forma ortografika tissaħħaħ morfoloġikament bil-plural *bwiez* (imfassla fuq il-mudell *mus-mwies*).

<u>Kliem miktub skond il-ħoss</u>
*alleluja, alljiev, ammen, Arabja, Awissu,*[13] *ażma, bergħut, beritta, biblijografija, biblijoteka, bibliku,*[14] *bies, buz, den, dettall, diqa, duħ, dvalja, ewieq, ġiex, gidjien, gozz, għafrit, għaġla,*

[13] Din inħossha *A-wis-su*; u dik ta' warajha, *aż-ma* (mhux *aż-żma*); *e-wieq* l-istess.

*għajjat għarkopptejh, għarax, għedt, għotjien, heżżeż, idejk, inden, inkwatru, karozza, każbar, kontrik, lembija, lembuba, magna, Magreb, naħnaħ, peprin,*[15] *perjodu, prietka, propjament, propjetà, propjetarju, propju,*[16] *qies, risq, irkoppa, ruxmata, soptu, subien, xbiha, żvog.*

Nota ta' interess: *ċagħak/ċagħaq*, *daħak/daħaq*, *kagħka/qagħqa*, *serduk/serduq* = it-tnejn ngħidhom f'kull każ: daqqa nuża waħda u daqqa l-oħra, naħseb skond l-ambjent testwali. Il-forom bil-*q* jidhru li huma formazzjoni lokali u għal din ir-raġuni, allura, nagħżel li niktbu *ċagħaq, daħaq, qagħqa, serduq*.

**Kitba skond il-Għajn**
L-ewwel li ma tiekol l-għajn, u kultant ukoll fil-kitba rridu npaxxu l-għajn. Minn *gerbeb* u *partat* il-morfoloġija tgħidilna li għandna nagħmlu *gerbbu* u *parttu*, u jekk ikollna verbi bħal *saddad* u *ħaqqaq* għandna niktbu *sadddu* u *ħaqqqu*. Il-konsistenza morfoloġika hawnhekk għandha tiġi ssagrifikata minħabba li (1) dawn il-forom jidhru koroh u (2) il-*b* u t-*t* ma humiex qegħdin jinħassu doppji wara r-*r* (kif tlissen *d* u *q* tripli?!) Għalhekk, meta konsonanti doppja taħbat ma' konsonanti oħra, taqa' waħda mid-doppji: *gerbu, partu, saddu, ħaqqu.*

Il-każ ta' *Islam* huwa stramb fil-Malti. Każijiet oħra ta' *-sl-* għandna u dejjem jinstemgħu *sl*: *Mislem, mislub, misluħ, mislut, slielem, sliema*. *Islam* kultant tinstema' *Iżlam* (bħal *leġiżlazzjoni*): għaliex?! F'*leġiżlazzjoni* nistgħu ngħidu li *sl* tieħu mit-tliħħin tal-*ġ*, imma f'*Islam* minn fejn qed tieħdu t-tliħħin tagħha dik l-għaqda ta' *sl*? Għalhekk, għandna nżommu l-forma internazzjonali *Islam*.

Illum drajna bil-forma *lura* u tidher aħjar minn *'l ura*.

**Il-Kliem Kompost**
Meta nitkellmu fuq il-kliem kompost nidħlu fil-qasam tal-formazzjoni tal-kliem li bih il-lingwa ssawwar elementi lessikali ġodda. Ħafna minn dan il-kliem l-istudent jibda jiltaqa' miegħu meta jkun fil-livell sekondarju (jew ukoll f'livelli ogħla) u minħabba li x'aktarx ikun diġà daħal fl-istadju li jħaddem il-ħsieb formali jkun jista' jlaħħaq aktar mal-kliem polisillabiku. Għaldaqstant, ma nara xejn ħażin li termini msawrin minn kliem komposti jkunu polisillabiċi.

Il-kwistjoni jekk kliem kompost jinkitibx bis-sing jew le ġeneralment tinqata' bil-kriterju viżiv jew bil-kriterju tal-konswetudni. Irrid ngħid li meta kittieb ikun irid juża xi terminu bħal *gastro-intestinali/gastrointestinali*, bil-Malti jiktibha kif ikun imdorri jaraha fl-Ingliż: il-moħħ matur kapaċi jieħu ż-żewġ forom. Għaldaqstant nipproponi, biex inkun konsistenti wkoll mal-kriterju tat-tħaffif li tkellimt fuqu qabel, li

(a) meta l-kliem kompost iħaddem il-prefissazzjoni (u allura jista' jiġi analizzat formalment jew semantikament) ġeneralment jinkiteb bis-sing: hekk, jekk ikun hemm żewġ vokali ħdejn xulxin inkunu nistgħu nifirduhom bis-sing (u nkunu konsistenti mal-Malti Semitiku) u l-prefiss (li ma għandux eżistenza indipendenti) jintgħażel mill-kelma ewlenija tat-terminu (u nkunu konsistenti ma' dak li għedna qabel): eż. ta' kelma komposta bil-prefissazzjoni hija *gastro-intestinali*

(b) meta l-kliem kompost ikun imsawwar minn parti li tiddetermina lill-oħra, jinkiteb separat mingħajr sing (ħlief meta jkun hemm l-artiklu) kemm jekk ikun kliem kompost eżoċentriku u kemm jekk ikun kliem kompost endoċentriku; ngħidu aħna, it-terminu *skansa faċendi* jirreferi għal tip ta' bniedem mhux għal xi għamla ta' faċendi u

---

[14] Is-sillabar, hawnhekk ukoll, jgħin it-tlissin: *bib-li-jo-gra-fi-ja, bib-li-jo-te-ka* nsibhom ħafna eħfef u komdi biex nippronunzjahom. Ma hemm ebda skop għal *b* doppja f'*bibliku* (*bib-li-ku*) li hija forma konsistenti ma' *biblijografija* u *biblijoteka* u xorta għandha l-aċċent primarju fuq l-ewwel sillaba.

[15] It-tendenza, hawnhekk, hija wkoll li nfittxu l-ħafif. Fejn hu possibbli ngħaddu mingħajr konsonanti doppja (għax ma ntellfu xejn mill-morfoloġija jew mill-ħoss) nevitaw it-tennija. Għalhekk qed nagħżel: *Awissu, ażma, ewieq, bibliku, peprin.* B'hekk innaqqsu ftit aktar mid-diffikultajiet.

[16] L-għanqud konsonantali *-prj-* huwa skomdu biex tlissnu.

għalhekk huwa semantikament eżoċentriku; fil-waqt li t-terminu *prim kuġin* fih element ewlieni (*kuġin*) li għandu modifikatur (*prim*) u għalhekk huwa semantikament endoċentriku.

Kliem kompost
bil-prefissazzjoni

*Afro-Amerikan, anti-kamera, anti-riforma, Ewro-Mediterranju, gastro-intestinali, Indo-Ewropew, ko-abizzjoni, ko-awtur, ko-edukazzjoni, ko-operattiva, ko-operazzjoni, ko-ordinatur, ko-ordinazzjoni,*[17] *neo-kattoliku, ri-abilitazzjoni, ri-inkarnazzjoni, ri-ġenerazzjoni, soċjo-ekoloġija, soċjo-ekonomiku, soċjo-lingwistika, sotto-diviżjoni, sotto-kultura, sotto-kumitat, sotto-spekkjo, super-potenza, super-struttura, super-tanker.*[18]

eżoċentriku jew endoċentriku

*bank il-għażż, bansin berner, gran mastru, gran karakka, gran viżir, kelb il-baħar, linji gwida, manġa passiġġa, pezza kustjoni, prim kuġin, prim ministru, prima donna, sekonda awla, sekonda kuġina, sekondi kuġini, sekondo kuġin, santa fjakka, santa paċenzja, skansa faċendi.*[19]

Mela rridu nżidu kaxxa oħra mat-tnejn ta' hawn fuq:

stabilit jew għall-għajn jidher aħjar sħiħ

*ajruport, antiporta, gwardarobba, għarukaża, maledukat, psikoloġija, qarabagħli, radjudramm, riforma, soċjoloġija, sottoskritt, supersoniku, teledramm, telekomunikazzjoni, teleplej, telesirjil, użufrott.*

**Elementi Grafoloġiċi**

- *żina, ġara, baħħar:* ma għandniex għalfejn inżidu l-aċċent ċirkumfless (1) biex ma ntaqqlux il-kitba għax inkella t-tfal ikollhom aktar x'jitgħallmu u x'jiftakru u (2) għax il-grammatika jew il-kuntest joħorġu t-tifsir ċar tal-kliem. Ara dawn l-eżempji: "Il-baħħar baħħar fil-Mediterran", "Ġara li l-ġara żżewġet"; appena tinduna mill-kuntest li waħda hija nom u l-oħra hija verb, tagħtihom il-pronunzja xierqa (għax il-grammatika u t-tlissin jgħinu lil xulxin). ġJista' jkun hemm każ li l-kuntest immedjat ma jneħħix l-ambigwità (eż. "Kienet qed tfittex fil-ħara."); allura f'dan il-każ tkun trid tħares lejn il-kuntest il-wiesa'.ħ Fil-kitba l-aħjar nibqgħu nuru aċċent wieħed biss (dak ta' l-aħħar fuq kliem bħal *università*) ħalli ma ntaqqlux il-kitba b'ħafna aċċenti (li mbagħad ikunu jitolbu regoli għalihom)
- *il-Baħar Mediterran, in-Nofsinhar* (ta' xi post partikulari), *ix-Xmara Ġordan*: dawn jaħdmu bħala ismijiet ta' postijiet; fejn hemm il-modifikatur, dan jaħdem bħala parti min-nom propju u għalhekk jinkiteb b'ittra kapitali; niktbu wkoll *il-Lvant Ċentrali, il-Lvant Nofsani* għax jitqiesu bħala reġjuni partikulari
- *Nisrani, Protestant, Mislem, Musulman:* jinkitbu b'ittra kapitali (1) biex jintwera rispett u (2) għax bosta drabi jiġu ttrattati bħala nomi propji; l-istess ngħid għas-*Semitiku*, ir-*Romanz*, il-*Ġermaniku*, l-*Indo-Ewropew*
- kull aġġettiv derivat minn post jinkiteb b'ittra kapitali (*Ingliż, Taljan, Franċiż, Ġermaniż*) u allura anki *Ewropew, Amerikan, Afrikan, Ażjatiku*

[17] Il-verbi komposti bil-prefissazzjoni għandhom ikunu konsistenti wkoll: *ikko-abita, ikko-opera, ikko-ordina.* Dan għandu jibqa' jsir anki meta nikkonġugawhom: *nikko-abita, ikko-abitajtu, tikko-opera, ikko-operajna, jikko-ordina, ikko-ordinaw.*

[18] Hawnhekk, inħallu barra kliem bħal *koeżjoni* u *koerenti* għax ma hemm ebda morfema *-eżjoni* jew *-erenti* li nistgħu nirreferu għaliha la formalment u l-anqas semantikament. Fil-każ ta' *antiporta, maledukat, riforma, soċjoloġija, sottoskritt,* u *supersoniku* l-konswetudni tgħidilna li għandna niktbuhom mingħajr is-sing.

[19] Il-kliem kompost li hu diġà stabbilit jibqa' jinkiteb kif drajna niktbuh: eż. *ajruport, qawsalla, gwardarobba, għarukaża, qarabagħli, użufrott.* Ma' dawn inżid: *radjudramm, teledramm, teleplej, telesirjil.*

- *is-Sur X. Attard, is-Sinjura X. Attard, is-Sinjorina X. Attard:* it-titli niktbuhom b'ittri kapitali ħalli nkunu konsistenti ma' forom oħra u jintwera aktar ir-rispett: *il-Prof. X. Attard, l-Onor. X. Attard, ir-Rev. X. Attard, Dr X. Attard, Mons. X. Attard;* barra minn hekk, imdorrijin naraw l-ekwivalenzi bl-Ingliż b'ittri kapitali *"Mr X. Attard", "Mrs X. Attard",* u *"Ms X. Attard"*

**Punti Oħra**
Dawn il-punti li ġejjin huma x'aktarx marbutin ma' xi aspett tal-lingwa.

- *begħedna*: minħabba li kultant il-kitba tinfluwenza l-pronunzja u *għi* ġeneralment tintlissen *ej*, ikun aħjar jekk niktbuha *begħedna*; l-istess jgħodd għal *ġegħelna*, *megħekna*, *qegħedna*, *wegħedna*
- *tal-hena, tal-għalqa:* minħabba li hawnhekk qegħdin niddiskutu l-kitba (li hija mezz viżiv) l-akka u l-għajn għandhom jassumu l-identità konsonantali tagħhom u allura jridu jsegwu r-regola li tgħid li *ta'* tingħaqad ma' l-artiklu meta n-nom jibda b'konsonanti; ma ninsewx ukoll li fl-iskejjel ngħallmu lit-tfal iħarsu lejn l-akka u l-għajn bħala konsonanti u għalhekk inkunu aktar konsistenti
- *sieda, tieba, żieda* huma aktar komuni (forsi għax influwenzati minn *rieda*), minkejja li l-forom l-oħrajn huma morfoloġikament aktar korretti
- *inizzjattiva*: la ngħidu li *z* tinkiteb doppja meta qabilha hemm vokali *(edukazzjoni, eċċezzjoni, pożizzjoni)* u meta jkun hemm konsonanti qabilha tinkiteb *z* waħda *(invenzjoni, konvinzjoni, denunzja)*, allura nkunu aktar konsistenti jekk niktbu *inizzjattiva*
- *imb ras*, *imb wiċċ:* l-element ewlieni *(ras, wiċċ)* għandu jibqa' jingħaraf sew u l-apostrofu ma hemm ebda raġuni għalfejn għandna nagħmluh: *ras imb ras* u *wiċċ imb wiċċ*; inħallu l-forom sempliċi
- *ħalltejn:* għandha tinkiteb hekk biex tibqa' żżomm ir-rabta ma' *ħalla*
- *Afrika:* tinkiteb hekk biex tibqa' qrib ta' lingwi oħra
- *dgħufija:* b'din il-forma nkunu konsistenti morfoloġikament ma' *qdusija, tfulija, żgħożija, żgħorija, xbubija, rġulija*; għalhekk, tinkiteb *dgħufija*, imbagħad ħalli tinqara *djufija* (imma ma għandhiex tinkiteb hekk għax imbagħad ikollna problema sabiex nispjegaw fejn sparixxiet l-għajn ta' *dgħajjef*)
- *'kk Alla jrid, 'kk jogħġbok* = forom kollokjali; fil-kitba formali għandhom jinkitbu sħaħ: *jekk Alla jrid* u *jekk jogħġbok*; l-istess għandu jingħad għal *t'apposta* li hija kollokjali u fil-kitba nistgħu ninsistu li tkun sħiħa: *għal ta' l-apposta*
- *nagħaġ* fuq il-mudell ta' *baqar* u *mogħoż* (ħalli tibqa' fl-istess ambjent) mhux fuq il-mudell ta' *klieb* u *ħmir*
- *skond*: minkejja l-fatt li bosta drabi tinstema' *skont*, illum drajnieha sew fis-sens ta' *"according to";* u hekk ukoll nistgħu nagħżlu bejnha u *skont ("discount")*

**Konklużjoni**
It-tħaffif ta' l-ortografija jwassal għal standardizzazzjoni u stabilità fil-kitba. Għandu vantaġġi edukattivi, soċjali, u elettroniċi.

- Il-vantaġġi edukattivi jidhru fil-ħidma pedagoġika (għax l-ortografija ssir ħafifa biex tgħallimha u biex it-tfal jitgħallmuha) u fil-ħidma ta' l-assessjar (għax l-eżaminaturi jonqsilhom id-dubju meta jkunu qegħdin jimmarkaw l-eżamijiet): jitħaffef il-proċess tat-tagħlim u l-proċess ta' l-assessjar.
- Il-vantaġġi soċjali jidhru fl-oqsma kull fejn jintuża l-Malti; u għax kulħadd jibda juża forma waħda għal kull kelma, ikun hemm aktar stabilità għax ikun hemm aktar familjarità; forma waħda li dejjem tidher l-istess tinżamm aktar fil-moħħ; aktar familjarità tgħin ukoll it-tagħlim.
- Il-vantaġġi elettroniċi jidhru f'ħidma bil-kompjuter għax l-istandardizzar jagħmilha eħfef biex jinbnew programmi ta' l-iċċekkjar ta' l-ortografija; jiġifieri l-kittieba tal-Malti li jinqdew bil-kompjuter ikollhom il-vantaġġ ta' ċeker ortografiku *("spellchecker").*

Fil-qosor, għall-kriterju tat-tħaffif

- inżommu l-kliem separat *(sa dan it-tant)*
- inħallu l-kliem sħiħ *(ma għandux)*
- ma nirduppjawx konsonanti bla ħtieġa *(a favur)*

B'ortografija relattivament ħafifa t-tfal jiffrankaw bosta ħin u sforz emozzjonali meta jkunu qegħdin jitgħallmu jaqraw. Ortografija ħafifa tkun ta' għajnuna kbira għal dawk it-tfal b'diffikultajiet speċjali fit-tagħlim. U jkun hemm benefiċċji kbar għall-barranin li jridu jitgħallmu l-Malti.

Meta tiġi biex tagħżel liema mod għandha tinkiteb kelma, speċjalment il-kliem imniżżel fil-listi mehmuża ma' dan ir-rapport ċkejken, wieħed irid bilfors iżomm f'moħħu (a) l-etimoloġija tal-kelma, (b) l-użu tal-kelma fit-taħdit ta' kuljum u (ċ) ir-regoli tal-grammatika li tħaddan il-kelma li tkun qiegħda tiġi mistħarrġa. Jien dan li ppruvajt nagħmel f'dan l-istudju qasir.

Ta' min jinnota li għadd ta' kliem li jinsab fil-lista jista' jittieħed flimkien minħabba li jaqa' taħt l-istess regoli tal-grammatika. Oħrajn iridu jittieħdu għal rashom u l-għamla li wieħed għandu jsegwi meta jiġi biex jikteb trid tissaħħaħ jekk jista' jkun bi provi jew argumenti li jreġu.

Innutajt li ħafna mill-kliem ippreżentat fil-lista jista' jinkiteb f'aktar minn għamla waħda. Dan għaliex il-kitba tiddependi jekk il-kelma in kwestjoni tkunx qiegħda tintuża bħala avverbju jew le. L-avverbju mhux nom u għalhekk qatt ma jieħu l-artiklu. Mela kelma bħal *fil-għaxija*, meta tintuża bħala avverbju, din għandha tinkiteb magħquda u mhux bis-sing. (Hekk ngħidu "*Wasal filgħaxija*", imma mbagħad niktbu "*Fil-għaxja tal-jum*, *waqgħet il-ħemda*). Dan jgħodd għal ħafna kliem simili. Jekk nieħdu l-kellma "*biż-żejjed*" hawn għandna l-partiċella **bi+artiklu+aġġettiv** (eżempju: "*Ma kienx jaf x'se jagħmel biż-żejjed li kien għad baqagħlu*) Imma meta l-kelma *bizżejjed* tkun tintuża bħala avverbju, din għandha dejjem tinkiteb magħquda. (eżempju: *Ilna nisimgħu bizżejjed ħmerijiet*). Eżempji simili oħra nsibu: *bħalissa*, *bħalma*, *dalwaqt*, *filwaqt*, *illum*, *ilbieraħ*, *ilbieraħtlura*, *nofsinhar*, *f'nofsinhar*, *filgħodu*. Dawn kollha għandhom jinkitbu kelma waħda u mingħajr sing. Kliem li għandu jimxi fuq din ir-regola hu dak li jġib in-numru: 4,15,16, 20, 21, 22, 24-30, 33, 34, 35, 36, 38, 39, 40, 41, 42, 48, 49, 50, 51, 52, 53-60, 73-79, 82, 83, 90, 96-108,110, 119-122, 146-159, eċċ. Madankollu, meta avverbju jkollu quddiemu partiċella, din xorta m'għandhiex tieħu l-artiklu u għandha tibqa' mifruda mill-avverbju. (289) Eżempju: niktbu: *ta' għada*, *s'issa*, *'il fuq*, *'il quddiem*, *'l isfel*; mela għandna niktbu *sa llum*, *ta' lbieraħ, bħal għada ġimgħa*, *bħal llejla*, *bħal llum*, *għal lbieraħ.* (Dwar dan ***It-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*** (2004) mhu ċar xejn għaliex jagħti ż-żewġ verżjonijiet tal-kelma bħala tajbin - p. 102). Fuq l-istess argumenti għandna niktbu dejjem *m'illum 'il quddiem* u mhux *mil-lum 'il quddiem*. Ma ninsewx li aħna niktbu wkoll *mn'Alla* (208) li hi taqsira għal *minn Alla* u għaldaqstant il-partiċella **minn** f'xi każi nsibu li titqassar ukoll.

Kliem li jibda bil-**GĦ** jew bl-**H**, meta jieħu l-artiklu u jkollu partiċella qabel, din ta' l-aħħar għandha tibqa' mifruda mill-artiklu. Hekk għandna niktbu *ta' l-għasfur* u mhux *tal-għasfur*; u *ta' l-hena* u mhux *tal-hena*, dejjem jekk irridu nkunu koerenti mat-tibdil li seħħ fl-***Aġġornament fuq it-Tagħrif Fuq il-Kitba Maltija***. **Parti IV (p.142)** tgħid li l-prefiss **J** quddiem verbi li jibdew bl-**GĦ** jew bl-**H** għadu jibqa' dejjem **J** u qatt ma jsir **i**. Ir-raġuni wara dik id-deċiżjoni kienet li, billi l-konsonanti **GĦ** u **H** huma siekta, l-verb jitqies daqs li kieku kien jibda b'vokali. Jekk f'dan il-każ l-**GĦ** u **H** huma meqjusa daqs li kieku kienu vokali, hekk għandu jsegwi l-argument ippreżentat aktar 'il fuq. (286)

Kliem li ħadnieh kif inhu mill-element Rumanz (mit-Taljan/ Sqalli) nissuġġerixxi li jinkiteb kif inhu, imma tintuża dejjem l-ortografija tal-Malti. Eżempju ta' dan insibu kliem bħal *a favur* (1), *akkreditat*, *akkredtu* (3), *gastro-intestinali* (85). *in generali* (126), *La Maltija* (162), *linji-gwida* (171), eċċ. Imbagħad kliem li jieħu l-prefiss **ko-** ta' min jiktbu wkoll kif jinkiteb fl-ilsien oriġinali u għalhekk għandna niktbu *kooperazzjoni*, eċċ. (141-144). Fil-każ tal-kelmiet *Afrika* (2), *Arabja (Sawdija*) (9) u *Magreb* (180), nistgħu nimxu fuq il-mudell Ewropew billi dawn il-kelmiet aktarx li daħlu mir-Rumanz/Anglo-Sassonu tard fis-seklu l-ieħor, minkejja li ilhom jeżistu mijiet ta' snin fl-ilsna semitiċi. Fil-każ tal-kelma *Magreb*, insibu l-aġġettiv t'għamla Rumanza mnissel minnha *Magrebini*

In-nom propju *Awwissu* (10) għandu jinkiteb b'**w** doppja. Dan għaliex il-konsonanti dgħajfa dejjem titlob vokali biex titleħħen. Kif din il-konsonanti taqa' meta ma jkollhiex vokali qrib/tmiss magħha, għandu jiġri bil-kontra meta konsonanti dgħajfa titħaxken bejn żewġ vokali. F'dan il-każ għandha tiżdied **w**/**j** oħra. Dan jgħodd aktar meta l-konsonanti dgħajfa tkun bejn żewġ sillabi, bħal fil-każ ta' kliem bħal *aw-wis-ta* (mhux *a-wis-ta*), *aj-jut* (u mhux *a-jut*). Mela hekk għandu jiġri wkoll fil-każ ta' *Awwissu.*

Mill-banda l-oħra, kliem bħal *beritta* (19), u *karozza* (135), għandu jinkiteb skond kif jinstema' fit-taħdit. Dawn il-kelmiet qagħdu sew għat-tlissin b'**r** nieqsa minħabba li t-tnejn li huma jistgħu jinqasmu f'sillabi bla tbatija ta' xejn (*be-rit-ta*, *ka-roz-za*). L-istess jgħodd għal kliem bħal *karozzin*, *karettun*, imma mbagħad ngħidu *kar-ret-ta* (u mhux *ka-ret-ta*).

Nomi propji għandhom jinkitbu dejjem b'ittra kbira. Dan jinkludi ismijiet ġeografiċi bħal *Il-Baħar Mediterran* (13), *ix-Xmara Ġordan* (305) l-*Oċean Indjan*, il-*Lvant Nofsani* Jgħodd ukoll għal titli ta' persuni bħal fil-każ ta' is-*Sur Borg* (274), l-*Isqof Mario Grech* u t-*Tabib Xuereb*. Waqt li l-kelmiet baħar, xmara, oċean, isqof u tabib jinkitbu b'ittra żgħira meta jintużaw bħala nomi weħedhom f'sentenza. Aġġettivi li jintużaw bħala nomi, bħal fil-każ ta' kliem bħal *Musulman* (209), *Nisrani* (216), *Buddist,* għandhom dejjem jintużaw ittri kbar. Hekk ukoll għal kliem bħal *Malti*, *Taljan*, *Ingliż*, eċċ. Fil-każ ta' l-interjezzjoni *allaħares* (5), din għandha tinkiteb b'ittra żgħira billi l-kelma ***alla*** hawn mhix tintuża bħala nom imma bħala parti mill-istess interjezzjoni.

Meta l-partiċelli **ta'**, **ma'**, **sa**, jiġu quddiem kelma li tibda b'vokali, dawn għandhom jiqsaru u jsiru **t'**, **m'**, **s'**. Hekk ukoll għandu jseħħ quddiem kliem li jibda b'**GĦ** jew **H** billi dawn huma konsonanti siekta u għalhekk għandhom jitqiesu bħallikieku kienu vokali. Mela quddiem nomi propji bħal *April*, *Elena*, *Indri*, *Ottubru*, eċċ. (276-280) dawn għandhom dejjem jiqsaru.

Kliem li jintemm bl-ittra **k** bħal *ċagħak*, *daħak*, u *serduk*, jew li jibda u jintemm bl-istess ittra k, eż. *kagħak,* jitlissen u jinkiteb ukoll bl-ittra **q** fl-aħħar, i.e. *ċagħaq*, *daħaq* u *serquk*, u bl-ittra **q** kemm fil-bidu u kemm fl-aħħar, i.e. *qagħaq*. Dan għaliex f'dan il-każ il-fonemi **k**, **q** huma wkoll, f'ċerti każi, allofonijiet għal xulxin. Għaldaqstant dawn għandhom jibqgħu jinkitbu t-tnejn, mingħajr diskriminazzjoni, l-istess bħalma niktbu *werqat* u *werqiet*, fejn il-fonema vokalika twila **a** hi allofon għall-fonema dittongali **ie**.

Billi l-aġġettiv diminuttiv *dgħajjef* jimxi fuq l-aġġettiv diminuttiv *sbejjaħ*, in-nom astratt *dgħufija* (63) għandu dejjem jinkiteb hekk billi din timxi fuq nom tip, *sbuħija*. Kull forma oħra ta' ortografija ta' din il-kelma hi żbaljata.

Fil-każ ta' verbi fl-imperfett plural li għandhom **GĦ** bħala l-ewwel radikali u konsonanti likwida bħala t-tieni radikali. dawn suppost li jieħdu l-vokali tal-leħen quddiem it-tieni radikali. Mela suppost li niktbu *nagħarfu*, *nagħalqu*, *nagħamlu*, eċċ. bħalma niktbu *nitolbu*, *nisirqu*. Madankollu, bħalma għedt aktar 'l fuq, billi l-konsonanti **GĦ** hi siekta, il-konsonanti likwida tan-nofs m'għandhiex bżonn ta' vokali tal-leħen biex titleħħen u għalhekk din il-vokali tista' ma tiżdidtx daqslikieku, il-konsonanti likwida kienet waħda sħiħa. Hekk niktbu *nagħrfu*, *nagħlqu* u *nagħmlu*. Dan jgħodd ukoll għall-verbi li għandhom il-konsonanti **H** bħala l-ewwel radikali, eżempju *nehmżu* (212-215), għalkemm f'ċerti djaletti fejn l-**H** titleħħen fi kliem bħal xahar, dahar u hemeż, din titqies bħallikieku kienet il-konsonanti sħiħa **Ħ** u għalhekk il-kelma *nehmżu* titlissen /*neħimżu*/.

Kliem mibni fuq iz-zokk morfemiku /**propr**/ u li ġej mill-kelma rumanza *proprio*, eċċ. suppost li jżid il-konsonanti **j** wara t-tieni **r** u hekk niktbu *proprju*, *proprjetarju*, eċċ. (232-235). Madankollu, minħabba li l-konsonanti likwida **r** titħaxken bejn il-konsonanti sħiħa **p** u konsonanti dgħafja **j**, din għandha t-tendenza li tintilef fit-tleħħin. Għaldaqstant forsi wasal il-waqt li l-konsonanti **r** f'każi bħal dawn taqa' billi m'għandiex valur morfemiku u għalhekk

ma taffettwax it-tifsira tal-kelma. Hekk inkunu nistgħu niktbu *propju*, *propjetarju*, eċċ. bla sforzi żejda biex inlissnu l-konsonanti **r**.

Il-kelmiet *skond* u *skont* (265) għandhom tifsira differenti u għalhekk għandhom jinkitbu t-tnejn, ta' l-ewwel biex tfisser according to waqt li t-tieni tfisser tnaqqis mill-kont. Dan jiġri wkoll fil-kelmiet *kas* u *każ*.

Ċertu vokabularju fil-Malti mhux daqshekk faċli tiddeċiedi kif għandek tiktbu meta etimoloġija tissuggerixxi mod u t-tlissin tal-kelma (l-aspett fonetiku) jissuġġerixxi mod ieħor. Każi bħal dawn għandna (31) *bies/bież,* (61) *den/denn*, (68) *dvalja/tvalja* (91) *għafrid/għafrit,* (109) *għarkobbtejh/għarkopptejh, eċċ.* u (246) *rkobba/rkoppa*. F'dawn il-każi forsi aħjar li wieħed jimxi ma' l-etimoloġija tal-kelma meta jiġi biex jiddeċiedi dwar l-ortografija tagħhom. F'każi oħra fejn l-aspett fonetiku tal-kelma donnu li jissupera l-aspett etimoloġiku, bħal fil-każ tal-kelmiet: (43) *buz/bwiez*, (177) *magna*, u (268) *zobtu*, wieħed forsi għandu jimxi fuq l-aspett fonoloġiku. Imbagħad għandu jkun hemm aktar ċertezza fl-ortografija ta' kelmiet bħal: (88) *gods* li mill-għerq tagħha noħorġu l-verb tat-tieni forma *geddes*, (210) *nagħnagħ,* billi minn dan il-verb noħorġu n-nom *nagħniegħ* u (228) *priedka* billi miz-zokk morfemiku tagħha noħroġu n-nom *predikatur*.

# Lawrenz Cachia

**Daħla**

1. Niżżiħajr lill-Kunsill tal-Malti li qed jagħtini ċans jew *chance* li nesprimi l-fehma tiegħi fuq dan is-suġġett. Hija ħaġa tajba li jkun hawn awtorità li taqta' ċerti kwestjonijiet dwar l-ilsien Malti, u j'Alla l-Kunsill tal-Malti, li poġġa idu fuq il-moħriet, ma joqgħodx iħares lura.

2. Il-kwestjoni ma hix ħafifa għaliex hemm ħafna faċċati u ħafna kawżi wkoll. Tajjeb li fost oħrajn insemmu dawn:

(a) Għalkemm is-suġġett huwa Varjanti Ortografiċi, il-varjanti l-oħra (fonetiċi) ma nistgħux ninsewhom għaliex xi drabi ż-żewg kategoriji jitħalltu flimkien.

(b) Hemm kliem qadim (ġeneralment ta' nisel Semitiku) li dwaru għandna regoli stabbiliti (ukoll jekk mhux kulħadd jaqbel magħhom kollha).

(c) Hemm kliem aktar reċenti *(boots/buz)* li quddiemu ħafna nies iħossuhom diżarmati, donnu ma hemmx regoli jew jiddubitaw liema regoli għandhom japplikaw.

**Dwar l-Ortografija**

3. Il-problemi marbutin ma' l-ortografija fil-kelmiet alternattivi jistgħu jidħlu f' diversi kategoriji:

(a) Hemm kliem li xi wħud jiktbuh mifrud u oħrajn jorbtuh bħala kelma waħda.

(b) Hemm kliem li xi wħud jiktbuh ftit jew wisq kif jitlissen u oħrajn jiktbuh mhux kif jitlissen.

(c) Hemm il-kliem reċenti mill-Ingliż u t-Taljan li xi wħud jiktbuh kif isibuh fl-Ingliż jew fit-Taljan u oħrajn jiktbuh la Maltija.

Hemm kliem li jidħol f'aktar minn kategorija waħda.

**Xi prinċipji**

4. Hawn żewġ għamliet ta' ortografija (għallinqas fil-pajjiżi tal-Punent): waħda hija tassew **xjentifika** u din hija dik biss li tirriproduċi l-kliem kif jinħass, per eżempju kif jiktbu dawk li jistudjaw il-fonetika u jużaw l-IPA; l-oħra hija ortografija **popolari** li tintuża fil-kotba u fil-gazzetti ordinarjament, u din qatt ma hi xjentifika, għax hija kompromess bejn ħafna ħwejjeġ. Din ta' l-aħħar ġeneralment tiġi stabbilita minn xi awtorità (ħafna drabi wara oppożizzjoni qawwija) u, la darba tkun daħlet, għandha tiġi rrispettata ukoll jekk ma tkunx l-aħjar waħda. Fl-opinjoni tiegħi l-ortografija tax-Xirka Xemija kienet aħjar minn dik tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, iżda mhux qed nissuġġerixxi li nirxuxtawha. **B'dankollu wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li niżbaljaw jekk nittrattaw l-ortografija uffiċjali bħala xjentifika jew immutabbli f'kull dettall.**

5. Meta aħna nitkellmu, aħna ma nippronunzjawx il-kliem waħda waħda, iżda norbtu ħafna kliem flimkien. Elfejn sena ilu, min jikteb ukoll ma kienx iħalli spazju bejn kelma u oħra, u dan narawh f'ċerti manuskritti tal-Vanġeli li għadhom jeżistu sal-lum. Maż-żmien, fil-kitba, bdew jifirdu kelma minn oħra. Din il-ħaġa intgħoġbot għax fiha

diversi vantaġġi u għalhekk għandna nżommuha. Iżda mbagħad xi kelmiet reġgħu bdew jinkitbu magħquda. U ċerti kittieba tal-lum donnhom iridu jmorru għall-antik għax qed jorbtu flimkien **u bla bżonn** tlieta jew erba' kelmiet li aħjar jitħallew mifruda. Ma hemmx regola fissa, iżda la qed niktbu bil-Malti, u mhux bil-Ġermaniż, jidhirli li kemm nistgħu għandna nifirdu l-kliem, mhux norbtuh.

6. Meta żewġ kelmiet flimkien jieħdu tifsira partikulari aktarx għandhom jinkitbu mwaħħdin. *Kilt biżżejjed u ma kilt xejn żejjed. Ġie billejl/binhar bil-karozza.*

7. Iżda naħseb li xi drabi qed nifirdu żżejjed, u ħlaqna alternattiva bla bżonn, meta daqqa niktbu *tal-* u daqqa *ta' l-*. Bħalma niktbu *tal-ktieb* għandna niktbu *tal-isqof.* Hekk nevitaw alternattiva żejda u nkunu aktar sempliċi. Mhux veru li hemm raġuni għaliex għandna nifridu *tal-* meta niktbu *tal-isqof.* Hemm biss tabù (ara n. 5).

8. Għall-kuntrarju, f'isem is-sempliċità wkoll, il-kelm *lum,* li hija għamla oħra ta' *jum,* m'għandix titwaħħad ma' l-artiklu, iżda għandna niktbu b'mod uniformi, *il-lum is-Sibt, bil-lum għaddew tmint ijiem, bħal-lum ġimgħa, tqabbilx il-bieraħ mal-lum, mil-lum 'il quddiem, sal-lum, tal-lum.*

9. L-Ortografija popolari hija, fost ħwejjeġ oħra, kompromess bejn il-ħoss jew tlissin u n-nisel tal-kliem. De Soldanis, Vassalli, Ninu Cremona u oħrajn kollha qalu li l-alfabett/ortografija tagħhom jiktbu l-kliem kif inlissnuh, iżda kollha għamlu ħafna eċċezzjonijiet. Jidhirli li l-eċċezzjonijiet iridu jkunu, iżda huma wisq u jmisshom jitnaqqsu.

10. Bla ma nkunu assolutisti, u waqt li nirrispettaw ukoll in-nisel tal-kelma, nemmen li kemm jista' jkun għandna niktbu kif inlissnu. Dan jgħodd b'mod speċjali fejn jidħlu l-vokali. Hawn ma għandux ikun hemm eċċezzjonijiet ħlief ftit ħafna. Għalhekk: *imġieba* mhux *imġiba*; *qegħda* mhux *qiegħda*; *m'inix* mhux *m'iniex*; *qegħedna* mhux *qegħidna*; *għexna* mhux *għixna; Awwissu* mhux *Awissu*. Fejn jidħlu l-vokali nistgħu naċċettaw eċċezzjoni fi kliem bħal *triq, fih,* li jitlissnu *trieq, fieh.*

11. Il-verb *għex/għax* jitlob attenzjoni speċjali. Jekk fil-grammatika nkunu poġġejna bħala preambolu li t-tliet ittri *għi* jinqraw dejjem *ej/aj*, allura rridu niktbu *ngħixu* mhux *ngħejxu.* Hekk ukoll *għixien* mhux *għejxien,* avolja hemm *sejbien* u *dewmien*. Min jikteb *għejxien* qed iżid J bla bżonn, għax il-ħoss tal-J huwa diġà inkluż (*by definition*) fit-tliet ittri *għi.* Huwa wkoll żball li ngħidu li *Għex* jikkonjuga bħal *Sab,* għax fil-grammatika deskrittiva din hija ħolma mhux realtà.

12. Nippruvaw insalvaw kemm nistgħu l-etimoloġija fil-konsonanti (mhux fil-vokali) tal-għeruq. (Hawn infakkar li ESI ħallat il-vokali IE ma' konsonanti, u dan kien żball kbir).

13. Fil-konsonanti wkoll għandna eċċezzjonijiet, jiġifieri ġie li nitilfuhom bħal fil-kelmiet *ma setax, ma stajtx,* u l-bqija fejn l-GĦ tgħib. Fuq din l-analoġija, il-kelma *djufija* għandha titlef l-*għ* li, meta tinkiteb, mhux biss tinkiteb ta' xejn iżda tħawwad lil ħafna. Tinkiteb ta' xejn għax l-GĦ ħalliet postha lill-ewwel J.

14. Għeruq li nbidlu għal kollox niktbuhom kif jeżistu l-lum. Għalhekk *heżżeż* mhux *heżheż*, u l-bqija.

15. Fi kliem mhux Semitiku diġà konna ddeċidejna li ma nimxux ma' l-etimoloġija iżda mal-ħoss. Din ir-regola għandha tibqa' u niktbu *prietka* avolja *predikatur* u *predikazzjoni*. Hekk ukoll fl-ismijiet (anke dawk Semitiċi) ma niktbux *Teresa* iżda *Tereża*, u hekk ukoll niktbu *Iżaija, Iżrael, Ġużeppi* mhux *Ġuseppi*. Ħadd ma għandu

jistħi minn dan. L-Ispanjoli ma jistħux jiktbu *Adán* flok *Adam* u *Abrahán* flok *Abraham* u l-bqija.

16. Dwar kliem Ingliż li daħal, speċjalment dan l-aħħar, u li kważi ma tbiddel xejn fil-ħoss, bħall-kelma Ingliża *computer,* jiena nagħmel din l-għażla: Kliem li għalkemm daħal dan l-aħħar huwa tant komuni li ngħiduh kull ħin, kważi kull minuta, dan għandna niktbuh la Maltija. Hekk nikteb *kompjuter, kompjuters.* Kliem li mhux komuni jew tekniku ħafna, forsi aħjar jinkiteb kif inhu fl-Ingliż u jinkiteb korsiv jew bejn virgoletti.

17. Fejn hemm alternattiva ta' żewġ kelmiet li ma jitlissnux l-istess minn kulħadd, jekk iż-żewġ għamliet huma komuni ħafna, għandhom jibqgħu it-tnejn fit-tlissin u fl-ortografija. Il-kompjuter mhux se jbati biex jaħżinhom it-tnejn. Fejn għamla hija mxerrda ħafna u l-oħra tingħad minn ftit nies biss, nagħżlu ta' l-ewwel.

**Allotropu**: il-mod divers kif tiġi ppreżentata l-istess lessema/kelma bl-istess tifsira. eż. xtieq/xtaq; hedded/hedhed, eċċ. L-allotropi jissejħu wkoll **doppjuni**. L-allotropi jeżistu f'kull lingwa. X'niktbu: *paralyze* jew *paralyse*, *wharfs* jew *wharves*? Jidher li fl-Ingliż huma aċċettati bħala varjanti. Madankollu l-għadd ta' allotropi fil-Malti hu pjuttost allarmanti. Għaldaqstant ħa nagħti xi suġġerimenti li bihom nistgħu neliminaw ħafna minnhom. Nagħmilha ċara mill-ewwel li ħafna mill-preferenzi tiegħi huma purament arbitrarji (u mhux imsejsa fuq prinċipji lingwistiċi). Għażliet oħrajn, imbagħad, jistrieħu fuq kunsiderazzjonijiet etimoloġiċi, fonetiċi, jew sempliċiment prattiċi.

**1. Ittri kapitali**

i. L-Ingliżi jiktbu: *Muslim, Chinese, Maltese*, eċċ.
It-Taljani jiktbu: *musulmano, cinese, maltese*, eċċ.
Jidhirli li għandna nimxu fuq is-sistema Ingliża; għalhekk, l-ismijiet ta' ġnus, entitajiet ġeografiċi, lingwi, u reliġjonijiet għandhom dejjem jibdew b'ittra kapitali.
Eż. *iċ-Ċiniżi, it-Taljani, Ewropew, l-(ilsien) Ingliż, Semitiku, Romanz, Musulman, Nisrani, Protestant, il-Lvant Nofsani, il-Baħar Mediterran, il-Korea t'Isfel, ix-Xmara Ġordan*, eċċ.
Nota: Għandna niktbu *Romanz* biex nagħżluha minn *rumanz* (storja).

ii. Fuq is-sistema Ingliża wkoll għandna niktbu: *is-Sinjura X, is-Sur X, Monsinjur Lapira, il-Ġeneral Custer, l-Isqof Caruana, il-Kappillan Borg, il-Prof. Fenech,* eċċ. (b'ittra kapitali, dejjem jekk it-titlu jkun mehmuż ma' isem proprju). Mill-bqija niktbu: *l-isqof mar Għawdex; il-papa ġie Malta, il-kappillan qaddes ta' l-għaxra*, eċċ.

iii. Għandhom jinkitbu b'ittri kapitali wkoll l-irjiħat - *il-Majjistral, ix-Xlokk*, eċċ. (għax huma nomi proprji). Bil-kriterju msemmi hawn fuq għandna niktbu l-*Ġermanja tal-Punent* imma mbagħad ngħidu *fin-nofsinhar tal-pajjiż.*

**2. Distribuzzjoni semantika**

Hemm xi varjanti li jistgħu jinżammu t-tnejn meta t-tifsira tkun differenti.

i. <u>*Biż-żejjed*</u> li jibqa' nistgħu nixtru ħwejjeġ oħra.
ii. Issa <u>*biżżejjed*</u>! Dejjaqtni!

i. Issa <u>*żżejjed*</u>! (*enough*) Aqtagħha!
ii. <u>*Iż-żejjed*</u> (*surplus*) ħu n-nieqes.

i. <u>*Bilkemm*</u> laħaq daħal li ma bediex jargumenta.
ii. <u>*Bil-kemm*</u> qed jinbiegħu l-lampuki llum?

i. <u>*Bilħaqq*</u>, għax kont sa ninsa!
ii. Is-sultan dejjem mexa <u>*bil-ħaqq*</u> (bil-ġustizzja).

i. Toni jħobb l-isfar, <u>*filwaqt*</u> li ħuh iħobb l-aħmar.
ii. Il-baħri juri xi jsarraf <u>*fil-waqt*</u> (fil-ħin) tal-prova.

i. Nispera li <u>*dal-waqt*</u> (dal-mument) diffiċli jgħaddi malajr.
ii. <u>*Dalwaqt*</u> (fi ftit ħin ieħor) inkun miegħek.

i. La din u <u>*lanqas*</u> (*nor*) l-oħra.
ii. <u>*L-anqas*</u> (*the least*) marka li ġibt kienet fl-Ingliż.

i. <u>*Skond*</u> (*according*) l-aħbarijiet mietu tnejn.

ii. Il-ħanut kien qed joffri _skont_ ta' ħamsa fil-mija.

i. Ix-_xiehda_ (*witnesses*) ddeċidew li l-imputat kien ħati.
ii. Jeħtieġ ikollna _xhieda_ (prova/*evidence*) xierqa.
Nota. Niktbu *xhud* u *xhieda* fuq il-mudell *fqir* u *foqra*.

i. Il-pulizija qabduh _fil-fatt_ (*in the act*).
ii. _Filfatt_ (*in fact*), ma rebaħ xejn.

i. _Minnbarra_ (*apart from*) hekk, għandu jagħtini l-flus.
ii. Il-knisja, _minn barra_ (*from the outside*), tidher awstera ħafna.

i. Għandu tort u _minfuq_ irid jieħu tiegħu.
ii. Meta tħares lejha _minn fuq_, il-knisja tidher imponenti ħafna.

i. _Għalkemm_ (*although*) ma marx għal-lezzjonijiet, xorta għadda mill-eżami.
ii. _Għal kemm_ nies (*for how many*) sa narmaw il-mejda?

i. Il-film ma kienx ħażin _għallaħħar_.
ii. Ipprova tħallix _għall-aħħar_.

i. Hu jmur jara lil ommu _kuljum_ (*everyday*).
ii. _Kull jum_ (*every day*) li jgħaddi, nersqu lejn it-tmiem.

i. _Ma' dan kollu_ (*together with*) li diġà semmejna, irridu nżidu punt ieħor.
ii. _Madankollu_ (*however*), ħadd ma mar jarah.

i. Xtrajt kollox _mingħandu_.
ii. _Min għandu_ l-għali, ikompli jżidu.

i. Dak ir-raġel ftit _maħniex_.
ii. Ilum _m'aħniex_ ġejjin.

ii. _X'ħin_ (*what*) hu bħalissa?
iii. _Xħin_ (*when*) daħlu marru jorqdu minnufih.

i. _Illejla_ niltaqgħu fit-tmienja ħdejn Bieb il-Belt.
ii. _Il-lejla_ letterarja tal-bieraħ kienet suċċess.

i. _Bil-għaqal_ ta' moħħu rnexxielu jasal fejn ried.
ii. Illum diffiċli ssib ġuvni _bilgħaqal_.

**3. Kliem kompost**
Mill-bqija, bħala regola ġenerali, il-kelmiet l-oħra għandhom jidhru f'forma komposta, aktar u aktar jekk għandhom is-saħħa ta' avverbji, aġġettivi, jew parteċipji, eċċ.

*bħalissa, bħalkieku, bħallikieku, bħalma, bħalmeta, bħalxejn.*

*għalbiex, għalfejn, għalhekk, għalissa, għalxejn, għalxiex,*
*għaldaqstant, għaldaqshekk, għalgħarrieda, għallanqas, għalkollox, għalgħajnu.*

*madwar, maġenb, matul.*

*safejn, saflaħħar, sadanittant, safrattant, saflaħħar, salaħħar, saħansitra, sakemm, sabarra.*

*minbejn, minfejn, minxiex, minflok, mingħajr, mingħalija, mingħand.*

*kulfejn, kulħadd, kullimkien, kuljum, kulma, kulmeta, kulmin, kultant, kulxejn.*

*daqskemm, daqshekk, daqsxejn, daqslikieku, daqskieku, daqstant.*

*xi ħaġa* (*something*), *xiħadd* (*somebody*), *ximkien* (*somwhere*), *ximindaqqiet* (*sometimes*), *xikultant* (*sometimes*).

*fuqnett, isfelnett, l-ewwelnett, it-tieninett, it-tieletnett, taħtnett, barranett, bidunett, fl-aħħarnett, ġewwanett, waranett, fl-aħħarnett, qiegħnett, quddiemnett, tarfnett.*

*(i)llum, bħallum, (i)llejla, dalgħodu, dallejl, filgħodu, filgħaxija, dakinhar, nofsinhar, nofsillejl, (i)lbieraħ, (i)lbiraħtlula, awlillejl, binhar, billejl.*

*bilqiegħda, bilwieqfa, bilfors, għarukaża, ġaladarba, ladarba, ġieli, għadilli, sewwasew, tassew, dawramejt, dażgur, allaħares* (b'*a* żgħira), *hawnhekk, hemmhekk, qabelxejn, kemxejn, darboħra, talanqas, tabirruħu, tampari, tabilħaqq, darbafil, dalħin, qajlaqjl, liemabħalu, laġenba, lakemm.*

Nota 1. Għal darboħra, jekk fost dawn tinħoloq ambigwità semantika għandna nżommu ż-żewġ forom u jiżdiedu mal-lista murija f'nota 2.
Nota 2. Għandna niktbu: *ta' llum, sa llum* (għall-konsistenza) iżda *mil-lum* u *bħal-lum* (minħabba li tliet ellijiet ma jistgħux joqogħdu ħdejn xulxin bħalmeta niktbu *mil-Lhud*).
Nota 3: il-kelmiet *it-tieninett, it-tieletnett, quddiemnett, qiegħnett, (i)lbieraħtlula,* u *liemabħalu* teknikament għandhom jinkitbu *t-tininett, it-tiletnett, quddimnett, qigħnett, (i)lbiraħtlula*, u *limabħalu* minħabba l-ispostament ta' l-aċċent. Iżda ma narax għaliex għandna nibdluhom.

**4. Aċċent**
Biex nagħmlu differenza semantika bejn xi kelmiet li jinkitbu bl-istess mod, tajjeb li niktbu l-aċċent.
Xi eżempji: *żina, żîna; ħara, ħâra; xandar, xandâr; baħħar, baħħâr; ġara, ġâra,* eċċ.

**5. Armonoija vokalika**
Veru li niktbu *berikna* (bis-sekwenza *E-I*) - imma għall-armonija vokalika, tajjeb li niktbu: *begħedna, regħedna, ġegħelna, megħekna, qegħedna, wegħedna*, *dehebna*, eċċ. (bis-sekwenza *E-E*).

**6. Sekwenza konsonantali**
Safejn naf jien is-sekwenza konsonantali $K^1K^2K^2$ fil-Malti ma teżistix. Jidhirli li din ġiet ippruvata minn studjużi tal-fonetika b'mod xjentifiku.
Għalhekk għandna niktbu: *gerbu, partu* u mhux *gerbbu, parttu.*
Bl-istess kriterju m'għandniex naċċettaw kliem bħal *lewnna, fejnna,* u *ħdejnna*.

**7. Negħlbu/negħelbu**
Il-verbi trilitteri kollha li jibdew bl-GĦ/H (anki dawk li għandhom konsonanti likwida fin-nofs) għandhom jimxu fuq il-mudell RIKEB/RESAQ/RABAT.
Mela *negħlbu* bħal *nirkbu*; *jagħrfu* bħal *jersqu*, *nehmżu* bħal *norbtu*, eċċ.
mhux *negħelbu* bħal *noħolmu* u *jagħarfu* bħal *joħolmu*.

**8. Maħniex/m'aħniex**
Jidhirli li għandna nibqgħu niktbu: *m'hijiex, m'huwiex, m'humiex, m'aħniex, m'intix, m'intomx,* eċċ. (almenu meta l-pronom verbali jidher sħiħ).

Fil-forom imqassra nistgħu ngħaqqduhom mal-partiċella: *mintx, mhix, mhux*, eċċ. (ħa nkomplu nqassru).

**9. S/Ż**

i. Fiż-*Żieda mat-Tagħrif*, l-Akkademja qaltilna li fejn jidħol il-ħoss *S/Ż* għandna nimxu fuq il-prinċipju fonetiku. (Erħilha li fl-istess dokument diġà hemm żewġ inkonsistenzi - *sdruċċjolu* u *musulew* - li allura suppost jinkitbu biż-*Ż*)

Biss dan mhux prinċipju ċar biżżejjed u naħseb li għandna nagħmlu xi eċċezzjonijiet. Hekk, ngħidu aħna, bqajna niktbu: *sintesi, parentesi, metatesi, protesi,* eċċ. Minkejja li fonetikament tinħass iż-*Ż,* jidhirli li din id-desinenza (-*ESI*) għandha tinżamm.

ii. Mill-bqija jidhirli li għandna niktbu d-desinenzi -*OŻI, -IŻI*, u -*EŻIJA*: eż. *psikożi, trombożi, nevrożi; analiżi, paraliżi; ferneżija, amneżija, anesteżija,* eċċ.

Bil-prinċipju fonetiku wkoll għandna niktbu: *żgombra, żgarra, żmerald, żbandola, żbirri, żvoga, lażanja*, *zoptu,* eċċ.

iii. Issa ilna niktbu *Svezja* u *Svizzera*. Veru li fonetikament jinħassu bi-*Ż*, imma ma narax għaliex għandna nibdluhom issa li ndraw.

iv. Nistgħu, jekk irridu, nżidu dan il-prinċipju: Niktbu l-prefissi *MIS*- u *DIS*- quddiem konsonanti (eż. *mistika, misfatt, misterjuż, distakk, dispjaċut, diskussjoni, disgwid, disgustat, disgrazzja*, eċċ) u *MIŻ*- u *DIŻ-* quddiem vokali (eż. *miżoġinija, miżantropu, miżerabbli, diżinterija, diżordni,* eċċ).

**10. Il-partiċella TA'**

i. Tista' titqassar quddiem kelma li tibda b'ħoss vokaliku: *t'April, t' Elena, t'Indri, t'Ottubru, t'Ugo, t'hawnhekk, t'għemilu,* eċċ. Ma jidhirlix li għandha tkun regola, u għalhekk tista' tħalli l-partiċella sħiħa.

L-istess jgħodd għall-partiċelli *MA'* u *SA*.

ii. M'għandhiex tingħaqad ma' l-artiklu meta jkollna t-tranżizzjoni miftuħa: *ta' l-għadu, ta' l-hena, ta' l-ilma, ta' l-aħħar,* eċċ. Dik il-pawsa qasira għandha tiġi rrispettata.

L-istess jgħodd għall-partiċelli *MA'* u *SA*.

**11. Kliem ta' nisel Taljan I**

M'għandniex inħallu partiċelli Taljani (bħal *da, a, in, la, per, sotto, super,* eċc) mdendlin ladarba fil-Malti m'għandhomx valur waħedhom. Għalhekk imissna niktbu:

i. *daparti, affavur, inġenerali, inkwistjoni, lamaltija, perkażu, pereżempju, stabene, sottokumitat, sottospekkju, superpotenza granmastru, eċċ.*

Għalkemm mhux bl-istess kriterju, ma' dawn nistgħu nżidu: *użufrutt, santafjakka, santapaċenzja, sekondkuġin, primkuġin, proziju, sekondawla, skansafaċendi, pezzakustjoni. primadonna, radjudramm, manġapassiġġa, eċċ.*

B'konvenzjoni nibqgħu nikbu: prim ministru.

ii. Naqbel ma' *bibljoteka, bibljografija.*

iii. Naqbel ma' *proprju, proprjament, proprjetà.*

iv. Naqbel ma' *soċjo-politiku, psiko-lingwistiku, morfo-sintattiku, eċċ.* (jekk l-ewwel terminu hu aġġettiv ukoll).

v. Niktbu *anti-Faxxista, pro-Taljan* (jekk it-tieni terminu jibda b'ittra kapitali), imma mbagħad niktbu antisettiku, propożizzjoni, eċċ.

vi. Billi niktbu *tnabar/lniebet/dniefel* fil-plural aħjar niktbu *tanbur/lenbut/denfil* fis-singular.

vii. Nistgħu nżommu *denfil* (*dolphin*) u *delfin* (*dauphin*).

vii. Nistgħu nżommu *oriġinalment* (b'mod oriġinali) u *oriġinarjament* (fil-bidu).

**12. Kliem ta' nisel Taljan II**

Fejn hemm dubju dwar xi konsonanti fi kliem ta' nisel Romanz tajjeb li napplikaw il-prinċipju etimoloġiku.

Għalhekk niktbu: *pillola (*pinnola), bersall (*versall), valdrappa, (*faldrappa), flanella (*franella), pulċinell (*purċinell), kulunell (*kurunell), alkova (*arkova), kalkara (*karkara),*

*kaldarun (*kardarun), barbuljata (*barbuljata), friskatur (*flisaktur), tarjola (*taljola), sakrarju (*sagrarju), kamumilla (*gamumilla), vakanti (*vaganti), adekwat (*adegwat)*, eċċ. (Fejn il-ħoss hu ovvju nistgħu nħallu l-prinċipju fonetiku jaħdem: *magna, gverta,* eċċ).
Għandna naċċettaw il-metatesi fi kliem bħal *kurċifiss (*kruċifiss), purċissjoni (*proċessjoni), lasktu (*lastku), denfil (*delfin), porvli (*polvri),* eċċ.
Għandna niktbu *skeletru (*skenetru), kwalunkwe (*kulinkwa), xkuma (*skjuma), plaċidu (*plaċtu), rewmatiżmu (*ramatiżmu)*, eċċ. biex nippreservaw il-verżjoni oriġinali.

**13. Kliem ta' nisel Taljan III**
i. Fejn hu possibbli nevitaw is-sineresi.
Għalhekk niktbu: *ġeografija, koreografija, dijaboliku, dijanjosi, dijagoanli, dijaframma, duwaliżmu*, eċċ.
ii. Tajjeb li nżommu l-vokali *I/O/E* fi kliem bħal: *Amerika, aritmetika, oriġini, pronostiku, eretiku, rettangolu, baritonu, rakkomandazzjoni, nukleju, liberu, esseri,* eċċ. (forom mingħajr is-sinkope). Biss nistgħu niktbu *reċta, utli, eżerċtu, titlu*, eċċ. (forom sinkopoti).
Fejn hu possibbli għandna niktbu l-kelma sħiħa. Għalhekk għandna niktbu: *inġinokkjatur, inkwatru, infermerija, jiġifieri, alabarda, arranġament, estravaganti, esperimetali, eskluda, lamtu, lanġas, lanterna, loppju, minħabba, eċċ. Biss nistgħu niktbu abatija, tawr, minotawr, melodramm, lesta, awditorju, aluminju, zunnarija, denċi, eroglifiċi,* eċċ.
iii. Naħseb li għandna naċċettaw l-assimilazzjoni fi kliem bħal *abbulanza (*ambulanza), krettu (kredtu), kannierja (karnierja), ammirall (*armirall)*, eċċ.

**14. Konsonanti mtennija I**
Forsi l-akbar uġigħ ta' ras hi l-kwestjoni tal-konsonanti doppji fi kliem Romanz.
L-ewwel nikkunsidraw il-każijiet meta l-konsonanti mtennija tkun imħaxkna bejn żewġ vokali. Għal raġunijiet prattiċi nistgħu niktbu: *eċitament, inteliġenti, beritta, karozza, karozzin, karozzella, karettun, komunità, katidral, imigrazzjoni, komuniżmu, komunikazzjoni, retorika, retifika, terazzin, efimeru, pelikan, providenza, proviżorju, provediment, provista, improvizza, kaligrafija, leġibbli, efimeru*, *dubju*, *simetriku*, eċċ. Jidhirli li l-maġġoranza tan-nies ilissnu dal-kelmiet b'konsonanti waħda.
Imbagħad niktbu: *traxxendentali, fanfarra, subbasta, avvanzat, ammorin, sammaritan, galletta, gallettina, addotta, addatta, bizzar, abbiss*, *pepprin*, eċċ. Jidhirli li l-maġġoranza tan-nies ilissnu dal-kelmiet b'konsonanti mtennija.

**15. Konsonanti mtennija II**
Kif sa nsibu tarf tal-konsonanti mtennija meta taħbat qabel konsonanti oħra?
Stajna applikajna din ir-regola: Sillaba tista' tispiċċa b'konsonanti mtennija jekk tkun is-sillaba tonika. Għalhekk, jekk l-aċċent qiegħed fuq sillaba oħra niktbu konsonanti waħda. B'dal-prinċipju niktbu: *kumpless, pitazz, bibbja, dobblu, ħallset, (i)bbukkja, (i)ssettja*, eċċ.
i. *żball* iżda *żbaljati*
ii. *bżonn* iżda *bżonjuż*
iii. *doppju* iżda *(id)duplikat*
iv. *loppju* iżda *(il)lupjat*
v. *novizz* iżda *novizjat*
vi. *obbligu* iżda *obligazzjoni*
vii. *ribell* iżda *ribeljoni*
viii.*tripplu* iżda *triplikat*
ix. *uffiċċju* iżda *uffiċjali*
x. *vantaġġ* iżda *vantaġjuż*
xi. *effett* iżda *effetwat*
Bl-istess prinċipju konna niktbu: *akwarell, akwadott, anwali, atwali, ruxmata, eklissi, aċjomu*, eċċ.
Madankollu, dis-sistema fiha d-difetti tagħha:
A. Billi l-Akkademja ddeċidiet li ssir għażla bejn -ZJONI u -ZZJONI, ikollna niktbu *edukazzjoni, spjegazzjoni,* eċċ. (Kont nippreferi *edukazjoni, spjegazjoni,* eċċ).

B. Fil-Malti kliem bħal *farrkithom, imkissrin*, eċċ. huma diġà aċċettati, anki jekk is-sillaba b'konsonanti doppja mhijiex is-sillaba tonika.
Jekk allura l-prinċipju li bdejt bih ma jreġix għandna nibqgħu nżommu l-konsonanti mtennija f'kull derivazzjoni tal-kelma: *bibbja/bibbliku, bżonn/bżonnjuż, uffiċċju/uffiċċjali, obbligat/obbligazzjoni, ribell/ribelljoni, novizz/novizzjat, dettall/dettallji, żball/żballjat, impenn/impennjattiv, stann/stannjatur*, eċċ. Hu x'inhu jeħtieġ tinstab xi għamla ta' konsistenza.
Nota: Ma nistgħux niktbu *bżonjuż* jekk imbagħad niktbu *millennju.*

**16. Konsonanti mtennija III**
Għandna niktbu kliem li jispiċċa *-ATTIV, -ETTIV, -OTTIV u -ITTIV* b'konsonanti doppja: *superlattiv, relattiv, effettiv, infettiv, mottiv, emottiv, deskrittiv, primittiv*, eċċ.
Għandna niktbu kliem li jispiċċa *-IBBLI, -ABBLI u -UBBLI* b'konsonanti doppja: *riversibbli, sensibbli, responsabbli, probabbli, volubbli, solubbli*, eċċ.
Billi dawn l-aġġettivi jieħdu konsonati mtennija, tajjeb li niktbu n-nomi b'*B* doppja wkoll: *sensibbiltà, probabbiltà*, eċċ. (mhux **sensibilità, *probabilità*).

**17. Konvenzjoniet oħra**
i. Issa ilna niktbu: lura, wiċċ *imb'wiċċ, mn'alla,* u *ras imb'ras.* Ma narax għaliex għandna niktbuhom mod ieħor issa li ndraw.
ii. Issa ilna niktbu *Afrika*, *Awissu*, u *amen*. Veru li fonetikament l-aħħar tnejn jinħassu b'konsonanti mtennija; imma ma narax għaliex għandna niktbuhom mod ieħor issa li ndraw.
Nota. *Afrika* tidwi l-istess mudell fonoloġiku ta' *abdika* (li tinkiteb b'*B* waħda).
iv. Għal raġunijiet prattiċi nistgħu nagħżlu l-forom tal-verb *ngħaraf, ngħażel, ngħoġob* (mingħajr *T*), *ntefaq, ntefaħ, ntesa* (mingħajr *N*), *saqsa* (mingħajr *T*), *ntradam, ntrema', ntrefa'* (flok **rtadam, *rtema', *rtefa'*), eċċ.
iii. Għal raġunijiet prattiċi wkoll nistgħu nagħżlu l-form *għarax, hedded, heżżeż* (flok **għargħax, *hedhed, *heżheż*); *għejxien u għejbien* (fuq il-mudell ta' *dawmien, sejbien*); *għejra u għejxa* (fuq il-mudell *sejba*).
iv. Nippreferi nikteb *nrodd* u *nlum* (mingħajr assimilazzjoni - flok *rrodd* u *llum*).
v. Iridu jinqatgħu wkoll doppjuni bħal: *siġillati/ssiġillati, kulurit/kkulurit, traduċa/ttraduċa*, eċċ. Naħseb li għandhom jinkitbu b'konsonanti doppja.

**18. Kliem imqassar**
i. Fil-Malti formali m'għandniex inqassru kliem. Għalhekk niktbu: *minħabba, lanqas, xejn, agħtini, sewwa* u mhux *ħabba, qas, xej, tini, sew.*
ii. Fil-Malti formali għandna nevitaw ukoll li niktbu *dil-ġimgħa, dal-bieb*; aħjar jekk niktbu *din il-ġimgħa, dan il-bieb.*

**19. Noti oħra**
i. ngħidu: *għalgħajnu*; mela naħseb li rridu niktbu *għalabiebu* (u mhux *a la biebu/alabiebu*).
ii. *fehma* u *togħma* jinbnew fuq *kelma*; għalhekk, niktbu *fehmti* u *togħmti* fuq *kelmti.*
iii. Billi l-verb ta' l-ewwel forma *għaġel* intilef, għandna nisiltu n-nom *għaġġla* mit-tieni forma *għaġġel.*
iv. Għandna niktbu *kemxejn* (b'*M* waħda) bl-istess prinċipju li bih niktbu *kulħadd* u *minfejn*.
v. Biex inkunu konsistenti, il-kliem kollu li joħroġ mill-kelma 'kontra' (li tispiċċa b'*A*) għandu jinkiteb bl-*ie* - *kontrieh, kontriek, kontiehom*, eċċ.
vi. La niktbu l-forom imqassra *'l hawn, 'l hinn, 'l hemm* (bil-partiċella dejjem separata), għandna nibqgħu niktbu *lil hawn, lil hinn, lil hemm.*
vii. In-numri u l-frazzjonijiet għandhom jibqgħu jinkitbu bil-partijiet separati: *wieħed u tletin, disat elef, nofs ta' nhar, nofs siegħa, tliet kwarti, żewġ terzi*, eċċ.
viii. Jidhirli li l-maġġoranza tal-poplu tgħid: *żieda, tieba, subien, gidien, relikwa, sinifikanti, monasteru, maġisteru* mhux *żjieda, tjieba, sjubien, gidjien, relikwja, sinjifikanti, monasterju, maġisterju.*

Tajjeb li nżommu l-J fi kliem bħal: *liċenzja, privileġġjat, pjiegi, antoċċjoli, ċimiterju, sinjifikanti, impjieg, aċċjola*, eċċ. Miniex daqstant ċert fuq *aljiev, riljiev*, u *soljiev.*
ix. Għandna niktbu: *xbieħa* (pl. *xbiħat*) bħal *siegħa* (pl. *sigħat*).
x. Jidhirlili li l-maġġoranza tal-poplu tgħid *perjodu* u mhux *perijodu*.
xi. Niktbu *magna* imma *makkinarju*; niktbu *fantasija* imma *fantażma*; għalhekk ma narax għalxiex m'għandniex niktbu *predikatur* u *prietka*, *kwadru* u *inkwatru*.
xii. Niktbu *baqra* u *baqar*; mela niktbu *nagħġa* u *nagħaġ; mogħża u mogħoż.*
xiii. Minn *ragħa* noħorġu *ragħġgħħaj* u *ragħġgħħajja*, hekk kif minn *ġera* noħorġu *ġerrej* u *ġerrejja*. Sintendi ma nistgħux niktbu *GĦ* doppja.
xiv. Saydon f'*Il-Malti* kien ippruva li mill-varjanti *sa/se/ser*, *SA* hija t-tajba għax hi derivata mill-Għarbi *sawfa*.
xv. Fuq il-mudell *qiem* - *qima* niktbu *għer* - *għira*.
xvi. Nippreferi nikteb *l-ixkejjer* u *l-iġġant* milli *ix-xkejjer* u *il-ġgant*, imma mbagħad nippreferi nikteb *is-sħab* milli *l-isħab*.

## Appendiċi

## Dati u Numri - Kliem jew Figuri?

S'issa ħadd għadu ma kkompila manwal stilistiku bil-Malti. Għalhekk biex nistabbilixxi ċerti regoli sa nirreferi għal xi manwali barranin, partikolarment l-*Oxford Guide to Style*.

### Dati

1. Is-snin ta' data jidhru bil-figuri:
eż. Il-Kavallieri ġew Malta fl-1530.

2. Data sħiħa għandha tidher hekk:
It-2 ta' Novembru 1999 (mingħajr *comma*).

3. Meta ninkludu l-ġurnata, iżidu l-*comma* warajha:
eż. It-Tlieta, it-2 ta' Novembru 1999.

4. Niktbu:
fis-snin 1976-9; fil-perjodu 1992--2003 (bid-*dash*)
imma
mill-1976 sa l-1979; bejn l-1992 u l-2003 (mhux bid-*dash*).

5. Niktbu: fis-seklu sbatax jew fis-seklu 17
N.B. Normalment il-forma bil-kliem tidher fit-test ewlieni filwaqt li l-forma bil-figuri tidher fil-*footnotes*.

### Numri

1. Bħala regola ġenerali niktbu n-numri kardinali bejn wieħed u għaxra bil-kliem:
eż. disa' ħobżiet; tliet mili; b'kollox kienu ħamsa.

2. Bħala regola ġenerali niktbu n-numri kardinali minn 11 'il fuq bil-figuri
eż. 14-il suldat; in-numru tela' għal 78; minn 90 sa 100.
N.B. Għall-konsistenza, imbagħad niktbu: Il-punteġġi kienu 5, 8, 15, u 26 (kollha figuri).

3. Dejjem nużaw il-kliem meta niktbu numru f'xi idjoma jew espressjoni:

eż. għidtlu mitt darba; trid toqgħod b'seba' għajnejn.

4. Dejjem nużaw il-kliem meta niktbu n-numri ordinali:
eż. daħal it-tielet; is-sitt post.

5. Nużaw il-kliem meta niktbu l-frazzjonijiet:
eż. żewġ terzi, tliet kwarti.
N.B. Imbagħad niktbu 5¾, 68½ (meta magħqudin ma' numri sħaħ).

6. Nużaw il-kliem meta niktbu l-ħin:
eż. l-erbgħa u nofa, is-sitta neqsin kwart.
N.B. Nużaw il-figuri meta nżidu a.m. u p.m.
eż. 4.30 a.m. 11.15 p.m.

7. Nużaw il-figuri meta nuru età:
eż. tifla ta' 15-il sena, meta kelli 40 sena.

8. Nużaw il-figuri meta niktbu perċentwali, paġni, miżuri b'abbrevjazzjoni, u numru bid-deċimali:
eż. 66%, p. 78, 15 kg, 6.35.

9. Għall-flus nistgħu nużaw il-kliem jew il-figuri:
eż. għaxar dollari jew $10.

10. Nużaw il-figuri meta niktbu:
Regola Nru. 3, Kapitlu 16, Vol. 6, eċċ.

11. Meta n-numri li normalment jinkitbu bil-figuri ikunu parti minn diskors dirett għandhom jidhru bil-kliem:
"Wasalt fl-għaxra ta' Frar."
"Għada ħa nibdew niddiskutu Kaptitlu Tnax."
"Kien hemm madwar elf ruħ."

12. Minkejja r-regoli msemmija, qatt m'għandna nibdew sentenza bil-figuri:
eż. Sitta u sittin fil-mija tal-popolazzjoni jaħsbu...
Ħmistax-il suldat telqu...

# Karl Coleiro

Jien naqbel ħafna li jkun hemm diskussjonijiet serji fuq il-varjanti biex inkunu nistgħu nagħżlu bejniethom ħalli kulħadd ikun uniformi fil-kitba tiegħu.

Għal dawn l-aħħar għaxar snin jien ħdimt bħala qarrej tal-provi mal-Klabb Kotba Maltin. Għalhekk minn taħt idejja għaddew ħafna kotba. Issa fejn jidħlu l-varjanti kemm-il darba sibt ruħi f'salib it-toroq, ma nafx 'il fejn se niġbed. Kemm-il darba ħallejt l-għażla tal-kelma f'idejn l-awtur jiġifieri jekk l-ewwel kelma li niltaqa' magħha tkun 'mhux' u mhux 'm'hux' mela jien inħalli 'mhux' u nkun konsistenti tul il-ktieb kollu. Madanakollu ġara li allura għandek numru ta' kotba bl-użu ta' ċerti varjanti filwaqt li ghandek għadd ieħor ta' kotba bi kliem differenti. Dan juri li m'hemmx konsistenza b'mod ġenerali. Issa immaġina x-xogħol kollu letterarju li joħroġ f'sena f'Malta. Għandek taħlita sħiħa u użu differenti ta' kliem fil-kotba kollha.

B'hekk jekk tittieħed deċiżjoni aħħarija fuq il-varjanti kollha jkun hemm uniformità sħiħa u nnaqqsu drastikament it-tfixkil tal-qarrejja.

Barra minn hekk jonqsu wkoll id-diffikultajiet ta' l-istudenti li f'ħafna każi jitfixklu minħabba l-ideat differenti ta' l-għalliema tagħhom. Jekk l-għalliema tal-Malti jkunu istruwiti u jkollhom linjigwida ċari ta' liema kelma għandha tintuża, u mhux oħra, b'hekk jonqsu ħafna inċertezzi u diffikultajiet u kulħadd jibda jiġbed ħabel wieħed.

Għandhom isiru laqgħat għall-għalliema tal-Malti l-ewwel u mbagħad jinfirxu għall-għalliema ta' suġġetti oħra li jużaw il-Malti l-għaliex lanqas dawn l-għalliema ma jiktbu tajjeb bil-Malti. B'hekk biss il-livell tal-kitba bil-Malti jitjieb.

Issa nota ta' l-aħħar: ħassejt li hawn varjanti hawnhekk li m'huma varjanti xejn. Dan għaliex il-kliem għandu tifsiriet differenti. Biex nagħtu eżempju, 'żina' tfisser tiżni, tagħmel dnub, filwaqt li 'żîna' tfisser ornament, iżżejjen xi ħaġa. Irridu noqogħdu attenti għal dawn.

Issa se nikkummenta dwar l-għażliet tiegħi fuq il-varjanti li nsibu fil-lista:

1. affavur - nippreferi din mill-oħra għax minkejja x-xebh fl-użu tagħha fit-Taljan, din tinkiteb kelma waħda u ma tħallix l-'a' waħidha bħall-oħra
2. Afrika - din ma narax li għandna nbiddluha la drajna niktbuha hekk
3. akkredtu - ngħidu 'kredtu' għax ġejja minn 'credito' bit-Taljan u allura din tibqa' bid-'d'
4. alabiebu - din tingħaqad għax 'a' u 'la' waħidhom f'dan il-kuntest ma jagħmlux sens
5. allaħares - minħabba li din hija espressjoni ta' stagħġib m'hemmx għalfejn li l-'a' ta' quddiem tkun majjiskula
6. allelulja - minħabba li jien inħoss l-'l' ta' qabel il-'j' inneħħi l-oħrajn
7. alljiev - ħafna nies iħossuha din il-'j'
8. ammen - fit-taħdit il-ħoss ta' 'm' jinstema' fiż-żewġ sillabi
9. Għarabja - minħabba li l-kelma fl-Għarbi għandha l-'għ' bħala l-ewwel konsonanti radikali عرب, mela nagħżel din minħabba raġuni etimoloġika
10. Awwissu - il-ħoss doppju tal-'w' jinstema' ċar
11. awlillejl - hemm tendenza li ċerti avverbji jingħaqdu f'kelma waħda basta ma jkunx hemm lok għal tifsira oħra jekk jibqgħu mifrudin
12. ażma - billi din ġejja minn 'asma' bit-Taljan inħalliha b'ż' waħda
13. il-baħar Mediterran - l-isem proprju biss jibda bil-kapitali
14. baħħâr - jien nerġa' ndaħħal dan l-aċċent l-ewwel nett għax ma tantx għandna u narah jistagħna l-ilsien miktub, u t-tieni għax tnaqqas il-possibbiltà ta' tifsira oħra
15. barra minn hekk - nagħżel din għax l-oħra naraha twila wisq bħala kelma waħda magħquad
16. barra nett - din nisseparaha għax meta niġu biex niktbu r-'rabanett' se nwaqqgħuh l-appostrofu jew le?
17. begħedna - il-ħoss ta' 'i' aktar ma jinstemax milli jinstema'
18. bergħud - nagħżel din għax hekk imdorri niktibha
19. beritta - qiegħda titlissen hawn 'r' waħda mela niktbuha b'waħda

20. bħalissa - ara nru. 11
21. bħalkieku - ara nru. 11
22. bħallikieku - ara nru. 11
23. bħal-lum - sakemm nibqgħu niktbu 'tal-lum' nibqa' nagħżel din
24. bħalma - ara nru. 11
25. bħalmeta - ara nru. 11
26. bħalxejn - ara nru. 11
27. biblijografija - il-ħoss ta' 'i' tgħin fil-pronunzja minħabba li fl-oħra għandek tliet konsonanti ħdejn xulxin
28. biblijoteka - ara nru. 27
29. bibliku - fit-Taljan ngħidu 'biblico' b''b' waħda
30. bidu nett - ara nru. 16
31. bies - it-tielet konsonanti radikali ġiet 'devoiced' fil-Malti u ż-'ż' ma tinħassx
32. bi ħsiebi/biħsiebi - dawn għandhom tifsira differenti: l-ewwel waħda tfisser 'with my thought' u l-oħra 'I intend'
33. bilfors - ara nru.11
34. bil-ġiri/bilġri - dawn għandhom tifsira differenti: l-ewwel waħda għandha l-implikazzjoni ta' ġiri bħal meta ngħidu bil-mixi filwaqt li l-oħra tfisser malajr, 'quickly'
35. bil-ħaqq/bilħaqq - l-ewwel waħda timplika l-ġustizzja u t-tieni tfisser 'by the way'
36. bil-kemm/bilkemm - l-ewwel waħda tfisser 'with how much' u t-tieni tfisser 'hardly' jew 'nearly'
37. bil-kif - din għandha diversi tifsiriet fosthom 'very good quality'
38. billejl - ara nru. 11
39. bilqiegħda - ara nru. 11
40. bilwieqfa - ara nru. 11
41. binhar - ara nru. 11
42. biż-żejjed/bizżejjed - dawn ukoll mhumiex varjanti għax għandhom tifsiriet differenti: l-ewwel waħda tfisser 'with what is extra' u t-tieni tfisser 'enough'
43. buz - nagħżel din għax diffiċli għalina biex inħossu t-'ts' ta' l-Ingliż
44. ċagħaq - nagħżel din sempliċiment minħabba l-pronunzja
45. daħaq - ara nru. 44
46. daparti - din ngħaqqadha għax 'da' waħidha ma tagħmilx sens
47. dakinhar - ara nru. 11
48. dalgħodu - ara nru. 11
49. dalħin - ara nru. 11
50. dallejl - ara nru. 11
51. dal-waqt/dalwaqt - hawn jista' jkollna żewġ tifsiriet: ta' l-ewwel tfisser 'in this moment, now' u l-oħra tfisser 'soon'
52. daqshekk - ara nru. 11
53. daqskemm - ara nru. 11
54. daqskieku - ara nru. 11
55. daqslikieku - ara nru. 11
56. daqstant - ara nru. 11
57. daqsxejn - ara nru. 11
58. darba fill - din ma ngħaqqadhiex għax nippreferi li l-kelma 'darba' toqgħod għaliha
59. dawramejt - ara nru. 11
60. dażgur - ara nru. 11
61. den - bħala 'den' li tfisser 'deserving' nagħżel din għax l-oħra tista' tfisser 'meta tiddennilek xi ferita'
62. dettall - din ġejja minn 'dettaglio' bit-Taljan għalhekk jitwal il-ħoss ta' 'l' fl-aħħar tal-kelma
63. dgħjufija - għalkemm fil-Għarbi t-tliet konsonanti radikali huma d-għ-f ضعف, u għalhekk l-ewwel waħda hija aktar korretta, madanakollu naħseb li aktar tingħad bil-ħoss ta' 'j' milli mingħajrha

64. dieqa - nagħżel din fuq l-analoġija ta' 'tieqa'
65. disa' mija - ma nħossx li n-numri għandna ngħaqqduhom bħall-avverbji
66. disat elef - ara nru. 65
67. duħ - minħabba li jinstemgħu l-istess, għas-sempliċità nagħżel l-ewwel waħda
68. tvalja - minkejja li aktar tinstema' 'd' milli 't' nagħżel din għax issa drajt niktibha hekk u bit-Taljan jgħidu 'tovaglia'
69. ewieq - fil-Għarbi din m'għandhiex 'w' doppja
70. ewlillejl - ara nru. 11
71. Ewropew - isem proprju għandu jkun bil-kapitali
72. fehmti - nippreferi din għax inkun nista' nqabbilha mal-kelma 'kelmti'
73. fil-fatt/filfatt - naħseb dawn għandhom tifsiriet differenti: l-ewwel waħda tfisser 'in the act' jew 'redhanded' u l-oħra tfisser 'infact'
74. filgħaxija - ara nru. 11
75. filgħodu - ara nru. 11
76. fil-waqt/filwaqt - dawn ukoll nara li jfissru differenti: l-ewwel waħda tfisser 'punctual' jew 'in the moment' u l-oħra tfisser 'while'
77. fl-aħħar nett - ara nru. 16
78. fuq nett - ara nru. 16
79. ġaladarba - ara nru. 11
80. ġâra - ara nru. 14
81. ġegħelna - ara nru.17
82. ġewwa nett - ara nru.16
83. ġieli - ara nru. 11
84. ġix - jekk qed nirreferu għan-numru 2, nagħżel din ħalli l-oħra nħalliha għan-negattiv tal-verb 'ġie'
85. gastro-intestinali - minħabba li l-ħoss ta' 'o' u ta' 'i' huma separati nistgħu nagħmlu s-sing bejniethom
86. gerbbu - morfoloġikament minn 'ħarbat' noħorġu 'ħarbtu', mela minn 'gerbeb' noħorġu 'gerbbu'
87. gidien - nagħżel din ħalli taqbel ma' 'subien'
88. gozz - nagħżel din biex ma jkollix problema bil-plural tagħha li hija 'gzuz'; barra minn hekk jien ngħid ukoll 'mgezzez' għal 'wrapped up' u mhux 'mgeddes'
89. grammastru - nagħżel din minħabba l-assimilazzjoni
90. għadilli - ara nru. 11
91. għafrid - ara nru. 18
92. għaġla - minkejja li tlifna l-ewwel forma tal-verb xorta dan huwa n-nom verbali li joħroġ minnha
93. għajat - din nagħżilha jekk irrid infisser 'shouting'; l-oħra għalija tfisser 'huwa għajjat', 'he shouted'
94. għall-aħħar - il-kelma 'aħħar' ma nħossx li għandna ngħaqqduha ma' kliem ieħor
95. għalbiex - ara nru. 11
96. għaldaqshekk - ara nru. 11
97. għaldaqstant - ara nru. 11
98. għal fejn/għalfejn - dawn għandhom tifsiriet differenti: l-ewwel waħda tfisser 'to where' u l-oħra tfisser 'why'
99. għal għarrieda - din inħalliha hekk għax hija espressjoni li ndrat tinkiteb b'dal-mod
100. għalhekk - ara nru. 11
101. għalissa - ara nru. 11
102. għal kemm/għalkemm - dawn jistgħu jfissru differenti: l-ewwel waħda 'for how many' u l-oħra 'although'
103. għal kollox/għalkollox - naħseb li ta' l-ewwel tfisser 'for everything' u tat-tieni 'completely'
104. għalli - ara nru. 11
105. għalxejn - ara nru. 11
106. għalxiex - ara nru. 11

107. għall-aħħar - ara nru. 94
108. għall-anqas/għallanqas - nistgħu ngħidu li l-ewwel waħda tirreferi għal ‘to the least’ bħala numru filwaqt li l-oħra tfisser ‘at least’
109. għarkupptejh - il-ħoss ta’ ‘p’ huwa aktar komuni minħabba li ngħidu ‘rkoppa’ u mhux ‘rkobba’
110. għarukaża - l-oħra ma tagħmilx sens u din drajnieha
111. għarax - jien nagħżel din għax eħfef biex tikkonjugaha milli meta tuża ‘għargħax’
112. għedt - billi tinħass ‘e’ mela nikteb ‘e’
113. għotjien - nagħżel din għax ħafna nies iħossuha l-’j’ fil-kelma
114. hawnhekk - ara nru. 11
115. hemmhekk - ara nru. 11
116. heżżeż - din eħfef biex tikkonjugaha u aktar fidila lejn l-għeruq etimoloġiċi tagħha هزز
117. ħalltejn - din hija l-għadd imtenni tan-nom ‘ħalla’ li tfisser ‘mewġa’ allura nħalliha b’żewġ ‘l’ fin-nofs
118. idejk - din niktibha dejjem bl-’i’ quddiem il-għaliex ‘id’ dejjem niktibha bl-’i’ quddiem; ‘id’ qatt ma ssir ‘jd’ allura ‘idejk’ ma ssirx ‘jdejk’
119. ilbieraħ - ara nru. 11
120. ilbiraħtlula - nagħżel din minħabba l-aċċent li jwaqqa’ l-’ie’
121. il-lejla/illejla - dawn għandhom tifsiriet differenti: l-ewwel waħda tfisser ‘the night’ u l-oħra tfisser ‘tonight’
122. illum - ara nru. 11
123. imbras - din drajt niktibha magħquad
124. imbwiċċ - ara nru. 123
125. inden - la ‘den’ ktibtha b’’n’ waħda mela din trid tinkiteb b’’n’ waħda wkoll
126. inġenerali - ara nru. 11
127. inizjattiva - din ġejja minn ‘iniziativa’ bit-Taljan; m’għandniex għalfejn nirduppjawlha z-’z’
128. inkwatru - f’dal-każ aktar tinstema’ t-’t’ milli d-’d’
129. inkwistjoni - l-’in’ waħidha ma tagħmilx sens fil-Malti allura ngħaqqduha
130. it-tielet nett - ara nru. 16
131. it-tieni nett - ara nru. 16
132. Islam - minħabba li niktbu ‘mislem’ u ‘musulman’ mela din inħalluha bl-’s’
133. iż-żejjed/iżżejjed - dawn mhumiex varjanti: l-ewwel waħda tfisser ‘the rest, remainder’ filwaqt li l-oħra tfisser ‘excessively, too much’
134. qagħqa - ara nru. 44
135. karozza - ara nru. 19
136. ‘kk Alla jrid - nagħżel din minħabba li ‘‘kk’ tirrappreżenta l-kelma ‘hekk’; magħquda naraha kerha
137. kasbar - nagħżel din minħabba l-pronunzja
138. kemm-il darba - barra n-numri din biss baqa’ li tieħu s-sing warajha, mela nħalliha
139. kemxejn - din drajt nużaha miktuba hekk
140. ‘kk jogħġbok - ara nru. 136
141. kooperattiva - barra li drajt nużahom għax insegwi r-regola tagħhom, jien ngħid ukoll ‘ikkoopera’ u mhux ‘ikkopera’
142. kooperazzjoni - ara nru. 141
143. koordinatur - ara nru. 141
144. koordinazzjoni - ara nru. 141
145. kontriek - għalkemm fir-regoli ntgħażlet l-ewwel waħda, jien nagħżel din għax minħabba li l-’a’ ssir ‘ie’ meta tingħaqad mas-suffissi, naħseb grammatikalment tkun eħfef għal kulħadd jekk tingħażel it-tieni waħda
146. kull darba - nagħżel din għax għandi t-tendenza li l-kelma ‘darba’ ma ngħaqqadha ma’ xejn
147. kulfejn - ara nru. 11
148. kulħadd - ara nru. 11

149. kullimkien - ara nru.11
150. kull jum/kuljum - dawn għalija mhumiex varjanti: ‘kull jum’ nużaha meta fl-Ingliż ikolli ‘every day’ eż. ‘every day is a struggle’ filwaqt li ‘kuljum’ nużaha meta fl-Ingliż ikolli ‘everyday’ eż. ‘I come to school everyday’
151. kulma - ara nru. 11
152. kulmeta - ara nru. 11
153. kulmin - ara nru. 11
154. kultant - ara nru. 11
155. kulxejn - ara nru. 11
156. labranzetta - billi ‘la’ waħidha f’dan il-kuntest ma tagħmilx sens mela jien ngħaqqadha
157. ladarba - ara nru.156
158. laġenba - ara nru. 156
159. l-aħħar nett - ara nru.16
160. l-aħwa/laħwa - dawn niddistingwi bejniethom: l-ewwel waħda għandha tifsira ta’ ‘brothers’ filwaqt li t-tieni hi esklamazzjoni ‘good heavens’
161. lakemm - ara nru. 156
162. lamaltija - din ngħaqqadha biex inkun konformi ma’ nru. 156
163. l-anqas/lanqas - dawn mhumiex varjanti: l-ewwel waħda tfisser ‘the least’ filwaqt li l-oħra tfisser ‘not even’
164. lembija - nagħżel din minħabba li fonetikament aktar inħossu l-’m’ milli l-’n’
165. lembuba - ara nru. 164
166. l-ewwel nett - ara nru. 16
167. li ma bħalu - jekk qed tfisser ‘unequalled, matchless’; ‘liema’ qed inħalliha għal meta nfisser ‘which’
168. lil hawn - din tista’ tingħaqad imma mbagħad kif se niktbu ‘‘l hawn’, ngħaqqduha jew le ?
169. lil hemm - ara nru. 168
170. lil hinn - ara nru. 168
171. linjigwida - ma narax għalfejn ma għandniex ngħaqqduha f’kelma waħda
172. lura - din drajna niktbuha hekk; m’hemmx għalfejn inbiddluha
173. il-Lvant Ċentrali - minħabba li dawn ismijiet ta’ postijiet aktar jixraq li jkunu bl-ittri kapitali
174. il-Lvant Nofsani - ara nru. 173
175. madanakollu - ara nru. 11
176. madwar - ara nru. 11
177. maġenb - ara nru. 11
178. maħniex - ara nru. 11
179. magna - fonetikament aktar inħoss il-’g’ milli l-’k’
180. Magreb - aħna nħossu l-’g’; jekk tkun bl-’għ’ mhux se tinqara kif suppost
181. manġapassiġġa - din espressjoni li tista’ tinkiteb f’kelma waħda
182. matul - ara nru.11
183. megħekna - ara nru. 17
184. mhawnx - ara nru. 11
185. mhemmx - ara nru. 11
186. mhijiex - ara nru. 11
187. mhix - ara nru. 11
188. mhumiex - ara nru. 11
189. mhuwiex - ara nru. 11
190. mhux - ara nru. 11
191. miniex - ara nru. 11
192. minix - ara nru. 11
193. mintix - ara nru. 11
194. mintomx - ara nru. 11
195. mintx - ara nru. 11

196. minn barra/minbarra - dawn niddistingwi bejniethom: l-ewwel waħda tfisser 'from outside' filwaqt li t-tieni tfisser 'except'
197. minbejn - ara nru. 11
198. mindaqqiet - ara nru. 11
199. mindaqshekk - ara nru. 11
200. minfejn - ara nru. 11
201. minflok - ara nru. 11
202. minfuq - ara nru. 11
203. mingħajr - ara nru. 11
204. mingħalija - ara nru. 11
205. mingħand - ara nru. 11
206. mintagħna - ara nru. 11
207. Mislem - bħala rispett lejn reliġjon oħra nippreferi nuża ittra kapitali
208. mnalla - din drajt niktibha magħquda
209. Musulman - ara nru. 207
210. naħnaħ - bħala sempliċità nagħżel l-ewwel waħda li taqbel ukoll ma' l-għeruq oriġinali tagħha fl-Għarbi نحنح
211. nagħaġ - din nagħżilha biex taqbel mal-kelma 'mogħoż'
212. nagħrfu - din tinħadem fuq il-mudell ta' rebaħ allura m'hemmx għalfejn indaħħlu l-vokali tal-leħen
213. nehmżu - ara nru. 212
214. negħlbu - ara nru. 212
215. negħmżu - ara nru. 212
216. Nisrani - bħala rispett lejn ir-reliġjon tagħna nippreferi li l-kelma tibda b'ittra kapitali
217. nofsillejl - ara nru. 11
218. nofsinhar - ara nru. 11
219. in-Nofsinhar - bħala direzzjoni jew post nippreferi din b'ittra kapitali
220. nofstanhar - din ngħaqqadha għax nista' nagħmel il-plural tagħha 'nofstanhari'
221. nofs siegħa - il-kelma 'siegħa' ma nħossx li għandha tingħaqad
222. parttu - ara nru. 86
223. peprin - għas-sempliċità nagħżel l-ewwel waħda; barra minn hekk il-ħoss ta' 'p' ma nħossx li huwa daqshekk tawwali
224. pereżempju - billi 'per' waħidha fil-Malti ma tfisser xejn mela din tista' tingħaqad
225. perjodu - 'perijodu' hija daqsxejn antika donnha m'għadhiex tintuża ħlief minn ċerti awturi
226. perkażu - ara nru. 224
227. pezzakustjoni - qed nirreferu għal karattru wieħed mela tista' tingħaqad
228. priedka - billi ngħidu 'predikatur' nippreferi li nibqa' nuża d-'d' milli t-'t'
229. primkuġin - minkejja li l-kelma 'prim' tfisser ħafna affarijiet fil-Malti fosthom 'ta' l-ewwel' xorta nħoss li din nistgħu ngħaqqduha
230. primministru - ara nru. 229
231. primadonna - 'prima' wkoll għandha diversi tifsiriet mela f'dan il-każ ngħaqqadha
232. propjament - minkejja li fit-Taljan il-kelma fiha l-'r' ħafna Maltin meta jitkellmu għandhom it-tendenza li din l-'r' ma jħossuhiex, mela nneħħuha
233. propjetà - ara nru. 232
234. propjetarju - ara nru. 232
235. propju - ara nru. 232
236. Protestant - ara nru. 207
237. qabelxejn - ara nru. 11
238. qajlqajl - ara nru. 11
239. qarabagħli - naraha tfixkel inqas nies jekk ngħaqqduha f'kelma waħda
240. qegħedna - ara nru. 17
241. qiegħ nett - ara nru. 16
242. qies - il-'j' ta' 'qjies' hija t-tieni konsonanti radikali ta' l-għerq etimoloġiku però ħafna nies m'għadhomx iħossuha, allura nħoss li għandna neliminawha

243. quddiem nett - ara nru. 16
244. radjudramm - ma narax diffikultà jekk din għandha tungħaqad f'kelma waħda
245. riżq - nagħżel din sempliċiment minħabba li fl-Għarbi hemm iż-'ż' bħala t-tieni konsonanti radikali u mhux l-'s'
246. rkoppa - ara nru. 109
247. ruxxmata - nagħżel din għax inħoss ix-'x' daqsxejn aktar tawwalija
248. sadanittant - ara nru. 11
249. safejn - ara nru. 11
250. sa fl-aħħar - ara nru. 94
251. safrattant - ara nru. 11
252. sakemm - ara nru. 11
253. sa l-aħħar - ara nru. 94
254. sallum - ara nru. 11
255. santafjakka - minħabba li l-kelma 'santa' għandha diversi tifsiriet mela hawnhekk ngħaqqadha
256. santapaċenzja - ara nru. 255
257. sekondkuġin - bħalma għaqqadna 'primkuġin' mela għandna ngħaqqdu din ukoll
258. sekondawla - ara nru. 257
259. Semitiku - din tiġi bl-ittra kapitali għax hija nom proprju
260. serduq - ara nru. 44
261. sewwasew - ara nru. 11
262. sjieda - din nagħżilha għax tersaq aktar qrib lejn l-għerq oriġinali tagħha سيادة
263. żvog - minkejja li ġejja minn 'sfogare' bit-Taljan toqgħod aktar iż-'ż' minħabba li ngħidu |vizzera u |vezja
264. skansafaċendi - ara nru. 227
265. skond/skont - dawn ifissru ħwejjeġ differenti: ta' l-ewwel 'according to' filwaqt li tat-tieni 'deduction'
266. soċjo-ekonomiku - minħabba li l-kelma 'soċjo' hija taqsira tal-kelma 'soċjoloġiku' nistgħu nuruha permezz tas-sing
267. sogħob bija/jisgħob bija - jekk nisseparaw il-verb mill-prepożizzjoni u l-pronom mehmuż inkunu aktar korretti grammatikalment
268. zobtu - jien imdorri nikteb din għax nimxi ħafna fuq Aquilina
269. sottokumitat - minħabba li l-kelma 'sotto' hija morfema Taljana mela fil-Malti jaqbel li tingħaqad mal-kelma ta' warajha
270. sottospekkjo - ara nru. 269
271. stabene - minkejja li fit-Taljan il-kliem huwa separat aħna nużawha din il-frażi allura tista' tinkiteb f'waħda
272. subien - il-kelma 'subjien' illum hija x'aktarx antika u m'għadhiex tintuża fit-taħdit
273. superpotenza - m'għandniex għalfejn inħallu l-kelma 'super' waħidha
274. is-Sur X. Attard - din nagħmilha bil-kapitali ħalli niddistingwiha mis-singular tal-kelma 'swar'
275. t'apposta - minħabba li l-kelma ta' wara l-partiċella 'ta'' tibda bil-vokali mela nistgħu nqassruha
276. t'April - ara nru. 275
277. t'Elena - ara nru. 275
278. t'Indri - ara nru. 275
279. t'Ottubru - ara nru. 275
280. t'Ugo - ara nru. 275
281. tabilfors - ara nru. 11
282. tabilħaqq - ara nru. 11
283. tabirruħi - ara nru. 11
284. talanqas - ara nru. 11
285. ta' l-hena - din nippreferiha bil-partiċella mifruda mill-artiklu ħalli jkun hemm dik il-pawsa ċkejkna fit-taħdit
286. ta' l-għalqa - ara nru. 285

287. tampar(i) - ara nru. 11
288. taħt nett - ara nru. 16
289. tallum - ara nru. 11
290. tassew - ara nru. 11
291. tjieba - din nużaha aktar mill-oħra fit-taħdit
292. togħmti - ara nru. 72
293. użufrutt - nippreferi li din tkun kelma waħda għax 'użu' għandha tifsira oħra meta tkun waħidha u 'frutt' m'għandhiex
294. wara nett - ara nru. 16
295. wegħedna - ara nru. 17
296. wieħed u tletin - m'għandniex għalfejn nikkumplikaw iżjed billi nżidu s-singijiet ma' dawn in-numri
297. xbieha - fl-Għarbi l-'i' għandha titwila vokalika mela nagħżilha bl-'ie'
298. xhieda - grammatikalment inħoss li din hija aktar korretta mill-oħra
299. x'ħin/xħin - dawn jien nagħraf bejniethom: 'x'ħin' nużaha għal meta qed nirreferi għall-ħin 'what time' filwaqt li l-oħra 'xħin' nużaha meta rrid ngħid 'when'
300. xi ħadd - ma togħġobnix li l-partiċella 'xi' tingħaqad mal-kliem ta' warajha
301. xi ħaġa - ara nru. 300
302. xi kultant - ara nru. 300
303. xi mkien - ara nru. 300
304. xi mindaqqiet - jien nuża din il-verżjoni
305. ix-xmara Ġordan - ara nru. 13
306. żieda - jien nuża din il-kelma fit-taħdit
307. żina/żîna - dawn mhumiex varjanti: l-ewwel waħda tfisser tiżni, tagħmel dnub, filwaqt li l-oħra tfisser ornament, iżżejjen b'xi ħaġa

# John Degiorgio

1. Kliem ġej direttament mit-Taljan għandu jinkiteb kelma waħda.
   Eż. affavur, akkredtu, daparti, u l-bqija.

2. In-nomi propji għandhom jinkitbu b'ittra kbira, ukoll meta jkunu komposti minn aktar minn kelma waħda.
   Eż. l-Afrika, l-Għarabja Sawdija, il-Baħar Mediterran, il-Lvant Nofsani, la Maltija, u l-bqija.

3. Fi kwistjonijiet ta' ortografija pura għandna mmorru dejjem għall-istabilit. Jiġifieri għandna nkomplu niktbu Afrika, Awissu, bergħud, dugħ, u l-bqija, iktar milli nagħżlu alternattivi bħal Affrika, Awwissu, bergħut u duħ.

4. Espressjonijiet li f'widnejna jinstemgħu bħala kelma waħda għandhom jinkitbu kelma waħda.
   Eż. alabiebu, dawramejt, dażgur, ġaladarba, għarukaża, u l-bqija.

5. M'għandniex inżidu aċċenti oħra għajr li għandna stabiliti.
   Eż. niktbu baħħar, ġara kemm bħala verb kif ukoll bħala nom.

6. L-espressjoni 'nett' m'għandhiex tingħaqad mal-kelma li tmur magħha, inkella jista' jkollna problemi fl-ortografija ta' kliem bħal it-tieninett (it-tininett minħabba l-aċċent?).
   Eż. ġewwa nett, l-ewwel nett, quddiem nett, u l-bqija.

7. Verbi bħal begħedna, ġegħelna, għedt u l-bqija għandhom jinkitbu bil-vokali li nisimgħu, u mhux begħidna, ġegħilna, għidt, u l-bqija.

8. Għandna nevitaw il-konsonati doppja fejn din ma nħossuhiex.
   Eż. beritta, dubju, karozza, stabilit, u l-bqija (u mhux berritta, dubbju, karrozza, stabbilit).

9. Kliem magħmul minn partiċelli komposti jagħti lok għal inkonsistenzi kbar. Ngħidu aħna, biex nieħdu l-każ ta' partiċella minnhom – bħal – f'għajnejja naċċetta bħalissa u bħallikieku bħala kelma waħda imma kliem bħal bħalma, bħalmeta u bħalxejn ma jinżlulix. Hawn trid tittieħed deċiżjoni mill-Kunsill dwar il-partiċelli komposti kollha

kemm huma. Jien miftuħ għal kull opinjoni. Ma' dawn inżid ukoll kliem bħal bħallum/bħal-lum/bħal llum; sa llum/sallum/sal-lum; u l-bqija.

10. Dwar il-konsonanti doppja din għandha tibqa' fejn jaqa' l-aċċent u tispiċċa fejn le.
Eż. bibbliku, dettall imma peprin, ruxmata, u l-bqija.

11. Kliem li fih q/k fl-għerq għandna niktbuh bil-q għax din il-verżjoni hi ppreferita fil-Malti standard ta' llum. Mela ngħdu u niktbu serduq, daħaq, qagħaq, ċagħaq, u l-bqija.

12. In-numri għandhom jibqgħu jinkitbu kif dejjem tgħallimniehom, għax inkella se noħolqu konfużjoni akbar. Mela, disa' mija, disat elef, wieħed u tletin (u mhux disamija, disamitt, disatelef, wieħed-u-tletin, u l-bqija).

13. Fehmti, nagħrfu, nehmżu u togħmti għandhom jinkitbu mingħajr it-tieni vokali (fuq il-mudelli kelmti, naħslu, u l-bqija).

14. Kliem kompost bħal sottokumitat, gastrointestinali, soċjoekonomiku għandu jinkiteb kelma waħda mingħajr ma ndaħħlu s-sing (li għandu jibqa' karatteristika ta' l-artiklu). Il-bużillis qiegħed fi kliem bħal antiekoloġiku, billi l-i u l-e mad-daqqa t'għajn nistgħu naħsbu li huma ittra waħda.

15. Jekk l-ittra dgħajfa j ma nsemmgħuhiex, m'għandniex niktbuha.
Eż. dgħufija, subien, żieda, gidien, għotien, u l-bqija.

16. Iż-ż (s) għandha tinkiteb ż fejn tinstema' .
Eż. l-Ażja(tiċi), Iżrael(iti)/Iżraeljani, l-Iżvizzera, l-Iżvediżi.
Forsi ta' min jagħmel eċċezzjoni għal Islam(iċi) minħabba li għandna Mislem, Misilmin, Musulmani, u l-bqija.

17. Fejn insibu o doppja nistgħu nnaqqsuha għal waħda mingħajr ma' nkunu nidhru li qegħdin nimmankaw il-kelma.
Eż. koperattiva, koperazzjoni, kordinatur, kordinazzjoni.

18. Il-pronomi fin-negattiv għandna nibqgħu nuruhom bl-' ħlief għal mhux u mhix (li huma taqsiriet ġeneriċi). Mela niktbu m'iniex, m'intix, m'huwiex, m'hijiex, u l-bqija.

19. Kliem kompost bħal Prim Ministru, Gran Mastru, prim kuġin, sekond kuġin għandu jinkiteb mifrud.

20. Titli bħal is-Sur A Fenech, l-Avukat Bartolo, it-Tabib Pace għandhom jinkitbu b'ittra kbira.

21. Il-partiċelli ma' u ta' m'għandhomx jitqassru quddiem Nom Propju.
Eż. l-ewwel ta' April; il-karozza ta' Indri.

22. Waqt li l-jiem tal-ġimgħa u x-xhur jinkitbu b'ittra kbira, l-istaġuni u d-direzzjonijiet tal-warda tar-riħ le.
Eż. Jannar, l-Erbgħa, ir-rebbiegħa, riħ punent, u l-bqija.

23. Il-partiċelli <u>kollha</u> għandhom jingħaqdu ma' l-artiklu quddiem kliem l-jibda b'vokali, għ jew h.
Eż. tal-art, sal-Italja, mal-għalqa, tal-hena, u l-bqija.

24. Il-verbi kwadrilitteri gerbeb u partat għandhom juru l-erba' konsonanti sħaħ ta' l-għerq kull meta jinkitbu. Mela, huma gerbbu, huma parttu

**Varjanti (ortografiċi) b'differenza!**

8 lanqas laħaq qal <u>ammen</u>; <u>Amen</u> tintuża fil-liturġija formali
32 <u>bi ħsiebi</u> tirt lejn l-Ażja; <u>biħsiebi</u> nsiefer
34 <u>bil-ġiri</u> 'l hemm u 'l hawn ma tieħu xejn; tgħid jagħtina karozza? Eh <u>bilġiri</u>!
35 <u>bil-ħaqq</u> kollu, il-każ inqata' favurih; <u>bilħaqq</u>, qed ngħid, tinsiex tiġi kmieni!
36 <u>bil-kemm</u> qiegħda l-frawli?; <u>bilkemm</u> dħalt li ma nfetħux bwieb is-sema
37 ried ikun jaf kollox <u>bil-kif</u> u l-kome; se nitħallsu ta' dax-xogħol? <u>bilkif</u> ukoll!
42 <u>biż-żejjed</u> li fadal imlew erba' ġwielaq; kellu ikel <u>biżżejjed</u> għal xahar
49 <u>dal-ħin</u> mhux tajjeb għalija; x'int tagħmel hawn <u>dalħin</u>?
50 <u>dal-lejl</u> li ġej se jkun twil għalija; <u>dallejl</u> qomt b'ħasda f'xi s-siegħa
51 <u>dalwaqt</u> tagħmel ix-xita; nixtieq li <u>dal-waqt</u> ma jgħaddi qatt
52 kien twil xejn? uh, <u>daqs hekk</u> u ftit...; issa <u>daqshekk</u>, għax xbajt!
53 <u>daqs kemm</u> hemm kwiekeb fis-sema!; niġi llejla? <u>daqskemm</u> ġejt ilbieraħ!
56 ħu <u>daqs tant</u> mediċina kuljum; ma kienx hemm <u>daqstant</u> nies ilbieraħ
57 kien hemm tfal? <u>daqs xejn</u>...għax ma ġie ħadd!; rajt <u>daqsxejn</u> ta' tifel jibki
76 daħal <u>fil-waqt</u> propizju; hu mar il-Mosta, <u>filwaqt</u> li hi marret l-Imġarr
93 kien ħafna <u>għajat</u> fil-klassi; tgħidx kemm <u>għajjat</u> u waħwaħ

94 ġej għall-aħħar tax-xahar; dat-te ħażin għallaħħar!

96 għandek ikel għal daqshekk nies; għaldaqshekk għamilt qorti?

97 ġejt għal daqstant drabi u ma tgħidlix?; għaldaqstant ma nixtieqx inħallas...

98 għal fejn tagħti din it-triq?; m'hemmx għalfejn tgħaġġel għax għadu l-ħin

100 int għal hekk biss tajjeb – biex tpaċpaċ; għalhekk ma ġejtx, għax ma stajtx

101 dan għal issa mhux għal imbagħad; tidħolx għalissa, l-art għadha tiżloq

102 għal kemm għandek bżonnu l-ktieb? għalkemm ġie tard, laħaq tajjeb

103 jinqala' għal kollox!; kellna logħba ħażina għalkollox

104 naħsbu għal li ġej... ; għalli l-paljazzi qabel taħsilhom

105 ħadem għal xejn; kien kollu għalxejn li tħabat għax ma ġabhiex żewġ

106 għal xiex tridu t-turnavit?; għalxiex qed tgħidli hekk?

108 xtrah għall-anqas prezz possibbli; mur għallanqas darba araha 'l ommok!

114 hawn hekk - ħu u ħallas wara; ejja hawnhekk ħdejja

115 hemm hekk, la Ingliża, kollox bil-kalma; mur 'l hemmhekk u ssib id-dawl

118 ġib idejk; ħafna jdejn

121 il-lejla kienet waħda sajfija; illejla ħerġin tard

133 iż-żejjed ħu n-nieqes; issa żżejjed, xebbajt lil kulħadd!

138 kemm-il darba skartajt? jekk kemmildarba terġa' tidgħi, b'rasek idur!

139 din ħaġa kemmxejn delikata; kien hemm flus? kemm xejn (ftit li xejn); kemxejn (l-għadd imtenni ta' kemxa)

150 ma kull jum li jgħaddi kienet tisbieħ; din ħaġa ta' kuljum ġejja, jaqaw?

154 kull tant ħin kien jieqaf minn xogħlu; niġi darba kultant 'l hawn

163 l-anqas wieħed li jista' jitkellem huwa int!; lanqas jekk iddehebni ma mmur

175 ma' dan kollu, din kien jonqosna!; għalkemm marad, madankollu xorta ġie

176 ma' dwar l-iskola kien hemm is-siġar; kien hemm madwar tletin ruħ kollox

177 ma' ġenb minnhom kien hemm ħafna brix; id-dar kienet maġenb il-knisja

182 kejjel tul ta' drapp ma' tul ta' drapp ieħor; għamlet ħafna xita matul il-lejl

196 minn barra tidher ġdida; kulħadd għadda minbarra Pawlu

198 intlaqat minn daqqiet ta' pala; xi mindaqqiet tgħaddi l-passa

199 minn daqs hekk, għamilha daqs hekk!; minn daqshekk ma jiġix Ħadd li ma tarahx ġej bil-pasti

201 minn flok kobba tgħid marella; minflok qgħadt tħares, għax ma ħsiltx l-art?

202 jien dejjem minn fuq!; minfuq li ġejt se tgħajjat miegħi!; (minfuq hija wkoll il-partiċipju passiv ta' nefaq: il-baġit kien minfuq kollu fi tliet xhur)

205minn għand Pilatu għal għand Qajfa; ħadt ittra mingħand Pawlu (mingħandi, mingħandek, mingħandu, mingħandha, mingħandna, mingħandkom, mingħandhom)

208 imnalla ġibt l-umbrella miegħi; ma kienx imn'Alla li jiżżewġu

217 nofs il-lejl qattajtu mqajjem; f'nofsillejl naqilbu l-ħin

218 nofs in-nhar ta' filgħodu ħlejtu nistennieh ġej; sar nofsinhar – ejjew nieklu

219 l-Ewropa tan-Nofsinhar; in-Nofsinhar ta' Malta; fin-nofsinhar tal-pajjiż kien hemm ħafna faqar

221 il-biċċa damet nofs siegħa kollox; fin-nofsiegħa se nsalpaw għal Nizza

248 sa dan it-tant tlieta biss għadhom niżżlu isimhom; sada(ni)ttant kien telaq

249 sa fejn tridni nkejjel? mnejn safejn mort tindaħal fil-biċċa?

252 sa kemm se jdum Malta?; tista' tiġi, sakemm toqgħod kwiet u ma titniffisx

261 Ġanni sewwa sew is-sokit kemm il-plakk; int sewwasew xi trid minni?

265 skond il-liġi ta' Alla, m'għandniex nigdbu; għandek skont ta' 30%

282 dal-basket tal-ġilda ta' bil-ħaqq; tabilħaqq, sewwa qed tgħid, hekk hu!

284 xtrat kollox minn ta' l-anqas; kien hemm ta' lanqas 50 ruħ; talanqas kien messek għedtli li sejjer!

298 mix-xhieda (*testimony*) irriżulta li ma kienx preżenti; ittellgħu erba' xiehda

299 x'ħin hu?; xħin tiġi, ejja ħa nkellmek

# Ray Fabri

I. KUMMENTI ĠENERALI

L-ewwel nixtieq insemmi tliet punti ġenerali li naħseb li għandhom iservu bħala bażi għal diskussjoni serja fuq l-ortografija. Imbagħad sa niddiskuti xi eżempji mil-lista li tqassmet mill-Kunsill.

Nixtieq nibda billi nikkwota kollega lingwista Spanjol, li għamel dan il-kumment li ġej f'laqgħa fuq il-lingwi Ewropej li attendejt għaliha dan l-aħħar:

1. L-ortografija mhijiex xjenza imma konvenzjoni

Naħseb li, biex ikun hemm diskussjoni serja fuq l-ortografija, huwa importanti li wieħed jifhem u jadotta l-idea li jesprimi dan il-kumment. B'hekk ikun evitat li jsiru dikjarazzjonijiet grandjużi mingħajr bażi u li ma jagħmlux sens.

Il-kitba hija, f'ċertu sens, sistema artifiċjali li ħalaqha l-bniedem biex ikun jista' jagħti sura 'dejjiema' lill-forma mitkellma. Ir-regoli ortografiċi mhumiex 'naturali', imma ivvintahom il-bniedem. Għalhekk hu jista' jimmanipulahom u jbiddilhom kif irid. L-importanti hu li tinħoloq sistema li tkun kemm jista' jkun sempliċi, konsistenti u effettiva; u li jkollha livell ta' aċċettazzjoni mill-komunità li huwa għoli biżżejjed biex tkun aċċettata bħala s-sistema uffiċjali.

It-tieni punt huwa li:

2. Jeżistu ħafna tipi differenti ta' sistemi ortografiċi li huma bbażati fuq prinċipji differenti

Hawnhekk mhuwiex il-lok li niddiskuti l-istorja tal-kitba u s-sistemi differenti ta' kitba li jeżistu. Il-punt hu li għandna nirrikonoxxu l-fatt li jeżistu sistemi differenti u mhux sistema waħda biss li hi l-unika waħda tajba. F'dan il-kuntest, ta' min insemmi l-fatt illi spiss tisma' lil min jgħid li l-ortografija tal-Malti hija bbażata fuq il-Prinċipju tal-Fonetika (li ġeneralment ifisser li ittra partikolari tikkorrispondi ma' ħoss partikolari); però, dan żgur li mhuwiex il-fatt. Li kieku kien hekk, konna niktbu *biep* u mhux *bieb*. Id-deċiżjoni jekk wieħed għandux jikteb *biep* [bɪ:p] jew 'bieb' [bɪ:p] hija waħda arbitrarja, fis-sens li ż-żewġ forom jistgħu jkunu ġġustifikati: waħda timxi mal-ħoss u l-oħra mal-forma astratta (jew il-morfema). Niktbu *bieb* għaliex irridu li r-relazzjoni bejn iż-żewġ forom tal-kelma *bibien* u *bieb* tkun ovvja għall-qarrej, u għax nafu li fil-Malti mitkellem għandna proċess fonoloġiku (mhux fonetiku) li jbiddel ħoss imleħħen f'wieħed mhux imleħħen fit-tarf tal-kelma, ħaġa li ssibha f'lingwi oħra bħall-Ġermaniż, per eżempju.

It-tielet punt huwa li:

3. F'sistema waħda partikolari jista' jkollok prinċipji differenti li jkunu applikati f'każijiet partikolari u li jistgħu jikkompetu ma' xulxin.

Mela, skond il-Prinċipju tal-Fonetika, għandna niktbu *biep*; però, jekk nużaw il-Prinċipju tal-Fonetika ma' dak tal-Morfoloġija, u nħallu lil dan ta' l-aħħar jirbaħ f'faż ta' konflitt, irridu niktbu *bieb*.

II. L-EWWEL FAŻI

a) Lista ta' prinċipji

L-ewwwel ħaġa li għandha ssir, mela, hija lista ta' prinċipji li sa jimxu fuqha dawk li sa jieħdu d-deċiżjonijiet fuq l-ortografija. Mingħajr ma nidħol fid-dettall, ħa nelenka xi eżempji ta' prinċipji li fuqhom tista' tkun ibbażata sistema ortografika. Dawn jistgħu jkunu, fost oħrajn:

Il-Prinċipju tal-Fonetika (il-ħoss)
Il-Prinċipju tal-Morfoloġija (il-forma)

Il-Prinċipju tal-Prattiċità
Il-Prinċipju tas-Sempliċità
Il-Prinċipju tat-Trasparenza
Il-Prinċipju ta' l-Etimoloġija (l-istorja)
Il-Prinċipju tal-Flessibiltà
Il-Prinċipju ta' l-Estetika
Il-Prinċipju tal-Konvenzjoni

Naturalment, wieħed għandu l-ewwel jiddefinixxi kull prinċipju b'mod kemm jista' jkun preċiż ħalli jkun jaf meta u kif għandu japplikah, xi ħaġa li hawnhekk m'għandix spazju biżżejjed biex nagħmilha.

b) Il-klassifikazzjoni
It-tieni ħaġa li għandha ssir hija klassifikazzjoni tal-varjanti. Huwa ovvju li l-lista twila ta' eżempji tista' tiqsar billi l-kliem jinqasam f'tipi u sotto-tipi, skond il-problema partikolari li jirrappreżenta. Hekk, per eżempju, in-numri 1, 4, 15, u 139 jaqgħu taħt tip wieħed (ejja nsejħulu tip A), u jistgħu jinqasmu f'żewġ sotto-tipi: tip Ai) u t-tip Aii). Mela:

| Tip | A: bi/bla spazju | |
|---|---|---|
| Sotto-tip | i) b'tibdila fl-ittri | ii) mingħajr tibdil |
| Eżempji | 1. *a favur - affavur*<br>139. *kemm xejn - kemxejn* | 15. *barra minn hekk - barraminhekk*<br>4. *a la biebu - alabiebu* |

U eżempju ieħor:

| Tip | B: ittra waħda/doppja | |
|---|---|---|
| Sotto-tip | i) ...$VK_1K_1V$... - ...$VK_1V$... | ii) ...$VK_1K_2V$... - ...$VK_1K_1K_2V$... |
| Eżempji | 8. *ammen - amen*<br>10. *Awissu - Awwissu* | 2. *Afrika - Affrika*<br>4. *bibliku - bibbliku* |

### III. DISKUSSJONI TA' XI EŻEMPJI

Issa niġi għal diskussjoni qasira ta' xi eżempji mil-lista. Ħalli nieħu t-tip (Ai) l-ewwel. Fil-biċċa l-kbira tal-każi, l-għażla hija bejn tliet possibiltajiet; f'dal-każ: (a) il-forma separata bl-ispazju, (b) il-forma mingħajr spazju, (c) it-tnejn. Li wieħed jaċċetta żewġ forom, u mhux waħda biss, għandha dejjem tkun waħda mill-possibiltajiet li għandhom ikunu kkonsidrati. Din tkun deċiżjoni bbażata fuq dak li sa nsejjaħlu l-*Prinċipju tal-Flessibiltà*, u tingħażel meta ma jkunx hemm ebda raġuni soda waħdanija li fuq il-bażi tagħha wieħed jagħżel forma waħda partikolari.

a) Eżempju (1): *a favur - affavur*
Il-*Prinċipju ta' l-Etimoloġija* jgħidilna li għandna niktbuhom separati. Iżda jien naħseb li l-*Prinċipju ta' l-Etimoloġija* għandu jkun wieħed mill-aktar dgħajfin, fis-sens li, jekk għandu japplika, għandu japplika biss f'każijiet rarissimi u għall-raġunijiet tajbin ħafna. Jekk f'dal-każ wieħed jara li hawn varjazzjoni fil-pronunzja qalb il-kelliema, jiġifieri hemm min jgħid [afavur] u hemm min jgħid [affavur], għandu japplika l-*Prinċipju tal-Flessibiltà*. Lill-kelliema nattivi m'għandekx timponi fuqhom u tgħidilhom kif jitkellmu, u l-ortografija għandha tirrispetta l-użu. Jekk il-pronunzja hija [affavur], naħseb li l-*Prinċipju tal-Fonetika* għandu jirbaħ lill-*Prinċipju ta' l-Etimoloġija*.

F'każijiet bħal dawn, fejn wieħed irid jiddeċiedi jekk l-espressjoni għandhiex tinkiteb b'żewġ kelmiet separati jew b'waħda, għandhom ikunu applikati testijiet għall-kelma li jintużaw fil-

lingwistika. Per eżempju, jekk tista' tpoġġi kelma oħra bejn iż-żewġ elementi (f'dal-każ 'a' u 'favur'), mela allura t-tnejn ma jiffurmawx kelma waħda. Jekk ma tistax, il-probabilità hi li jiffurmaw (dik li tissejjaħ) kelma fonoloġika. Fil-każ partikolari ta' 'a favur' ma naħsibx li huwa possibbli tifred iż-żewġ elementi, allura ma nara l-ebda raġuni għaliex m'għandhomx jinkitbu flimkien.

b) Eżempju (2): *barra minn hekk* - *barraminhekk*
Fil-fatt, apparti minn dawn iż-żewġ forom, din tista' wkoll tinkiteb *barra minhekk*. Hawnhekk għandu japplika dak li għidt hawn fuq għal *a favur* - *affavur*, ħlief li wieħed jista' wkoll idaħħal fin-nofs il-*Prinċipju ta' l-Estetika*, jiġifieri d-dehra. Nista' nimmaġina li hemm min il-forma *barraminhekk* ma togħġbux għax hija twila wisq u 'tidher kerha'. Forsi f'dan il-każ wieħed jista' jagħżel il-forma *barra minhekk*, għal żewġ raġunijiet: (1) minħabba l-*Prinċipju ta' l-Estetika*, u (2) għaliex wieħed jista' jbiddel l-ewwel parti *barra* ma' kliem ieħor bħal *apparti*, u jgħid *apparti minhekk*. Dan jista' jittieħed bħala indikazzjoni li *barra* mhijiex parti daqshekk integra minn *barra minhekk*.

c) Eżempju (3): *Awissu* - *Awwissu*
Fl-aħħar, nixtieq niddiskuti l-każ ta' l-irduppjar tal-konsonanti. Naħseb li l-każ ta' *Awissu* - *Awwissu* huwa ċar. Hawnhekk għandna għażla bejn il-*Prinċipju tal-Konvenzjoni*, li jgħid li għandna niktbu *Awissu* għax drajna niktbuha hekk, u l-*Prinċipju tal-Fonetika*, li jgħidilna li jekk nisimgħu [awwissu], u żgur mhux [awissu], għandna niktbu *Awwissu*. Jien naħseb li f'dan il-każ japplika wkoll il-*Prinċipju tas-Sempliċità*, fis-sens illi jekk ir-relazzjoni bejn il-ħoss u l-forma ortografika hija ovvja, ikun eħfef għall-kittieb biex jiktibha sew mingħajr ħafna ħsieb. Nassumi li, partikolarment għat-tfal, huwa aktar faċli li jiktbu dak li jisimgħu, mela f'dal-każ *Awwissu*. Bħala kuntrast, fil-każ ta' *ammen* - *amen*, jekk hemm varjazzjoni fil-pronunzja, għandna napplikaw il-*Prinċipju tal-Flessibiltà*, u nħalluha f'idejn il-kittieba biex jiddeċiedu huma liema forma jużaw.

Dawn kienu biss ftit kummenti u ideat fuq il-varjazzjoni fl-ortografija. Żgur li hemm bżonn li f'kull każ tittieħed deċiżjoni ċara ta' x'għandha tkun il-forma standard u aċċettabbli. Dan jinkludi l-possibiltà li jkunu aċċettati żewġ forom.

# George Farrugia

## Daħla

Huwa fatt magħruf li ż-żmien idaħħal drawwiet ġodda f'kull qasam tal-ħajja, mill-mod ta' kif naħsbuha, sal-mod li bih inwettqu fil-prattika dak li naħsbu, inkluż l-għodda li tgħinna nwettqu dak li naħsbu. Iż-żmien li jgerbeb minn fuqna jġib miegħu, fost oħrajn, bidla fil-mod ta' kif inżommu ruħna ħa nidhru sbieħ f'għajnejn ħaddieħor, fil-mod ta' kif għandna naħdmu, niddevertu, nieklu u mhux anqas, nitkellmu u niktbu. Għax il-lingwa hija r-rifless tas-soċjetà u la darba s-soċjetà li titkellimha tinbidel, il-lingwa trid tinbidel magħha inkella ma tibqax taqdi l-ħtiġijiet ta' l-istess soċjetà u maż-żmien ikun hemm is-sogru li titwarrab u tintilef kif ġralhom bosta ilsna. Minħabba f'hekk, kliem li jirreferi għal affarijiet li ma jibqgħux jeżistu aktar isir arkajku. Kliem ieħor ikollu jikkompeti ma' kliem missellef minn xi lingwa oħra u jew jibqa' jeżisti b'tifisra kemxejn differenti minn dik oriġinali jew inkella fl-aħħar ikollu jċedi postu għall-kelma l-ġdida li tidħol għax tassew ikun hemm bżonnha jew inkella b'mod kapriċċuż.

Filwaqt li l-bidla fil-lingwa hija xi ħaġa naturali fl-istess ħin hija sensittiva ħafna. Il-bidla fil-lingwa ma tistax issir bla ħsieb, bl-addoċċ, b'kapriċċ. Il-bidla fil-lingwa trid tkun waħda meqjusa u ppjanata u appuntu għalhekk wieħed mis-suġġetti li qiegħed jingħata importanza kbira fix-xjenza lingwistika huwa l-pjanifikazzjoni tal-lingwa. U la l-lingwa mitħaddta tinbidel hemm it-tendenza li l-forma miktuba li tirrappreżenta t-taħdit tinbidel magħha. U għal darb'oħra, dan isir kemm bi ħtieġa, bħal meta jkollna niktbu kliem missellef u li jkun jintuża ta' spiss mill-kelliema jew inkella minħabba modi jew tendenzi ġodda, għax sempliċiment jibda jogħġobna miktub mod u mhux ieħor. Dan jista' jwassal biex ċertu kliem jibda jinkiteb b'żewġ modi differenti jew aktar, li maż-żmien isiru aċċettati, kemm għax forsi l-ilsien li qed jaċċetta l-kelma l-ġdida ma jkollux simboli li jirrappreżentaw il-ħsejjes ġodda li jkunu daħlu fih, kif ukoll għax il-forma viżiva ta' kelma li tkun ortografikament stabbilita diġà, tibda tinħass antikwata jew problematika u għaldaqstant tibda tinkiteb b'mod li jista' jkun jidher isbaħ fil-għajn jew aktar prattiku għal min qiegħed jikteb. Dan kollu naħseb li nistgħu napplikawh ukoll għall-Malti.

Bħalissa fi lsienna nsibu numru kbir ħafna ta' varjanti ortografiċi – kliem miktub b'aktar minn mod wieħed li lkoll huma aċċettati għax ma jiksru l-ebda regola ortografika jew grammatikali stabbilita. Ir-raġuni għal dan, mhijiex biss l-iżvilupp tal-lingwa u l-kuntatt ma' lingwi oħra iżda xi drabi, b'xorti ħażina, anke l-istess regoli ortografiċi ta' lsienna. Regoli tat-tip 'ikteb kif tħoss' kelma li 'tkun **daħlet** fil-Malti mitkellem ...'[20] huma ambigwi u żgur li jistgħu joħolqu bosta varjanti mhux mixtieqa. B'dan il-kriterju x'se niktbu *maniġer* jew *meniġer, kamera* jew *kemera, faks* jew *feks, fantasija* jew *fantażija, analisi jew analiżi, riservat* jew *riżervat, ajronawtika, ajrunawtika* jew *aeronawtika*? Bl-istess kriterju kif se nistabbilixxu meta u jekk kelma għandhiex titqies bħala li tkun 'daħlet' fil-Malti mitkellem? U jekk għandha aktar minn forma waħda użata, liema se nqisu bħala t-tajba?

Madankollu, m'għandniex naħsbu li dan il-fenomenu jeżisti biss fi lsienna. Hekk, ngħidu aħna fl-Ingliż insibu varjanti ortografiċi bħal *realise/realize, dateable/datable*, *enquiry/inquiry*, eċċ., fil-Franċiż insibu kliem bħal *yak/yack* (tip ta' gendus), *yaourt/yogourt/yoghourt,* u fil-Ġermaniż insibu kliem bħal *Geografie/Geographie, Spagetti/Spaghetti, substantiell/substanziell.* Jidher iżda li fil-Malti l-għadd ta' dawn il-varjanti bħal donnu kiber sew anzi, tant kiber li bħal donnu qiegħed jhedded l-istabilità ortografika ta' lsienna. Bosta huma tal-fehma li wasal iż-żmien li nnaqqu l-kitba tagħna minn dan it-tip ta' varjanti ortografiċi billi niddeċiedu liema forma għandha tibda tintuża bħala l-

---

[20] Ara *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II*, Akkademja tal-Malti, KKM, 2004, p. 131 (Regoli Fundamentali). Minn issa 'l quddiem se nibda nirreferi għalih bħala t-*Tagħrif II.*

forma standard. Proċess bħal dan m'għandux isir b'kapriċċ iżda għax tassew ikun meħtieġ. Il-proċess ta' l-għażla għandu jsir b'mod metikoluż u xjentifiku kemm jista' jkun u mhux fuq bażi ta' gosti. F'dan il-proċess jista' ma jkunx hemm qbil unanimu fuq l-għażla tal-kelma minħabba li jeżistu bosta kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati bħal ngħidu aħna, kriterji fonetiċi/fonoloġiċi, morfoloġiċi, etimoloġiċi, viżivi, prattiċi, pedagoġiċi, il-frekwenza tal-kelma u l-konswetudni.

Nemmen ukoll li l-proċess ta' l-għażla m'huwiex dejjem faċli. Tant hu hekk li xi drabi, wara li tkun għażilt kelma partikolari skond kriterju partikolari, tħossok tikkontradixxi lilek innifsek ma' l-għażla tal-kelma li jkun imiss u li għaliha tkun applikajt kriterju differenti minn ta' qabilha. Din il-'kontradizzjoni', jekk se nsejħulha hekk, naħseb li ma nistgħux naħarbu minnha iżda tkun xi tkun, l-għażla tal-kelma għandha tkun mibnija fuq kriterji ċari u sodi kemm jista' jkun, kriterji (i) li kemm jista' jkun għandhom japplikaw għall-akbar ammont possibbli ta' kliem u (ii) li jkunu kostanti kemm jista' jkun (jiġifieri jkunu japplikaw ukoll għal kliem ieħor simili li jidħol fl-istess kategorija analizzata). Fil-proċess ta' l-għażla għandna nħarsu 'l bogħod kemm jista' jkun. M'għandniex naħsbu bil-mentalità li se 'nnaqqsu l-kliem żejjed li għandna bħalissa fil-lingwa' iżda għandna noħolqu mekkaniżmu ta' prinċipji ċari li jistgħu jiġu applikati faċilment għal kliem ieħor simili kull meta tinqala' l-ħtieġa fil-futur, xi ħaġa li b'xorti ħażina mhux dejjem żammejnieha f'moħħna meta fassalna ċerti regoli ortografiċi fl-imgħoddi.

**Għaliex l-għażla?**

Huwa tassew meħtieġ li nneħħu l-varjanti fi lsienna? Xi wħud jemmnu li l-varjanti jarrikkixxu l-lingwa filwaqt li oħrajn huma tal-fehma li dawn il-varjanti huma xkiel u jikkumplikaw il-kitba bla bżonn. Bl-ebda mod ma naqbel ma' dawk li jirraġunaw li għandna neliminaw ċertu kliem u nbagħbsu r-regoli ortografiċi stabbiliti bla bżonn, sempliċiment biex inħaffu l-kitba ta' lsienna ħalli ma ngerrxux lill-istudenti milli jitgħallmu l-Malti jew ħalli jkunu jistgħu jgħaddu aktar studenti mill-eżami tal-Malti. Raġunamenti bħal dawn għandhom iħammrulna wiċċna.

Xi wħud mir-raġunijiet li nqishom ġustifikati u li jġegħluni nħoss li tassew wasal iż-żmien li neliminaw ċerti varjanti li verament nistgħu ngħaddu mingħajrhom huma dawn:

1. Ta' spiss fl-istess ġurnal, ktieb jew materjal ieħor stampat bil-Malti qegħdin nilmħu l-istess kelma daqqa miktuba mod u daqqa miktuba mod ieħor. Minbarra li din mhijiex serjetà, tista' xxekkel il-qarrejja u tqajjem bosta dubji fost l-istudenti dwar kif għandha tinkiteb eżatt il-kelma.
2. Bosta għalliema u eżaminaturi ta' spiss jiġu f'diffikultà ta' jekk kelma li jkollhom jikkoreġu hijiex fil-fatt, varjant ta' kelma oħra jew le, bil-konsegwenza li jew żball jibqa' mhux ikkoreġut, jew inkella kelma li hija tassew varjant titqies bħala ħażina, tkun ikkoreġuta u jitnaqqsu l-marki minħabba fiha.
3. Fi żmien fejn l-użu tal-Malti fl-informatika qiegħed jikber b'pass mgħaġġel ħafna ta' spiss insibu ruħna f'sitwazzjoni fejn ikollna nfittxu fid-dokumenti elettroniċi xi kelma partikolari bl-għajnuna tas-*Search*. Meta niġu biex infittxu l-kelma jkollna noqogħdu naraw jekk għandhiex xi varjant ieħor aċċettat biex fil-każ nagħmlu żewġ tiftixiet jew aktar. Jekk naljenaw rasna jew ma nkunux nafu bil-modi l-oħra ta' kif tista' tinkiteb il-kelma, it-tiftix tagħna ma jkunx komplet.
4. Huwa ferm aktar prattiku li jkollna verżjoni waħda ta' kif tinkiteb kelma partikolari biex jinbnew *corpora* elettroniċi tal-Malti u biex isir tiftix minn fuqhom.
5. Huwa wkoll ferm aktar prattiku li jkollna verżjoni waħda ta' kif tinkiteb kelma biex jiġu kkompilati dizzjunarji u glossarji. Min jikkompila x-xogħol ma jkollux għalfejn joqgħod jikteb il-varjanti kollha ta' kull entrata u jiffranka li joqgħod jagħmel ħafna referenzi għall-istess kelma bnadi oħra fix-xogħol tiegħu. Anke jekk jagħti l-varjanti kollha, jista' jagħti l-impressjoni lill-qarrej li dawn jintużaw kollha bl-istess frekwenza.

6. Persuni li jaħdmu fi grupp, bħal tradutturi u ġurnalisti jkunu aktar moħħhom mistrieħ meta jiġu biex jiktbu kelma partikolari mingħajr ma jkollhom joqogħdu jħabblu rashom u jaħlu ħafna ħin biex jaraw kif għoġobhom jiktbu l-istess kelma l-kollegi tagħhom. B'hekk tinħoloq aktar konsistenza u uniformità fix-xogħol sħiħ.
7. Il-qarrejja tal-provi jkunu jistgħu jagħmlu xogħolhom b'aktar ħeffa u b'aktar preċiżjoni għax ma jkollhomx joqogħdu jaraw jekk kelma hijiex miktuba ħażin jew inkella għandhiex titħalla kif inhi minħabba li tkun varjant ta' kelma oħra.

**X'nistgħu nagħmlu**

Hemm ta' l-anqas żewġ modi ta' kif nistgħu niddeċiedu li neliminaw il-varjanti. Nistgħu nkunu kategoriċi u niddeċiedu fuq lista ta' kliem li għandu jibda jitqies bħala l-unika verżjoni tajba u nqisu l-varjanti tiegħu bħala żbaljati. F'dan il-każ il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti, bħala l-ogħla awtorità ta' lsienna, għandu jara li jwassal dawn il-listi b'kull mezz kullimkien, minn skejjel sa kull tip ta' uffiċċju. Id-deċiżjoni b'dan il-mod tkun aktar effettiva u immedjata iżda tista' tinħass bħala imposta. Mod ieħor huwa li jsiru listi ta' kliem li jindikaw il-frekwenza tal-varjanti kollha tiegħu (wara li jsir studju), bit-tama li kull min irid juża kelma partikolari, jagħżel l-aktar forma tagħha li tintuża. B'dan il-mod, wara perjodu ta' żmien, il-varjanti li jintużaw l-anqas jistgħu jiġu eliminati u x'aktarx tibqa' teżisti dik il-forma li tkun l-aktar użata. Dan il-metodu jista' ma jkunx daqstant effettiv, minħabba li jista' jagħti l-każ li xi kittieba xorta jibqgħu jippreferu kelma li ma tkunx l-aktar waħda użata. Aktar minn hekk, il-proċess sakemm naslu għal forma waħda stabbilita jista' jieħu ħafna żmien. Madankollu dan il-metodu jista' jitqies bħala metodu li jippermetti li l-eliminazzjoni tal-varjanti tkun aktar naturali milli imposta.

**Kategoriji differenti**

Tajjeb li meta nkunu qegħdin nistudjaw il-varjanti nżommu f'moħħna li jkun aktar prattiku u għaqli li minflok ma niffokaw fuq kliem iżolat u nieħdu deċiżjoni fuqu biss naraw, fejn ikun possibbli, jekk hemmx xi kriterji komuni bejn il-varjanti ħalli niffurmaw gruppi ta' kliem li jkunu jistgħu jiġu studjati flimkien bħala kategorija waħda. B'dan il-mod, il-kriterju ta' l-għażla jkun japplika għalihom ilkoll. Il-kategoriji li jsewgu huma r-riżultat ta' eżerċizzju simili. Bl-ebda mod ma jfisser li dawn il-kategoriji huma definiti. Kulħadd huwa liberu li jikklassifika dawn il-varjanti skond kriterji differenti sakemm ikun ċar fl-għażla tal-kriterji li jkun applika fl-analiżi tiegħu.

**1. Kliem Kompost b'żewġ tifsiriet differenti**

Jekk kull waħda miż-żewġ forom tal-kelma komposta (i.e. dik mifruda – mingħajr sing jew bis-sing – u dik magħquda) ikollha assoċjata magħha tifsira partikolari, iż-żewġ forom għandhom jibqgħu jinkitbu u m'għandhomx jitqiesu bħala varjanti.

Eż. **<u>Għal kemm</u>** persuni tridni nżommlok postijiet?
**<u>Għalkemm</u>** studja ħafna għall-eżami xorta waħda ma marx tajjeb.

**<u>Għal hekk</u>** biss ridt immur, biex inkun naf x'qiegħed jiġri!
Ma tantx kien jiflaħ u **<u>għalhekk</u>** baqa' d-dar.

**<u>Għal fejn</u>** illejla?
**<u>Għalfejn</u>** ma mortx magħhom?

**<u>Bil-kemm</u>** qiegħed tbigħhom dawn il-lampuki?
**<u>Bilkemm</u>** fetaħ ħalqu waqt il-laqgħa.

**<u>Ilejla</u>** ma naħsibx li ġej nara l-film.

Dik **il-lejla** ma ninsieha qatt!

**Iż-żejjed** li kelli armejtu.
Kilt **iżżejjed** u issa m'iniex inħossni tajjeb.

**Sa fejn** tridni nwasslek?
**Safejn** naf jien, dak m'għandux ħutu.

**Lanqas** qatt ma bsart li kelli nkun jien li nġib **l-anqas (l-inqas)** marki!

B'dan il-kriterju l-kliem t'hawn taħt għandu jibqa' jinkiteb b'żewġ verżjonijiet differenti minħabba li jista' jkollu aktar minn tifsira waħda:

Alla ħares / allaħares
bħal issa / bħalissa
bi ħsiebi / biħsiebi
bil-ħaqq / bilħaqq
bil-kemm / bilkemm
biż-żejjed / bizżejjed
dal-waqt / dalwaqt

daqs hekk / daqshekk
fil-waqt / filwaqt

għall-aħħar / għallaħħar
għal biex / għalbiex
għal daqshekk[23] /għaldaqshekk
għal fejn / għalfejn
għal hekk / għalhekk
għal issa / għalissa
għal kemm / għalkemm
għal kollox / għalkollox
għal li / għalli
għal xejn / għalxejn
għal xiex / għalxiex
għall-aħħar / għallaħħar
għall-anqas / għallanqas
il-lejla / illejla
iż-żejjed / iżżejjed

kemm-il darba[21] / kemmildarba
kull Ħadd / kulħadd
kull jum / kuljum

kull tant/ kultant
l-aħwa / illaħwa
la kemm / lakemm
l-anqas / lanqas
m'aħniex / maħniex[22]
ma' dan kollu / madankollu (madanakollu)
ma' dwar / madwar
ma' ġenb / maġenb
ma' tul / matul
mill-ewwel[24] / millewwel
minn barra / minbarra
minn daqshekk / mindaqshekk
minn fuq / minfuq[25]
minn tagħna / mintagħna
minn xiex / minxiex
nofs il-lejl (*half the night*) / nofsillejl (*midnight*)
nofs in-nhar (*half the day*) / nofsinhar (*midday* jew *south*[26])
nofs siegħa (*half an hour*) / in-nofsiegħa (12.30 pm)
sa barra / sabarra
sa fejn /safejn
sa kemm / sakemm
ta' l-anqas (ta' l-inqas) / talanqas (talinqas)
x'ħin / xħin

## 1.1 Kliem Kompost Magħqud

[21] Għandha tibqa' tinkiteb separata b'analoġija mal-kitba tan-numri minn ħdax sa dsatax, meta tintuża fis-sens ta' "How many times?" eż. *Kemm-il darba mort l-Italja?*
[22] Fis-sens ta' 'miġnun, ma jirraġunax sew,' eċċ.
[23] Il-varjant *għal daqs hekk* m'huwiex meħtieġ.
[24] Differenti minn *ma' l-ewwel*. Is-sentenzi li ġejjin jispjegaw id-differenza fl-użu ta' dawn il-varjanti: (1) Mill-ewwel ta' Jannar se tiżdiedli l-paga. (2) Millewwel induna li riedu jgħadduh biż-żmien. (3) Ma' l-ewwel kelma żejda li tgħid, nibagħtek 'il barra.
[25] Għandha żewġ tifsiriet kif jidher f'dawn is-sentenzi (1) Minfuq li ma ġiex, ried ukoll li tgħaddi tiegħu! (2) Il-baġit li kellna din is-sena diġà minfuq kollu!
[26] Tinkiteb b'ittra kbira (Nofsinhar) meta tkun tifforma parti minn isem proprju.

Jekk xi wieħed mill-elementi fil-kelma komposta tilef/jitlef is-sens proprju tiegħu u jkun jagħmel sens biss, jew aktar sens, meta jingħaqad ma' l-element l-ieħor/l-elementi l-oħra b'mod li bħal donnhom **iż-żewġ elementi flimkien jikkontribwixxu għal tifsira waħda** jew inkella xi wieħed mill-elementi (l-aktar meta jkun ta' oriġini Rumanza jew Ingliża) ma jkunx jintuża waħdu fil-Malti, il-varjant għandu jinkiteb bħala kelma waħda biss. Ħafna drabi l-varjant li jingħaqad ikollu tifsira ta' avverbju. Jekk maż-żmien iż-żewġ varjanti (i.e. dik magħquda u dik mifruda) jakkwistaw tifsira differenti minn xulxin allura għandhom jinkitbu ż-żewġ verżjonijiet (ara kategorija I).

barraminhekk
bħalkieku/bħallikieku
bħalma
bħalxejn[27]
daqskieku
daqslikieku
daqstant
daqsxejn
darbafill
dawramejt
dażgur
ewlillejl
ġaladarba
għadilli
għalabiebu
għalgħarrieda
għalbiex
għaldaqstant
ġieli
hawnfuq[29]
hawnhekk
hawntaħt
hemfuq
hemmhekk
hemtaħt
imbras
imbwiċċ
jisgħobbija
kemxejn
kulfejn
kulħadd
kulma
kulmeta

kulmin
kultant
jisgħobbija
kemxejn
kulfejn
ladarba
(i)lbieraħ (sa lbieraħ, ta' lbieraħ, mil-lbieraħ)
(i)lbiraħtlula[28] (sa lbiraħtlula, ta' lbiraħtlula, mil-lbiraħtlula)
(i)llum (sa llum, ta' llum, mil-lum)
lilhawn
lilhemm
lilhinn
limabħalu/limabħalha/limabħalhom
madankollu
mindaqqiet
minflok
mingħajr
mingħalija
mingħand
minnufih
mnalla
qabelxejn[30]
qarabagħli
sabiex
sadanittant/sadattant
saflaħħar
safrattant
saħansitra
sewwasew
tabilfors
tabilħaqq
tabirruħi, eċċ.
tampar(i), eċċ.
tassew

[27] Eż. *Bħalxejn ma ħax għalih meta għedtlu li kien qed jitkessaħ!*

[28] Ninnotaw li hawnhekk u fi kliem ieħor simili m'għandhiex tinkiteb l-*ie* minħabba li l-aċċent jersaq lejn tarf il-kelma u b'hekk nibqgħu konformi mar-regola (eż. *missier – missirijiet, siegħa – sigħat, bieb – bibien*). Bl-istess kriterju għandna niktbu *San Pitruburgu* u mhux *San Pietruburgu*. Jekk niddeċiedu li fi kliem bħal dan għandna nżommu l-*ie* biex nippriservaw l-identità ta' l-ewwel lessema tal-kelma għandna nżommu wkoll il-konsonanti mtennija fi kliem bħal *minnflok, minngħand, kullħadd*, għall-istess raġuni.

[29] Kliem bħal dan Erin Serracino Inglott jiktbu kelma waħda fid-dizzjunarju tiegħu (ara per eżempju *Il-Miklem Malti*, vol. III, p. 239).

[30] Tista' tinkiteb separata meta jkollha s-sens ta' 'żmien ilu' eż. *Qabel xejn ma kien idejjaqna!* Madankollu, f'każijiet bħal dawn x'aktarx li ż-żewġ kelmiet ikunu sseparati bil-virgola i.e. *Qabel, xejn ma kien idejjaqna!*

F'din il-kategorija jidħol ukoll dak il-kliem li fih għandu xi element (partiċella, prepożizzjoni, prefiss, nom, eċċ) jew inkella kollu kemm hu, missellef l-aktar mir-Rumanz[31]. B'dan il-mod inkunu neliminaw il-kitba ta' partiċelli/prefissi mit-Taljan (maqtugħin minn kliem ieħor) la darba fi lsienna dawn m'għandhomx valur fihom infushom u ma tantx jintużaw weħidhom jiġifieri x'aktarx li l-użu tagħhom huwa ristrett biss għall-kelma li jingħaqdu magħha.

affavur
(l-)aħħarnett[32]
allavolja
banjumarija
barranett
bidunett
bilingwi
bilingwiżmu
bormaforn
daparti
(l-)ewwelnett
fuqnett
gastrointestinali
ġewwanett
għarkaża[35]
granmastru[36]
inġenerali
inkwistjoni
kontraindikazzjoni
koperattiva
koperazzjoni
kordinatur/
koordinatur[37]
kordinazzjoni/
koordinazzjoni
labranzetta
ladarba
laġenba
lakemm
lamaltija

linjigwida
manġapassiġġa
pereżempju
perkażu
pezzakustjoni
primadonna
primkuġin[33]
qigħnett
quddimnett[34]
radjudramm
santafjakka
santapaċenzja
sekondawla
sekondkuġin
skansafaċendi
soċjoekonomiku
sottokumitat
sottospekkjo
stabene
superpotenza
taħtnett
taparsi
tapposta[38]
(it-)tiletnett
(it-)tininett
użufrutt
vallapena
waranett

Nifhem li ċertu kliem (eż. *limabħalu, hemtaħt, hawnfuq*) jista' joħloq xi tfixkil l-aktar għat-tfal iż-żgħar meta jiltaqgħu miegħu għall-ewwel darba, kemm biex jaqrawh u l-aktar biex jiktbuh. Kliem bħal dan forsi huwa eħfef meta jinqara separatament. Madankollu, minħabba li kliem bħal dan jintuża ta' spiss, żgur li ma jdumx biex jindara kif drajna niktbu magħqud kliem ieħor kemxejn twil bħal *hawnhekk, għalhekk, safrattant, saħansitra*, eċċ.

[31] Quddiem nom proprju jew aġġettiv imnissel minn nom proprju l-partiċella/il-prefiss m'għandhomx jingħaqdu iżda għandhom jinfirdu bis-sing, eż. pan-Amerikan, Indo-Ewropew, pro-Taljan, eċċ.
[32] Meta s-suffiss 'nett' jintuża wara aġġettiv m'għandux jingħaqad miegħu ez. mit-*twal nett* (mhux mit-*twalnett), mis-sbieħ nett* (mhux *mis-sbiħnett*).
[33] Għalkemm il-kelma 'prim' għandha użu pjuttost mifrux fil-Malti u ġieli tintuża weħidha (u għalhekk nistgħu ma ninkluduhiex f'din il-kategorija) naħseb li għall-prattiċità u l-konsistenza, la darba niktbu *sekondkuġin* u *sekondawla*, għandna niktbu wkoll *primkuġin*, *primadonna* u *primministru* bħala kelma sħiħa.
[34] Ara n-nota tal-qiegħ numru 9.
[35] Il-forma *għarkaża* naħseb li llum hija aktar komuni minn *għarukaża*.
[36] Niktbuha bl-ewwel ittra kbira meta nirreferu għal isem proprju eż. *Il-Granmastru Pinto*.
[37] Il-kelmiet *koordinatur* u *koordinazzjoni* għandhom jiġu diskussi fis-seminar tal-varjanti fonetiċi biex wara tkun tista' tittieħed deċiżjoni jekk għandhomx jinkitbu b''o' waħda jew bi tnejn. Il-punt li rrid nagħmel f'din il-kitba huwa li dawn il-kelmiet għandhom jinkitbu bħala kelma sħiħa u mhux mifrudin bis-sing.
[38] Nistgħu neliminaw dan il-varjant billi niktbu apposta.

### 1.2 Kliem Kompost Mifrud

Jekk kull wieħed mill-elementi tal-kelma komposta (x'aktarx tnejn, iżda jistgħu jkunu aktar) **ikollu sens fih innifsu** u kull wieħed minnhom ikun jeżisti separatament bħala element li jintuża ta' spiss fil-lingwa, dawn l-elementi m'għandhomx jingħaqdu flimkien.
Din li ġejja hija lista ta' dan it-tip ta' kliem.

| | |
|---|---|
| bħal meta | minn bejn |
| bħal-lum | minn daqqiet |
| dak inhar | minn fejn |
| dak inhar | nofs ta' nhar |
| dal-għodu | sa l-aħħar |
| dal-ħin | ta' xiex |
| dal-lejl | wieħed u tletin |
| disa' mija | xi ħadd |
| disat elef | xi ħaġa |
| kull darba | xi kultant |
| ma' xiex | xi mkien |
| | xi minn daqqiet |

### 1.21 Varjanti li jibdew bil-prepożizzjoni BI u FI

Minħabba raġunijiet ta' konsistenza ma' espressjonijiet simili (eż. *bil-geddum, bil-buli, bil-mod, bil-qalb, bil-ħeffa*, *bil-galbu, bil-fomm*, *fil-għajn, fil-ħin, fil-wisa', fil-qosor*) li jinkitbu mifrudin bis-sing dawk il-varjanti li jibdew bil-prepożizzjoni BI u FI, li x'aktarx ikunu segwiti b'nom astratt, m'għandhomx jinktibu bħala kelma sħiħa anke jekk fil-perċezzjoni komuni tagħna nqisuhom li qed iwasslu tifsira waħda u anke jekk it-tieni element fihom jidher li jkun tilef it-tifsira proprja tiegħu eż. bil-<u>fors.</u> Minħabba f'hekk, dawn il-varjanti għandhom jibqgħu jinkitbu separatament sakemm ma jkollhomx jew ma jakkwistawx żewġ tifsiriet differenti. F'dan il-każ, jidħlu f'Kategorija 1 u jibdew jinkitbu kemm separatament kif ukoll magħqudin (eż. *bil-ħaqq / bilħaqq, bil-kemm / bilkemm, biż-żejjed / biżżejjed, fil-fatt/filfatt, fil-waqt/filwaqt* ).

| | |
|---|---|
| bi ħsiebi | bil-kif |
| bi nhar | bil-lejl |
| bil-fors | bil-qiegħda |
| bil-ġiri | bil-wieqfa |
| fil-għaxija | fil-għodu |

Aquilina jiddistingwi bejn *fil-għaxija* u *filgħaxija*, *fil-għodu* u *filgħodu*. Id-distinzjoni fina tiegħu ma naħsibx li għadha tapplika fil-Malti kontemporanju u aktar minn hekk, mhijiex dejjem ċara. Fid-dizzjunarju Malti – Ingliż, vol. I p. 334, huwa jagħti din id-definizzjoni: "**filgħaxija** (i) this evening (*niltaqgħu filgħaxija*, we'll meet this evening), (ii) in the evening (*nieħu gost naħdem filgħaxija*; I enjoy working in the evening); **fil-għaxija**, on the evening of (*mort għandhom il-fil-għaxija* tal-20 tax-xahar, I went to see them on the evening of the 20th of the month; *iż-żiffa friska ta' fil-għaxija, the cool evening breeze;* **filgħodu**, in the morning (*filgħodu nisbaħ daqsxejn sturdut*, in the morning I feel rather dizzy); **fil-għodu**, on the morning of (*fil-għodu ta' l-aħħar Ħamis*, on the morning of last Thursday; …"

Fid-dizzjunarju Ingliż-Malti Aquilina jidher li ma kienx dejjem konsistenti ma' dak li qal fid-dizzjunarju tiegħu Malti- Ingliz (ara vol. III, p. 1912), " … *in the morning*, fil-għodu; … *in the evening,* fil-għaxija*;…*"

Erin Serracino Inglott jgħid li l-partiċella *fil-* "ma' xi nomi tiegħu sura ta' avv. taż-żmien u ġie li tingħaqad f'kelma waħda magħhom, iżda m'hux aħjar, eż. filgħodu, filgħaxija eċċ."[39]

### 1.3 Varjanti komposti minn żewġ kelmiet ripetuti.

Dawn għandhom jinkitbu separatament kemm minħabba enfasi kif ukoll għax meta nippronunzjawhom x'aktarx li nagħmlu pawsa żgħira bejn iż-żewġ kelmiet. Għaldaqstant, nemmen li l-ortografija għandha tirrispetta din it-tranżizzjoni miftuħa li filfatt isseħħ fit-taħdit.

| | |
|---|---|
| baxx baxx | kemm kemm |
| fin fin | qajl qajl |
| ħelu ħelu | sew sew |

## 2. In-negattiv tal-pronomi personali

Skond ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti*[40] in-negattiv tal-pronomi personali għandu jsir b'dan il-mod: m'iniex/miniex, m'intix/m'intx, m'huwiex/m'hux/mhux, m'hijiex/m'hix/mhix, m'aħniex, m'intomx, m'humiex. Inħoss li hawnhekk għandna nuqqas ta' konsistenza u loġika. L-għaliex *miniex* nistgħu ngħaqqduha iżda mbagħad, ngħidu aħna, *m'aħniex*, eċċ. ma nistgħux ngħaqqduha? L-għaliex *mhix* nistgħu ngħaqqduha u *m'hijiex* ma nistgħux? Nemmen li biex inkunu aktar konsistenti u prattiċi, jew niddeċiedu li l-partiċella *ma* tan-negattiv ngħaqqduha dejjem eż. *miniex, mintix/mintx, mhuwiex/mhux, mhijiex/mhix, maħniex, mintomx, mhumiex* jew nifirduha dejjem minn mal-pronom i.e. *m'iniex, m'intix/m'intx, m'huwiex/m'hux, m'hijiex/m'hix, m'aħniex, m'intomx, m'humiex* jew inkella nħallu għażla bejn dawn iż-żewġ modi ta' kitba kif wara kollox huwa ssuġġerit fit-*Tagħrif* p. 95. Dwar il-kitba ta' *miniex /minix* minkejja li xi studjużi jsostnu li l-kitba t-tajba hija *minix* nemmen li għandna nibqgħu nirrispettaw il-forma li ilna niktbu snin sħaħ u li laħqet indrat, jiġifieri *miniex*.

## 3. L-artiklu quddiem kliem li jibda bl-*għ* u l-*h*

Nemmen li l-aktar forma użata minnhom it-tnejn hija dik mingħajr vokali tal-leħen ma' l-artiklu minħabba li l-għ u l-h m'għadx għandhom valur fonemiku fil-Malti kontemporanju. Għalhekk, x'aktarx li ngħidu u niktbu *l-għalliem* u mhux *il-għalliem*, *l-hemm* u mhux *il-hemm*. Iżda dan ma jfissirx li l-użu tal-forma bil-vokali tal-leħen inqata' għalkollox. Anzi f'xi kuntesti tintuża biss din il-forma eż. *Dar il-Hena, Wied il-Għajn, Wied il-Għasel* (mhux *Dar l-hena, Wied l-Għajn, Wied l-Għasel*). Għaldaqstant naħseb li għandna nibqgħu nżommu ż-żewġ forom.

## 4. Il-prepożizzjonijiet *ma'*, *ta'*, *ġo*, *sa* quddiem kliem li jibda bl-*għ* u l-*h* u li jieħu l-artiklu

Minħabba li kif għedna, l-għ u l-h m'għandhomx valur ta' fonema konsonantali, fit-tlissin ma jinħassux.[41] Kliem li jibda bil-h u bil-għ jinħass daqslikieku jibda bil-vokali ta' warajh. Għaldaqstant, la darba niktbu *ta' l-Eġittu*, *ma' l-Amerikan*, *sa l-Awstralja* bil-prepożizzjoni mifruda minn ma' l-artiklu minħabba t-tranżizzjoni miftuħa għax jibdew b'ħoss vokaliku fit-tlissin tagħhom, għall-istess raġuni għandna niktbu wkoll *ma' l-għalliem, ta' l-għasfur, ta' l-hena, sa l-għalqa*.

[39] Ara *Il-Miklem Malti*, Vol II, p. 254.
[40] Ara it-*Tagħrif II*, p. 161. Ta' min ifakkar li din il-parti m'hijiex uffiċjali.
[41] Biex inkunu preċiżi rridu ngħidu li għalkemm m'għandhomx valur fonemiku madankollu jistgħu jkunu rrealizzati b'modi differenti.

## 5. Taqsir ta' kliem

### 5.1 Il-Prepożizzjonijiet *ma'*, *ta'*, *sa* u l-partiċella *ma* tan-negattiv imqassrin

Naħseb li kemm il-forma mqassra kif ukoll il-forma sħiħa tal-prepożizzjonijiet ta', ma' u sa u tal-partiċella ma (tan-negattiv) huma użati ħafna fit-taħdit quddiem kelma li tibda bil-vokali, għ jew h. Għaldaqstant ma naħsibx li għandna neliminaw xi forma minnhom sakemm ma jsirx xi studju li jindika li xi forma partikolari hija bil-wisq aktar użata mill-oħra. Għaldaqstant, għandna nibqgħu naċċettaw *t'April/ta' April, m'ommi/ma' ommi, ta'/t'għasfur*, *ma/m' hawnx, ma/m' hemmx, sa/s' hawn,* eċċ.

### 5.2 Kliem ieħor imqassar

*'k Alla jrid/'kk Alla jrid*:

Jekk nagħżlu li nużaw forma waħda jkun aħjar li nżommu ***'k Alla jrid*** biex nevitaw li jkollna kuntest bi tliet 'k' wara xulxin (eż. *'kk Karl irid*) u nkunu aktar fidili lejn dak li filfatt nippronunzjaw.

*'k jogħġbok/'kk jogħġbok*:

B'analoġija ma' *'k Alla jrid*, niktbu ***'k jogħġbok***.

*lura/'l ura*:

Ilna żmien niktbu ***lura*** u issa din il-forma ndrat sew u hija aċċettata. Għalhekk ma jagħmilx sens li nerġgħu nibdew niktbuha bil-prepożizzjoni mqassra (*'l ura*).

## 6. L-Ittri Kapitali

Regola 11(d) fiż-*Żieda mat-Tagħrif* tgħid li l-aġġettivi mnissla minn nomi proprji għandhom iżommu l-ittra kapitali. Inħoss li la issa din ir-regola ndrat sewwa, (forsi anke minħabba l-fatt li fil-ħafna materjal li naqraw ta' kuljum bl-Ingliż, l-istess ortografija Ingliża tirrispetta din ir-regola), ma narax l-għaliex għandna nibdew niktbu kliem bħal dan b'ittra żgħira. Bħalma niktbu *Malta*, *il-Ġermanja*, *l-Italja* b'ittra kbira għandna niktbu wkoll b'ittra kbira, *Malti/Maltija/Maltin/il-Malti, Ġermaniż/Ġermaniża/ Ġermaniżi/il-Ġermaniż* eċċ. Bl-istess kriterju għandna niktbu *Ewropew, Nisrani, Musulman, Mediterranju, Rumanz, Semitiku*. Il-kelma *Sur* għandha tibqa' tinkiteb b'ittra kbira quddiem l-isem. L-ismijiet tad-direzzjonijiet tar-riħ m'għandhomx jinkitbu b'ittra kbira sakemm ma jkunux jiffurmaw parti minn isem proprju eż. *Ix-xemx titla' min-naħa tal-lvant u tinżel fil-punent.* Iżda mbagħad niktbu *Fil-Lvant Nofsani hemm tensjoni kbira*. L-ismijiet ta' l-istaġuni x'aktarx li drajna niktbuhom b'ittra żgħira, kif ukoll l-aġġettivi li jitnisslu minnhom (eż. *flokk xitwi, drapp sajfi*). Għaldaqstant ma nħossx li għandna nibdew niktbuhom b'ittra kbira. Fi frażijiet bħal *ix-xmara Nil*, *il-vulkan Etna*, *il-muntanja Everest* inħoss li l-isem proprju huwa biss l-aħħar element tal-frażi. Tant hu hekk li nistgħu ngħidu, *in-Nil, l-Etna*, *l-Everest* u niftiehmu xorta waħda waħda. Għaldaqstant huwa biss dan l-element li għandu jinkiteb b'ittra kbira. Għalhekk niktbu: *ix-xmara Danubju*, *il-muntanja Tabor*. Bl-istess kriterju m'għandniex niktbu *l-Ispiżjar Zammit* iżda *l-ispiżjar Zammit*, *it-tabib Grech*. Iżda meta mbagħad it-titlu ta' persuna għandu jinkiteb b'ittra kbira eż. *Il-Prof. J. Attard*, *Dr A. Micallef, il-Kav. J. Farrugia* eċċ. Madankollu l-kliem kollu li jifforma isem proprju ta' avvenimenti, ġrajjiet, perjodi storiċi, eċċ. bħal *it-Tieni Gwerra Dinjija*, *iż-Żmien Nofsani*, *l-Għid il-Kbir* eċċ. għandu jinkiteb b'ittra kbira minħabba li kollu kemm hu huwa parti integrali mill-isem proprju. Meta l-pronom personali magħżul ikun jirreferi għal Alla jew għal Kristu għandu jibqa' jinkiteb b'ittra kbira eż. *Kien Hu li*

*salvana mid-dnub* iżda għall-prattiċità fil-kitba, ma nħossx li għandna niktbu b'ittra kbira dan il-pronom meta jkun mehmuż eż. *Nitolbuh jidħol għalina* u mhux *NitolbuH jidħol għalina*. B'hekk nevitaw li jkollna xi silta twila li tittratta suġġett reliġjuż u li fiha jkollna noqogħdu niktbu l-ħin kollu dan il-pronom mehmuż b'ittra kbira eż. *NitolbuH u nagħtuH il-qima li tixraqlU.*

**7. Kliem bl-aċċent suqqaf (^)**

Ladarba fl-Aġġornament p. 141 insibu li fil-Malti normalment[42] jitniżżel aċċent grafiku wieħed biss ( ` ) u dan fi kliem ta' nisel Rumanz fuq il-vokali ta' l-aħħar f'tarf il-kelma li jkollha aktar minn sillaba waħda eż. *tribù, onestà*, eċċ. naħseb li jkun aktar prattiku u eħfef meta niġu biex niktbu kliem bħal ***baħħar, ħara, żina***, minflok *baħħâr, ħâra, żîna*. Tassew li s-suqqaf jista' jelimina l-ambigwità fit-tifsira taż-żewġ omografi li tista' tinħoloq fil-qari iżda nħoss li ħafna drabi l-kuntest innifsu jwassalna għall-pronunzja u t-tifsira t-tajba.

**8. Kriterji Fonetiċi/Prattiċi [43]**

*wegħedna/wegħidna; għedt/għidt:*

Iż-żewġ varjanti jirrispettaw il-forma morfoloġika tagħhom. La darba t-tnejn huma morfoloġikament korretti nemmen li jekk għandna nżommu waħda minnhom għandna nżommu dik il-forma li bla dubju hija l-aktar użata fit-taħdit jiġifieri, l-forma li fiha tinstema' /e:/ jiġifieri ***wegħedna, ġegħelna, megħekna, qegħedna, begħedna***, eċċ. Għall-istess raġuni għandna niktbu ***għedt***, eċċ u mhux *għidt*, eċċ. Għandna niddistingwu fil-ħoss bejn *għedt* (I/you said) fejn għandna l-vokali 'e' twila minħabba li hemm l-għ quddiemha u *għid* (imperattiv) fejn l-'għ' u l-'i' flimkien qegħdin joħolqu dttong.

*tieba/tjieba, żieda/żjieda, qies/qjies, subjien/subien, għotjien/għotien*:

Tassew li morfoloġikament *żjieda*, *tjieba*, *sjieda*, *qjies*, *subjien* huma l-forom korretti iżda jidher li l-forom mingħajr il-'j' f'dawn l-aħħar snin kienu aktar preferuti. Anke fl-istess titlu *Żieda mat-Tagħrif* li kienet stampata mill-Akkademja fl-1984 u rikonoxxuta b'mod uffiċjali, intużat il-verżjoni ta' mingħajr il-'j', konsonanti li normalment fit-taħdit ma tkunx imlissna fi kliem bħal dan. Għaldaqstant naħseb li għandna niktbu ***żieda, tieba, qies, subien***. Bl-istess kriterji għandna niktbu ***sieda*** (sid, sidien) u mhux *sjieda*. Jekk niddeċiedu li niktbu ***tieba***, eċċ jaqbel li fuq l-istess forma niktbu ***dieqa***. Dwar din il-kelma ma naħsibx li għandu jkun il-każ li nagħżlu bejn *diqa/dieqa* iżda bejn *dieqa/djieqa*. Mhux hekk il-kelma ***għotjien*** li hija użata ħafna fit-taħdit. Barraminhekk, hija l-forma li nsibu fid-dizzjunarji ewlenin u l-aktar forma miktuba li tintuża. Għalhekk ikun aħjar jekk nużaw lilha.

*partu/parttu, gerbu/gerbbu*:

Għalkemm morfoloġikament *parttu* u *gerbbu* huma l-forom korretti (bħal *farfru*, *ħarbxu*, eċċ) madankollu skond Regola 47 tat-Tagħrif "Meta fil-kelma żewġ konsonanti ta' l-istess sura u leħen jaħbtu wara waħda mill-konsonanti likwidi l,m,n, r il-għaqda ta' dawn iż-żewġ konsonanti titfisser b'waħda. Għalhekk minn *gerbeb, qanċeċ, partat,* nagħmlu u niktbu ***gerbu, qanċu, partu*** flok *gerbbu*, *qanċċu*, *parttu*. Hekk ukoll ***mgerbin, mqanċin, mpartin*** flok *mgerbbin, mqanċċin, mparttin*, eċċ."

---

[42] Inħoss li din ir-regola kif inhi miktuba tista' tagħti lok għal interpretazzjoni differenti. Jekk se niddeċiedu li għandna nħallu biss aċċent wieħed fil-kitba għandha titneħħa l-kelma *normalment* mir-regola għax din tista' tagħtina x'nifhmu li f'xi okkażjonijiet huwa permess li niktbu aċċenti grafiċi oħrajn u allura b'dan il-kriterju jista' jitħalla s-suqqaf.

[43] Qed nuża t-terminu *Prattiċi* għax fis-sew dawn il-kriterji mhumiex fonetiċi għal kollox la darba qed ninkludi kliem li fih l-'għ' u l-'h'.

*fehmti/fehimti/fehemti, nagħrfu/nagħirfu/nagħarfu, nehmżu/nehimżu/nehemżu*:

Minħabba li l-konsonanti 'għ' u 'h', kif għedna aktar 'il fuq illum tilfu l-valur ta' fonema konsonantali li kellhom huwa possibbli li fi kliem bħal dan (meta jaħbtu quddiem konsonanti likwida li warajha jkollha wkoll konsonanti oħra) ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' vokali tal-leħen quddiem il-likwida. Għalhekk naħseb li għandna naċċettaw li niktbu ***fehmti, nagħrfu, nehmżu, negħlbu*** u b'dan il-mod inkunu aktar prattiċi l-aktar meta nkunu qegħdin ngħallmu t-tiswir tal-verbi u nqabblu l-konsonanti 'għ' u 'h' ma' konsonanti likwida (eż. *qagħad* bħal *seraq* mela *noqogħdu* għax *nisirqu*). B'dan il-mod fl-imperfett, verbi bħal *għaraf, għeleb, hemeż* inkunu wkoll nistgħu nqabbluhom ma' verbi bħal *rebaħ* jew *lemaħ*, u għalhekk niktbu *negħlbu* u *nagħrfu* bħal *nirbħu* u *nilmħu*.

*inizjattiva/inizzjattiva, inizjali/inizzjali*:

Bħalma fiż-*Żieda*[44] nsibu li għandna niktbu *edukazzjoni* ('z' mtennija wara vokali) u *intenzjoni* ('z' waħda wara konsonanti) inħoss li bl-istess kriterji għandna niktbu ***inizzjali*** u ***inizzjattiva*** ('z' mtennija għax wara vokali) u mhux *inizjali*.

*kummissjoni/kumissjoni:*

X'aktarx li l-aktar forma użata fit-taħdit u fil-kitba hija dik bid-doppja 'm'. Għaldaqstant, għandna niktbu ***kummissjoni***.

*ruxxmata/ruxmata*:

Fonetikament tinstema' 'x' doppja u jekk tinkiteb hekk, grammatikament ma tkunx qed tikser l-ebda regola. Jidher ukoll li ***ruxxmata*** hija l-aktar forma użata fil-kitba.

*smewwiet/smewiet:*

Għalkemm etimoloġikament *smewiet* hija korretta jidher li ***smewwiet*** issa ilha tinkiteb u bħal donnha hija l-aktar forma aċċettata. Barraminhekk fonetikament x'aktarx nisimgħu u nippronunzjaw il-kelma bid-doppja 'w'.

*għafrit/għafrid*:

Xi wħud, bħal Vassalli, jiktbu din il-kelma bil konsonanti 'd' fl-aħħar. Madankollu, ladarba l-fonetika u l-etimoloġija tagħha jindikaw 't' f'tarf il-kelma u ladarba ma jitnisslux forom oħra minnha, inħoss li għandna niktbuha ***għafrit***.

*bergħut/bergħud*:

Illum l-aktar forom li nużaw huma *bergħut/a* u *briegħet* fejn aktar insemmgħu t-'t' milli d-'d' fl-aħħar tal-kelma. Għaldaqstant, għandna niktbu l-forma ***bergħut*** u fl-istess ħin inkunu konformi wkoll ma' l-etimoloġija tal-kelma.

*bies/bież*:

Jaqbel li din il-forma għandna niktbuha ***bies*** għax minbarra li fit-tarf nisimgħu /s/, il-ħoss tas-'s' jinstema' wkoll fit-tnissil ta' kliem ieħor minnha (eż. *bisien* mhux *biżien*).

*Iżlam/Islam:*

---

[44] Ara t-*Tagħrif II* p. 136.

Skond l-etimoloġija għandna niktbu 's' u nemmen ukoll li l-aktar forma użata hija dik bl-'s'. Madankollu skond ir-Regola 6 taż-*Żieda* 'Kliem li fl-islien oriġinali jinkiteb bil-konsonanti 's' (ħafna drabi mlissna bil-ħoss ta' 'ż') … għandu jsegwi l-fonetika u mhux kif jinkiteb fl-oriġinal.' Għaldaqstant, il-kelma għandna niktbuha ***Iżlam***.

*rkoppa/rkobba*:

La darba fil-forom kollha mnissla minn din il-kelma nisimgħu l-ħoss ta' /p/ jew /p:/naħseb li jkun aħjar jekk il-forma miktuba tirrispetta l-fonetika u mhux l-etimoloġija. Għalhekk għandna niktbu: ***irkoppti, irkopptok, irkupptejja, irkupptejk, għarkupptejja, għarkupptejk***, eċċ).

*addijo/addio*:

Hawnhekk għandna kelma li integrat għal kollox fil-Malti u ma narax il-ħtieġa li għandha tkun l-etimoloġija li tiddeċiedi. Ladarba fonetikament nisimgħu l-ħoss tal-'j' (bħal *zija, pulizija*, eċċ) u r-regola tgħidilna li meta sillaba f'kelma tispiċċa b'vokali i' jew 'u' u s-sillaba ta' warajha fl-istess kelma tibda wkoll b'vokali għandna tidħol il-konsonanti dgħajfa 'j' jew 'w' bejniethom[45], il-kelma għandna niktbuha ***addijo***.

*alliev/alljiev*:

Naħseb l-aktar forma li toqrob lejn il-fonetika u l-aktar forma li tintuża hija ***alliev*** (bħal *solliev*). Għaldaqstant, jekk għandna nagħżlu forma waħda għandna nagħżlu dik mingħajr il-'j'.

*tini jdejk/tini idejk*:

Etimoloġikament il-kelma kienet *jad* li minħabba li x'aktarx kienet tintuża ħafna fl-għadd imtenni fejn l-ewwel vokali titlef l-aċċent (*jadejh*), maż-żmien din il-vokali setgħet intilfet. Jekk inhu hekk, *jd* bdiet issir *id* wara konsonanti biex tkun tista' titleħħen. It-*Tagħrif* (Regola 42) jimplika li għandna niktbu *jdejk* wara kelma li tispiċċa b'ħoss vokaliku u ma jidhirx li hemm xi regola oħra speċifika li tgħid li għandna niktbu tini *idejk*. Madankollu jidher li mit-*Tagħrif* 'l hawn il-konswetudni dejjem implikat li l-kelma għandha tibqa' *idejn*, ikun xi jkun il-ħoss ta' qabilha.[46] Forsi raġuni għal dan hija li fis-singular *id* ikollha dejjem l-aċċent fuqha u allura l-vokali ma taqax (*kisirlu idu, tini idek, eċċ*). Madankollu din ir-raġuni ma tidhirx li hija ġustifikata. Għalhekk, naħseb bħalma niktbu *Pawlu jdur* u *Ġorġ idur* għandna niktbu ***tini jdejk*** u ***ksirt idejk***.

*kontrik/kontriek*:

F'dan il-każ ma nistgħux ngħidu li l-'a' ta' *kontra* tinbidel f''ie' kif jiġri f'każi oħrajn ta' kliem ieħor l-aktar ta' nisel Semitiku fejn l-'a' fit-tarf tinbidel f''ie' (eż. *semmiek*, *stenniek*, eċċ) Hawnhekk il-vokali 'a' f'tarf il-prepożizzjoni tinbidel f''i' qabel jingħaqad magħha l-pronom u ma tinbidilx f''ie', kif wara kollox jiġri fil-każ tal-partiċella *wara* li ma ssirx *wariek*

45 Ara t-*Tagħrif II* p. 133,

46 Erin Serracino Inglott fil-Miklem (vol. 8, p.168-9) jikteb *diliklu idejh*, *żammlu idejh*, *mhux ta' idejh*, *talab ta' idejh*, *erba' idejn*, eċċ. Aquilina fid-Dizzjunarju taħt *id* (p. 558-9) juża dejjem is-sinjal " ~ " u bħal donnu jimplika li għandna nużaw *id* f'kull forma. Fost wieħed mill-eżempji jagħti wkoll *talab wisq ta' idejh* u taħt *qata'* (p. 1139) jagħti *qata' idejh*. Fir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti*, maħruġa mill-Akkademja, fit-Taqsima 'In-Nom', fl-ispjega ta' 'L-Għadd Imtenni' bħala wieħed mill-eżempji nsibu *m'għandix erba' idejn*.

(wara > waraj + k). Għalhekk, għandna niktbu ***kontrija, kontrik, kontrih, kontriha, kontrina, kontrikom, kontrihom*** kif niktbu *favurija, favurik, favurih, favuriha, favurina, favurikom, favurihom*. B'dan il-mod l-ortografija tkun tirrispetta wkoll il-fonetika minħabba li fit-tlissin tal-kelma *kontrik* nisimgħu vokali qasira fl-aħħar sillaba u mhux vokali twila.

*xbiha/xbieha*:

Għalkemm iż-żewġ forom jintużaw ta' spiss naħseb li (i) minħabba li fil-pronunzja aktar inħossu vokali qasira fl-ewwel sillaba, (ii) ikun aktar prattiku li niftakru xbiha – xbihat, għandna nippreferu l-forma ***xbiha***.

## 8.1 Kriterji Fonetiċi użati minħabba nuqqas ta' qbil fl-etimoloġija tal-kelma

Dawn il-varjanti li ġejjin jidher li għandhom xi ħaġa komuni – morfoloġikament iż-żewġ forom huma korretti iżda hemm nuqqas ta' qbil dwar l-etimoloġija tagħhom. Ħafna minn dan il-kliem ma tantx niltaqgħu miegħu ta' spiss fil-kitba u għalhekk ma nistgħux ngħidu li l-kriterju viżiv laħaq influwenzana. Minħabba f'hekk, għall-prattiċità jkun aħjar jekk il-forma miktuba tkun toqrob kemm jista' jkun lejn il-forma mitħaddta.

*għarax/għargħax*:

Għandna niktbu **għarax** (l-I forma), **għarrax** (it-II forma), **tgħarrax** (il-V) forma. Eż. *Jiena nitgħarax (* bħal *ninkiser). Għarraxtu (*bħal *kissirtu) fil-qiegħ ta' siequ.*

*Heżheż/heżżeż*:

Għandna niktbu ***heżżeż*** (it-II forma), ***theżżeż*** (il-V forma). Għalhekk niktbu wkoll **theżżiż/a** bħal *tkissir/a*.

*każbar/kasbar:*

Għandna niktbu ***każbar***, ***tkażbir***

*lembija/lenbija; lembuba/lenbuba*:

Għandna niktbu ***lembija, lembeb, lembuba*** u ***lembut***.

*Naħnaħ/nagħnagħ*:

Għandna niktbu ***naħnaħ*** (***tnaħniħ***, eċċ)

## 9. Kriterji Etimoloġiċi/Il-Konswetudni

Xi drabi l-kriterji morfoloġiċi/grammatikali u/jew fonetiċi ma tantx jgħinuna wisq biex nagħżlu forma waħda miktuba ta' żewġ varjanti jew aktar. Dan jiġri jew għax iż-żewġ forom jistgħu jkunu morfoloġikament/grammatikament korretti jew għax il-forom varjanti jkunu simili jew kważi simili fil-ħoss jew inkella għax iż-żewġ forom ikunu użati bejn wieħed u ieħor, bl-istess frekwenza. F'każijiet bħal dawn inħoss li għandna nagħtu kas tal-kriterji etimoloġiċi u l-konswetudni. B'dawn il-kriterji għandna niktbu:

**ażma**/ażżma: (< Sq/Tal. Asma – 's' waħda)
**peprin**/pepprin: (< Sq. paparina)
**bibbja**/bibja: (< Tal. bibbia) (u għalhekk għandna niktbu *bibbliku*, eċċ)
**aċċjomu**/aċjomu: (< Tal. ecceomo < Lat. ecce homo)

**Afrika**/Afrika: (< Tal. Africa, Ing. Africa)
**amen/**ammen: (< Lat. amen)
**Awissu**/Awwissu:[47] (< Għar. Tun. 'awussu:)
**ewieq**/ewwieq: (< Għar. awa:qi)
**alleluja**/allelulja/halleluja: (< Tal. alleluia)
**biblijografija**/bibljografija/bibjografija: (< Tal. bibliografia)
**biblijoteka**/bibljoteka/bibjoteka: (< Tal. biblioteca)
**dugħ**/duħ: (< Għar. du ع) )
**Magħreb**/Magreb: (< Għar. almaغ rib)
**riżq**/risq: (< Għar. rizq)
**skont**/**skond**: = Għandhom jibqgħu jintużaw it-tnejn b'dan is-sens: *skont* (*discount* – < Tal. *sconto*) u *skond* (*according to* – < Tal. *secondo*). F'dan il-każ id-'d' fit-tarf titlef it-tleħħin tagħha u ssir imniffsa kif jiġrilu ħafna kliem ieħor fil-Malti (eż. *ħadid*, *sadid*). Il-problema tinqala' meta mal-kelma nżidu s-suffissi pronominali. F'dan il-każ, id-'d' mniffsa f'tarf il-kelma għandha tibqa' tinkiteb 'd' jew issir 't' skond il-fonetika (i.e. *skonti/skondi, skontok/skondok*)? Naħseb li hawn il-prinċipju fonetiku għandu jibqa' japplika u għandna nibqgħu niktbu skond il-konswetudni jiġifieri, *skonti*, *skontok*, *skontna*, eċċ).
**xhieda**/xiehda*:* Għalkemm hawn xi wħud li jiddistingwu fit-tifsira ta' dawn iż-żewġ kelmiet inħoss li fl-użu ta' kuljum din id-distinzjoni mhijiex qiegħda sseħħ. Għall-prattiċità jaqbel li għandna nibqgħu nużaw l-aktar forma komuni i.e. ***xhieda*** kemm fis-sens ta' evidenza kif ukoll fis-sens ta' persuni li jixhdu. Huwa aktar prattiku wkoll u eħfef li wieħed jiftakar li la l-forma *xhud*, li llum tintuża bħala singular tibda bil-konsonanti *xh* jmissu ma' xulxin, il-plural *xhieda* jibda wkoll bix-*xh* jmissu ma' xulxin.

## 10. Kriterji Morfoloġiċi/Grammatikali

*akkredtu/akkrettu*:

Ikun aħjar jekk niktbu ***akkredtu*** minħabba li minnha nnisslu forom oħra fejn tinstema' u tinkiteb id-'d' eż. *akkreditajt*, *kreditu*, *kreditur*.

*priedka/prietka:*

Ikun aħjar jekk niktbu ***priedka*** għax minnha nnisslu forom oħra fejn tinstema' d-'d' u mhux it-'t' eż. *predikatur*, *predikazzjoni*, eċċ.

*dgħufija/dgħjufija/djufija*:

Erin Serracino Inglott jagħti biss *dgħufija* bħala l-forma t-tajba filwaqt li Aquilina jagħti *dgħufija* u *dgħjufija*. Morfoloġikament il-forma korretta hija ***dgħufija*** bħal *qdusija*, *kburija*, *qlubija* (12v3ija). B'dan l-argument m'għandniex niktbu *dgħjufija* għax ma ssegwix dan il-mudell. Nibqgħu bil-possibiltà li niktbu *djufija* li ssegwi l-mudell imsemmi. Huwa veru li l-'għ' f'xi każi tkun irrappreżentata mill-konsonanti dgħajfa 'j' eż. *stajt* < (s-t-għ), *bqajna* (b-q-għ). Madankollu, jekk nagħżlu din il-forma ma nkunux konsistenti ma forom oħra li joħorġu mill-istess għerq, eż. *dgħif*, *dgħajjef*, *dgħief*/*dgħaf* eċċ. li ma jinkitbux bil-'j'. Għaldaqstant, minkejja li *dgħjufija* tissodisfa aktar il-kriterju fonetiku nħoss li għandna niktbu ***dgħufija*** biex nirrispettaw il-morfoloġija. Fejn għandna mudelli stabbiliti nħoss li fejn hu possibbli għandna nibqgħu nużawhom.

---

[47] Għalkemm personalment nippreferi u nikteb 'Awwissu', il-forma miktuba 'Awissu' minbarra li hija etimoloġikament korretta hija wkoll ftit aktar użata. F'biċċa xogħol li tajt lil grupp ta' studenti universitarji li ngħallem instab li 'Awissu' kienet użata minn madwar 55% ta' l-informanti. Instab ukoll li bosta studenti jikkunsidraw 'Awwissu' bħala forma żbaljata minħabba li l-għalliema tagħhom dejjem qalulhom hekk u dejjem ikkoreġewhielhom meta kitbuha bid-doppja 'w'! Forsi din tista' tkun ir-raġuni l-għaliex il-varjant b' 'w' waħda huwa użat ftit aktar.

*gods/gozz*:

Għalkemm etimoloġikament *gods* (*geddes, tgeddis*) hija l-forma t-tajba madankollu ladarba jeżistu wkoll il-forom *gezzez*, *tgezzez*, *tgezziz*, inħoss li l-ebda forma mill-par m'għandha titwaqqa' u għalhekk għandhom jibqgħu jeżistu t-tnejn bħala varjanti.

*għaġla/għaġġla*:

Għandna niktbu ***għaġla*** fuq il-mudell (1v23a) eż. *telqa*, *serqa*, *għamla*, *għafsa*, *għaġna*. Tassew li l-verb fl-ewwel forma ma jeżistix (i.e. *għaġel) iżda bl-istess argument minn **għafeġ* nagħmlu *għafġa* mhux *għaffġa*.

*Għarabja/Arabja*:

Għalkemm etimoloġikament Arabja hija l-forma t-tajba madankollu minħabba li l-forom relatati ma' din il-kelma li huma l-aktar użati jinkitbu bil-għ (*Għarbi*, *Għarbija*, eċċ) għall-konsistenza, ikun aħjar jekk niktbu wkoll Għarabja.

*għajbien/għibien, għajdut/għidut, għajxien/għixien*:

Għandna niktbu ***għajbien*** (***għejbien***), ***għajdut***, ***għajxien*** bħal nomi verbali oħra *telfien*, *dawrien*, *sajran*.

*għawma/għuma; għejxa/ għixa*:

Dawn mhumiex varjanti. Il-forma **għuma* hija ħażina u m'għandhiex titntuża. In-nom verbali minn *għam* huwa *għawm* li minnu joħroġ in-nom verbali ta' l-unità ***għawma*** (*għawm* + *a*). Bl-istess kriterju għandna niktbu ***għejxa*** (*għajxa*) u mhux **għixa*.

*għejra għira*:

Jekk nikkunsidraw biss il-frekwenza tal-kitba taż-żewġ forom ikollna nammettu li *għira* hija aktar komuni iżda ***għejra*** hija grammatikament u etimoloġikament aktar korretta. Għalhekk ikun aħjar jekk niktbu ***għejra***.

*nagħaġ/ngħaġ*:

Nistgħu nagħżlu li niktbu ***nagħaġ/nagħġa*** fuq il-mudell ta' *baqar/baqra, mogħoż/ mogħża*, *basal/basla*.

*den/denn*:
Din il-kelma ma naħsibx li għadha tintuża ħafna u ma naħsibx li forma minnhom hija preferuta ħafna aktar mill-oħra. Madankollu kieku nagħżel li nikteb ***den*** (*worthy*) – forma li fl-istess ħin hija kkonsolidata mill-forom aġġettivali *denja* u *denji* li wkoll jinkitbu b''n' waħda – u *denn* (infettar) bħala nom verbali ta' *denna.*

*Kliem barrani li jibda bil-vokali 'i'*

*iffolla/ffolla, induna/nduna, inzerta/nzerta, irranġa/rranġa*:

Kliem bħal dan skond ir-regoli numru 1u 2 fiż-*Żieda* m'għandux jitqies bħala varjanti. Skond dawn ir-regoli dan il-kliem għandu jinkiteb dejjem hekk: ***iffolla*** (< Tal. *affollare*); ***induna*** (< Sq. *addunarsi*); ***nzerta*** (< Sq. *nzirtari*) u ***irranġa*** (< Tal. *arrangiare*). Skond Regola nru 1 (fin-nota) "Fil-każijiet kollha ta' kliem missellef li jibda bil-vokali 'a', 'e', 'o' jew 'u', il-

Malti jżomm din il-vokali. Jidhrilna għalhekk li għandna nżommuha fil-każ tal-vokali 'i' wkoll."[48] U aktar 'l isfel fin-nota tar-Regola nru 2 insibu miktub li "Verbi oħra mnissla ma joħolqux diffikultajiet ortografiċi. Dawn li fil-għerq tagħhom jibdew b'vokali (*aċċetta, introduċa, implika, eduka, obda, umilja*), iżommu din il-vokali)."

Nifhem li l-intenzjoni ta' dawn ir-regoli kienet tajba iżda meta tfasslu jidher li ma kienx hemm ħsieb biżżejjed dwar ir-riperkussjonijiet li seta' jkollhom. Kif inhuma s'issa l-affarijiet, biex niktbu ċertu kliem barrani li tant integra sew fil-Malti li bir-raġun kollu nsibuh fid-dizzjunarji Maltin, irridu noqogħdu l-ewwel nintebħu li hu kliem ta' nisel barrani mbagħad noqogħdu nfittxu l-etimoloġija tiegħu u jekk fl-ilsien oriġinali jinkiteb bil-vokali fil-bidu, inżommu l-vokali fil-Malti bħala parti integrali tal-kelma u jekk fl-ilsien oriġinali ma jibdiex bil-vokali, din il-vokali titħalla wkoll barra fil-Malti. Dan m'hu prattiku xejn, anzi huwa proċess li jxekkel il-kitba. M'huwiex loġiku li biex niktbu kelma bil-Malti jkollna noqogħdu naraw kif tinkiteb fl-ilsien oriġinali, bħal, ngħidu aħna, l-Isqalli, aktar u aktar meta fl-introduzzjoni għaż-*Żieda* nsibu miktub li "Il-kliem ta' nisel barrani jieħu l-valur tiegħu bħala kliem Malti meta jkun aċċettat u użat mill-poplu. Minn dak il-ħin għandu jitqies li hu biċċa mill-ilsien Malti, u biex tiktbu la hemm il-ħtieġa li tmur għall-oriġini tiegħu fl-ilsien barrani, u lanqas ma hemm bżonn li tkun taf ilsna barranin. Trid tkun taf biss kif il-kelma tingħad u tinħass fil-Malti..." Dan huwa prinċipju tajjeb iżda b'xorti ħażina nkiser żewġ paġni wara fl-istess *Żieda,*[49] prinċipju li qed jinkiser kuljum meta niktbu bil-Malti kliem bħal *induna*, *(i)nzerta* eċċ. Jidher li hemm il-ħtieġa li jsir studju dwar dan it-tip ta' kliem biex ir-regola eżistenti tkun immodifikata.

[48] Ara t-*Tagħrif* II, p. 132.
[49] Ara t-*Tagħrif* II, p. 130.

Simone Farrugia-Inguanez

**Il-kwistjoni tal-varjanti ortografiċi**

Kif narahom jien, is-sisien ewlenin għas-soluzzjoni ta' dil-kwistjoni jinsabu fil-ħames prinċipji ta' l-ortografija Maltija. Ma' dawn jiżdiedu xi kriterji bażiċi, fosthom il-kriterju tal-prattiċità, is-sempliċità u l-pedagoġija, il-kriterju ta' l-uniformità, l-istabbiltà u l-kontinwità, il-kriterju tal-konsistenza, il-kriterju ta' l-identità, u l-kriterju tal-konformità. Hemm imbagħad il-ħtieġa li l-ortografija tibqa' tiġi aġġornata u l-ħtieġa li tittieħed deċiżjoni kif jixraq dwar bosta dubji u inċertezzi, uħud antiki u oħrajn aktar reċenti, fl-ortografija Maltija.

**Il-Ħames Prinċipji Ewlenin ta' l-Ortografija Maltija**

- **Il-Prinċipju Fonetiku:** Kif iħobb jikkwota Manwel Mifsud: "Fil-bidu kienet il-kelma". Il-kitba hija qabelxejn rappreżentazzjoni tal-kelma kif tinstema'. Minn dal-lat, il-qofol tagħha għandu jkun il-lealtà lejn il-ħoss. Iżda l-ħoss huwa influwenzat minn għadd ta' elementi u għalhekk ivarja minn kelliem għal ieħor.

- **Il-Prinċipju Fonemiku:** Barra minn hekk, il-kliem jissensel u jinbena fuq forom ta' tifsira bażika. Fl-element Semitiku ninqdew bis-sinsla ta' l-għerq; fl-element Rumanz/Ingliż ninqdew biz-zokk morfemiku. Jekk b'lealtà lejn il-ħoss nitbiegħdu wisq mis-"sinsla" nissugraw li nħarbtu s-sistema kollha. Minn dal-lat, il-kitba trid tirrifletti dak li l-ħoss innifsu jirrappreżenta.

- **Il-Prinċipju Storiku-Etimoloġiku:** Hemm ukoll id-diffikultà ta' kif nirrappreżentaw xi ħsejjes ta' nisel semitiku b'għeliem Ewropej. Biss, il-kliem li jidħol fil-Malti jrid joqgħod għas-sistema tal-Malti (kemm jekk ikun ta' nisel Semitiku/nisel Rumanz/nisel ieħor). M'għandix għalfejn inkun studjuża ta' l-Għarbi, l-Isqalli, it-Taljan, l-Ingliż jew ilsna oħra biex nikteb b'Malti tajjeb. Il-kriterju storiku-etimoloġiku jitlob wisq mill-kittieba.

- **Il-Prinċipju Morfoloġiku:** Fl-istudju tal-forma tal-kelma, forom partikulari jkollhom marbuta magħhom tifsira partikulari. Hawn ukoll, jekk b'lealtà lejn il-ħoss nitbiegħdu wisq mis-"sinsla" nissugraw li nħarbtu s-sistema kollha.

- **Il-Prinċipju Viżiv:** Hemm imbagħad il-kriterju li kliem li ndara miktub b'mod partikulari, anki jekk jikser il-prinċipji l-oħra kollha tal-Malti, ikun għaqli li nibqgħu niktbuh b'dan il-mod stabbilit. Dan hu għalhekk marbut mal-kriterju ta' l-istabbiltà.

**Kriterji Bażiċi li Għandhom Imexxuna**

- **Il-Kriterju tal-Prattiċità, is-Sempliċità u l-Pedagoġija:** Il-kitba hija għodda biex taqdina sabiex naslu fejn ma naslux bil-kelma. Trid tikkomunika u tiftiehem bla sforz żejjed u bla ma nintilfu fl-irqaqat, anki jekk dan jikkomprometti l-perfezzjoni u l-preċiżjoni xjentifika tal-kitba. Il-kitba trid taqdi l-kotra. Il-kotra mhijiex magħmula minn lingwisti biss. Trid taqdi 'l nies ta' ħiliet differenti. M'għandhiex tkun ikkumplikata wisq. Irridu nkunu prattiċi u konsistenti. Irridu nqisu, fost affarijiet oħra, it-tagħlim tal-lingwa. Il-kitba trid taqdina wkoll fl-oqsma kollha tal-ħajja – anki fejn ikun hemm influssi kbar minn ilsna oħra. Ma rridux lanqas nissuktaw ingerrxu kittieba li, għalkemm Maltin aktar mis-swar, ma jgħaddilhom qatt minn moħħhom li SMS, ittre, ittra, ċekk… jikbtuhom bil-Malti "għax bil-Malti ma nafx nikteb".

- **Il-Kriterju ta' l-Uniformità:** Id-diversità u l-kreattività jagħmlu l-ilsien aktar interessanti. La għandna u lanqas nistgħu nissoprimu varjanti li għandhom sisien fondati. Żgur mhux xogħol l-ortografija, qabelxejn, li tindaħal fit-taħdit. Madankollu, hemm

ambjenti fejn l-uniformità fil-kitba hija meħtieġa partikularment u għalhekk il-ħtieġa ta' qbil fuq xi kriterji jridu jitħaddmu.

- **Il-Kriterju tal-Konsistenza, l-Istabbiltà u l-Kontinwità:** Ir-regoli għandhom ikunu konsistenti, stabbli u jqisu l-kontinwità. In-nuqqas ta' konsistenza, stabbiltà u kontinwità jħawwad l-imħuħ.

- **Il-Kriterju ta' l-Identità:** Hawn, ta' min itenni, il-kliem li jidħol fil-Malti irid joqgħod għas-sistema tal-Malti. Bla ma nidħol fid-dettall (billi dan se jkun is-suġġett tat-tieni seminar fuq il-varjanti), lanqas ma jagħmilli sens, la estetikament u lanqas b'xi mod ieħor li nista' naħseb, li kitba "bil-Malti" tkun mimlija kliem ta' nisel barrani fil-korsiv. Issir ħafna oġġezzjoni għat-tranżliterazzjoni (partikularment fil-każ ta' kliem ta' nisel Ingliż) għax "stramb" u "ikrah" u "moda ġdida", anki jekk fid-Dizzjunarju Ingliż-Malti (attribwit lil Dr E. Magri) maħruġ mill-Gvern fl-1906 ġa nsibu għadd ta' kliem ta' nisel Ingliż tranżliterat. Din l-oġġezzjoni xi drabi tkun ġejja minn nuqqas ta' apprezzament tal-kwistjoni ta' l-ikkonjugar u tal-kliem derivat mill-"kliem missellef" li tant daħal fil-Malti. Faċli naħsbu li din hi xi ħaġa li fattarna fl-ilsien Malti, meta ninsew x'jiġri fl-ilsna l-oħra.

- **Il-Kriterju tal-Konformità:** Il-varjanti u l-ksur tar-regoli huma żewġ affarijiet differenti. Ir-regoli qegħdin hemm biex joħolqu u jmantnu l-ordni. Mhijiex serjetà li persuna taqdef għal rasha skond ma jidhrilha, anki jekk dan issejsu fuq l-argumenti tagħha. Sitwazzjoni bħal din iddgħajjef l-ortografija uffiċjali. Hija nuqqas ta' responsabbiltà. Ma ninsewx li l-valur tas-simboli ta' kull għamla ta' lingwa jistrieħ fuq l-għarfien ta' l-istess simboli bejn min jinqeda bihom.

**Żewġ Ħtiġijiet li Għandna Nieħdu Ħsieb**

- **Il-Ħtieġa t'Aġġornament**: Is-soċjetà tevolvi u għodda li ma tevolvix magħha tistaġna u ssir fossila. Hemm l-element dijakroniku u sinkroniku; u dawn iridu jiġu rrispettati biex il-kitba tibqa' relevanti.

- **Il-Ħtieġa li Tittieħed Deċiżjoni**: Deċiżjoni għaqlija u fil-waqt tilqa' għal ħafna dubji, inċertezzi u ipoteżijiet minn min la jkollu l-għarfien meħtieġ u lanqas il-kompitu li jieħu dawn id-deċiżjonijiet għalkemm jaf ikollu ħtieġa li ma tistax tistenna. Filwaqt li l-istudju u d-deċiżjonijiet lingwistiċi jitolbu l-ħin u l-prudenza, ir-realtà turina li sikwit id-deċiżjonijiet, ħżiena jew tajbin, ikunu laħqu saru minn ħaddieħor li mhux dejjem ikollu l-ħila u l-prudenza. Għalhekk fejn hemm vojt fir-regoli, li huma tant marbutin ma' l-ortografija, irridu nsibu mod biex nimluh kif jixraq. Li l-kitba ssir il-qasam esklużiv ta' għadd ta' lingwisti miġburin għalihom ikun suppervja u farsa; imma li kittieb ta' l-affari tiegħu jibqa' mifni bl-inċertezzi jkun nuqqas.

## TQASSIM TAL-VARJANTI

**L-Ittri Kbar fl-Ismijiet**

- L-ismijiet ta' l-ibħra u x-xmajjar, il-kontinenti, ir-reġjuni, il-pajjiżi, l-ilsna, ir-reliġjonijiet, ix-xhur u ismijiet bħal dawn, kif ukoll il-biċċa l-kbira tat-tnissil minnhom
- L-irjieħ
- It-titli u ismijiet simili
- Ismijiet propji li jagħmlu parti minn frażi

**L-Aċċent Ċirkumfless**

**Kliem il-Għadd**

**L-Artiklu**

- L-artiklu ta' kliem li jibda bl-"għ" u kliem li jibda bl-"h"

**Il-Pronom *ta'* qabel Kelma li Tibda b'Vokali**

**Il-Vokali Etimoloġika**

**L-Etimoloġija u l-Ħoss**

- "I" jew "ie"
- "Għ" jew "ħ"
- "Għ" jew "għj" jew "j"
- "Ds"/"ts" jew "z"
- Is-semivokali "j" li taħbat qabel "ie"
- Fejn l-"għ" ta' l-għerq toħroġ b'mod ċar
- L-"għ" u l-"h" f'nofs il-kelma
- Kliem ieħor bl-"għ" jew l-"h" li joħloq diffikultà
- It-tniffis u t-tleħħin ta' l-ittri
- In-nażali alveolari li ssir bilabjali
- Il-"k" u l-"q"
- Il-morfemi "bibjo" u "proprj"
- L-interjezzjonijiet
- Kliem ieħor li meta daħal fil-Malti żviluppa b'mod partikulari

**It-Titwil tal-Konsonanti**

**It-Titwil tal-Vokali**

**It-Twaħħid tal-Prefissi**

- Aġġettivi li jinvolvu iktar minn element wieħed
- Morfemi li jikkwalifikaw il-grad (ġerarkiku jew ta' qrubija)/pożizzjoni fiżika ta' nom
- Morfemi li jikkwalifikaw il-ġeneru ta' nom

**It-Twaħħid tas-Suffissi**

**It-Twaħħid ta' Kliem Ieħor**

- It-twaħħid ta' l-artiklu man-nom
- Il-verb *kien* fin-negattiv
- It-twaħħid ta' l-avverb mal-kelma ewlenija
- It-twaħħid tal-prepożizzjoni mal-kelma ewlenija
- It-twaħħid ta' żewġ nomi
- Frażijiet avverbjali u aġġettivali li daħlu minn ilsna barranin jew issawru fuq forma barranija
- Frażijiet oħra

**<u>L-Ittri Kbar fl-Ismijiet</u>**

Jidher li fil-Malti żviluppajna konswetudni li nirreferu għal-lingwa Ingliża fejn jidħlu ittri kbar. Għalhekk, l-ismijiet propji (sħaħ) u l-biċċa l-kbira ta' oħrajn imnisslin minnhom normalment jinkitbu bl-ittra tal-bidu kbira.

- **L-ismijiet ta' l-ibħra u x-xmajjar, il-kontinenti, ir-reġjuni, il-pajjiżi, l-ilsna, ir-reliġjonijiet, ix-xhur u ismijiet bħal dawn, kif ukoll il-biċċa l-kbira ta' oħrajn imnisslin minnhom**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza (fil-lista miġbura mis-Sur George Farrugia)* | |
|---|---|---|---|
| il-Baħar Mediterran | il-baħar mediterran | *(13)* | |
| ix-Xmara Ġordan | ix-xmara Ġordan | *(305)* | |
| Ewropew | ewropew | *(71)* | |
| l-Afrika | (l-Affrika) | *(2)* | *fil-lista l-Afrika u l-Affrika fil-fatt lanqas jissemmew bħala varjanti* |
| il-Lvant Nofsani | il-lvant nofsani | *(174)* | |
| il-Lvant Ċentrali | il-lvant ċentrali | *(173)* | |
| il-Magreb | (il-Magħreb) | *(180)* | *fil-lista l-Magreb u l-Magħreb fil-fatt lanqas jissemmew bħala varjanti* |
| l-Għarabja | (Arabja) | *(9)* | *fil-lista l-Għarabja u l-Arabja fil-fatt lanqas jissemmew bħala varjanti* |
| Semitiku | semitiku | *(259)* | |
| l-Iżlam | l-Islam | *(132)* | *fil-lista l-Iżlam u l-Islam fil-fatt lanqas jissemmew bħala varjanti* |
| Mislem | mislem | *(207)* | |
| Musulman | musulman | *(209)* | |
| Nisrani | nisrani | *(216)* | |
| Protestant | protestant | *(236)* | |
| Awwissu | (Awissu) | *(10)* | *fil-lista Awwissu u Awissu fil-fatt lanqas jissemmew bħala varjanti* |
| t'April | (ta' April) | *(276)* | *fil-lista t'April u ta' April fil-fatt lanqas jissemmew bħala varjanti* |
| t'Ottubru | (ta' Ottubru) | *(279)* | *fil-lista t'Ottubru u ta' Ottubru fil-fatt lanqas jissemmew bħala varjanti* |

- **L-irjieħ**

Dejjem skond il-lingwa Ingliża, hawnhekk nagħżlu bejn l-istatus tal-kelma. Fejn ir-riħ jintuża bħala nom komuni ma jinkitibx bl-ittra tal-bidu kbira, fejn jintuża bħala isem propju jinkiteb bl-ittra tal-bidu kbira.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| in-Nofsinhar [ta' Malta] | in-nofsinhar | *(219)* |
| [il-konfini ta'] in-nofsinhar | in-Nofsinhar | *(219)* |

- **It-titli u ismijiet simili**

| | | |
|---|---|---|
| is-Sur X. Attard | is-sur X. Attard | *(274)* |

- **Ismijiet propji li jagħmlu parti minn frażi**

Fejn il-kelmiet li jagħmlu l-frażi tant twaħħdu u l-frażi tiġi ttrattata bħala kelma waħda, l-ismijiet propji jitilfu l-ittra kbira.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| allaħares | (Allaħares / Allajħares) / Alla ħares / Alla jħares | *(5)* |
| mnalla | mn'Alla / m'nalla | *(208)* |
| lamaltija | la Maltija | *(162)* |

Iżda mbagħad hemm frażijiet fejn il-kelmiet li jagħmluhom ma jidhirx li (għadhom) twaħħdu daqshekk li jiġu ttrattati bħala kelma waħda u, hawnhekk, l-ismijiet propji ma jitilfux l-ittra kbira tal-bidu. Hawn jidħlu diversi kwistjonijiet. Dak li huwa mdorri bih il-kittieb mhux bilfors li jirrifletti għal kollox is-sitwazzjoni sinkronika, u biex tistabbilixxi s-sitwazzjoni sinkronika trid proċess xjentifiku.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| ''kk Alla jrid | ('k Alla jrid) / 'kallajrid | *(136)* |

**<u>L-Aċċent Ċirkumfless</u>**

Dal-punt inħoss li jirrifletti rigress fl-ortografija Maltija. Dan l-aċċent kien għajnuna li tlifna, partikularment f'każijiet ta' nomi tal-ħaddiem u nomi oħra.

Filwaqt li l-Aġġornament tat-Tagħrif (1992) [p. 141, Punt II: L-AĊĊENT GRAFIKU] jgħid li "fil-Malti normalment jitniżżel aċċent grafiku wieħed biss (`) u dan fi kliem ta' nisel Rumanz fuq il-vokali ta' l-aħħar f'tarf il-kelma li jkollha aktar minn sillaba waħda", it-*Tagħrif* [p. 33, GĦELIEM FIL-KITBA MALTIJA (1)] isemmi l-ħtieġa speċifika ta' l-aċċent grafiku "meta rridu nagħżlu kelma minn oħra ta' l-istess għamla ta' tifsir ieħor". Il-kriterju tal-prattiċità jitlob li distinzjoni bħal din issir.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* | |
|---|---|---|---|
| ġâra | ġara | *(80)* | |
| ħâra | ħara | *(–)* | *mhux fil-lista* |
| ħabbâr | ħabbar | *(–)* | *mhux fil-lista* |
| baħħâr | baħħar | *(14)* | |
| xandâr | xandar | *(–)* | *mhux fil-lista* |
| żîna | żina | *(307)* | |

**<u>Kliem il-Għadd</u>**

Bil-kriterji tal-konformità mar-regoli u ta' l-Istabbiltà u l-Kontinwità, hawn nirreferu għat-Tagħrif [p. 186, Punt 94 (eżempji)] u għad-drawwa.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| wieħed u tletin | wieħed-u-tletin | *(296)* |
| disa' mija | disamija | *(65)* |
| disat elef | disatelef | *(66)* |

**L-Artiklu**

- **L-artiklu ta' kliem li jibda bl-"għ" u kliem li jibda bl-"h"**

Hawn nimxu mal-prinċipju fonetiku. Illum li l-"għ" u l-"h" m'għadx għandhom ħoss, huwa l-ħoss vokaliku li jiddetermina l-artiklu.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| ta' l-hena | tal-hena | *(285)* |
| ta' l-għalqa | tal-għalqa | *(286)* |

**Il-Pronom *ta'* qabel Kelma li Tibda b'Vokali**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| t'April | (ta' April) | *(276)* |
| t'Ottubru | (ta' Ottubru) | *(279)* |
| t'Elena | (ta' Elena) | *(277)* |
| t'Indri | (ta' Indri) | *(278)* |
| t'Ugo | (ta' Ugo) | *(280)* |

**Il-Vokali Etimoloġika**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| jdejk | idejk | *(118)* |

**L-Etimoloġija u l-Ħoss**

Għalkemm ħafna drabi niddiskrivu l-Malti bħala lsien pjuttost fonetiku, insibu għadd ta' punti ta' kunflitt bejn l-etimoloġija u l-ħoss. Filwaqt li la għandna u lanqas jagħmel sens li ninjoraw l-etimoloġija ta' lsienna, punti bħal dawn joħolqu diffikultajiet konsiderevoli fi lsienna. L-argument li għandna nżommu ma' l-oriġini tal-kelma jkun qed jitlob għarfien, xi drabi fil-fond mhux ħażin, dwar f'liema żmien daħlet fil-Malti l-kelma u kinitx Għarbija jew Sqallija jew daħlitx mit-Taljan jew mill-Ingliż u x'naf jien. Fil-fatt, f'xi każijiet lanqas qbil dwar l-istorja eżatt tal-kelma ma hemm.

Biss, għaliex l-ilsien huwa ta' min jitkellmu u mhux iktar ta' min kien għaddihulu, min jitkellmu u jiktbu jkollu jagħmel l-għażliet tiegħu. Diffikultajiet bħal dawn m'għandhomx jipparalizzawlna lsienna, bl-inċertezzi u l-inkonsistenzi. Nemmen li l-għażliet li jrid jagħmel il-kittieb għandhom jissejsu fuq kriterji sempliċi biżżejjed u ċari. Anki l-kriterji pedagoġiċi jitolbu dan. Għaldaqstant, fejn wieħed ma jistax jistabbilixxi b'mod ċar u sempliċi l-għerq/zokk tal-kelma nemmen li l-prinċipju fonetiku għandna nagħtuh iktar importanza, ġejja

minn fejn ġejja l-kelma, sabiex il-Malti jkun iktar dħuli. Dan anki għaliex, jekk ngħidu aħna ċerti ittri ma jitfaċċaw qatt fil-forom u l-istrutturi eżistenti involuti, ma jkunx hemm sistema x'titħarbat jew integrità x'titkisser. Kif semmejt iktar 'il fuq, anki l-fonetika għandha d-diffikultajiet tagħha, imma nemmen li iktar faċli jingħelbu d-diffikultajiet tal-fonetika minn dawk marbuta ma' l-etimoloġija u l-istorja.

- **"I" jew "ie"**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| dieqa | diqa | *(64)* |
| xbiha | xbieha | *(297)* |
| ġix | ġiex | *(84)* |
| kontrik | kontriek | *(145)* |

- **"Għ" jew "ħ"**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| dugħ | duħ | *(64)* |
| naħnaħ | nagħnagħ | *(210)* |

- **"Għ" jew "għj" jew "j"**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| dgħjufija | djufija | |
| | / dgħufija | *(63)* |

- **"Ds"/"Ts" jew "z"**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| gods | gozz | *(88)* |
| buz | *boots* | |
| | / buts | *(43)* |

- **Is-semivokali "j" li taħbat qabel "ie"**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| żieda | żjieda | *(306)* |
| tieba | tjieba | *(291)* |
| sieda | sjieda | *(262)* |
| qies | qjies | *(242)* |
| subien | subjien | *(272)* |
| gidien | gidjien | *(87)* |
| għotien | għotjien | *(113)* |
| alliev | alljiev | *(7)* |

- **Fejn l-"għ" ta' l-għerq toħroġ b'mod ċar**

Hawn għandna nippriservaw l-etimoloġija u l-identità.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| l-Għarabja | l-Arabja | *(9)* |

- **L-"għ" u l-"h" f'nofs il-kelma**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| begħedna | begħidna | *(17)* |
| ġegħelna | ġegħilna | *(81)* |
| qegħedna | qegħidna | *(240)* |
| wegħedna | wegħidna | *(295)* |
| megħekna | megħikna | *(183)* |
| nagħrfu | nagħarfu / nagħirfu | *(212)* |
| negħlbu | negħelbu / negħilbu | *(214)* |
| negħmżu | negħemżu / negħimżu | *(215)* |
| nehmżu | nehemżu / nehimżu | *(215)* |
| fehmti | fehemti / fehimti | *(72)* |

- **Kliem ieħor bl-"għ" jew l-"h" li joħloq diffikultà**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| għidt | għedt | *(112)* |
| għarax | għargħax | *(111)* |
| nagħaġ | ngħaġ | *(211)* |
| togħmti | togħomti | *(292)* |
| heżżeż | heżheż | *(116)* |
| xhieda | xiehda | *(298)* |

- **It-tniffis u t-tleħħin ta' l-ittri**

**– f'tarf il-kelma**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| għafrit | għafrid | *(91)* |
| bergħut | bergħud | *(18)* |
| bies | bież | *(31)* |
| skont[u] | skond[u] | *(265)* |

**– f'postijiet oħra –**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| risq | riżq | *(245)* |

| | | |
|---|---|---|
| rkoppa | rkobba | *(246)* |
| prietka | priedka | *(228)* |
| zoptu | soptu | |
| | / sobtu | *(268)* |
| dvaljatvajla | *(68)* | |
| żvog | sfog | *(263)* |
| każbar | kasbar | *(137)* |
| Iżlam Islam | *(132)* | |

- **In-nażali alveolari li ssir bilabjali**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| lembuba | lenbuba | *(165)* |
| lembija | lenbija | *(164)* |

- **Il-"k" u l-"q"**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| serduq | serduk | *(260)* |
| ċagħaq | ċagħak | *(44)* |
| daħaq daħak | *(45)* | |
| qagħqa | kagħka | *(134)* |

- **Il-morfemi "bibjo" u "proprj"**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| propju | proprju | *(235)* |
| propjament | proprjament | *(232)* |
| propjetà | proprjetà | *(233)* |
| propjetarju | proprjetarju | *(234)* |
| bibjoteka | bibljoteka | |
| | / bibljoteka | *(28) fil-lista bibjoteka ma tissemmiex bħala varjant* |
| bibjografija | biblijografija | |
| | / bibljografija | *(27) fil-lista bibjografija ma tissemmiex bħala varjant* |

- **L-Interjezzjonijiet**

F'dan il-każ, interjezzjoni minnha nnifisha m'għandhiex funzjoni grammatikali. Interjezzjoni hija kelma jew frażi indipendenti minn kliem ieħor u tintuża bla tibdil, biex tesprimi emozzjoni.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| allelulja | alleluja | |
| | / halleluja | *(6)* |

| | | |
|---|---|---|
| ammen | amen | *(8)* |

- **Kliem ieħor li daħal fil-Malti u żviluppa b'mod partikulari**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| perjodu | perijodu | *(225)* |
| artiklu | artikolu | *(–)* |
| kapitlu | kapitolu | *(–)* |
| inkwatru | inkwadru | *(6)* |
| magna | makna | *(179)* |
| den | denn | *(61)* |
| il-Magreb | il-Magħreb | *(180)* |

**<u>It-Titwil tal-Konsonanti</u>**

Fil-każ ta' kliem li huwa ċarament ta' nisel Semitiku, għandna l-għajnuna ta' l-għerq. Fil-każ ta' kliem ieħor, ikollna nirreferu għad-drawwa u l-ħoss.

L-iktar każ iebes huwa fejn ma jkunx ċar il-kelma hix ta' nisel Semitiku jew ngħidu aħna mill-Isqalli, bħal fil-każ ta' *ruxxmata* – li jista' jkun ġejja mill-Isqalli *ċurmata* jew mill-Għarbi *raxxa*.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| ammen | amen | *(8)* |
| Awwissu | Awissu | *(10)* |
| dettall | dettal | *(19)* |
| ażma | ażżma | *(12)* |
| peprin | pepprin | *(223)* |
| karozza | karrozza | *(135)* |
| inizjattiva | inizzjattiva | *(127)* |
| bibliku | bibbliku | *(29)* |
| l-Afrika | l-Affrika | *(2)* |
| ruxmata | ruxxmata | *(247)* |
| għajat | għajjat | *(92)* |
| għaġla | għaġġla | *(92)* |
| ewieq | ewwieq | *(69)* |
| ħalltejn | ħaltejn | *(117)* |
| gerbbu | gerbu | *(86)* |
| parttu | partu | *(222)* |

**<u>It-Titwil tal-Vokali</u>**

Iż-Żieda mat-Tagħrif (pp. 133-134) tgħidilna li "fi (kliem missellef li jkun fih il-ħoss ta' żewġ vokali ħdejn xulxin) iż-żewġ vokali (waħda tal-prefissi u waħda tal-kelma) jinkitbu ħdejn xulxin" u tagħti żewġ morfemi *ko-* u *ri-* bħala eżempji.

Però, f'xi każijiet it-twaħħid tal-prefiss maz-zokk fl-ortografija b'mod li jtawwal vokali jinħass artifiċjali fonetikament.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| koperazzjoni | kooperazzjoni | *(142)* |
| koperattiva | kooperattiva | |
| | / kooperativa | |
| | / koperativa | *(141)* |
| kordinazzjoni | koordinazzjoni | *(144)* |
| kordinatur | koordinatur | *(143)* |

**<u>It-Twaħħid tal-Prefissi</u>**

Fil-Malti, il-prefissi jitwaħħdu mal-kelma. Kif semmejt iktar 'il fuq, Iż-Żieda saħansitra tagħti ż-żewġ morfemi *ko-* u *ri-* bħala eżempji. Speċjalment fil-każ taż-żewġ eżempji speċifikati, qed nitkellmu fuq regola ċara biżżejjed u nemmen li l-kelmiet mogħtija bħala varjanti jmorru kontra r-regola. Għalkemm Aquilina jissuġġerixxi xi forom ta' varjanti għal kelmiet bħal dawn (kif se nuri iktar 'l isfel), ma jidhirx li jikkunsidra l-qsim tal-prefiss mill-kelma.

- **Aġġettivi li jinvolvu iktar minn element wieħed**

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| gastrointestinali | gastro-intestinali | *(85)* |
| soċjoekonomiku | soċjo-ekonomiku | *(266)* |

- **Morfemi li jikkwalifikaw il-grad (ġerarkiku jew ta' qrubija)/pożizzjoni fiżika ta' nom**

Għadd ta' morfemi bħal dawn neċessarjament/normalment jintrabtu ma' zokk. Oħrajn mhux neċessarjament jintrabtu ma' zokk.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| superpotenza | super-potenza | *(273)* |
| sottokumitat | sotto-kumitat | *(269)* |
| sekondawla | sekonda awla | *(258)* |
| primkuġin | prim kuġin | *(229)* |
| sekondkuġin | sekond kuġin | *(257)* |
| primministru | prim ministru | *(230)* |
| grammastru | granmastru | *(89)* |
| | / gran mastru | |
| primadonna | prima donna | *(231)* |
| sottospekkjo | / (sottospekkju) | |
| | / sotto-spekkju | |
| | / sotto spekkju | *(270)* |

- **Morfemi li jikkwalifikaw il-ġeneru ta' nom**

Ngħidu aħna: bħalma niktbu *teledramm*, niktbu *radjudramm*.

Tant jintrabtu biċċa waħda maz-zokk tali morfemi li, meta nippluralizzaw iz-zokk, il-frażi titqies bħala kelma waħda u jkun biss iz-zokk li jinbidel. Il-morfema li tikkwalifikah tibqa' l-istess.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| radjudramm | radju dramm | *(244)* |

**It-Twaħħid tas-Suffissi**

Bl-istess mod, is-suffissi jitwaħħdu mal-kelma.

Frażijiet avverbjali (anki xi drabi nominali) marbutin mal-kunċetti "meta" u "fejn" fejn is-suffiss *nett* ngħaqad kelma waħda mal-kelma ewlenija

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| barranett | barra nett | *(16)* |
| ġewwanett | ġewwa nett | *(82)* |
| quddiemnett | quddiem nett | |
| | / quddimnett | *(243)* |
| waranett | wara nett | *(294)* |
| fuqnett | fuq nett | *(78)* |
| taħtnett | taħt nett | *(288)* |
| qiegħnett | qiegħ nett | |
| | / qigħnett | *(241)* |
| bidunett | bidu nett | *(30)* |
| | | |
| l-aħħarnett | l-aħħar nett | *(159)* |
| fl-aħħarnett | fl-aħħar nett | |
| | / flaħħarnett | *(77)* |
| l-ewwelnett | l-ewwel nett | *(166)* |
| it-tieninett | it-tieni nett | |
| | / it-tininett | *(131)* |
| it-tieletnett | it-tielet nett | |
| | / it-tiletnett | *(130)* |

**It-Twaħħid ta' Kliem Ieħor**

F'xi każijiet, dat-twaħħid ikun iktar ċar milli f'oħrajn u ma joħloqx diffikultajiet partikulari. F'każijiet oħra, inkunu qed inġebbdu wisq din it-tendenza jekk fil-kitba napplikaw twaħħid bħal dan. Il-kwistjoniji prinċipali hija fejn għandna naqtgħu il-linja.

Jekk għandna ssir distinzjoni (u nemmen li hawn bilfors irridu nagħmlu xi distinzjoni), il-kriterji li jitħaddmu għandhom ikunu definiti u ċari, inkella se mmorru kontra l-kriterji ta' l-uniformità u l-konsistenza u nissuktaw inżidu l-inċertezzi u nikkumplikaw ilsienna u t-tagħlim tiegħu.

Barraminnhekk, irridu noqogħdu attenti għall-ħafna każijiet fejn it-twaħħid u l-frid tal-kliem ikun jirrifletti sensi partikulari u differenti u jkun jippermetti espressjoni preċiża ta' dak li jkollu f'moħħu l-kittieb. Ngħidu aħna *kemmildarba* u *kemm-il darba* jintużaw biex jesprimu ideat differenti.

[*Lanqas* ngħidlek x'jagħmel kif isib *l-anqas ħaġa* mhix f'posta!]
[*Illaħwa* xi ġralna, *l-aħwa*!]
[*Mindaqqiet*, agħar *minn daqqiet* ta' sikkina n-nuqqas ta' stima.]
[*Għalkemm* għedtli li ġej m'għedtlix *għal kemm*.]
[*Biż-żejjed* li baqa' hemm *biżżejjed* biex titma' reġiment!]

[Wasal kulħadd *minbarra* min ġej *minn barra*.]
[Xi wħud jagħmlu ħerba mill-ambjent *mingħajr* ma jistħu *minn għajrhom*!]
[*Minfuq* li niżżiltni *minn fuq* se toqgħod tgerger!]
[Ħadd *minn tagħna* mhu daqshekk *mintagħna.*]
[*Kull Ħadd* kont nara 'l *kulħadd*.]
[*Kull tant* ħin ixrob, għax *kultant* lanqas tinduna li bilgħatx.]
[*Kemm-il darba* ġejt hawn? *Kemmildarba*!]

- **It-twaħħid ta' l-artiklu man-nom**

F'xi avverbi marbutin mal-kunċett "meta", "kemm" u "liem", l-artiklu ngħaqad kelma waħda man-nom.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| illum | il-lum | *(122)* |
| ilbieraħ | il-bieraħ | *(119)* |
| ilbieraħtlura | (il-bieraħtlula<br>/ il-biraħtlura<br>/ ilbiraħtlula)<br>/ il-bieraħt lura<br>/ il-bieraħt lula | *(120)* |
| lanqas | l-anqas | *(163)* |
| iżżejjed | iż-żejjed | *(133)* |
| l-aħwa | laħwa | *(160)* |
| illaħwa<br>/ il-laħwa | l-aħwa | *(160)* |

- **Il-verb *kien* fin-negattiv**

**Il-verb *kien* fl-imperfett negattiv, fejn il-partiċella *ma* ngħaqdet kelma waħda mal-verb**

Hawn issir referenza ewlenija għal tliet awtoritajiet: il-verżjoni li dehret fis-servizz regolari *Bil-Kelma t-Tajba* tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti, dik li tidher fir-regoli mhux uffiċjali u dik ta' Cremona.

Jien nemmen li jkun ta' min inħaddmu l-kriterju tal-konsistenza u jekk se ngħaqqdu l-frażijiet imsemmija hawn, għandna ngħaqqdu fil-persuni kollha.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| miniex | m'iniex | *(191)* |
| | / minix / m'inix | *(192)* |
| mintix | m'intix | *(193)* |
| mintx m'intx | | *(195)* |
| mhuwiex | m'huwiex | *(188)* |
| mhijiex | m'hijiex | *(186)* |
| mhux | m'hux | *(190)* |
| mhix | m'hix | *(187)* |
| maħniex | m'aħniex | *(178)* |
| mintomx | m'intomx | *(194)* |
| mhumiex | mhumiex | *(188)* |
| mhawnx | m'hawnx | *(184)* |
| mhemmx | m'hemmx | *(185)* |

- **It-twaħħid ta' l-avverb mal-kelma ewlenija**

Hawn jidħlu frażijiet li jibdew jew jispiċċaw b'avverb/avverbi li ħafna drabi ħadu l-funzjoni ta' prefiss jew sufiss.

***la –***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti "kif" u "meta":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| lakemm | la kemm | *(161)* |
| ladarba | la darba | *(157)* |
| ġaladarba | ġa la darba | *(114)* |

***kemm* (+*-il*) –**

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċett "kemm":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| kemmxejn | kemm xejn | *(139)* |
| kemm-il darba | kemmildarba | *(138)* |

***daqs (+ li) –***

Frażijiet avverbjali (anki xi drabi nominali) marbutin mal-kunċetti "kemm", kif ukoll il-frażi *daqs(li)kieku:*

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| daqsxejn | daqs xejn | *(57)* |
| daqshekk | daqs hekk | *(52)* |
| daqskemm | daqs kemm | *(53)* |
| daqstant | daqs tant | *(56)* |
| daqskieku | daqs kieku | *(54)* |
| daqslikieku | daqs li kieku | *(55)* |

***sa* (+ l-artiklu) –**

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċett "meta" u "fejn":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| sakemm | sa kemm | *(252)* |
| sadattant | sa dan it-tant / sa dan it-tant | *(248)* |
| safrattant | sa frattant | *(251)* |
| saflaħħar | sa fl-aħħar | *(250)* |
| safejn | sa fejn | *(249)* |
| sa llum | sallum | *(254)* |
| sa l-aħħar | salaħħar | *(253)* |

***barra* (+ *minn*) –**

Frażi avverbjali marbuta mal-kunċett "xiex":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| barraminhekk | barra minn hekk | *(15)* |

**– *kemm***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċett "kemm" u frażijiet oħra fejn l-avverb ta' l-aħħar *kemm* ngħaqad kelma waħda mal-kelma ewlenija:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| sakemm | sa kemm | *(252)* |
| għalkemm | għal kemm | *(102)* |
| bilkemm | bil-kemm | *(36)* |
| daqskemm | daqs kemm | *(53)* |

**– (*dat-*)*tant***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti "meta", "għaliex" u "kemm:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| kultant | kull tant | *(146)* |
| sadattant | sa dan it-tant<br>/ sa dan it-tant | *(248)* |
| safrattant | sa frattant<br>/ sa dan it-tant | *(251)* |
| daqstant | daqs tant | *(56)* |
| għaldaqstant | għal daqs tant | *(97)* |

**– *xejn***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti "xiex", "għaliex", "kif" u "kemm":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| kulxejn | kull xejn | *(155)* |
| qabelxejn | qabel xejn | *(237)* |
| għalxejn | għal xejn | *(105)* |
| bħalxejn | bħal xejn | *(26)* |
| daqsxejn | daqs xejn | *(57)* |
| kemmxejn | kemm xejn | *(139)* |

**– *fejn***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċett "fejn":

| | | |
|---|---|---|
| kulfejn | kull fejn | *(147)* |
| minfejn | minn fejn | *(200)* |
| għalfejn | għal fejn | *(98)* |

| | | |
|---|---|---|
| safejnsa fejn | | *(249)* |

**– *hekk***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti "fejn", "għaliex" u "kemm":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| hawnhekk | hawn hekk | *(114)* |
| hemmhekk | hemmhekk | *(115)* |
| għalhekk | għal hekk | *(100)* |
| għaldaqshekk | għal daqs hekk | *( 96)* |
| daqshekk | daqs hekk | *( 52)* |

**– *darba***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti "fejn", "għaliex" u "kemm":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| ġaladarba | ġa la darba | *(114)* |
| kemm-il darba | kemmildarba | *(138)* |
| kuldarba | kull darba | *(154)* |
| xidarba | xi darba *( – )* | |

- **It-twaħħid tal-prepożizzjoni mal-kelma ewlenija**

Hawn jidħlu frażijiet li jibdew bi prepożizzjoni (+ l-artiklu) li ħafna drabi ħadu l-funzjoni ta' prefiss.

***ma'* –**

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti "xiex", "meta" u "fejn":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| madankollu | madanakollu / ma' dan kollu *(175)* | |
| matul ma' tul | *(182)* | |
| madwar | ma' dwar | *(176)* |
| maġenb | ma' ġenb | *(177)* |

***ta'* (+ l-artiklu) –**

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċett "xiex", "għaliex", "kif" u "kemm" u frażijiet oħra fejn il-prepożizzjoni tal-bidu *ta'* (+ l-artiklu) twaħħdet mal-kelma ewlenija:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| talanqas | ta' l-inqas | |
| | / ta' l-anqas | |
| | / ta' lanqas | *(284)* |
| tapposta | t'apposta | *(281)* |
| tabilfors | ta' bilfors | |
| | / ta' bil-fors | *(275)* |
| tabirruħi | ta' birruħi | |
| | / ta' bir-ruħi | *(283)* |
| tampar(i) | ta' mpar(i) | *(287)* |
| tassew | tas-sew | *(290)* |
| tabilħaqq | ta' bilħaqq | |
| | / ta' bil-ħaqq | *(282)* |
| tal-lum | tallum | |
| | / ta' llum | *(289)* |

***bi*** **(+ l-artiklu) –**

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti "meta", "kif" u "kemm", frażijiet li jindikaw il-pożizzjoni/stat kif ukoll frażijiet oħra:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| binhar | bi nhar | *(41)* |
| billejl | bil-lejl | *(38)* |
| bilġiri | bil-ġiri | *(34)* |
| bilkif | bil-kif | *(37)* |
| biżżejjed | biż-żejjed | *(42)* |
| bilkemm | bil-kemm | *(36)* |
| bilqiegħda | bil-qiegħda | *(39)* |
| bilwieqfa | bil-wieqfa | *(40)* |
| bilgħatx | bil-għatx | *( – )* |
| bilħaqq | bil-ħaqq | *(35)* |
| biħsiebi | fiħsiebi | |
| | / beħsiebi | |
| | / bi ħsiebi | |
| | / fi ħsiebi | *(32)* |

***fi*** **+ l-artiklu –**

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċett tal-"ħin":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| filwaqt | fil-waqt | *(76)* |
| filgħodu | fil-għodu | *(75)* |
| filgħaxija | fil-għaxija | |
| | fl-għaxija | |
| | flgħaxija | *(74)* |
| fil-fatt | filfatt | *(73)* |

***lil*** **–**

Frażijiet avverbjali li jindikaw id-direzzjoni:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| lura | ‘l ura | *(172)* |
| lilhawn | lil hawn | *(168)* |
| lilhemm | lil hemm | *(169)* |
| lilhinn | lil hinn | *(170)* |

***għal(l-) –***

Frażijiet avverbjali/konġunzjonijiet marbutin mal-kunċetti “meta”, “għaliex” u “kemm”, konġunzjonijiet kif ukoll frażijiet li jindikaw il-pożizzjoni:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| għalxiex | għal xiex | *(106)* |
| għalbiex | għal biex | *(95)* |
| għalhekk | għal hekk | *(100)* |
| għalxejn | għal xejn | *(105)* |
| għaldaqshekk | għal daqs hekk | *(96)* |
| għaldaqstant | għal daqs tant | *(97)* |
| għallinqas | għallanqas / għall-inqas / għall-anqas | *( 108 )* |
| għalkollox | għal kollox | *(103)* |
| għallaħħar | għall-aħħar | *(107)* |
| għalkemm | għal kemm | *(102)* |
| għalli għalli | | *(105)* |
| għalissa | għal issa | *(101)* |
| għalgħarrieda | għal għarrieda | *(99)* |
| għalfejn | għal fejn | *(98)* |
| għarkupptejh | għarkopptejh / għarkubbtejh | *(109)* |

***bħal –***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti “meta” u “kif”

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| bħalissa | bħal issa | *(20)* |
| bħallum | bħal-lum | *(23)* |
| bħalkieku | bħal kieku | *(21)* |
| bħallikieku | bħal li kieku | *(22)* |
| bħalma | bħal ma | *(24)* |
| bħalmeta | bħal meta | *(25)* |
| bħalxejn | bħal xejn | *(26)* |

***minn –***

Frażijiet avverbjali u aġġettivali marbutin mal-kunċett “liem”, “meta”, “fejn” u “għaliex” u frażijiet oħra:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| minbarra | minn barra | *(196)* |
| mindaqqiet | minn daqqiet | *(198)* |
| minfejn | minn fejn | *(200)* |
| minbejn | minn bejn | *(197)* |
| minflok | minn flok | *(201)* |
| minfuq | minn fuq | *(202)* |
| mingħand | minn għand | *(205)* |
| mindaqshekk | minn daqs hekk *(199)* | |
| mingħalija | minn għalija | *(204)* |
| mintagħna | minn tagħna | *(206)* |

***qabel* –**

Frażi avverbjali marbuta mal-kunċett "meta":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| qabelxejn | qabel xejn | *(237)* |

***– imb' –***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċett "liem":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| wiċċimbwiċċ | wiċċ imb'wiċċ / wiċċ imbwiċċ | *(124) fil-lista wiċċimbwiċċ ma tissemmiex bħala varjant* |
| rasimbras | ras imb'ras / ras imbras | *(123) fil-lista rasimbras ma tissemmiex bħala varjant* |

- **It-twaħħid tal-pronom mal-kelma ewlenija**

Hawn jidħlu frażijiet li jibdew bi pronom (+ l-artiklu) li ħafna drabi ħadu l-funzjoni ta' prefiss.

***dan/dak* (+ l-artiklu) –**

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti "min", "xiex", "meta" u "fejn" u frażijiet oħra:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| dalwaqt | dal-waqt | *(51)* |
| dal-ħin | dalħin | *(49)* |
| dalgħodu | dal-għodu | *(48)* |
| dallejl | dal-lejl | *(50)* |
| dakinhar | dak in-nhar / dak inhar | *(47)* |
| dażgur | da żgur | *(60)* |

***kull*** **–**

Frażijiet avverbjali u frażijiet pronominali u marbutin mal-kunċetti "min", "xiex", "meta" u "fejn":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| kulħadd | kull ħadd | *(148)* |
| kulmin | kull min | *(153)* |
| kulma | kull ma | *(151)* |
| kulxejn | kull xejn | *(155)* |
| kuljum | kull jum | *(150)* |
| kulmeta | kull meta | *(152)* |
| kultant | kull tant | *(146)* |
| kuldarba | kull darba | *(154)* |
| kullimkien | kull imkien | *(149)* |
| kulfejn | kull fejn | *(147)* |

***xi*** **–**

Frażijiet avverbjali u frażijiet pronominali marbutin mal-kunċetti "min", "xiex", "meta" u "fejn":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| xiħadd | xi ħadd | |
| | / xaħadd | *(300)* |
| xiħaġa | xi ħaġa | |
| | / xaħaġa | *(301)* |
| xħin | x'ħin | *(299)* |
| xidarba | xi darba | *( – )* |
| ximkien | xi mkien | *(303)* |
| ximindaqqiet | xi minn daqqiet | *(304)* |
| xi kultant | xi kull tant | *(302)* |

**– *(il)li***

Frażijiet avverbjali marbutin mal-kunċetti "meta" u frażijiet oħra:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| ġieli | ġie li | *(83)* |
| għadilli | għad illi | *(90)* |

- **It-twaħħid ta' żewġ nomi**

Hawn jidħlu frażijiet li jibdew jew jispiċċaw b'nom (+ l-artiklu) li ħafna drabi ħadu l-funzjoni ta' prefiss jew suffiss.

***awl*** **(+ l-artiklu) –**

Frażijiet nominali marbutin mal-kunċett "meta":

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| awlillejl | awl il-lejl | *(11)* |

***nofs* (+ l-artiklu) –**

Frażijiet tal-ħin:

Hawn ukoll, tant jingħaqdu biċċa waħda l-kelmiet li, meta nippluralizzaw il-kelma, tkun biss il-kelma ewlenija tal-frażi li tinbidel.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| nofsinhar | nofs inhar / nofs in-nhar | *(218)* |
| nofsillejl | nofs il-lejl | *(217)* |
| nofstanhar | nofs ta' nhar | *(220)* |
| nofsiegħa | nofs siegħa | *(221)* |

- **Frażijiet avverbjali/aġġettivali li jispiċċaw b'nom**

Hawn jidħlu frażijiet li jibdew b'nom (+ l-artiklu) li ħafna drabi ħadu l-funzjoni ta' suffiss.

**– (*s* +) *sew***

Frażijiet avverbjali/aġġettivali marbutin mal-kunċett "liem" u frażijiet oħra:

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjant suġġerit* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| tassew | tas-sew | *(290)* |
| sewwasew | sewwa sew | *(261)* |

- **Frażijiet avverbjali u aġġettivali li daħlu minn ilsna barranin jew issawru fuq forma barranija**

Hawn jidħlu frażijiet avverbjali u frażijiet aġġettivali li daħlu minn ilsna barranin jew issawru fuq forma barranija fejn il-partiċella (jew partiċelli), il-verb jew in-nom (+ l-artiklu) twaħħdu mal-kelma ewlenija u nsibuna nużawhom u anki xi drabi nnisslu minnhom bħallikieku kienu kelma waħda.

Meta tifridhom mill-frażi u tiktibhom bħala kelmiet għalihom, fil-Malti dawn il-partiċelli, verbi u nomi jew ma jfissru xejn jew għandhom tifsira differenti milli għandhom fil-frażi – ngħidu aħna: *a/a la*, *da*, *in*, *la*, *per* u *sta* u *fors.*

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* | |
|---|---|---|---|
| affavur | a favur | *(1)* | |
| akkrettu | (akkredtu) | *(3)* | *fil-lista a kreditu fil-fatt lanqas tissemma bħala varjant* |
| askaptu | a skaptu | *(–)* | *mhux fil-lista* |
| daparti | da parti | *(46)* | |
| inġenerali | in ġenerali | *(126)* | |
| inkustjoni | inkwistjoni / in kwistjoni | *(129)* | |
| pereżempju | per eżempju | *(224)* | |

| | | |
|---|---|---|
| perkażu | per każu | *(226)* |
| alabiebu | a la biebu | *(4)* |
| labranzetta | la branzetta | *(156)* |
| laġenba | la ġenba | *(158)* |
| lamaltija | la Maltija | *(162)* |
| stabene | sta bene | *(271)* |
| bilfors | bil-fors | *(33)* |

- **Frażijiet avverbjali, frażijiet aġġettivali u frażijiet oħra xi drabi magħmula minn kelmiet Maltin u xi drabi minn kelmiet li (illum) fil-Malti ma jfissru xejn li biż-żmien il-kelmiet tagħhom ingħaqdu kelma waħda maz-zokk u li nsibuna nużawhom u anki xi drabi nqegħduhom fil-plural u nnisslu minnhom bħallikieku kienu kelma waħda**

Ngħidu aħna, fil-każijiet ta' *allaħares, imnalla* u 'kallajrid saħansitra lanqas niktbu Alla b'a kbira tant kemm twaħħdu l-kelmiet li minnhom magħmula l-frażi.

| *Il-forma li nippreferi* | *Varjanti suġġeriti* | *In-Nru ta' Referenza* |
|---|---|---|
| allaħares | Allaħares | |
| | / Allajħares | |
| | / Alla ħares | |
| | / Alla jħares | *(5)* |
| mnalla | mn'alla | |
| | m'nalla | *(208)* |
| 'kallajrid | 'kk Alla jrid | |
| | / 'k Alla jrid | *(136)* |
| għarukaża | għarkaża | |
| | / għar u każa | *(110)* |
| darbafil | darbafill | |
| | / darba fil | |
| | / darba fill | *(58)* |
| dawramejt | dawra mejt | *(59)* |
| limabħalu | li ma bħalu | |
| | / liemabħalu | |
| | / liema bħalu | *(167) fil-lista limabħalu ma tissemmiex bħala varjant* |
| santafjakka | santa fjakka | *(255)* |
| santapaċenzja | santa paċenzja | *(256)* |
| pezzakustjoni | pezza kustjoni | *(15)* |
| manġapassiġġa | manġa passiġġa | |
| | / manġapasseġġja | *(181)* |
| skansafaċendi | skansa faċendi | *(264)* |
| użufrutt | użu frutt | *(293)* |
| qarabagħli | qara' bagħli | *(239)* |
| 'kk jogħġbok | 'k jogħġbok | *(140)* |
| sogħobbija | sogħob bija | *(267)* |
| jisgħobbija | jisgħob bija | *(267)* |
| qajl qajl | qajlqajl | *(238)* |
| linji gwida | linjigwida | |
| | / linji-gwida | *(171)* |

# Joe Felice Pace

Il-kors għall-qarrejja tal-provi kien eżerċizzju importanti li wassal biex kixef f'xenarju "pubbliku" l-ħtieġa li jkunu diskussi bis-serjetà għadd ta' problemi jew diffikultajiet, kultant anki inkonsistenzi, fl-ortografija tal-Malti kif deskritta fit-tliet dokumenti msemmija fil-Liġi ta' l-2004 li waqqfet il-Kunsill Nazzjonali tal-Malti.

It-tentazzjoni ta' riforma radikali taf tkun kbira, u daqstant ieħor tkun diffiċli għaliex m'hux ħafif tlaqqa' ċerti kurrenti li ilhom iħabbtu lill-istudenti minn naħa u lin-nies midħla tax-xjenza lingwistika min-naħa l-oħra.

Inqtal kemm-il darba li l-Malti hu fonetiku, u nafu biżżejjed li m'huwiex dejjem fonetiku. Intqal minn uħud li l-bażi tal-kitba tal-Malti hija etimoloġika, u nafu biżżejjed illi kieku kellna nħaddnu dan il-kriterju nistgħu nitfgħu l-fonetika l-baħar.

Issemma wkoll il-kriterju morfoloġiku, u dan ukoll m'hux dejjem jaqbel għalkollox maż-żewġ kriterji l-oħra. Barra minn hekk, dan il-kriterju japplika b'manjieri x'aktarx diversi meta applikat għall-Malti ta' nisel Għarbi u għall-Malti ta' nisel Romanz.

Għandna, imbagħad, it-tradizzjoni, li m'hix dejjem konformi ma' xi wieħed jew aktar mit-tliet kriterji msemmija hawn fuq.

Dawn, fil-qosor, huma r-raġunijiet ewlenin għaliex kull taqlib irid isir bi ħsieb kbir u b'mod li ma jinħolqux problemi li jkunu akbar minn dawk li nixtiequ nsolvu.

Hu f'dan il-kuntest, x'aktarx ikkumplikat, li rridu nqisu l-problema tal-varjanti li tintrabat ukoll ma' diversi fatturi li influwenzaw l-iżvilupp ta' l-ilsien Malti mal-medda tas-snin.

L-ewwelnett għandna l-fatt li l-alfabett Malti, u saħansitra kif jinkitbu xi ħsejjes tiegħu, ilhom stabbiliti biss daqs tmenin sena, u f'ċertu sens uħud mid-deċiżjonijiet li ttieħdu baqgħu b'xi mod kontestati minn uħud s'issa.

Tant hu hekk li saħansitra ż-żewġ dizzjunarji l-aktar importanti tal-Malti ma jaqblux la bejniethom u lanqas ma' l-ortografija stabbilita mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

Il-kurrenti ewlenin li rreferejt għalihom fil-bidu huma tnejn: fil-qosor, dak li jqis il-kitba tal-lessemi fuq is-sistema fonetiko-morfoloġika, u dak li jinbena fuq is-sistema etimoloġika.

It-tendenza preferita ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti hija ta' l-ewwel (anke jekk kważi dejjem tintuża l-frażi "sistema fonetika" jew xi ħaġa tixbahha), u f'linja ġenerali tintuża fit-testi maħruġin mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u f'kotba użati fl-iskejjel Primarji u Sekondarji. Imma mal-pubblikazzjoni ta' *Il-Miklem Malti* t-tieni sistema sabet ċertu appoġġ u f'ċerti aspetti saħħet il-pożizzjoni tagħha billi tintuża fil-leġiżlazzjoni, kif kienet almenu minn żmien ir-reviżjoni tal-liġijiet ta' Malta fl-1942, u issa wkoll billi hi bħal speċi imposta fuq tradutturi tal-Gvern u wkoll fuq dawk li qed jaħdmu fi Brussell, fil-Lussemburgu u fi Strasburgu.

Dan seta' jsir għaliex imkien fil-leġiżlazzjoni Maltija ma kien hemm imqar kelma waħda li tirregola l-ortografija jew li tagħti xi għarfien uffiċjali lill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u lis-sistema mħaddma minnha.

Hu minnu li llum id-dokumenti li jistgħu jirregolaw l-ortografija, jiġifieri it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924), iż-*Żieda għat-Tagħrif* (1984) u l-*Aġġornament* (1992), huma magħrufin

mil-Liġi tal-Malti, imma fil-kitba tal-kliem fil-leġiżlazzjoni uffiċjali (l-aktar liġijiet u avviżi legali, u dokumenti ta' l-UE) dawn qed jitwarrbu kważi b'mod uffiċjali.

Mela l-ewwel ostaklu li jrid jingħeleb hu dan.

Id-diskussjoni fuq is-sistema fonetiko-morfoloġika f'kuntrast mas-sistema etimoloġika ilha li saret, u ma naħsibx li għandha terġa' tinfetaħ. Dak li jrid isir hu li l-Kunsill jafferma l-prinċipju u jitlob lill-Gvern jattwah u jagħti l-istruzzjonijiet neċessarji.

Dan għandu jsolvi, ngħidu aħna, il-problema ta' l-użu ta' l-*s/ż* fi kliem bħal *posizzjoni/pożizzjoni*, *leġislazzjoni/leġiżlazzjoni*, jew dik ta' l-użu ta' *z/zz* fi kliem li jispiċċa bis-suffiss *-azjoni/-azzjoni*.

Hawn, però, ma nħossx li għandna naqtgħu linja fuq l-użu taż-/*ż*/ fi kliem li fih l-/*s*/ tinstama' ċara u dejjem bħal fil-każ, ngħidu aħna, ta' *sfigurat, sfrenat*, eċċ.

Niġi issa għal kliem li jinstema' jew jinkiteb l-istess. Dan hu ta' żewġ xorta.

L-ewwel għandna l-omofoni, kliem li jinstema' l-istess iżda għandu tifsiriet differenti (e.g. *dar, dahar; sħab, sħab*). Fuq dawn ma jidhirlix li għandu jkun hemm problemi. Is-sens jiddetta liema kelma għandha tintuża. Dan japplika wkoll għal kliem bħal *ħabbar* u *ħabbâr*, *tajjar* u *tajjâr*, għalkemm f'dan il-kuntest jidhirli li għandha tkun studjata mill-ġdid il-formola ta' l-*Aġġornament* li tittratta l-aċċent grafiku.

Il-problemi qegħdin fi kliem jew frażijiet omofoni u fl-istess ħin omonimi li jista' jkollhom interpretazzjoni differenti li tista' titlob kitba differenti biex jinħareġ is-sens propju tal-kelma.

Hawn qed nirreferi għal kliem bħal *filgħodu* (the morning) u *fil-għodu* (in the morning), *bil-kemm* (at what price) u *bilkemm* (avverbju), *ma' ġenb* (at the side of) u *maġenb* (near), *m'hux* (it is not) u *mhux* (not) u kliem ta' l-istess xorta (ara listi miġburin mill-Kunsill tal-Malti u Karmenu Azzopardi, u d-dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Aquilina).

F'dan il-każ jidhirli li l-argument tas-simplifikazzjoni m'għandux irieġi għaliex l-eżattezza tat-tifsir ma nħossx li għandha tkun issagrifikata.

Għandna l-problema tal-/*ww*/ u /*jj*/ fil-każ tat-Tieni u l-Ħames Forma tal-verbi moħħfijin.
Sa llum għad ma sibtx raġuni xjentifika għaliex waħda mill-konsonanti għandha titwaqqa'. Minn dak li naf, saħansitra qabel l-istruzzjonijiet uffiċjali tal-gvern ta' l-1932 fuq il-kitba ta' /*w*/ waħda u /*j*/ waħda, kien hemm pressjoni fuq Cremona biex tintuża din is-sistema. Issa Cremona kien biżżejjed favur sistema morfoloġika, u għalhekk naħseb li dak li naf hu korrett, jiġifieri li kien hemm din il-pressjoni.

Apparti minn dan, x'differenza hemm bejn il-pronunzja ta' /*j*/ jew /*w*/ waħda f'dawn iż-żewġ forom u dik tal-likwida /*l*/ waħda kif komunement tinstema' f'*salbu* (flok *sallbu*) jew dik tal-likwida /*r*/ f'*warbu* (flok *warrbu*)? Jidhirli wkoll li l-użu ta' dawn il-konsonanti rduppjati jissimplifika l-kitba lill-istudenti.

Fl-aħħar mill-aħħar Vassalli, li tant niftaħru bih, kien juża l-/*w*/ u l-/*j*/ doppja, kif warajh għamlu Saydon, Aquilina (prinċipalment wara l-mewt ta' Cremona, iżda b'konformità mat-teżi tiegħu u ma' dak li jgħid fil-*Maltese Grammar*) u, f'ċerti kotba, Ġużè Chetcuti.

Problema oħra hija ta' żewġ verżjonijiet jew aktar ta' kliem ta' nisel Taljan bħal fil-każ ta' *possibbiltà/possibilità, probabbiltà/probabiltà/probabilità* (ara listi miġburin mill-Kunsill tal-Malti u diversi eżempji fid-dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Aquilina).

It-tendenza preskrittiva x'aktarx tmur għall-eliminazzjoni ta' waħda mill-forom, iżda jien nasal biex ngħid li l-multipliċità ta' forom tista' tkun sinjal ta' l-għana tal-lingwa. U jekk wieħed jasal biex jagħżel waħda flok oħra jew oħrajn meta jinkiteb kliem ta' dix-xorta, kemm se jkun possibbli li l-kliem imbarri jinqata' mill-ilsien mitkellem. Għalkemm xi kliem jista' jidher li għandu xejra djalettali, x'aktarx li l-fenomenu hu riżultat ta' firxa fost strati soċjali aktar milli fuq bażi djalettali fis-sens strett tal-kelma.

Ta' min jidħol ukoll fil-problema tat-tennija ta' ittri f'nofs lessemi li l-aċċent tagħhom jaqa' fuq l-aħħar sillaba tal-kelma jew fuq dik ta' qabel l-aħħar. Hawn il-problemi huma diversi.

*F'rassenjazzjoni* ma tistax twaqqa' waħda mill-essijiet, anke jekk l-aċċent ewlieni jaqa' fuq l-/*o*/ penultima. Imma allura dan m'għandux japplika wkoll għal *pubblikazzjoni*, li l-verb konness magħha huma *ippublika* u mhux *ippubblika*? Għaliex niktbu *għarkubbtejh* (din id-darba kelma Għarbija) meta din ġejja minn *rokba* u mhux minn *irkobba*?

F'konnessjoni ma' dan, kemm hi valida r-regola li kelma għandu jkollha biss aċċent wieħed, meta fil-fatt jinħassu żewġ aċċenti jekk mhux, f'xi każi estremi, tlieta bħal f' *razzjonalizzazzjoni*?

Il-kliem li joħloq problemi mniżżel fid-diversi kategoriji kif imqassmin fid-dokument "Varjanti Ortografiċi" tista' tgħid li fil-parti l-kbira tiegħu għandu l-argumenti favurih u kontrih. Il-lingwa mitkellma x'aktarx m'hix se tgħinna f'din il-problema, u għalhekk id-deċiżjonijiet għall-kelma miktuba m'humiex se jkunu ħfief biex jittieħdu.

Jien tal-fehma li, kif jidher li ġara tul il-kors għall-qarrejja tal-provi, is-seminar ikun okkażjoni biex l-ewwelnett jissensibilizza lill-qarrejja tal-provi, u lill-awturi tal-kitbiet li dawn jaraw, dwar il-ħtieġa li ma jaqtgħux għal rashom kif ġie ġie, u t-tieninett (jew *tininett* ?) biex jinħass lejn fejn qed iħabbat il-polz f'din il-materja.

L-aħħar kelma. Anke jekk jien naħsibha favur il-varjanti, irrid ngħid li nistenna li, meta awtur, editur ta' gazzetta, qarrej tal-provi, eċċ. jagħżel waħda minn żewġ varjanti jew aktar, għandu jkun konsistenti tul il-kitba kollha tiegħu.

L-ewwelnett, nixtieq nagħmilha ċara li jien ma ħassejtnix komdu f'dan l-eżerċizzju. Bħala kittieb letterarju, xogħli narah aktar li nħaddem il-lingwa b'mod interessanti milli nfettaq fuq l-ortografija – imma forsi bla ma naf inkun tajt xi kontribut siewi. Tassew nixtieq li l-kelma Maltija tkun magħmula minn qafas sod, mhux tafal inċert jew varjabbli. Jien stess għandi għażliet personali u ma naqbilx ma' għadd ta' bidliet li saru dan l-aħħar (jista' jkun li jien hu l-iżbaljat). Minkejja dankollu, dejjem fittixt li noqgħod mal-kurrent uffiċjali (naturalment fl-ortografija), inkella jkollna kaos sħiħ, u mill-kaos jitnisslu l-antipatija > it-traskuraġni > it-twarrib tal-lingwa.

Qed nibgħatlek lura wkoll, għax ħdimt direttament fuqu, il-folju bin-notamenti tiegħi (li ħassejt seta' kien iggruppat aħjar, fis-sens li eżempji identiċi kultant huma mferrxin). Imbagħad hawn taħt qed niġbed xi konklużjonijiet li wasalt għalihom. Nibda b'dak li ma qbiltx miegħu meta saru t-tibdiliet mill-Akkademja stess.

Nieħdu l-kelma *televixin* – fejn l-exxe żgur ma tpinġix il-ħoss tal-kelma; u jekk aħna ngħidu *programm televiżiv* u *serata televiżiva*, allura għaliex għall-konsistenza ma ngħidux *televiżjoni*? (Għandna tant kliem fil-'familja' ta *-joni*; għalfejn qbadna triq differenti?).

Kelma oħra hi *telefon* (mhux *telefonu* jew, agħar, *telefown*), għax aħna ngħidu *telefonija* u *messaġġ telefoniku*. Ejja naħsbu fuq ċerti kliem fi "clusters", mhux inħalluhom jixxejru waħda waħda mar-riħ tal-gost u d-daqqa tal-mument.

Nemmen ukoll li kliem derivattiv għandu jibqa' konsistenti ma' l-għerq jew il-kelma-kap. Pereżempju *rkobbtejja*, *irkobbitha*, *għarkobbtejna* għax il-kelma-kap hi *rkobba*; *bibbliku* mhux *bibliku* għax il-kelma-kap hi *Bibbja; akkredtu* (mhux *akkrettu*) għax ġejja mill-kelma *kreditu*.

Ismijiet ta' nies, pajjiżi, kontinenti, oċeani, jiem u xhur għandhom jinkitbu bl-ewwel ittra kapitali, għax nomi proprji. Jitbiddlu biss fl-aġġettivi tagħhom: *Novembru, sema novembrin; Afrika, pajjiż afrikan.* Imbagħad *ix-xmara Nil*, *il-baħar Mediterran,* eċċ.

Kultant jiddependi, imma bħala regola kliem bħal *filgħodu, filgħaxija, billejl, binhar, bilwieqfa*, *bilqiegħda, biżżejjed, dakinhar* saru tant komuni li jistgħu u għandhom jinkitbu sħaħ. L-istess għal *bħalissa, bħalkieku*, *sadattant, bidunett.* Min-naħa l-oħra m'għandix preferenza, dment li jkollna deċiżjoni finali fuq kliem bħal *ċagħak/ċagħaq; daħak/daħaq;* Jien kienu għallmuni li waqt li l-vokali jistgħu jvarjaw *(għedna/għidna)* l-konsonanti m'għandhomx din il-libertà. Min-naħa l-oħra, fid-dizzjunarji tagħhom Dun Karm, ESI u l-Profs. Aquilina kollha jagħtuh *ċagħak* u *ċagħka* bil-*k*, anki jekk ta' l-aħħar jagħti l-varjanti. Għax ma narawx minfejn bdiet il-kelma, ngħidu li din hi t-tajba u nesiġuha?

Hemm kliem jixxiebah li jfissru differenti u allura għandna nżommuhom it-tnejn: *bil-ħaqq, bilħaqq; baħħar* (verb*) u baħħar* (nom); imbagħad hemm kliem li taħsbu jixxiebah (*skond/skont, Protestant/protestant*) imma jfisser totalment differenti.

Dawn li ġejjin huma xi ftit eżempji miġburin mill-folju annotat li qed nehmeż ma' din l-ittra. Bosta drabi nippreferi t-tagħqid ta' kelmiet separati li jitpoġġew ħdejn xulxin biex niffurmaw sens wieħed. Naturalment dan m'għandux jitħalla f'idejn kulħadd, bħalma qed isir bla rażan fil-kliem mill-Ingliż.

ma' ... *matul, maġenb, madwar*
...nett *fuqnett, waranett, l-aħħarnett*
kull + ? *kulmin, kulħadd, kulfejn*

m’ + ? *m’aħniex, m’humiex, m’intomx*
minn + ? *minfejn, mingħand, mingħalija*
għal + ? *għalfejn, għalxejn*, (imma *għal għarrieda*)
bil- + ? *billejl, bilqiegħda, bilħaqq*
fil- + ? *filgħodu, filwaqt, filgħaxija* (imma *fl-aħħarnett*)
? + ejn *ħalltejn, biċċtejn, kemmxejn*
bħal + ? *bħalkieku, bħalmeta, bħalma*
daqs + ? *daqshekk, daqskemm, daqstant*
għal + ? *għalxejn, għaldaqstant, għalbiex* (imma *għall-aħħar, għall-ewwel*)

- Nippreferi *allaħares* u *mnalla* minflok nuża l-kelma Alla (li nħossha bla skop – imma toqgħod f’ *’k Alla jrid*, għad li l-*’k* waħedha hi biss konversazzjonali)
- Naqbel ma’ *radjudramm, teledramm*, eċċ.; u jekk *granmastru* neħduha kelma waħda, allura għala le għal *priministru* (b’*m* waħda) u *primimħallef?*
- Kliem ieħor li jista’ jingħaqad: *primawla*, *dawramejt*, *sottokumitat, superpotenza* – imma kliem twil iżżejjed (*gastro-intestinali, soċjo-ekonomiku*) aħjar jibqa’ maqsum, almenu sakemm jindara
- Jekk *koinċidenza, koeżistenti,* eċċ. saru kelma waħda, forsi anki l-*oo* (doppja) għandha toqgħod: *kooperattiva, koordinatur*. (Jonkella ngħidu li l-*ko-* tintrabat mal-kelma ta’ wara barra meta tkun ta’ l-istess vokali)
- Rigward 285, 286. Hawn min jgħid li tajbin it-tnejn, għax viżwalment tibda bil-konsonanti u oralment tibda bil-vokali. Dan inħossu logħob bil-kliem. Jien naqbel li nieħdu linja dritta *tal-* anki fi kliem li jibda bil-vokali. Il-pawsa tinħass naturali, mhemmx għalfejn naċċentwawha. Din tevita ħafna żbalji bla bżonn u ma tikser ebda regola fundamentali.
- Għażilt il-kelmiet *amen* u *alleluja* (mhux *ammen* u *allelulja*) fuq kriterji ta’ lingwi oħrajn (Ingliż, Taljan) – kif jużawhom Saydon u l-Għaqda Bibblika?
- Kelmiet bħal *berritta/beritta, karrozza/karozza, karrozzin/karozzin, karrettun/karettun* huma (naħseb) ħaġa ta’ gost jew drawwa; jien nippreferihom b’*r* waħda. Madankollu ma nistax nara *karretta* b’*r* waħda. Ma tirbaħ qatt!

Nittama li fil-limiti tiegħi kont ta’ xi għajnuna u nawgura lill-Kunsill fix-xogħol siewi li dħaltu għalih. Bl-umiltà kollha nittama li jittieħdu d-deċiżjoni qabel ma naqsam il-fruntiera, biex dak li baqagħli x’nippubblika joħroġ sewwa.

Għeżież ħbieb Maltin, naqbel ħafna ma' l-għan li "nnaqqsu l-inċertezzi" ta' l-ortografija Maltija. Bħala kelliema tal-Ġermaniż dan l-aħħar sirt naf tajjeb xi tfisser "inċertezza": Waqt li meta kont żgħira kellna regoli ċari għall-ortografija tagħna, għaxar snin ilu saret "riforma" nofs sajran ibbażata fuq prinċipji x'aktarx simplistiċi li f'każijiet mhux ftit wasslu f'kitbiet li jdaħħquk. L-ikbar żball li għamlu dawk l-esperti tal-Kunsill Sopranazzjonali kien eżatt li trattaw bħala varjanti każijiet fejn frażi kellha tifsira idjomatika ġdida ilha preżenti bħala kelma għaliha nnifisha f'moħħna u naturalment ukoll fid-dizzjunarji. Ġegħluna niktbu pereżempju aġġettiv li jfisser "mhux miżżewweġ" bħallikieku ma jfissirx ħaġa differenti minn "li joqgħod bilwieqfa waħdu" jew verb li jfisser "iddispjaċa" bħallikieku għadu jfisser bis-sens letterali tiegħu "kkawża diqa"! B'hekk naturalment ruxxmata ta' kelmiet eżistenti sparixxew mid-dizzjunarji bħala lemmi! U issa, għaxar snin wara l-ewwel "riforma", li l-biċċa l-kbira tan-nies xejn ma kienet aċċettata, wara ġlied, litigazzjonijiet u tiswijiet żgħar wasalna għar-"riforma tar-riforma" li daħlet fis-seħħ dan is-sajf. Bir-riżultat li l-biċċa l-kbira tal-kitbiet "qodma" ġew aċċettati mill-ġdid u fl-istess ħin ħafna mill-bidliet inżammew ukoll, jiġifieri "żidna" l-inċertezzi u llum il-ġurnata kważi kollox aċċettat. Fiċ-ċekkjatur ġdid li għadni kemm xtrajt nista' nagħżel bejn "kitba konservattiva" (li tippreferi l-kitbiet qodma fil-grad li huma aċċettati skond ir-regoli ġodda), "kitba progressiva" (b'dawk il-bidliet tar-"riforma" mhux irtirati), "kitba rrakkomandata" (bil-barka ta' l-awturi ta' l-aktar dizzjunarju awtorevoli) u "kitba elastika – mhux irrakkomandata" (li taċċetta kulma ma jitqiesx bħala żball skond ir-regoli ġodda)! U le, sfortunatament m'iniex qed niċċajta!

Għeżież ħbieb Maltin, nixtiqilkom ix-xorti t-tajba, u m'għandi l-ebda dubju li intom kapaċi tagħmlu xi ħaġa wisq aħjar minn hekk! Naturalment m'għandix l-illużjoni li l-kontribut tiegħi jkun t'għajnuna kbira, imma, peress li dan esperiment interessanti immens, ippruvajt ninkludi l-kliem tal-lista kollu fil-kategoriji li wasalt għalihom wara ħafna studju u ħsieb. In-numri fil-paġni li jmiss huma dawk tal-lista.

## A) KITBA BĦALA KELMA WAĦDA JEW LE

Jidher ċar li min-natura tiegħu bħala lingwa Semitika l-Malti mistenni li jkun lingwa tal-kliem qasir magħmul minn 3 jew 4 radikali u l-vokali rispettivi. Kif jista' jkun li l-kwistjoni tal-kitba bħala kelma waħda jew le titfaċċa, forsi mhux dominanti daqs fil-każ ta' l-imbierka "riforma" Ġermaniża, imma xorta l-biċċa l-kbira tal-varjanti tal-lista tagħna donnhom għandhom x'jaqsmu magħha? L-ewwelnett, il-Malti tal-lum mhux magħmul minn kliem Semitiku biss, u t-tininett, anki fil-Malti jinħass ferm ċerta firda bejn it-tifsir letterali ta' diversi frażijiet u t-tifsir idjomatiku ġdid li kisbu. Biss ta' min josserva li, waqt li fil-każ tal-Ġermaniż din problema marbuta mal-verbi, is-sistema verbali Semitika tal-Malti ma tippermettix li l-kelliema tiegħu jħossu frażijiet magħmulin minn verb u xi parti oħra tad-diskors bħala verb ġdid itwal, u għalhekk taħt din il-kategorija jaqgħu l-aktar sintagmi li jinkludu xi prepożizzjoni mingħajr ma jinkludu wkoll xi verb. Ħa naraw id-diversi subkategoriji li fihom jistgħu jitqassmu l-eżempji meħudin mil-lista tagħna...

1. <u>Kliem missellef mhux kompletament integrat fil-lingwa Maltija</u>

Jidher li barra minn kliem separat (nomi, verbi, avverbji kompletament integrati fl-ilsien Malti) insilef ukoll għadd ta' frażijiet mingħajr ma jkunu integrati fil-Malti wkoll il-partijiet tagħhom kollha għalihom infushom. Fil-fehma tiegħi kelma Taljana li fil-Malti ma taħdimx bħala kelma, imma biss bħala parti ta' sintagma usa', m'hemmx għalfejn niktbuha bħala kelma separata. Ħafna minn dawn il-każijiet huma **prepożizzjonijiet**.

*a*
affavur
**1**
*a + la*
> *la* (skond id-dizzjunarju ta' Aquilina "short for It. *alla*", jiġifieri *skond il-mod ta'*)
laġenba, lamaltija
"Labranzetta" ma sibthiex fid-dizzjunarju, imma jidher ċar li għandha tfisser l-istess ħaġa bħall-kelma "*alambratséta*" mdaħħla fil-Grieg. Forsi jkolli nżid li anki din il-lingwa – Mediterranja bħall-Malti – fiha diversi forom bħal *alatúrka*, *alamilanéża*..., miktubin kelma waħda.
**156, 158, 162**
Taħt din il-kategorija donnha taqa' anki l-kelma misterjuża "alabiebu", ikkaratterizzata bħala vulgari minn Aquilina. Nirringrazzja ferm lin-nies tal-forum "Kelmet" u speċjalment lil Michael Spagnol u Raymond Zammit ta' l-ispjegazzjoni li tawni. Ovvjament ma tagħmilx sens il-kitba "għala biebu" li sibt f'Aquilina taħt il-lemma "bieb".
**4**

*da*
daparti
**46**

*in*
inġenerali, inkwistjoni
**126, 129**
Naħseb li hawnhekk għandna nżidu wkoll "inkomuni".

*per*
pereżempju, perkażu
**224, 226**

Anki **aġġettivi** xi drabi nsilfu mingħajr ma jkollhom funzjoni indipendenti fil-Malti daqs l-aġġettivi Rumanzi l-oħrajn. Dan il-każ ta' *primo*, *secondo*, *gran(de)*, u *san(to)*. Il-Malti diġà kellu l-aġġettivi funzjonali "l-ewwel", "it-tieni", "kbir" u "qaddis", u għalhekk l-ekwivalenti Rumanzi jeżistu biss bħala parti ta' ċerti sintagmi usa' u b'tifsira aktar speċjalizzata kif ukoll sostantivali. Madanakollu ma nistgħux niġbdu l-konklużjoni li qatt ma jkollhom jinkitbu bħala kliem separat, anzi għandna niddeċiedu skond il-każ. Fil-fehma tiegħi kriterju tajjeb il-plural. (Nirringrazzja ferm lil Prof. Manwel Mifsud tal-ħjiel li tani permezz tal-"Kelmet".) Fejn juri li "kull parti żammet l-identità morfemika tagħha", aħjar niktbu kliem separat, waqt li fil-każijiet l-oħrajn fil-fehma tiegħi l-kliem jista' jingħaqad mingħajr problemi. Għalhekk nixtieq nipproponi:

prim kuġin, sekond kuġin (għax anki fil-plural "primi/sekondi kuġini"), waqt li ma narax il-għala ma nistgħux niktbu "Primministru, Primministri, Grammastru, Grammastri".
Forsi interessanti nżid li d-differenzjazzjoni bejn "prim kuġin" u "Primministru" għandha ekwivalenti eżatt fil-Grieg: *prótos ksaderfos* vs. *prothipurgòs* (kelma komposta) < *prótos* ("l-ewwel").
**89, 229-230, (231** ara taħt**), 257**
It-termini "Prim' Awla" u "Sekond' Awla" donnhom ma jintużawx fil-plural, imma forsi aħjar ma jingħaqdux minħabba l-ekwivalenti Semitiċi "L-Ewwel Awla"/it-Tieni Awla".
**258**
Fil-każ ta' "santafjakka" u "santapaċenzja" f'kull-każ m'hemmx plural.
**256-257**
L-aġġettiv Taljan "*netto*" fil-Malti kiseb tifsira avverbjali u jiffunzjona **kważi bħala suffiss**. Għalhekk naħseb li għandu jingħaqad mal-kliem imsieħeb:

barranett, bidunett, l-aħħarnett...
Il-kitba ta' xi wħud minn dawn il-kelmiet komposti tqajjem problemi ortografiċi ġodda minħabba l-**ie**. Naħseb li, sabiex inkunu konsistenti, għandna niktbu "t-tininett", "it-tiletnett", "qigħnett", "quddimnett", bħalma niktbu "lbiraħtlula".
**16, 30, 77, 78, 82, 130, 131, 159, 166, 241, 243, 288, 294**

Miż-żewġ kelmiet Taljani (verb + avverbju) "*sta bene*" ("jinsab tajjeb") **fil-Malti ħareġ aġġettiv wieħed**, "stabene" (= "sinjur"). Anki fil-każ ta' "manġapassiġġa" jidher li żewġ verbi Taljani ("jiekol (u) jippassiġġa") ġew ittrasformati f'aġġettiv Malti wieħed ("għażżien").
**181, 271**

2. <u>Kliem kompost missellef</u>

Fil-lista jidher però anki kliem li fit-Taljan stess diġà hu kliem kompost. F'dawn il-każijiet ma narax għalfejn m'għandniex niktbuhom kelma waħda. (Nimmaġina li hawnhekk il-"varjanti" għandhom x'jaqsmu max-xejra ta' l-Ingliż fejn in-nomi komposti jinkitbu bħala kliem separat.)

**Nomi komposti kopulattivi**: *gastrointestinale* > gastrointestinali, *socioeconomico* > soċjoekonomiku, *usufrutto* > użufrutt
**85, 266, 293**
**Nomi komposti determinattivi**: *sottocomitato* > sottokumitat, *superpotenza* > superpotenza, *radiodramma* > radjudramm
**269, 273, 244**
Fil-każ ta' *sottospecchio* > sottospekkju x'aktarx m'għandniex kelma komposta ġenwina, imma diġà fit-Taljan mill-konnessjoni ta' prepożizzjoni + nom ħareġ nom ġdid li m'hemmx għalfejn ma niktbuhx kelma waħda.
**270**
Dwar "skansafaċendi" bħala kelma Taljana (mill-Isqalli?) ma sibt xejn, tixbah però ħafna lill-kelma *scansafatiche*, mid-dehra aktar amalgamizzazzjoni milli nom kompost ġenwin, li tinħass però bħala kelma waħda dażgur.
**264**
Fuq "*primadonna*" jkollna ngħidu li, minkejja li diġà fit-Taljan tista' tinkiteb kelma waħda, il-plural Taljan jiġi "*primedonne*" u b'hekk x'aktarx tixbah lill-każ ta' "*primo cugino*" li diġà semmejna. Madanakollu fil-Malti bl-aktar mod ċar saret minnha kelma waħda b'zokk wieħed flok iż-żewġt izkuk, u l-plural "primadonni".
**231**

Min-naħa l-oħra fit-Taljan il-plural ta' "*linea guida*", li ma tistax titqies eżatt bħala kelma komposta, huwa "*linee guide*". Il-verżjoni Maltija mingħalija li tixbah l-aktar lit-tip ta' "kelma muftieħ" u għalhekk nippreferi niktibha "linja gwida"/plural "linji gwida".
**171**
Għandi suspett li taħt l-istess kategorija ta' kliem kompost mhux ġenwin taqa' wkoll "pezzakustjoni", kelma li dwarha ma rnexxilix insib aktar tagħrif. Il-kitba ovvjament għandha tiddependi minn jekk il-Maltin iħossuhiex hekk tassew jew aktar bħala kelma waħda.
**227**

3. <u>Frażijiet fejn kelma Semitika tilfet l-għamla oriġinali tagħha</u>

Bħalma fost il-kliem missellef insibu eżempji ta' frażijiet li xi parti minnhom ma teżistix bħala kelma indipendenti, hekk anki fost il-vokabularju Malti Semitiku hemm "varjanti" li **parti minnhom tilfet l-għamla oriġinali tagħha** u m'għadhiex tagħmel sens bħala kelma separata:
awlillejl/ewlillejl < ewwel

imbras, imbwiċċ < ma' (+ bi) (skond id-dizzjunarju ta' Aquilina)
**11, 70, 123-124**

4. <u>Frażijiet li tilfu t-tifsir letterali tagħhom</u>

Il-vokabularju Semitiku fih ċerta kategorija ta' frażijiet li tilfu t-tifsir letterali tagħhom, mhux ftit minnhom ġejjin mill-qasam tar-**reliġjon**. Għalihom ukoll nipproponi li jingħaqdu:
allaħares, laħwa, mnalla, jisgħobbija
**5, 160 208, 267**
Frażi ferm interessanti li kisbet tifsira ta' kelma waħda dehritli "liema bħalu" > "liemabħalu", fejn mistoqsija sħiħa li tesprimi paragun ġiet xi ftit jew wisq **ittrasformata f'aġġettiv**.
**167**
Fost l-**ismijiet tal-pjanti u l-annimali** jiena żgura li hemm ħafna magħmulin minn aktar minn kelma waħda Semitika (perċentwali mhux ħażina nimmaġina li tinsab fl-istat kostrutt – forsi għandna nerġgħu nikkonsidraw il-kitba anki għal dik il-kategorija). Nistħajjel li riċerka dwarhom tkun vallapena biex jinsab it-trattament addattat li jgħodd għal dan il-grupp kollu bħala qasam lessikali. Eżempju mil-lista "qara' bagħli/qarabagħli" li x'aktarx nippreferih kelma waħda.
**239**

5. <u>Enfasi permezz ta' repetizzjoni</u>

Kategorija oħra interessanti ferm ta' kliem Semitiku fiha tintlaħaq enfasi speċjali permezz ta' repetizzjoni. Għalihom ukoll nipproponi li jinkitbu kelma waħda. Fil-fatt hawn żewġ sottokategoriji:

**Repetizzjoni ta' l-istess kelma:**
qajlqajl, sewwasew
**238, 261**
**Repetizzjoni permezz tal-varjazzjoni:**
darbafil(l), dawramejt, għarukaża
**58, 59, 110**
Forsi ta' interess jekk inżid li anki fil-Grieg dawn l-istess żewġ kategoriji għandhom xi rwol biex tintlaħaq ċerta enfasi. L-ekwivalent ta' "qajlqajl" huwa pereżempju "sigà-sigà".

6. <u>Frażijiet avverbjali Semitiċi</u>

L-aktar kategorija wiesgħa u importanti tal-lista tagħna, però, hija dik tad-diversi frażijiet avverbjali (bis-sens usa'). Inġenerali jew kważi-kważi **tilfu s-sens letterali tagħhom** u b'hekk kisbu tifsira idjomatika ġdida jonkella **tant spiss jintużaw b'din il-bixra eżatt** li jiġuna f'moħħna bħallikieku jiffurmaw kelma waħda. Fiż-żewġ każijiet m'hemmx għalfejn ma niktbuhomx kelma waħda, jekk irridu norjentaw ruħna lejn kitba moderna u sabiħa mill-aspett estetiku, mingħajr ruxxmata ta' bċejjeċ żgħar u għadd esaġerat ta' singijiet.

It-tifsira "ġdida" s-soltu **avverbjali**. Xi wħud għandhom rwol ta' **konġunzjoni** jew **prepożizzjoni** ("madwar", "mingħand"...). Insibu però fil-lista għallinqas frażi waħda li kisbet **sens aġġettivali**: "minn tagħna/mintagħna". Skond il-partijiet tad-diskors insibu, fil-lista tagħna, dawn il-kategoriji ta' frażijiet:

**Frażijiet bi prepożizzjoni:**

*bħal*
**20-26**
*bi*
**32-42**

*fi*
**73-77**
*għal*
**94-108**
*ma'*
**175-177, 182**
*minn*
**15, 196-206**
*qabel*
**237**
*sa*
**248-254**
*ta'*
**275, 281-284, 287, 290**

**Frażijiet b'konġunzjoni:**

*daqs*
**52-57**
*(il)li*
**83, 90**
*la*
**79, 157, 161**

**Frażijiet b' avverbju:**

*hekk*
**114-115**
*kemm*
**138-139**
*lil*
**168-170, 172**

**Frażijiet bi pronom:**

*kull*
**146-155**
*xi*
**299-304**

U f'dan il-punt ikollna noqogħdu ferm attenti – għax **mhux kull frażi li tinsab fil-lista b'żewġ bixriet differenti tista' tiġi aċċettata bħala "varjanti"!** Mill-aktar punti importanti li nevitaw naqgħu fin-nassa li tant fixklet "ir-riforma" ortografika tal-Ġermaniż. "Iżżejjed" u "ż-żejjed" xejn m'hi l-istess ħaġa! L-esperti Ġermaniżi ħasru dawn id-differenzi favur il-kitba "etimoloġika" ta' kważi kollox. U wara għaxar snin ta' tbatija ġejna lura fil-kitba qadima fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' dan it-tip. Bid-differenza li flok li permezz tar-riforma "naqqasna l-inċertezzi" żidniehom għax, waqt li qabel għal kważi kollox kien hemm kitba waħda, deċiża xi mitt sena ilu, issa f'mijiet ta' każijiet għandna tnejn aċċettati, u sar diffiċli immens li tkun konsistenti.

Fil-fehma tiegħi għodda tajba fejn xiħadd jista' jsib eżempji importanti ta' "kliem li meta jingħaqad ifisser mod u meta ma jingħaqadx ifisser mod ieħor" hi l-"Appendiċi 14" tal-*Gwida għall-Ortografija* ta' Carmel Azzopardi, u speċjalment il-paġna 345. Fiha pereżempju "ż-żejjed" vs. "iżżejjed" u "l-anqas" vs. "lanqas".
**133, 163**

Biex inżid eżempju tiegħi wkoll, naħseb li jagħmel sens kieku jekk niddistingwu bejn "ximkien" ("*somewhere*") u "xi mkien" ("*some place*"), hux hekk?
Eżempju ieħor meħud mid-dizzjunarju ta' Aquilina: Taħt il-lemma "żgur" isemmi żewġ tifsiriet ta' "da(n)" + "żgur": "dażgur" = "*of course*" vs. "da żgur" = "*I very much suspect that...*".
**60**

7. Determinazzjonijiet kronoloġiċi

Fuq dawn nixtieq nirrepeti l-punt li xi darba għamel Joseph Felice Pace fil-forum "Kelmet", li m'hemmx għalfejn niktbu "l-bieraħ" u "l-biraħtlula" (dejjem bl-i!) bis-sing, għax dawn il-kelmiet lanqas ma jeżistu mingħajr l-artiklu fl-ebda kuntest. Ħaġa oħra li nistgħu nżidu f'dan il-punt hija li, jekk niddeċiedu niktbu "llum", se jkollna, sabiex inkunu konsistenti, niktbu wkoll "sallum", "tallum", "għallum", "bħallum" u "millum". Anki fil-każ ta' "lbieraħ" se jkollna niktbu "salbieraħ", "talbieraħ", "għallbieraħ", bħallbieraħ" u "millbieraħ", m'hux hekk?
**23, 38, 41, 47-51, 74-75, 119-122, 217-218, 220, 254, 289**

8. Il-kitba tan-numri

Kategorija fejn ġeneralment m'iniex favur il-kitba f'kelma waħda hija n-numri. Għalija ċar li, sabiex ikunu aktar sempliċi u ċari, nippreferi nikteb:
disa' mija, disat elef, wieħed u tletin. U lanqas ma togħġobni "nofsiegħa", għax imbagħad, biex inkunu konsistenti, se jkollna nfittxu aktar nomi li se jingħaqdu ma "nofs" u se jkollna problemi serji niddeċiedu fejn se nibdew u fejn se nispiċċaw.
**65, 66, 221, 296**

9. In-negazzjoni mal-pronomi personali kif ukoll ma' "hawn" u "hemm"

Iddeċidejt nikteb pereżempju "m'iniex" u mhux "miniex", għax inkella għall-funzjoni verbali ("*to be*") ta' dawn il-pronomi b'xi mod nikkrea tliet sensiliet ta' forom kważi-verbali: 1) *jien, int...* (*I am, you are...*) 2) *iniex, intix...* (*if I am, if you are...*) 3) *miniex, mintix...* (*I am not, you are not...*) flok it-tnejn li huma suffiċjenti u li għandhom il-verbi ġenwini. Din is-soluzzjoni tippermettilna wkoll niddistingwu bejn "m'hux" (*he is not*) u "mhux" (*not, non-, un-* bħalma f'"persuna mhux magħrufa").
B'analoġija nippreferi wkoll "m'hawnx" u "m'hemmx".
**178, 184-195**

## B) KONVENZJONIJIET OĦRAJN LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAL-BIXRA TAL-KELMA

1. L-ewwel ittra kapitali jew le

*a) Ismijiet ġeografiċi*
L-ismijiet ġeografiċi suppost li jinkitbu b'**kapitali**. Taħt din il-kategorija jaqa' mhux biss il-"Baħar Mediterran", imma anki l-"Lvant Nofsani", eċċ. Imma jekk m'iniex sejra żball, dan m'hux il-każ tax-"xmara Ġordan". Hawnhekk "**xmara**" m'hix parti ta' l-isem, imma l-aktar tfakkarna fl-użu Grieg antik li narawh fl-Evanġelji u għalhekk anki fit-traduzzjonijiet tagħhom. In-"**nofsinhar** (ta' l-Ewropa/ta' Malta)" jiena ma nifhmux bħala "isem" ġeografiku.
**13, 173-174, 219, 305**

*b) Aġġettivi marbuta man-nazzjonijiet*
Fil-fehma tiegħi taħt din il-kategorija fis-sens usa' jaqgħu anki "Ewropew" u "Semitiku". Għalhekk nippreferi niktibhom ilkoll b'kapitali bħalma nikteb "Malti".

**71, 259**

c) *Aġġettivi li jfissru reliġjonijiet*

M'iniex żgura dwar din... F'kull każ għandna **nittrattaw b'mod indaqs** (kapitali jew mhux) ir-reliġjonijiet kollha, mhux tagħna biss (Nisrani, Kattoliku). Jidhirli li hawn min jikteb pereżempju "Nisrani" għall-persuna u "nisrani" għall-ħaġa marbuta ma' din ir-reliġjon, m'hux hekk? Ma naħsibx li hawn bżonn ta' tali differenzjazzjoni. Tagħmel sens perfett f'lingwa bħall-Grieg fejn, anki għan-nazzjonijiet, għandek żewġ kelmiet differenti, waħda għall-persuna, u oħra mnissla minnha, li tfisser il-ħaġa. Fil-Malti però anki bejn il-persuna Maltija u l-ħaġa Maltija ma niddistingwux fonetikament u ortografikament.

**207, 209, 216, 236**

d) *Titli ta' persuni*

Fil-fehma tiegħi "Sur", "Sinjura" eċċ. huma b'xi mod **parti mill-isem** u aħjar niktbuhom b'kapitali.

**274**

2. <u>"Ta'" bħala prepożizzjoni:</u>

Dwar il-mistoqsija jekk il-"*hiatus*" ("ta' April"...) jinħassx bħala fenomenu aċċettabbli mill-Maltin, m'iniex żgura.

**276-280**

F'kull każ nippreferi nikteb "ta' l-hena", "ta' l-għalqa", għax naqbel ma' l-idea li **l-artiklu hu parti tas-sillaba li jmiss** bħalma fil-kliem li jibda b'vokali.

**285-286**

3. <u>Użu tas-soqqaf jew le?</u>

Jiena personalment fil-każ ta' l-**omografi** nsibu t'għajnuna kieku, imma ma nafx tkunx soluzzjoni prattika għall-Maltin. Forsi jiddependi wkoll mill-għadd tal-kliem milqut.

**14, 80, 307**

## C) <u>INŻOMMU L-BILANĊ BEJN L-ETIMOLOĠIJA U L-FONETIKA</u>

1. <u>Problemi tal-kliem Semitiku</u>

a) *i/e wara l-għ f'forom verbali*

Jekk fhimt sew l-ispjegazzjoni li xi darba ta lis-semmiegħa tar-Radju RTK il-Prof. Mifsud, f'dawn il-każijiet **l-e taqbel aktar mal-pronunzja**, waqt li l-i tinkiteb biss għal raġunijiet ta' analoġija mal-mudelli verbali l-oħrajn. Jekk ikun hekk, m'hemmx għalfejn inżommuha din il-kitba artifiċjali, li tikkawża taħwid biss, speċjalment lill-barranin li jitgħallmu l-Malti u wisq aktar għandhom jiġbdu konklużjonijiet dwar il-pronunzja mill-kitba milli viċeversa.

**17, 81, 112, 183, 240, 295**

b) *Twaqqigħ tal-vokali jew le?*

Nippreferi "fehmti", "togħmti", "nagħrfu", "negħlbu", "negħmżu", għax f'dawn il-każijiet kitba aktar ikkumplikata ma toffri xejn, speċjalment wara li, sa fejn naf jien, permezz ta' l-*Aġġornament tat-Tagħrif* il-kumbinazzjoni **għ + likwida + konsonanti** ġiet aċċettata.

**72, 212-215, 292**

c) *i/ie*

Nikteb "kontrik" l-aktar għax għandi f'moħħi "kontri-" (+ -ja, -k, -h...) bħala z-zokk. Dwar il-każijiet l-oħrajn aħjar jiddeċiedu l-kelliema nattivi **skond l-aktar pronunzja aċċettata**.

**64, 84, 145, 297**

d) *L-"i" ta' "id"*

Jien personalment nippreferi "**f'idejk**" minn "fi jdejk", għax tidhirli aktar sempliċi u naturali.
**118**

*e) Bil-j jew mingħajr il-j?*
Jiena nippreferi nikteb "dgħjufija", għax donnha l-aktar tikkombina l-għ ta' l-għerq mal-j tal-pronunzja. Fil-każijiet l-oħrajn jiena x'aktarx ma niktibx il-j, imma naħseb li hemm bżonn ta' deċiżjoni konsistenti mill-kelliema nattivi **skond l-aktar pronunzja aċċettata**. (Fil-fatt "alliev" kelma Rumanza, imma donnha turi l-istess imġiba.)
**7, 63, 87, 113, 242, 262, 272, 291, 306**

*f) q/k*
Jiena personalment nippreferi l-q, imma hawn ukoll naħseb li forsi hemm bżonn ta' deċiżjoni konsistenti mill-kelliema nattivi **skond l-aktar pronunzja aċċettata**.
**44, 45, 134, 260**

*g) Konsonanti oħrajn f'tarf il-kelma*
Nippreferi "bergħud" skond "bergħudija", "bies" skond "bisien", u "għafrit" skond l-etimoloġija li sibt f'Aquilina.
**18, 31, 91**

*h) Konsonanti doppja jew le?*
Għall-kliem Semitiku x'aktarx nippreferi kitba skond l-etimoloġija. Speċjalment fil-każijiet bħal tal-verbi b'**għerq kwadrilitteru** nippreferi l-konsonanti doppja ("gerbbu", "parttu"), għax b'hekk eħfef li jifhem xiħadd minn fejn ġejja ċerta forma verbali.
Anki fil-każ ta' "'k(k) jogħġbok" u "'k(k) Alla jrid" personalment x'aktarx nippreferi l-konsonanti doppja.
**69, 86, 92-93, 117, 136, 140, 222**

*i) Kitba etimoloġika jew le?*
Fil-każijiet fejn il-**pronunzja Maltija tbiegħdet wisq** mill-etimoloġija oriġinali, nippreferi l-kitba li tinsab viċina **lejn il-pronunzja tal-lum**. Fil-fehma tiegħi m'hemmx għalfejn niktbu "rkobba" (< *rikeb*) u mhux "irkoppa" jew "nagħnagħ" u mhux "naħnaħ".
**109, 210, 246**
Min-naħa l-oħra fejn il-pronunzja tal-kitbiet differenti hi (kważi) l-istess, nixtieq lil-lingwisti kkwalifikati jiddeċiedu permezz ta' **kriterji etimoloġiċi** liema t-tajba.
**88, 111, 116, 137, 165, 211, 298, (67** u **164** li donnhom m'humiex eżatt ta' nisel Semitiku**)**

2. <u>Problemi tal-kliem Rumanz</u>

*a) Konsonanti doppja jew le?*
Naħseb li fil-każ tal-kliem Rumanz il-konsonanti doppji x'aktarx **kwistjoni tal-pronunzja**. L-impressjoni tiegħi hija li s-soltu tinstema' konsonanti doppja ("Awwissu", "ammen"...).
Fil-każ ta' "bibliku"/"bibbliku" ma naħsibx li hemm għalfejn inżommu fil-Malti d-differenzjazzjoni Taljana bejn iz-zokk "popolari" (*Bibbia*) u dak "erudit" (*biblico*).
Fil-każ ta' "(in)denn" forsi nippreferi n-n sempliċi minħabba x-xebh mal-kelma Semitika "*denn(a)*" u t-taħwid li tista' tikkrea.
**2, 8, 10, 12, 19, 29, 61-62, 125, 127, 135, 223, 247**

*b) Sekwenzi ta' vokali fi kliem imnissel mit-Taljan:*
**i + vokali** oħra (*biblio-*, *propri-*, *peri-*):
L-impressjoni tiegħi hija li l-kitba "bibljografija", "bibljoteka", "perjodu", "proprju", proprjetarju eċċ. taqbel l-aktar mal-pronunzja Maltija.
**27-28, 225, 232-235**
**o + o** (*co-o-*):
F'dan il-każ m'iniex żgura dwar il-pronunzja Maltija eżatta.

**141-144**

*c) Kitba etimoloġika jew le?*
Fil-każijiet bħal:
*a credito* > akkredtu/akkrettu, *tovaglia* > tvalja/dvalja, *in quadro* > inkwatru/inkwadru, *macchina* > magna/makna, *predica* > prietka/priedka, *sfogo* > sfog/żvog, *secondo* > skond/skont, *subito* > soptu/sobtu
jiena personalment nippreferi li l-kitba ssewgi aktar **il-pronunzja Maltija** milli l-etimoloġija. Waqt li diġà għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-Ingliż ma nistax naċċetta l-għarfien ta' l-ortografija barranija bħala presuppost biex tikteb bil-lingwa ta' pajjiżek, it-Taljan illum il-ġurnata saħansitra wisq inqas preżenti f'Malta milli l-Ingliż. U nixtieq inżid ukoll l-argument li f'kull każ dan il-kliem donnu m'hux ġej mit-Taljan standard.
**3, 68, 128, 179, 228, 263, 265, 268**
Anki fil-każ ta' kliem li donnu la hu Semitiku u lanqas Rumanz, nippreferi nimxi l-aktar skond il-pronunzja. Il-kelma "riżq/risq" fil-fatt jidhirli li ġejja mill-kelma Griega Medjevali "riżikòn".
**245**

<u>Problemi tal-kliem Ingliż</u>

Nippreferi nikteb "buts", għax, waqt li jien inġenerali favur il-kitba tal-kliem barrani skond il-pronunzja, nixtieq insomm is-s bħala **suffiss tal-plural**.
**43**

4. <u>Minn liema familja ġejjin?</u>

U wasalna fl-aħħar biċċa, jiġifieri l-kliem li b'xi mod jista' fl-istess ħin jitqies ta' nisel Semitiku u ta' nisel Rumanz.

"*Halleluja*" (Semitika) jew "*alleluja*" (Rumanza)?
Peress li din, minkejja li x'aktarx donnha kelma Ebrajka, hi marbuta mhux ħażin ma' għerq li għandna anki fil-Malti (*HLL*), waqt li f'kull każ il-pronunzja hija l-istess, nippreferi l-kitba Semitika.
**6**
"*Għarabja*" jew "*Arabja*"?
Din ikkumplikata wisq, għax għandna mhux dawn it-tnejn biss, imma żewġ familji sħaħ ta' kliem (ara f'Aquilina taħt il-lemmi "*Arabesk*" u "*Għarbi*".
**9**
"*Islam*" jew "*Iżlam*"?
Hawn l-impressjoni tiegħi hija li l-pronunzja Maltija kif smajtha s'issa taqbel aktar ma' l-għerq Semitiku kif inhu.
**132**
Sa fejn naf, dan m'hux il-każ ta' "*Magħreb*"/"*Magreb*". S'issa mill-Maltin "*Magreb*" biss smajt.
**180**

# Kenneth Grima

**Daħla**

Kemm bħala traduttur, u aktar u aktar bħala għalliem, inħossha sitwazzjoni frustranti għall-aħħar meta ma nkunx naf liema forma ta' kelma partikulari għandi nagħżel u nuża kemm waqt li qed nittraduċi test kif ukoll waqt li qed nikkoreġi xogħol l-istudenti. Id-differenza, madanakollu, bejn iż-żewġ sitwazzjonijiet hija li filwaqt li meta qed nittraduċi, m'iniex mistenni nagħti r-raġuni għala ppreferejt forma lessikali minflok oħra, meta qed nikkoreġi jew ngħallem lill-istudenti tiegħi m'huwiex biżżejjed li nagħżel varjant ortografiku imma mistenni, u bir-raġun, li ngħid għaliex għażilt forma u mhux oħra.

Li jkollok varjanti ortografiċi ta' l-istess kelma m'hix xi ħaġa marbuta ma' lsienna (fost l-eżempji ta' varjanti fl-Ingliż insibu **database** / **data-base**; **email** / **e-mail**; **realise** / **realize**). Però, jidher li fil-Malti dan il-fenomenu hu mill-aktar mifrux bil-konsegwenza li jispiċċa jxekkel l-istabbiltà ortografika meħtieġa biex ilsienna jinkiteb aħjar u minn ħafna aktar nies. Kif jistqarr Azzopardi (2003:ix), l-ortografija għandha l-għan ewlieni li tirregolarizza u tistandardizza l-forma miktuba u allura, jekk din ir-regolarizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni jibqgħu ma jseħħux, l-istabbiltà ortografika tibqa' ħtieġa mixtieqa. Wasal iż-żmien li min għandu l-awtorità lingwistika jiddeċiedi dwar liema varjanti ortografiċi għandhom jitwarrbu u liema fosthom għandhom jittieħdu bħala l-forom standard. Fl-istess ħin nifhem u nagħraf li, ġaldarba s-sistema ortografika tagħna hi ħafna drabi fonetika (għalkemm b'eċċezzjonijiet ovvji), mhux dejjem faċli taqta' linja u tagħżel bejn forma ortografika ta' kelma minn oħra. Madanakollu, ikolli nistqarr li xi drabi dawn l-istess varjanti nħolqu minħabba l-istess regoli tal-kitba tal-Malti li ttieħdu matul iż-żmien mingħajr ma forsi tqisu l-konsegwenzi kollha. Ngħidu aħna, skond dawn ir-regoli, kliem ta' nisel mhux semitiku li fl-ilsien oriġinali jinkiteb bis-"s" u nisimgħuh bil-ħoss taż-"ż", fil-Malti jinkiteb biż-"ż" (L-Akkademja tal-Malti, 1998:11). Regola bħal din hi wisq vaga u tħalli kważi f'idejn il-kittieb jiddeċiedi l-mod kif jikteb il-kelma skond kif ilissinha. Mela filwaqt li, min jgħid "fantasija" għandu jikteb **fantasija**, min jgħid "fantażija" għandu jikteb **fantażija**. L-istess jgħodd għal **ġersi** / **ġerżi**, **Svezja** / **Żvezja**, **Israel / Iżrael**. U xi ngħidu għal kliem bħal **riċenti** / **reċenti**, **diħjumidifajer** / **deħjumidifajer**, **riklam** / **reklam**, **bażar** / **bażaar**. Din l-istess regola toħloq diskrepanza bejn kliem semitiku li jinkiteb skond l-għerq u kliem romanz ieħor li jinbena skond iz-zokk morfermiku jew skond l-etimoloġija tal-kelma, ngħidu aħna **appgrejdja** (u mhux **abbgrejdja**) għax ġejja mill-Ingliż "upgrade". Il-problema ta' varjanti ortografiċi qiegħda tikber dejjem aktar minħabb l-influss enormi ta' kliem Ingliż li dieħel fil-Malti. X'se nikteb **mowbajl / mobajl, vidjo / vidjow; disko / diskow, jojo / jowjow, sponsor / sponser, kapxin / kepxin, telefon** / **telefown**? Inħoss ukoll li din il-problema eskalat ukoll għax matul iż-żmien, ma kienx hemm direzzjoni lingwistika minn min kellu r-responsabblità li jagħmel dan.

Matul dawn l-aħħar tnax-il sena li ili ngħallem qiegħed dejjem nintebaħ kemm l-ortografija ta' l-istudenti sejra lura. Mhux biss għax ħafna drabi s-sillabi li għandna fl-iskejjel jitfgħu wisq enfażi fuq il-letteratura u l-ortografija tingħata l-ġenb, imma fuq kollox għaliex nemmen li wħud mir-regoli ortografiċi tal-Malti m'humiex "ħbieb" biżżejjed tal-kittieb. Wisq nibża', li l-ortografija tal-Malti qed issir aktar eżerċizzju xjentifiku li jiffoka dejjem iżjed fuq id-dettall, milli eżerċizzju ta' prattiċità bil-konsegwenza li qed nitilfu kemm il-ġbejna kif ukoll il-qaleb. U jekk l-istudenti fl-iskejjel tagħna m'humiex se jħossuhom komdi jiktbu bil-Malti, se jibqgħu jagħżlu li jiktbu bl-Ingliż jew b'Malti miżgħud żbalji.

**Osservazzjonijiet**

Id-deċiżjonijiet tiegħi dwar liema varjanti ortografiċi minn dawk mgħoddija għandha tintgħażel, fl-ebda mument m'huma finali u ħafna drabi d-dubju jibqa' jberren kontinwament f'moħħi saħansitra waqt l-istess għażla (u saħansitra wara li nkun għamiltha). Ngħarraf lill-qarrej li bl-ebda mod ma jien espert ta' l-ortografija Maltija u għalhekk, ċerti argumenti u deċiżjonijiet, aktar milli jkunu jixhdu għarfien xjentifiku, ikunu msejsa purament fuq prinċipji

oħrajn fosthom ta' pedagoġija prattika, lingwistiċi, viżivi u l-bqija. Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-qarrej li l-forma li nippreferi hi dejjem indikata b'tipa grassa b'linja maqtugħa taħtha.

*1. Skond iz-zokk morfermiku (ZM)*

Fl-eżempji mogħtija hawn taħt, il-verżjoni magħżula qiegħda dejjem tirrifletti z-ZM bil-għan li jkun hemm kemm jista' jkun binja konsistenti bejn il-forom kollha derivattivi (jew kważi):

- **Afrika** / Affrika (għax ngħidu "A**f**rikan")
- akkrettu / **akkredtu** (għax ngħidu "kre**d**itu")
- ażżma / **ażma** (għax ngħidu "a**ż**matiku")
- biblijografija / **bibljografija** (għax ngħidu "bib**lj**oteka, bib**lj**otekarju, bib**lj**otekniku, bib**lj**ografu")
- biblijoteka **/ bibljoteka** (ara qabel)
- bibliku / **bibbliku** (għax ngħidu "bi**bb**ja")
- **den** / denn (għax ngħidu "de**n**ju, de**n**ja, de**n**ji, i**n**den")
- dvalja / **tvalja** (għax ngħidu "**t**avolina, **t**avla, **t**avlun")
- **ġkieket** / ġgieget (għax ngħidu "ġa**kk**etta")
- inkwatru / **inkwadru** (għax ngħidu "kwa**d**ru")
- magna / **makna** (għax ngħidu "ma**kk**inarju, me**kk**anik, ma**kk**inista")
- prietka / **priedka** (għax ngħidu "pre**d**ikatur")

*2. Kliem li jingħaqad jew li jibqa' separat*

Din it-taqsima kienet għalija l-aktar parti diffiċli biex nasal nagħżel verżjoni ortografika minn oħra u fuq liema prinċipji. Dan l-aħħar, kliem li s-soltu kien jinkiteb separat fil-Malti, qed jingħaqad. Qisu saret "moda" li ċertu kliem jinkiteb magħqud bla ebda raġuni lingwistika. Id-diffikultà hi li mhux l-awturi akkademiċi kollha jaqblu bejniethom dwar liema kliem kompost għandu jinkiteb magħqud u liema għandu jibqa' separat (Cassar; Azzopardi 2003). Filwaqt li hemm studjużi tal-Malti li jissuġġerixxu mod, oħrajn jissuġġerixxu mod ieħor. Barra minn hekk, jidher li mhux dejjem ikun hemm raġuni lingwistika għala dan il-kliem qed jingħaqad u ħafna drabi, kelma komposta tispiċċa tinkiteb magħquda jew mifruda għax ikun hemm xi forma ta' kunsens ġenerali (Freeborn 1995:18) bejn il-kittieba. Meta ġejt biex nagħżel bejn forma jew oħra, jiġifieri bejn kelma komposta magħquda u oħra mifruda, jien ħaddimt dawn il-kunċetti:

- jekk il-kelma komposta qed twassal idea unika u allura nħolqot lessema ġdida, din il-kelma komposta għandha tinkiteb bħala kelma sħiħa (eż. **għalkemm**, **għalissa**, **matul**, **bilwieqfa**, **bilqiegħda**) (Larock et al. 1980:706);
- f'każ li kelma li tifforma kelma komposta ma teżistix (eż. "sekond", "sotto", "frutt") jew m'hijiex daqstant frekwenti fil-Malti tal-lum, din il-kelma (li x'aktarx tkun nom imma mhux bilfors, eż, "imb", "ura"), għandha tingħaqad ma' l-artiklu (li xi drabi jkollu magħqud miegħu wkoll prepożizzjoni jew prepożizzjoni flimkien mal-pronom demonstrattiv) (eż. **imbras**, **lura**, **bilfors**). Madanakollu, jista' jkun hemm eċċezzjonijiet li joħolqu nuqqas ta' uniformità (eż. niktbu **illum** imma mbagħad niktbu **bħal-lum**);
- f'każ li n-nom jew l-aġġettiv ikun kompost (ħlief għal nomi fl-istat kostrutt), dan in-nom kompost għandu jinkiteb magħqud (eż. **għarukaża**, **linjigwida**, **taqsimastudju**, **ballunbaraxx**, **banjumarija**);
- f'każ li l-kelma komposta qed tinhemeż ma' prefiss (eż. "ko", "bi"), il-kelma għandha tinkiteb bħala kelma sħiħa (eż. **koordinament**, **bilingwiżmu**). L-eċċezzjonijiet jeżistu fosthom jekk il-prefiss ikun "eks", warajh għandu jiddaħħal is-sing eż. **eks-ministru**. Eċċezzjoni oħra għandha tkun jew il-prefiss ikun quddiem nom proprju eż. **pro-Amerikan**;
- f'każ li l-kelma komposta qed tinhemeż ma' prepożizzjoni jew avverb barranin (eż. "da", "a", in", "per"), il-kelma għandha tinkiteb bħala kelma sħiħa (eż. **alabiebu**, **afavur**, **pereżempju**, **labranzetta**);

- f’każ li l-kelma komposta hi magħmula minn nom u dan in-nom jeżisti u mħaddem sew fil-Malti tal-lum, dan in-nom għandu jibqa’ jinkiteb b’mod distint (eż. **bil-lejl**; **bin-nhar**). Madanakollu, jekk l-istess kelma komposta għandha aktar minn tifsira waħda, din id-distinzjoni fit-tifsira ssir billi l-kelma tingħaqad jew tinfired skond il-bżonn (eż. **kulħadd** u **kull Ħadd**);

*2.1 Kliem li għandu jinkiteb magħqud*

Avverbi:

- **mindaqqiet** / minn daqqiet (u bħalha **xi mindaqqiet**)
- ‘l ura / **lura** (għalkemm il-kelma tindika avverb bħal **‘il quddiem**, **‘l isfel** u l-bqija, issa dan l-avverb daħal sew bħala kelma waħda fil-Malti u għandu jibqa’ hekk)
- bħal kieku / **bħalkieku** (u bħalha **bħallikieku**)
- bil-fors / **bilfors** (u bħalha **tabilfors**)
- bil-qiegħda / **bilqiegħda**
- bil-wieqfa / **bilwieqfa**
- da żgur / **dażgur**
- daqs li kieku / **daqslikieku** (u bħalha **daqskieku**)
- daqs tant / **daqstant** (u bħalha **daqshekk**)
- daqs xejn / **daqsxejn** (u bħalha **bħalxejn**, **qabelxejn**, **kemxejn**)
- darba fill / **darbafill**
- ġa la darba / **ġaladarba** (u bħalha **ladarba**)
- ġie li / **ġieli**
- għal biex / **għalbiex** (u bħalha **sabiex**)
- għal daqs hekk / **għaldaqshekk** (u bħalha **għaldaqstant**)
- għal hekk / **għalhekk** (u bħalha **għalkollox**)
- hawn hekk / **hawnhekk** (u bħalha **hemmhekk**)
- imb’ras / **imbras** (u bħalha **imbwiċċ**)
- minn flok / **minflok**
- minn għand / **mingħand**
- qajl qajl / **qajlqajl**
- sa dan it-tant / **sadanittant**
- sa frattant / **safrattant**
- sewwa sew / **sewwasew**
- ta’ bilħaqq / **tabilħaqq**
- tas-sew / **tassew**

Aġġettivi:

- **gastrointestinali** / gastro-intestinali (u bħalha l-kliem kollu simili fosthom **kardjovaskulari**; **granmastru** u l-bqija)
- **għall-aħħar** / għallaħħar
- skansa faċendi / **skansafaċendi**
- **soċjoekonomiku** / soċjo-ekonomiku
- sta bene / **stabene**

Nomi:

- dawra mejt / **dawramejt**
- fil-għaxija / **filgħaxija**
- fil-għodu / **filgħodu** (u bħalha **dalgħodu**)
- għall-għarrieda / **għalgħarrieda**
- għar u każa / **għarukaża**
- il-bieraħ / **ilbieraħ**

- il-bieraħt lula / ilbieraħtlula / il-bieraħtlura / **ilbieraħtlura** ("lura" aktar milli "lula" għax tfisser "il-bieraħ u jum lura". Nissuġġerixxi li tkun magħquda minħabba li t-t marbuta li qed tinhemeż ma' "bieraħ" ma timxix skond il-prinċipji ortografiċi mħaddma normalment, jiġifieri li t-t marbuta tinhemeż ma' nom femminili li jispiċċa bil-vokali "a")
- **koordinament** / ko-ordinament (u bħalha l-kliem kollu simili fosthom **kooperattiva**, **kooperazzjoni**, **koordinatur**, **koordinazzjoni**, **bilingwiżmu** ...)
- linji gwida / **linjigwida** / linji-gwida
- manġa passiġġa / **manġapassiġġa**
- **qarabagħli** / qara' bagħli
- **radjudramm** / radju dramm
- santa fjakka / **santfjakka**
- santa paċenzja / **santapaċenzja**
- sekond awla / **sekondawla** (eċċezzjoni kliem kompost minn "prim" li għandu jibqa' separat)
- sekond kuġin / **sekondkuġin** (ara qabel)
- **sottokumitat** / sotto-kumitat
- **sottospekkju** / sotto-spekkju
- super potenza / **superpotenza**
- użu frutt / **użufrutt**

Prepożizzjonijiet:
- ma' dwar / **madwar**
- ma' ġenb / **maġenb**
- ma' tul / **matul**
- minn għajr / **mingħajr**

Prepożizzjoni barranija:
- a favur / affavur / **afavur**
- a la biebu / **alabiebu**
- da parti / **daparti**
- in ġenerali / **inġenerali**
- in kwistjoni / **inkwistjoni**
- la branzetta / **labranzetta**
- la ġenba / **laġenba**
- la Maltija / **lamaltija**
- per eżempju / **pereżempju**
- per każu / **perkażu**

Oħrajn:
- bħal ma / **bħalma**
- min għalija / **mingħalija**
- ta' bir-ruħi / **tabirruħi** (u bħalha **tabirruħek**, **tabirruħna** ...)

*2.2 Kliem li għandu jinkiteb separat*
- **awl il-lejl** / awlillejl / ewl il-lejl / ewlillejl (din hi frażi fl-istat kostrutt fejn iż-żewġ nomi huma distinti minkejja li kapaċi jiffurmaw qisu nom wieħed eżempju "farfett il-lejl", "ħanżir l-art", "kelb il-baħar". Dwar "awl il-lejl" u "ewl il-lejl", jekk se nimxu skond il-fonetika, il-Maltin jużaw "awl il-lejl". Però nifhem li "awl" jew "ewl" ġejjin min-numru "ewwel". F'dan il-każ, wieħed jista' jippreferi juża "ewl" biex ikun hemm uniformità etimoloġika imma jkun qed joħloq frażi artifiċjali fonetikament. Fuq l-istess prinċipju nagħżel **nofs il-lejl** u **nofs in-nhar**)
- **barra minn hekk** / barraminnhekk (u bħalha **barra minn dan**)

- **barra nett** / barranett (u bħalha kull kelma komposta li għandha "nett" fi tmiemha: **l-ewwel nett**, **it-tieni nett**, **it-tielet nett**, **fuq nett**, **fl-aħħar nett**, **ġewwa nett**, **quddiem nett**, **qiegħ nett**, **taħt nett**, **wara nett, abjad nett**, **bidu nett**, **mis-sbieħ nett** ...)
- **bħal meta** / *bħalmeta
- **bħal-lum** / *bħallum (u bħalha **sal-lum**, **tal-lum**. Il-kittieb għandu jkun konxju li "lum" tfisser "jum". L-eċċezzjoni għandha tkun **illum**)
- **bil-lejl** / billejl
- **bin-nhar** / binhar / bi nhar
- dakinhar / **dak in-nhar** / dak inhar
- **dal-ħin** / dalħin
- **dal-lejl** / dallejl ("dal-" hi magħmula minn "dan + il-", mela tfisser "dan il-lejl")
- **disa' mija** / disamija
- **disat elef** / disatelef
- **kull darba** / *kuldarba (u bħalha **kull ħin**, **kull x'ħin**, **kull sena**, **kull wieħed**, **kull tliet snin**, **kull fejn**, **kull meta**)
- **liema bħalu** / liemabħalu / li ma bħalu
- **lil hawn** / lilhawn (u bħalha **lil hemm**, **lil hinn**, **'il quddiem**, **'il fuq**, **'l isfel**. L-eċċezzjoni hi **lura**)
- **minn barra** / *minbarra
- **minn bejn** / *minbejn
- minn daqs hekk / **minn daqshekk** / *mindaqshekk
- **minn fejn** / *minfejn
- **minn fuq** / *minfuq
- **minn tagħna** / *mintagħna
- **nofs siegħa** / nofsiegħa
- **nofs ta' nhar** / nofstanhar
- **prim ministru** / *primministru (u bħalha **prim kuġin**)
- **sa l-aħħar** / salaħħar
- **sogħob bija** / sogħobbija (u bħalha **sogħob bik**, **sogħob biha** u l-bqija)
- **wieħed u tletin** / wieħed-u-tletin (u bħalha n-numri komposti kollha)
- **xi ħadd** / xiħadd (u bħalha **xi ħaġa**, **x'imkien**, **xi kultant** ....)

*2.3 Kliem li jinkiteb magħqud jew separat skond it-tifsira*

- Alla ħares / allaħares (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **Alla ħares** użata fis-sens ta' "Alla ħu ħsieb", eż. "Alla ħares il-familja tiegħi"; **allaħares** użata f'sens idjomatiku (u bħalha **mnalla**), eż. "Allaħares jiġrilu hekk")
- bħal issa / bħalissa (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **bħal issa** użata fis-sens ta' "dan il-mument", eż. "M'hemmx mument ieħor bħal issa f'ħajtek"; **bħalissa** użata bħala avverb, eż. "**Bħalissa** kieku nista' naqbad ngħajru")
- bi ħsiebi / beħsiebi (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **bi ħsiebi** użata fis-sens ta' "bil-ħsieb tiegħi", eż. "Bi ħsiebi mill-ġdid ma nxettilhomx jiem it-tfulija"; **beħsiebi** użata fis-sens ta' "għandi l-ħsieb li nagħmel xi ħaġa", eż. "Biħsiebi mmur")
- bil-ġiri / bilġiri (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **bil-ġiri** użata biex tindika nom verbali ġenerali, eż. "Bil-ġiri ħsara akbar tagħmlilhom lil riġlejk"; **bilġiri** jew **bilġri** użata bħala avverb, eż. "Ġejt bilġri mid-dar")
- bil-ħaqq / bilħaqq (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **bil-ħaqq** użata bħala nom verbali ġenerali, eż. "L-imħallef mexa bil-ħaqq ma' l-imputat"; **bilħaqq** użata bħala avverb, eż. "Bilħaqq wasal il-ktieb?")
- bil-kemm / bilkemm (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **bil-kemm** użata biex tindika "kemm jiswa l-oġġett", eż. "Bil-kemm ħadtu dak il-flokk?"; **bilkemm** użata bħala avverb, eż. "Bilkemm ilħaqt ftaħt ħalqi li ma belagħnix!")
- biż-żejjed / biżżejjed (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **biż-żejjed** użata fis-sens ta' "hemm aktar milli meħtieġ", eż. "Għandna ikel biż-żejjed. Ta' min jaqsam ma' l-oħrajn";

**biżżejjed** użata fis-sens ta' "daqshekk", eż. "Biżżejjed ikel għax m'hawnx aktar fejn naħżnu". Fuq l-istess prinċipju nagħżlu bejn iż-żejjed / iżżejjed).

- dal-waqt / dalwaqt (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **dal-waqt** użata biex tfisser "dan il-mument li fih qed inkellmek", eż. "Dal-waqt hu kemxejn tal-biża'"; **dalwaqt** użata fis-sens ta' "minnufih", eż. "Dalwaqt niġi")
- daqs hekk / daqshekk (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **daqs hekk** użata fis-sens ta' "daqs", eż. "Il-ktieb kien fih daqs hekk (u turi b'idejk)"; **daqshekk** użata fis-sens ta' "biżżejjed", eż. "Issa daqshekk! Ma nifilħekx aktar")
- daqs kemm / daqskemm (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **daqs kemm** użata fis-sens ta' "kwantità", eż. "Daqs kemm fih?"; **daqskemm** użata bħala avverb, eż. "Daqskemm int nies ħej!")
- fil-fatt / filfatt (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **fil-fatt** użata biex tindika "dak il-ħin stess waqt li qed isseħħ l-azzjoni", eż. "Il-ħalliel inqabad fil-fatt"; **filfatt** użata biex tfisser "eventwalment", eż. "Filfatt kont diġà kellimtu")
- fil-waqt / filwaqt (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **fil-waqt** użata biex tindika "fil-mument", eż. "Il-pulizija sparaw fuq il-ħalliel fil-waqt li kien se jaħrab"; **filwaqt** użata fis-sens ta' "waqt li" (proċess), eż. "Filwaqt li kien ħiereġ mill-bieb")
- għajat / għajjat (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **għajat** użata bħala nom verbali ta' l-unità, eż. "Dan l-għajat kollu għaliex?"; **għajjat** użata bħala verb tat-tieni forma, eż. "Pawlu għajjat")
- għal fejn / għalfejn (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **għal fejn** użata biex tindika "post", eż. "Għal fejn int illejla?"; **għalfejn** użata biex tfisser "għaliex", eż. "Għalfejn qed tkellimni hekk?")
- għal issa / għalissa (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **għal issa** użata biex tindika "dan il-mument", eż. "Dan l-apparat biex tużah għal issa biss"; **għalissa** użata bħala avverb biex tfisser "bħalissa": "Għalissa ma nafx")
- għal kemm / għalkemm (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **għal kemm** użata biex tindika "kwantità", eż. "Għal kemm żmien ħadtu?"; **għalkemm** użata bħala avverb biex tfisser "minkejja": "Għalkemm ma jaħmilnix, jiena xorta nibqa' ngħożżu")
- għal xejn / għalxejn (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **għal xejn** użata fis-sens ta' "għal ebda raġuni", eż. "Ħatafni għal xejn b'xejn"; **għalxejn** użata bħala avverb, eż. "Għalxejn wissejtu!")
- għal xiex / għalxiex iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **għal xiex** użata fis-sens ta' "naqqas l-ammont", eż. "Il-kulur kompli ġibu għal xejn"; **għalxiex** użata bħala avverb, eż. "Xtrajtu għalxiex hekk ħassejt li għandi nagħmel!")
- għall-anqas / għallanqas (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **għall-anqas** użata bħala aġġettiv superlattiv, eż. "Dan ir-rigal se jmur għall-anqas wieħed ixxurtjat"; **għallanqas** użata bħala avverb biex tfisser "almenu", eż. "Għallanqas jien ħadt xi ħaġa?")
- il-lejla / illejla (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **il-lejla** użata fis-sens ta' "serata", eż. "Il-lejla tal-Milied ma tintesa qatt"; **illejla** użata fis-sens ta' "dan il-lejl li qegħed fih" (idea ta' proċess), eż. "Illejla tgħidx kemm se norqod")
- kull ħadd / kulħadd (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **kull ħadd** għandha tittieħed fis-sens ta' "kull Ħadd" użata biex tindika jum il-Ħadd, eż. "Kull Ħadd toħroġ il-gazzetta Żigużajg"; **kulħadd** użata fis-sens ta' "kull persuna", eż. "Kulħadd ġie l-bieraħ")
- kull imkien / kullimkien (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **kull imkien** użata biex tindika "kull post distint", eż. "F'kull imkien fid-dinja ssib xi ħaġa tipika tal-post"; **kullimkien** użata bħala avverb biex tfisser "kull post b'mod ġenerali", eż. "Fittixt kullimkien")
- kull jum / kuljum (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **kull jum** użata biex tindika "kull ġurnata distinta", eż. "Kull jum hu differenti mill-jiem ta' qablu"; **kuljum** użata biex tindika drawwa li sseħħ f'kull ġurnata distinta, eż. "Kuljum nimxiha mid-dar sa l-iskola")

- kull tant / kultant (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **kull tant** użata fis-sens ta' "kull tant ammont", eż. "Kull tant ilma, itfa' tapp likwidu"; **kultant** użata bħala avverb fis-sens ta' "kull tant waqtiet", eż. "Kultant inħossni ħażin")
- la kemm / lakemm (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **la kemm** użata f'sens ta' valur, eż. "Ma jafx la kemm jiswa u lanqas kemm qed jinbiegħ"; **lakemm** użata bħala avverb biex tindika li "mhux ta' min jaqbad u jiddeċiedi", eż. "Mhux lakemm tgħidlu li għandu żball")
- l-aħwa / illaħwa (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **l-aħwa** użata biex tindika ħutek jew ħut ħaddieħor, eż. "Għat-tieġ ma stedinx l-aħwa;" **illaħwa** użata bħala espressjoni biex tindika "stagħġib", eż. "Ilaħwa x'qatgħa ħadt")
- lanqas / l-anqas (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **lanqas** użata fis-sens ta' "assoċjazzjoni", eż. "Lanqas jien ma naf x'qed tgħid"; **l-anqas** użata bħala aġġettiv superlattiv mibni fuq il-mudelli l-aktar, l-akbar, eż. "L-anqas wieħed li għandu xi jgorr hu proprju Paul")
- m'aħniex / maħniex (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **m'aħniex** użata f'sens verbali, eż. "M'aħniex ġejjin illejla" u fuq l-istess prinċipju nagħżel **m'hawnx**, **m'hemmx**, **m'humiex**, **m'iniex**, **m'intix**, **m'intomx**, **m'hux**, **m'hix**, **m'hijiex**, **m'huwiex**; **maħniex** użata fis-sens ta' "problemi psikjatriċi", eż. "Dak maħniex")
- ma' dan kollu / madanakollu (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **ma' dan kollu** użata fis-sens ta' "ma' dan li diġà ntqal għandu jiżdied dan li ġej", eż. "Ma' dan kollu rridu nżidu punt ieħor interessanti li għadu ma tqajjimx"; **madanakollu** użata bħala avverb fis-sens ta' "minkejja", eż. "Madanakollu tajjeb li nżidu xi ħaġa oħra")
- mhux / m'hux (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **m'hux** użata f'sens verbali, eż. "M'hux ġej illejla" u fuq l-istess prinċipju nagħżel **m'hawnx**, **m'hemmx**, **m'humiex**, **m'iniex**, **m'intix**, **m'intomx**, **m'hux**, **m'hix**, **m'hijiex**, **m'huwiex**, **m'aħniex**; **mhux** użata fis-sens ta' forma negattiva, eż. "Mhux ħżiena")
- sa fejn / safejn (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **sa fejn** użata fis-sens ta' "sa liema post", eż. "Sa fejn tridni naqtgħek bil-karozza?"; **safejn** użata bħala avverb, eż. "Safejn naf jien, ma kellux tort")
- sa fl-aħħar / saflaħħar (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **sa fl-aħħar** użata fis-sens ta' aġġettiv superlattiv, eż. "Kien wasal sa fl-aħħar tarġa u żelaq"; **saflaħħar** użata bħala avverb, eż. "Saflaħħar siket")
- sa kemm / sakemm (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **sa kemm** użata biex tindika "kwantità", eż. "Sa kemm taħseb li għad fadallek hawn?"; **sakemm** użata bħala avverb biex tfisser "ġaladarba", eż. "Sakemm għadni għaddej, m'għandix għalfejn inħabbel rasi)
- skond / skont (iż-żewġ forom għandhom tifsir distint: **skond** użata fis-sens ta' "skond xi ħadd", eż. "Skond Pawlu, Mark għandu tort"; **skont** użata fis-sens ta' "roħs", eż. "Hemm skond ta' 70%")

3. *Kliem internazzjonali*

Dawn li ġejjin huma kelmiet internazzjonali assoċjati ma' qasam speċifiku. Ġaladarba huma internazzjonali, għandhom jinkitbu b'mod li jibqgħu jingħarfu bħala kliem internazzjonali:

- **alleluja** / allelulja
- ammen / **amen**
- **prima donna** / primadonna

4. *Skond l-għerq*

- Arabja / **Għarabja** (l-għerq GĦ-R-B)
- **bergħud** / bergħut (għerq B-R-GĦ-D li minnu titnissel ukoll il-kelma "bergħudija" għalkemm kelma li ftit tintuża)
- **bies** / bież ( għerq B-W-S)
- **gozz** / gods (għerq G-Z-Z li minnu jitnissel il-plural "gzuz")

- għarkobbtejh / għarkopptejh / **għarkubbtejh** / għarkupptejh (għerq R-K-B. Fil-Malti, meta kelma għandha l-vokali "o" titwal, din issir "u" eż. "partikola > partikulari")
- **Islam** / Iżlam (għerq S-L-M li minnu titnissel ukoll il-kelma "sliema", "tislim" u l-bqija)
- **naħnaħ** / nagħnagħ (għax tgħid "naħnuħ")
- **risq** / riżq (għax ngħidu "resaq").

*5. Skond regoli ortografiċi stabbiliti*

- Awissu / **Awwissu** (ir-regola tal-kitba tgħidlek li meta s-semiwokali "j" u "w" jinzertaw imħaxkna bejn żewġ vokali, dawn jirduppjaw eż. "sewwa", "dnewwa", "bajja". Dan ma jgħoddx meta l-"j" tinzerta bejn żewġ vokali fit-tarf tal-kelma eż. "zija, tfulija, hija". Mela bħalma niktbu "għawwiem, tawwali, ħawwiefa" niktbu **Awwissu**. Minħabba l-istess raġuni nagħżel **ewwieq** u mhux "ewieq")
- **baħħar** / baħħâr (dwar "baħħar" u "baħħâr", "bajjad" u "bajjâd" u bħalhom hemm oħrajn, ir-regoli ta' l-ortografija jgħidu li l-aċċent grafiku fil-Malti jiġi mmarkat biss meta l-kelma hi ta' nisel romanz u l-istress tal-kelma jaqa' fuq l-aħħar sillaba li tkun tispiċċa b'vokali. Fuq l-istess prinċipju nagħżel **ġara** (u mhux "ġâra"), **żina** (u mhux "żîna"))
- **dettall** / *dettal (il-l fit-tarf tinstema' twila fis-singular l-istess bħal "martell" u "kappell". Fil-plural però din ma tibqax tinstema' u għandha taqa' "dettalji". Ara wkoll **alfabett**)
- **gerbu** / gerbbu (ir-regola tal-kitba tgħid li ma jistax ikollok konsonanti doppja wara konsonanti likwida. Fuq l-istess prinċipju nagħżel **partu** u mhux "parttu")
- **idejk** / jdejk (l-i hi etimoloġika mela tinżamm)
- inizjattiva / **inizzjattiva** (ir-regola tal-kitba tgħid li meta z-"z" tinzerta wara vokali, din trid tkun doppja eż. "azzjoni", "lezzjoni", "pozzjoni" u l-bqija)
- kontrik / **kontriek** (skond ir-regoli, meta kelma tispiċċa bil-vokali "a" u titwal u l-aċċent jibqa' fuq l-istess sillaba, il-vokali "a" ssir "ie", eżempju "beda > ma bediex", "ħassa > ħassiet". Mela fuq l-istess prinċipju għandna niktbu "kontra > kontriek, kontrieh, kontrieha, kontriena, kontriekom, kontriehom". Rigward "kontrija" din għandha timxi fuq il-mudelli eżistenti fosthom "Maltija", "żgħożija" u l-bqija)
- **m'iniex** / miniex / m'inix / minix (skond ir-regoli, il-"m" mqassra tindika n-negattiv. Mela għandha tkun mifruda minn mal-verb. Għandha tintgħażel "m'iniex" u mhux "m'inix" għaliex dan hu n-negattiv ta' "jiena". Skond ir-regoli, meta kelma tispiċċa bil-vokali "a" u titwal u l-aċċent jaqa' fuq l-istess sillaba, il-vokali "a" ssir "ie", eżempju "beda > ma bediex", "ħassa > ħassiet").

*6. Nomi Proprji*

Dawn li ġejjin għandhom jittieħdu bħala nomi proprji u għalhekk għandhom isegwu r-regola ortografika applikata bħal "Pawlu, Matteo, Danjel, Katrina, Malta, Ewropa". L-aġġettivi mnissla minnhom għandhom jinkitbu wkoll b'ittra kapitali:

- **Ewropew** / ewropew
- **il-Baħar Mediterran** / il-baħar mediterran
- **il-Lvant Ċentrali** / il-lvant ċentrali (u bħalha **il-Lvant Nofsani**)
- In-Nofsinhar / in-nofsinhar / **in-Nofs in-Nhar** (bħala direzzjoni tar-riħ) (u bħalha d-direzzjonijiet kollha tar-riħ. F'dan il-każ għandha tinkiteb b'ittra kapitali biex issir distinzjoni minn **nofs in-nhar** fis-sens ta' ħin)
- **is-Sur X. Attard** / is-sur X. Attard (f'dan il-każ għandha tinkiteb b'ittra kapitali biex issir distinzjoni minn **sur** fis-sens ta' ħitan għoljin)
- **ix-Xmara Ġordan** / ix-xmara Ġordan
- **Mislem** / mislem (u bħalha "Musulman")
- **Nisrani** / nisrani
- **Protestant** / protestant
- **Semitiku** / semitiku

*7. Skond il-mudell fil-konjugazzjoni ta' verb*

- begħedna / **begħidna** (il-konjugazzjoni ta' dan il-verb tat-tielet forma timxi fuq il-verb tat-tielet forma "bierek", allura "berikna" mela "begħidna", "wegħidna", "fehimna", "tegħimna". Fuq l-istess prinċipju nagħżel **ġegħilna**, **qegħidna** u **megħikna**)
- **negħlbu** / negħilbu (il-konjugazzjoni ta' dan il-verb ta' l-ewwel forma timxi fuq il-verb ta' l-ewwel forma "lemaħ" fejn l-ewwel żewġ konsonanti ta' l-għerq huma likwidi, allura "nilmħu" mela "**negħlbu**, **negħmżu**, **nehmżu** (avolja l-"h" m'hijiex likwida), **nagħrfu**").

8. *Xebh ma' kliem ieħor diġà fil-lingwa*

- **buz** / buts (kelma li trid tinbena fuq forom eżistenti bħal "but" *sing*. "bwiet" *pl*.).
- **dgħufija** / dgħjufija (kelma li trid tinbena fuq nomi verbali oħrajn simili eżempju "tfulija, rġulija, żgħożija")
- **dieqa** / diqa (il-problema hi l-konsonanti "q" li qed ittawwal il-vokali ta' qabilha tant li tinstema' "i" twila. Madanakollu għandna mudelli ta' kliem simili fosthom "tieqa" u "nieqa". Idealment niddeċiedu darba għal dejjem jekk f'kull kelma fejn tinzerta "i" twila quddiem il-konsonanti "q", għandniex niktbu dejjem "ie" jew dejjem "i". Dan jgħodd ukoll jekk flok il-"q" jinzerta jkun hemm "ħ" jew "għ" u "h" bil-ħoss ta' "ħ")
- **fehemti** / fehmti (kelma li trid tinbena fuq il-mudell "kamra". Mela "kamarti > fehemti")
- **ġiex** / ġix (kelma li trid tinbena fuq il-mudell "biex")
- **gidien** / gidjien; **subien** / subjien; **għotien** / għotjien ("gidi" + "ien" morfema tal-plural = "*gidiien" = "gidien". L-istess "subien" ("sabi" + "ien" = "*subiien" = "subien"). L-istess "għotien" ("għatu" + "ien" = "għotien"). Jinbnew ilkoll fuq "turġien")
- **għaġla** / għaġġla (kelma li trid tinbena fuq nomi ta' l-unità mnissla mill-ewwel forma, eżempju "għażla", "għanja" ...)
- **Għidt** / għedt (kelma li trid tinbena fuq il-verbi moħfija l-oħra, eżempju "kilt" u "ridt")
- **kemm-il darba** / kemmildarba (kelma li tindika kwantità. Tixbah b'xi mod il-binja li jieħdu n-numri mill-ħdax sad-dsatax, eżempju "ħdax-il kelb", "ħdax-il darba". Mela għandu jinżamm l-istess mudell)
- **nagħaġ** / ngħaġ (bħal "mogħoż")
- **qies** / qjies (kelma li trid tinbena fuq "rieda". Bħalha għandhom jinkitbu "żieda, tieba, sieda u subien, gidien, għotien")
- togħmti / **togħomti** (bħal "kamarti")
- **x'ħin** / xħin (bħal "x'kelb")
- **xbiha** / xbieha (bħal "biha")
- xhieda **/ xiehda** (bħal "fehma")

9. *Skond il-fonoloġija*

- alfabet / **alfabett** (minkejja li ngħidu "alfabetiku", b'"t" waħda, l-aċċent fuq l-aħħar sillaba hu maħtuf bħalma hu fil-kelma "zalzett". Għaldaqstant, nissuġġerixxi li tingħażel **alfabett** avolja ngħidu "alfabetiku")
- alliev / alljiev / **aljiev** (il-kelma "aljiev" tinstema' b'"l" waħda. Il-"l" ma tinstemax twila l-istess bħal "aljoli" u "aljotta")
- berritta / **beritta** (il-kelma "beritta" ma tinħassx bir-"r" mtawla u għaldaqstant għandha tinkiteb b'"r" waħda. Madanakollu, irridu niktbu mbagħad **berrettin** u **berrettun**. Fuq l-istess prinċipju għandna niktbu **karozza**, **karozzin**, **karozzella** imma mbagħad niktbu **karru** u **karretta**)
- **ċagħaq** / ċagħak; **daħaq** / daħak; kagħka / **qagħqa**; serduk / **serduq** (fl-idjoletti tiegħi, jidher li l-verżjoni bil-"q" hija aktar frekwenti)
- **għafrid** / għafrit (m'hemm l-ebda kelma oħra fil-Malti li ġejja mill-istess għerq però t-"t" finali aktar qed inxebbahha mal-ħoss "t" ta' "nbid" milli mal-ħoss "t" ta' "tlabt")
- heżheż / **heżżeż** (dan il-verb jitlissen bl-ewwel "ż" twila. Barra minn hekk it-tieni "h" ma jidher li għandha ebda skop. Jekk nimxu ma' l-għerq Għarbi, dan hu H-Ż-Ż")
- **kasbar** / każbar (skond ir-regoli ta' l-assimilazzjoni, meta s-"s" titlaqqa' mal-"b", il-ħoss ta' "s" isir "ż" eżempju "ħasbu" u "qasba". Madanakollu, f'dan il-każ m'hemm l-ebda

kelma oħra li ġejja mill-istess għerq fejn iż-żewġ konsonanti huma separati. Però, bħala dehra, issa ndrat sew il-kelma **kasbar**)

- lenbija / **lembija**; lenbut / **lembut** (skond ir-regoli ta' l-assimilazzjoni, meta n-"n" titlaqqa' mal-"b", il-ħoss ta' "n" isir "m" eżempju "nbid". Fl-istess ħin għandna kliem fil-Malti fejn il-"m" tiltaqa' mal-"b" eżempju "mbagħad" u "mbilli". Barra minn hekk, m'hemm l-ebda kelma oħra li ġejja mill-istess kelma fejn iż-żewġ konsonanti huma separati u allura nistgħu nisimgħu eżatt b'liema mod jitlissen il-ħoss ta' "m", jiġifieri jekk jitlissinx bħala "m" jew bħala "n". Għaldaqstant, m'hemmx raġuni għala l-kelma timxi mar-regoli assimilattivi msemmija. Fuq l-istess prinċipju nissuġġerixxi li l-kelma "nbid" tinkiteb "mbid")
- **Magreb** / Magħreb (l-"għ" fin-nofs tal-kelma normalment ma titleħħinx għalkemm fit-tleħħin hawn min "Għargħur" ilissinha bħala "Gargur". Fil-fonoloġija Maltija, għalkemm l-"għ" f'nofs il-kelma ma titlissinx, x'aktarx illi ttawwal il-vokali ta' ħdejha. F'dan il-każ, il-kelma "Magreb" m'għandha l-ebda vokali twila. Għaldaqstant, nissuġġerixxi l-ewwel varjanti tal-kelma)
- **peprin** / pepprin (ma jidhirlix li t-tieni "p" tinstema' twila. Qabbel ma' "kappell")
- **perjodu** / perijodu (u bħalha **artiklu** u mhux "artikolu")
- proprjament / **propjament** (ir-"r" ta' wara l-"p" ma titlissinx. Fuq l-istess prinċipju nagħżel "**propjament**, **propjetà**, **propjetarju**, **propju**")
- **Ruxxmata** / ruxmata (ix-x tinstema' twila. Qabbel ma' "ruxxan")
- sfog / **żvog** (m'hemm l-ebda raġuni għala għandha tinkiteb "sfog" meta titlissen **żvog**)
- sobtu / **zoptu** (m'hemm l-ebda kelma oħra fil-Malti li ġejja mill-istess għerq; mela allura għandha tinkiteb kif tinstema').

*10. Morfoloġija*

- **ħalltejn** / ħaltejn ("ħalla" singular + t marbuta + għadd imtenni).

*11. Iż-żewġ varjanti aċċettati*

- ta' / t' (u bħalha l-prepożizzjonijiet "ma'", "sa" u l-bqija għandhom jinkitbu mqassra meta jinzertaw quddiem kelma tibda b'vokali, għ, jew h. Meta dawn il-prepożizzjonijiet jingħaqdu ma' l-artiklu qamri, "l-", għandna niktbu "tal-" (eċċ.) quddiem kelma li tibda b'konsonanti qamrija u niktbu "ta' l-" (eċċ.) quddiem kelma li tibda bil-vokali, għ jew h).

## Konklużjoni

L-għan ta' dawn l-osservazzjonijiet hu li jgħinna nirriflettu u naħsbu dwar liema varjant ortografiku għandu jingħażel u jekk hu possibbli fuq liema kriterji, huma x'inhuma dawn il-kriterji (għalkemm nemmen li l-aktar kriterju li għandu jirbaħ hu dak ta' pedagoġija prattika u mhux ta' reqqa xjentifika).

## Bibiljografija

Akkademja tal-Malti. 1998. *Regoli tal-Kitba tal-Malti.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Azzopardi, C. 2003. *Gwida g]all-ortografija: għajnuniet għall-kitba bil-Malti.* Malta: Klabb Kotba Maltin.

Freeborn, D. 1995. *A course book in English grammar* (it-2 edizzjoni). UK: Antony Rowe Ltd.

Galea, M. 2000. *Ir-Reqqa tal-Kitba*. Malta.

Larock, M. H., Tressler, J. C., Lewis, C. E. 1980. *Mastering Effective English* (ir-4 edizzjoni). Toronto: Copp Clark Pitman Ltd.

# Christopher Gruppetta

Bħala pubblikaturi, primarjament ta' kotba għat-tfal kemm għall-qari fil-ħin liberu kif ukoll bħala għajnuniet fl-istudju, il-problema tal-varjanti fil-Malti hi għalina waħda reali ħafna.

Waħda mill-ewwel regoli ta' kwalsiasi pubblikatur madwar id-dinja kollha hi li dan ikollu *"house style"* li l-pubblikazzjonijiet kollha tiegħu jimxu magħha. Dan il-*"house style"* ma jirregolax każijiet fejn hemm regolamenti ċari ta' grammatika u ortografija, għaliex naturalment il-ħażin huwa dejjem ħażin. Il-*"house style"* jiddeċiedi punti ta' kitba fejn il-lingwa tagħti għażla (mhux biss punti ta' ortografija iżda anki punti ta' stil viżiv, użu ta' korsiv u effetti oħra ta' enfasi, eċċ.). Ngħidu aħna, *"likable/likeable", "tying/tieing", "Shakespearean/Shakespearian":*[50]

> *"Some words can be spelled more than one way... Such pairs are called equal variants, and either spelling is acceptable in a manuscript. For equal variants...* [the publisher's job is] *to enforce consistency throughout the manuscript."*[51]

Fl-ambitu tal-pubblikazzjoni f'Malta, sitwazzjoni bħal din hi xi ftit diffiċli sabiex tiġi attwata, għaliex in-numru ta' varjanti hu enormi. Meta mqabbel ma' sitwazzjoni f'xi ilsna oħra, il-lista ta' varjanti mhix biss hi twila ħafna, imma — fattur rilevanti ħafna — **tinkludi numru kbir ta' kliem f'użu komuni**. Fejn pereżempju fil-lingwa Ingliża frażi bħal *"coup d'état"* tintuża f'sitwazzjonijiet limitati kwantitattivament, u għalhekk il-kitba tista' treġi l-koeżistenza ta' żewġ possibiltajiet ortografiċi għall-istess frażi, fil-lingwa Maltija kelma bħal *mingħand/minn għand* tintuża b'regolarità.

Xogħli hu fil-pubblikazzjoni u mhux fil-kitba kreattiva, u għalhekk mhuwiex fil-kompetenza tiegħi li nagħti pariri infurmati dwar liema mill-varjanti huma 'aħjar' jew 'iżjed korretti' mill-oħrajn. Hawn nies wisq iżjed ikkwalifikati għal hekk. Però, bħala pubblikatur nesprimi l-inkwiet tiegħi għall-inċertezza li tirrenja u li tagħmel diffiċli l-introduzzjoni ta' *"house style"* u konsistenza fil-pubblikazzjonijiet. Waħda mill-karatteristiċi ewlenin ta' professjonalità f'katalgu ta' pubblikazzjonijiet hi l-konsistenza bejn ix-xogħlijiet. Din il-konsistenza tiġi nieqsa fejn hemm ammont sostanzjali ta' varjanti f'użu komuni li jirrendi impossibbli standardizzazzjoni bejn ktieb u ieħor.

Min-naħa l-oħra, l-impożizzjoni ta' standardizzazzjoni 'minn fuq' tikkrea problemi gravi ta' prattikabbiltà. Jekk il-ktieb Malti qiegħed jiffjorixxi, dan hu naturalment primarjament mertu tal-kittieba Maltin u tat-talent u x-xogħol iebes tagħhom, però hu wkoll mertu tal-pubblikaturi Maltin li jqiegħdu l-fiduċja, ix-xogħol, il-ħin u l-investiment finanzjarju tagħhom fil-ktieb Malti. Il-pubblikaturi kollha għandhom ammonti sostanzjali investiti f'kotba ppubblikati. Kemm-il darba tiġi introdotta minn fuq 'regola' dwar liema varjanti huma tassattivament tajbin, din tista' tikkrea problemi gravi ta' vijabbiltà lill-istess pubblikaturi. Il-pubblikaturi Maltin jistgħu ħabta u sabta jsibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn l-investiment sostanzjali tagħhom hu mitluf — għaliex il-kotba kollha tagħhom (li jkunu jammontaw f'għexieren ta' eluf ta' kopji ta' kotba differenti) jistgħu jsiru 'skaduti'.

Il-ħajja medja ta' edizzjoni ta' ktieb f'Malta hi ta' bejn tliet u ħames snin mid-data ta' l-ewwel pubblikazzjoni. Id-domanda hi: meta tittieħed id-deċiżjoni dwar il-varjanti, x'se jsir minn dawn il-pubblikazzjonijiet kollha?

Ħadd mill-pubblikaturi Maltin ma jista' jsostni telf finanzjarju ta' dawk l-għexieren ta' eluf ta' kopji ta' kotba bil-Malti li f'daqqa waħda jsiru grammatikalment żbaljati. Dan hu ta'

---

[50] Einsohn, A. *The Copyeditor's Handbook*, 2nd ed. London: University of California Press Ltd: 2006. p.125.
[51] Ibid.

rilevanza doppja għal pubblikatur — bħalna — li jispeċjalizza fil-kotba għat-tfal, fejn l-attenzjoni għall-grammatika u għall-ortografija hi doppjament essenzjali.

L-opzjoni li l-pubblikaturi jittardjaw kwalsiasi pubblikazzjoni sakemm tittieħed deċiżjoni finali mhix waħda prattikabbli, speċjalment meta għad m'hemmx data preċiża meta se tittieħed din id-deċiżjoni, għaliex kemm-il darba jiġri hekk il-ktieb Malti jaqa' f'ibernazzjoni innaturali għal żmien relattivament twil. U dan, m'għandniex xi ngħidu, ikun ta' ħsara kbira għall-ktieb Malti in ġenerali.

L-opzjoni l-oħra, li ma titteħidx deċiżjoni, hi ugwalment imprattikabbli għaliex l-inċertezza preżenti qed toħloq ċerti diffikultajiet.

Il-problema tal-varjanti li tfixkel lil min jaħdem fi grupp, jew lil min juża l-kompjuter għat-tiftix, hi waħda reali u trid tiġi indirizzata serjament, però ilsna u pajjiżi oħra sabu soluzzjonijiet għal dawn il-problemi mingħajr ma ħadu soluzzjonijiet estremi. Għalhekk f' *"searches"* u *"spell-checkers"* ta' ilsna oħra, dawk il-varjanti li huma ugwalment aċċettati u aċċettabbli ġew inklużi fiż-żewġ forom tagħhom, u l-introduzzjoni ta' *"house style"* ġewwa grupp (kumpanija ta' tradutturi jew tim ta' ġurnalisti) solviet id-dilemma ta' membri ta' l-istess tim jirrikorru għal opzjonijiet differenti.

Għalhekk nissottometti illi s-soluzzjoni finalment trid tkun waħda prattika li filwaqt li tasal għal sitwazzjoni ta' ċertezza u maturità fl-ilsien Malti fejn tingħata iżjed stabbiltà ortografika, tissalvagwardja wkoll ir-realtà tal-pubblikazzjonijiet Maltin kollha diġà eżistenti.

# Joseph Izzo Clarke

Fil-qosor, din hija l-fehma tiegħi fuq il-kwistjoni tal-varjanti.

Huwa assolutament neċessarju li jkun hemm verżjoni unika "uffiċjali" f'dak li għandu x'jaqsam mal-kitba tal-Malti. Kif diġà kont stqarrejt f'korrispondenza preċedenti, dan huwa neċessarju għal diversi raġunijiet, fosthom għaliex din:

- tgħin lill-kittieb tal-Malti jkun preċiż fl-ortografija ("kittieb" hawn tinkludi wkoll l-eżaminaturi u l-għalliema, kif ukoll professjonisti oħra, bħal tradutturi jew qarrejja tal-provi), sabiex tintlaħaq dik l-uniformità u l-konsistenza fil-kitba li tippermetti wkoll żvilupp konsistenti tal-kunċett "Malti", kif ukoll tal-frażeoloġija neċessarja għall-iżvilupp ta' l-ilsien Malti;
- isservi ta' għajnuna prattika f'diversi oqsma ta' riċerka, b'mod partikolari fir-riċerka fl-internet. B'hekk ma jkunx neċessarju li ssir tiftixa tal-varjanti kollha sabiex dak li jkun jaċċerta ruħu li wettaq riċerka kompluta. Varjanti ta' kelma waħda, filwaqt li fil-mitkellem tista' tkun aċċettabbli, m'għandhiex tiġi użata fil-Malti miktub, b'mod partikolari l-Malti li jiġi użat b'mod uffiċjali. L-użu ta' varjanti jindika ċertu laxkezza kemm ortografika kif ukoll fis-sinjifikat ta' kelma, li m'għandux ikun aċċettat meta l-Malti jkun qed jintuża f'atti, dokumenti jew anki f'okkażjonijiet ta' ċerta importanza li ċertament m'għandhomx jagħtu din l-ambigwità.

Fir-rigward tat-tqassim skond il-lista, nixtieq nissuġġerixxi l-kriterji li ġejjin:

- Jidhirli li m'għandux ikun hemm korruzzjoni tar-regola tas-sing, fis-sens li jekk teżisti regola speċifika, għandna nsegwuha. Dan jgħodd għal dawk il-kliem fil-lista li jinkludu s-sing (eż. nru 49). Fil-każ ta' diversi oħrajn, l-użu jew le tas-sing jista' jbiddel is-sinjifikat (eż. nru 42).
- Fejn vokali hija parti minn kelma m'għandhiex titneħħa (eż. nru 279).
- Is-sing għandu jintuża biss għall-artiklu jew fil-każ tan-numri (eż. **l-arblu** jew **tlettax-il kelb**), filwaqt li għandu jitneħħa fil-każ ta' kliem komposti (eż. nru 266) bħala kelma waħda.
- l-artiklu flimkien ma' **ta'** għandu jkun **tal-** quddiem in-nomi kollha li jibdew b'konsonanti, inklużi l-**h** u l-**għ**.
- Il-kliem li joriġina minn ilsna barranin għandu jsegwi l-ortografija oriġinali, però hemm bżonn li ssir il-kostruzzjoni korretta tiegħu mill-awtoritajiet li għandhom jiddeċiedu l-ewwel nett fuq il-bażi ta' liema lsien ta' oriġini, il-plural, il-prefissi jew suffissi, etc.
- Hemm bżonn li tiġi ċċarata anomalija fonemika li nħolqot fil-każ partikolari tal-ħoss tas-**s** u taż-**ż**. Filwaqt li niktbu **Żvizzera**, qed niktbu **sbieħ**, ħaġa li tmur kontra r-regoli ta' fonemi Maltin.
- Fil-każ ta' numru ta' kliem proposti, il-verżjoni li għandha tintuża, almenu għal dak li jirrigwarda l-verżjoni miktuba, hija dik li mhijiex korrotta, jiġifieri dik li tirrispetta l-aħjar ir-regoli kurrenti ta' l-ortografija Maltija.
- Nixtieq nindika li hemm numru ta' kelmiet oħra li kont għadni ma wassaltilkomx, iżda li ħaqqhom attenzjoni partikolari. Dawn huma, fost oħrajn:
    - **konsiderazzjoni - kunsiderazzjoni**
    - **ċirkustanza - ċirkostanza**
    - **kondizzjoni - kundizzjoni**
    - **kwestjoni - kwistjoni**

Filwaqt li dawn li semmejt isibu oriġini barranija, tajjeb insemmi xi kliem Maltin li wkoll isibu varjazzjonijiet ortografiċi u li wkoll jisħoqqilhom attenzjoni speċifika, jiġifieri, fost oħrajn:
**kinitx** - **kinetx** - **kenitx** - **kienetx**.

- Kriterju fundamentali għandu jkun dak tas-semplifikazzjoni. Wara kollox, għandu jsir sforz sabiex il-Malti jinkiteb u jiġi mgħallem tajjeb. Is-sempliċità u ċ-ċarezza tiffaċilita dan il-għan.
- Kriterju ieħor importanti huwa dak tal-konsistenza. Dan ifisser li jekk kelma partikolari tintgħazel minn fost il-varjanti, ir-regola stabbilita b'dan il-preċedent (eż. **bidu nett**, u mhux **bidunett**) għandha tiġi segwita kostantement fil-każijiet li jippreżentaw l-istess sitwazzjoni. B'hekk, bl-istess eżempju, l-għażla tal-frażi **bidu nett** tfisser li għandha tintuża l-frażi **l-aħħar nett**, jew **ir-raba' nett**, etc.
- Kif semmejt qabel, għandha tingħata importanza mhux biss għall-mod kif kelma tinkiteb, iżda wkoll għas-siinjifikat li tagħti. F'numru ta' każijiet (eż. nru 150) hemm sinjifikati distinti li jfissru li hemm bżonn tal-kelmiet differenti biex ifissru sens differenti.

Fl-aħħar nett, xtaqt nesprimi l-apprezzament tiegħi għax-xogħol li l-Kunsill qed iwettaq. Nispera li dan il-kontribut tiegħi jservi, u nibqa' disponibbli għal kull kjarifika li tkunu tixtiequ tagħmlu.

# Immanuel Mifsud

Minħabba pressjoni ta' ħin se nillimita l-kummenti tiegħi għal dawk l-eżempji fejn ħassejt li 1) mhumiex varjanti iżda kelmiet b'tifsiriet differenti, jew 2) hemm xi kummenti oħrajn li ridt ngħaddi. L-eżempji b'sinjal taħthom jindikaw il-preferenza tiegħi:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 01 | a favur | affavur | ma naħsibx li għandna nintroduċu partiċella ġdida (a) li s'issa kienet għadha ma teżistix |
| 04 | a la biebu | alabiebu | għall-istess raġuni ta' 01 |
| 05 | Alla ħares<br>allaħares | Allaħares<br>Alla jħares<br>Allajħares | ma naħsibx li Alla għandha tkun b'ittra kbira għax din l-espressjoni tilfet kull dimensjoni reliġjuża |
| 08 | ammen | amen | naħseb li għandha tinżamm din il-forma. Ammen ma jidhirli li smajtha qatt; jekk xejn il-forma Maltija hija AMMENN |
| 13 | il-Baħar Mediterran<br><br>il-baħar mediterran | il-baħar Mediterran | qed inżid it-tielet varjant: [b] żgħira u [m] kbira għax naħseb li l-kelma baħar ma tagħmilx parti min-nom propju. Jekk iva allura rridu niktbu: ix-Xmara Thames, ix-Xmara Vltava u l-bqija, li jidhirli li tkun assurdità |
| 14 | baħħar | baħħâr | dejjem ħassejt li kien żball kbir meta tneħħa l-aċċent minn fuq il-vokali twal tal-pariċipji. Bih il-qari jsir aktar komdu u faċli. |
| 15 | barra minn hekk | barraminhekk | għandi dubji kemm ikun għaqli li ngħaqqdu kliem bħal dan, għax fejn se taqta' linja mbagħad? Għax ma ngħaqqdux ukoll bħaldan, bħaldak, minhawn, minhemm, eċċ? |
| 17 | begħedna | begħidna | naħseb li anki għall-ħeffa għandha tintuża din il-verżjoni |
| 19 | berritta | beritta | l-istess jgħodd għal sigarett (mhux sigarrett) u karozza (mhux karrozza) |
| 20 | bħal issa | bħalissa | jidhirli li dawn mhumiex varjanti imma żewġ kelmiet differenti:<br>*Kif ħassejtek il-bieraħ? Bħal issa.*<br>u<br>*Bħalissa qed inħossni aħjar.* |
| 27 | biblijografija | bibljografija<br>bibbjografija | żidt it-tielet varjant li jidhirli huwa l-forma l-aktar użata fit-taħdit u l-forma li taqbel mal-kelma Bibbja |
| 28 | biblijoteka | bibljoteka<br>bibbjoteka | żidt it-tielet varjant li jidhirli huwa l-forma l-aktar użata fit-taħdit u l-forma li taqbel mal-kelma Bibbja |
| 29 | bibliku | bibbliku | huwa l-mod kif nippronunzjaw il-kelma u timxi bi qbil mal-kelma Bibbja |
| 32 | bi ħsiebi | biħsiebi | ma jidhirlix li dawn huma varjanti.<br>*Għamilt għemil ħażin bi ħsiebi.* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | u<br>*Biħsiebi nagħmel waħda minn tiegħi għada.*<br>Hemm ukoll varjant ieħor li forsi jista' jiġi kkunsidrat: biħsiebni |
| 34 | bil-ġiri | ~~bilġiri~~<br>bilġri | ma jidhirlix li dawn huma varjanti.<br>*Bil-ġiri li ġera qata' nifsu.*<br>u<br>*Kif sema' l-aħbar telaq mid-dar bilġri (mill-ewwel)* |
| 35 | bil-ħaqq | bilħaqq | ma jidhirlix li dawn huma varjanti.<br>*Imxejt miegħek bil-ħaqq u s-sewwa.*<br>u<br>*Bilħaqq, sella għalik Tumas.* |
| 36 | bil-kemm | bilkemm | ma jidhirlix li dawn huma varjanti. *Bil-kemm xtrajtu l-basal?* u<br>*Bilkemm stajt nisma' x'kien qed jgħid.* |
| 42 | biż-żejjed | biżżejjed | jidhirli li dawn mhumiex varjanti.<br>*Ġej biż-żejjed u n-nieqes int?*<br>u<br>*Biżżejjed, issa dejjaqtni!* |
| 43 | buz | buts<br>*boots* | hawn l-għadma l-iebsa ta' l-Ingliż. Żgur li ma naċċettax buts. Ma jistax ikun li l-ħoss [z] niktbuh ts la fl-alfabett tagħna għandna l-grafema [z] għal dan il-ħoss. Rigward boots, forsi wieħed jista' jimita dak li qegħdin jagħmlu lingwi oħra u niktbu l-kelma Ingliża mingħajr l-użu tal-korsiv. |
| 50 | dal-lejl | dallejl | Ma naħsibx li dawn huma varjanti: *Dal-lejl qatt ma rajt bħalu.*<br>u<br>*Dallejl qatlu lil Tumasinu.* |
| 51 | dal-waqt | dalwaqt | Ma naħsibx li dawn huma varjanti: *Dal-waqt maġiku li għaddej miegħek.*<br>u<br>*Dalwaqt immorru.* |
| 52 | daqs hekk | daqshekk | Ma naħsibx li dawn huma varjanti: *Daqsiex inhu? Daqs hekk.*<br>u<br>*Daqshekk kellimtek.* |
| 71 | Ewropew | ewropew | |
| 72 | fehimti | fehmti<br>fehemti | bħal kelma = kelmti |
| 76 | fil-waqt | filwaqt | ma jidhirlix li dawn huma varjanti: *Tlaqna għalih fil-waqt.*<br>u<br>*Filwaqt li konna mexjin...* |
| 89 | granmastru | gran mastru<br>grammastru | |
| 98 | għal fejn | għalfejn | ma jidhirlix li dawn huma varjanti: *Għal fejn, xbin?* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | u<br>*Għalfejn għamilt hekk?* |
| 108 | għall-anqas<br>għall-inqas | għallanqas<br>għallinqas | l-għażla trid taqa' bejn l-użu ta' l-[a] jew ta' l-[i] għax mill-bqija dawn mhumiex varjanti: *Dan ir-rigal għall-inqas wieħed fostkom.*<br>u<br>*Għallinqas, ġie xiħadd fl-aħħar!* |
| 121 | il-lejla | illejla | ma jidhirli xli dawn huma varjanti: *Il-lejla kienet mill-isbaħ!*<br>u<br>*Illejla noħorġu nistadu.* |
| 132 | Islam | Iżlam | għala għandha tinkiteb [ż] meta għandna l-kelma Musulman? |
| 141<br>144 | koperattiva<br>koperazzjoni | kordinatur<br>kordinazzjoni | **ħadd** ma jlissen kooperattiva, koordinazzjoni, kooperazzjoni, koordinatur. Għad irrid nifhem għala xiħadd beda jinsisti li tinkiteb id-doppja o! |
| 150 | kull jum | kuljum | ma jidhirli xli dawn huma varjanti: *Kull jum li jgħaddi minn fuqna ...*<br>u<br>*Kuljum noħroġ bil-karozza.* |
| 156<br>158 | labranzetta | ladarba<br>laġenba | għandhom ikunu magħqudin ġaladarba il-partiċella [la] separata ma teżistix |
| 163 | l-anqas | lanqas | ma jidhirlix li dawn huma varjanti: *L-anqas wieħed fostkom ...*<br>u<br>*Lanqas ilħaqt ħriġt dalgħodu.* |
| 260 | serduk | serduq | naħseb li din il-forma hija dik imlissna minn kważi kulħadd. l-istess il-kelma "daħaq" |
| 285<br>286 | tal-hena | tal-għalqa | naħseb li jkun eħfef jekk din il-partiċella tingħaqad ma' l-artiklu (mal-artiklu). |
| 292 | togħomti | togħmti | bħal kelmti |

Jidhirli li b'hekk ġbart kważi l-każi kollha u ma qgħadtx nidħol f'kull eżempju partikolari. Nixtieq li tittieħed deċiżjoni finali rigward kelmiet b'varjanti fil-vokali, eżempji: partikolari / partikulari; personali / persunali eċċ.

Nittama li l-kontribut limitatissimu tiegħi jista' jservi ta' xi ġid.

# Ugo Mifsud Bonnici

Naqbel ħafna mal-ħsieb li jsir studju u titnieda konsultazzjoni bl-iskop li jitnaqqsu l-inċertezzi fil-kitba tal-Malti. Huwa sewwa li jkun hemm regoli u llum il-Kunsill għandu mezzi aħjar biex jista' jindika b'awtorità dik il-forma ta' kitba li tidher l-iktar korretta skond dawk ir-regoli. Tajjeb ukoll li wieħed janalizza r-raġunijiet tal-varjazzjoni.

*Varjazzjonijiet fil-kliem ta' nisel semitiku*

i. Tlissin djalettali. Għalkemm hi regola tal-Malti li għandu jinkiteb kif jinstema', mhux kull parti ta' pajjiżna tlissnu l-istess. Dan jgħodd għall-konsonanti [b'eżempju *qagħqa* u *kagħka*]; u jgħodd ferm iktar għall-vokali, u hawn il-varjazzjoni hi ferm usa'. Fil-fehma tiegħi ma għandux ikun hemm dubju li dwar varjanti fil-konsonanti tal-għerq, ir-regola għandha tiġi stabilita fuq il-bażi xjentifika jew aħjar etimoloġika. Allura *kagħka* u mhux *qagħqa*, għalkemm nistqarr li jien dejjem *qagħqa* lissintha. Dwar il-varjanti fil-vokali, naħseb li għandha tiġi stabilita l-verżjoni korretta tal-Malti nazzjonali. Għalhekk *dar* u mhux *dôr*, *ġara ("it happened, avvenne")* u *ġâra ("neighbour, vicina")* mhux *ġora* u *ġôra*.

ii. Kliem kompost: Dak li hu riżultat ta' tlissin ħaġa waħda ta' suffiss *(fi, bi)*, l-artiklu *(il-)* u nom jew verb biex jintgħamel avverbju *(fil-għodu* jew *filgħodu, fil-għaxija* jew *filgħaxija, dan il-lejl* jew *dallejl);* jew ta' iktar minn kelma waħda biex tiġi ffurmata prepożizzjoni *(għaldaqstant; bħallikieku; għalgħarrieda; daqsxejn).* Fil-fehma tiegħi waqt li dawn il-forom ta' prepożizzjoni huma aċċettati, indraw, daħlu fid-dizzjunarji, mhux hekk għall-avverbji, li donnhom huma sinkrasiji kapriċċużi ta' xi wħud, jew forom ta' lingwaġġ tat-taħdit, li skond Aquilina (ara taħt il-kelma *colloquial)* jingħad iżda ma jinkitibx. Hemm oħrajn (eżempju, *filfatt* flok *fil-fatt*) li mhux biss huma kapriċċużi iżda diffiċli u artifiċjali fil-pronunzja. Hemm ukoll kliem li tant ilu jintuża bħala kelma waħda *(eżempju, għarukaża; għallinqas; għalxejn; eċċ.)* li ma nqisx li l-forma jew il-forom l-oħra għandhom jibqgħu jitqiesu bħala varjanti rispettabbli.

iii. Lingwaġġ bla reqqa ta'preċiżjoni: Hekk *gods* mhux *gozz,* għaliex norbtu ma' *geddes* u mhux ma' verb li ma jeżistix *gozz*. Hekk *ġiex* u mhux *ġix* la darba ngħidu u niktbu *ġie*. It-tlissina *ġîx* (u mhux *ġix*) hi għal kollox djalettali. Hekk ħafna minna (jien ċertament) ngħidu u niktbu *rkobba* għalkemm hawn min jippronunzja *rkoppa,* iżda qatt ma smajt ħlief *irkubbtejn.*

iv. Formazzjoni ta' kliem antik b'tifsira differenti fl-istat ta' lsienna l-lum. Hekk *bilġri* sa fejn naf jien ma tfissirx *bil-ġiri,* iżda għandha tifsira ta' "dlonk", "mal-ħaġra t-tajn", "sobtu", "immedjatament". Meta *bilġri* tintuża f'dan is-sens għandha tinkiteb hekk u mhux *bil-ġiri.*

v. Ċerti verbi jeħtieġu li jiġu kompletati bil-prepożizzjoni *bi* jew *fi* flimkien mal-pronom, bħala forma deponenti: *jisgħob bija, merħba bik.*

*Varjazzjonijiet fi kliem ta' nisel rumanz*

i. Kliem li fih il-*gn* tal-kelma Taljana saret doppja *nn* fil-Malti: *denn* minn *degno; impenn* minn *impegno;* eċċ. Fil-fehma tiegħi dan il-kliem għandu jinkiteb kif jingħad bit-tlissin tan-ne doppja. L-istess għal kliem li fih il-*gl* Taljana saret doppja *ll* bil-Malti. Hekk dettall u mhux dettal, li sa fejn naf jien qatt ma tingħad hekk, lanqas.

ii. Każijiet ta' konsonanti mibdula minħabba regoli ta' tlissin: *prietka* flok *priedka;karozza* flok *karrozza; dvalja* flok *tvalja; soptu* flok *sobtu; żvog* flok *sfog;* eċċ. Kieku dawn kienu ta' nisel semitiku konna nżommu l-konsonanti tal-għerq. Fil-fehma tiegħi għandna anki hawn niktbu bħalma jlissnu xi wħud (aktarx il-maġġoranza ta' dawk li jiftakru l-kelma fil-lingwa Taljana): *priedka, karrozza, tvalja.* Dan biex norbtu wkoll ma' kliem ieħor li daħal fi lsienna: *predikatur, karrozzier;* il-verb *sfoga* bil-

konjugazzjoni kollha tiegħu, li fiha joħorġu dejjem is-*s* u l-*f*. Waqt li tiġi mbiegħda l-konnessjoni ma' kliem li ma għandu x'jaqsam xejn, bħal *prâtka* li tingħata lill-bastimenti, jew *prattika* lill-apprentisti, ma' *prietka*. Fil-każ ta' kliem bħal *skond,* nikkonfondu jekk niktbu *skont. Skont* ifisser tnaqqis fil-prezz, bil-verb *skonta* (li għandu wkoll tifsira partikolari għal piena kriminali barra minn tifsira fil-kummerċ) waqt li *skond* għandha tifsira għal kollox differenti: "skond ma tgħix, tmut; skond id-dizzjunarju; skond il-qagħda li tieħu." Fis-semitiku id-*d* finali ta' *bard* tingħad *t*: ikun żball li niktbu *bart*.

iii. Ittra kapitali ma' l-aġġettivi. Aħna żammejna r-regola li nagħtu ittra kapitali lill-ismijiet proprji: *Pariġi, l-Ingilterra; il-Mosta; il-Malti* bħala lsien. Kliem ieħor inħoss li ma għandux igawdi minn dan il-privileġġ. L-aġġettivi bħal *Pariġin*, *Ingliż, Mosti, Malti, Ewropew* aħjar ma jkollhomx kapitali fil-bidu. Tajjeb li meta niktbu *l-Malti* nkunu nifhmu l-ilsien jew il-personifikazzjoni u ma nħawdux ma' kull raġel Malti *(malti)*.

*Varjazzjonijiet fi kliem ta' nisel Ingliż*

Fl-opinjoni tiegħi kliem Ingliż li daħal fl-użu u li ħa forom Maltin, ngħidu aħna, fil-plural: *xelter, xeltrijiet,* jew fil-konjugazzjoni: *illobbja, iċċarġja, iċċansja,* għandu dejjem jinkiteb kif jinstema'. Mhux daqshekk ċar meta l-kelma għadha tingħad bi pronunzja Ingliża, li diffiċilment tissarraf bil-Malti sewwa: *measure* għall-kejl, b'eżempju, tat-taħlit fil-kċina jew fil-laboratorju, inħoss li ma għandhiex tinkiteb *meġer* u *meġers*. Kliem bħal *Union* għandu jitlissen skond l-Ingliż korrett *junjin*, waqt li x-xjuħ tagħna meta jirreferu għall-General Workers Union għadhom jgħidu *unjon.* Naħseb li għandhom jibqgħu jinkitbu fil-korsiv. Ma naħsibx li għandna niktbu: *General Workers Junjin* jew *Unjon*, iżda nħallu l-isem sħiħ bl-Ingliż, u jekk nużaw *Union* waħedha niktbuha fil-korsiv. Hekk nagħmlu fil-każ ta' numru ta' kliem Franċiż: *hor d'oevre, overture* u mhux *ordevr* jew *overtur*; imma mbagħad *garax* u *garaxijiet, xarabank* u *xarabankijiet.*

Naturalment dawn huma ħsibijiet tiegħi, marbuta mas-sens komun. Mill-esperjenza tiegħi ngħid li ċerti tibdiliet li jmorru kontra l-opinjoni ġenerali għandhom jiġu introdotti wara li ssir kampanja ta' persważjoni b'argumentazzjoni ċara. Meta ma hemmx kunsens fost l-istudjużi, aħjar titħalla l-libertà.

# Ġorġ Mifsud-Chircop

**L-iskop**

Skond l-ittra tal-Prof. Manwel Mifsud tad-9 ta' Novembru 2006, dan l-eżerċizzju għandu x'jaqsam ma' dawk "il-forom differenti tal-kliem li jitlissnu l-istess u għadhom aċċettati u użati t-tnejn." Għalhekk,

1 il-Kunsill tal-Malti jrid "jasal għal kjarifiki, interpretazzjonijiet u aġġornamenti li jkunu xierqa u meħtieġa kif inhu marbut li jagħmel bil-Liġi tal-Malti (2004)"
2 il-varjanti tal-kliem huma "numerużi" u qed "ifixklu lil kull min jikteb bil-Malti imma wisq aktar lil min juża l-kompjuter biex ifittex il-kelma (bl-għajnuna tas-*Search*) u lil min jaħdem fi grupp (bħal f'kumpanija ta' tradutturi jew tim ta' ġurnalisti) fejn sħabu forsi ma jagħżlux il-varjanti li jippreferi hu"
3 "l-alternattivi fil-kitba mhumiex meħtieġa u ma jagħmlux ħlief jikkawżaw inċertezzi żejda u jheddu l-istabilità tal-kitba"
4 "Il-Kunsill huwa tal-fehma li għandna naslu biex nagħżlu forma waħda skond kriterji definiti."

Tabilħaqq il-lista msemmija *Varjanti Ortografiċi. Forom ta' kitba differenti għal kelma li kulħadd jippronunzjaha l-istess* (VO, *fil-qosor*) miġbura minn Mario Cassar u George Farrugia hi twila u bir-riċerka tista' titwal aktar. Mela d-deċiżjoni għandha x'taqsam ma' l-uniformità li jeħtieġ li jaqblu fuqha l-istudjużi kontemporanji tal-Malti skond prinċipji ċari, pedagoġiċi, prattiċi u... għala le, estetiċi.

**Il-kriterji**

Id-deċiżjoni skond liema waħda tingħażel mill-varjanti għandha tinbena fuq dawn il-kriterji:

**1 Il-kriterju semantiku**

Dan il-kriterju jirbaħ fuq kull kriterju ieħor għax il-lingwa hi l-ewwel u qabel kollox strument ħaj u effettiv tal-komunikazzjoni kontemporanja.

Eż. 1 Bħal issa qatt ma kelli mument kwiet.
F'din is-sentenza l-kelma *issa* għandha funzjoni nominali (qabbel *għada, sena ilu/oħra, jumejn ilu/oħra*) u għalhekk it-tifsira m'għandha x'taqsam xejn mat-tifsira ta' *bħalissa*.

2 *bilħaqq / bil-ħaqq, bilkemm / bil-kemm, biżżejjed / biż-żejjed, daqskemm / daqs kemm, daqsxejn / daqs xejn, filwaqt / fil-waqt, għalkemm / għal kemm, għallanqas / għall-anqas, illum / il-lum, iżżejjed / iż-żejjed, kultant / kull tant, maġenb / ma' ġenb, minbarra / minn barra* – iż-żewġ varjanti kull darba kollha għandhom tifsiriet differenti mfissra tajjeb minn Ġużè Aquilina fid-dizzjunarju tiegħu.
3 *skond / skont* – m'humiex varjanti ta' xulxin kif jagħtihom VO imma elementi lessikali indipendenti minn xulxin.
4 *xħin / x'ħin* – għandhom tifsira differenti, din għal min jistaqsi l-ħin x'ikun u dik sinonima ma' *mentri, meta, waqt* –
4.1 Xħin ried seta' ġie.
4.2 Xħin kont għaddej rajtu sejjer.

*imma*

4.3 X'ħin kien meta seta' ġie?
4.4 X'ħin kont għaddej u rajtu sejjer?

### 1.1 Il-kriterju li l-avverbji jinkitbu kelma waħda

Dan il-kriterju ilu jkarkar is-snin u ma swew għalxejn it-tentattivi li għamilna Joe Felice-Pace u jien biex jidħol, għalkemm ħafna mill-varjanti miġbura (VO) joqogħdu fih mill-ewwel. Aktar ma nibqgħu rasna iebsa ma' l-etimoloġija aktar qed noħolqu problemi fit-tagħlim tal-Malti li għandu jibqa' jgħożż il-prinċipju li jinkiteb kif jinħass, basta ma ssirx ħsara lis-sotto-struttura tiegħu. Dan jgħodd wisq aktar fil-każ ta' xi kliem arkajku (li għadu jintuża f'reġistri differenti).

5 bħalissa *mhux* bħal issa
6 dalwaqt *mhux* dal-waqt
7 filgħodu, filgħodijiet *mhux* fil-għodu, fil-għodijiet
8 filgħaxija, filgħaxijiet *mhux* fil-għaxija, fil-għaxijiet
9 għalgħarrieda *mhux* għal għarrieda
10 lura *mhux* 'l ura
11 mnalla *mhux* mn'Alla *jew* m'nalla
12 nofstanhar / nofstanhari *mhux* nofs ta' nhar / nofs ta' nhari

(**Nota.** Kelma b'żewg *għ* hi rari fil-Malti imma ilha teżisti, eż. *għargħar, għargħret, jgħargħru, Ħal Għargħur, l-Għargħuri, l-Għargħurija*, *l-Għargħurin*; *nagħniegħ, nagħniegħa, nagħnigħat; żagħżugħ, żagħżugħa, żgħażagħ.*)

## 2 Il-kriterju tal-kontinwità

Id-deċiżjonijiet iridu jirrispettaw il-prinċipji li ilhom stabbiliti fl-ortografija tal-Malti u li ndraw sew minn kulħadd, l-aktar tal-paradimmi (il-mudelli, il-forom, l-analoġiji, eċċ.) li jolqtu t-tliet elementi tal-Malti, u mhux lis-Semitiku biss. Il-Kunsill tal-Malti jeħtieġ jipprojetta l-fehma li l-Malti llum għandna nieħdu gost **u mhux** nobogħdu niktbuh kif inhi l-biċċa l-kbira tal-fehma popolari. Dan jgħodd kemm għaż-żgħar u wisq aktar għal taqsimiet ġmielhom fost il-kbar fl-oqsma kollha tal-ħajja li jibqgħu jisħqu li bil-Malti ma jiktbux.

### 2.1 Il-prepożizzjonijiet

Urġenti li tidħol ir-regola li l-prepożizzjonijiet kollha jinhemżu *dejjem* ma' l-artiklu definit li jkollhom warajhom kif diġà ilu jsir għall-biċċa l-kbira minnhom bħal *bħal, għal, lil,* u l-bqija, minkejja li jinstemgħu mifrudin bħal fil-każ tal-prepożizzjonijiet *ta'* u *ma'* mehmużin ma' l-artiklu definit li s'issa baqgħu ma jinhemżux ma' dan l-artiklu jekk il-kelma tibda b'vokali. (**Nota:** Din ir-regola kienet waslet biex tidħol fid-disgħinijiet.)

13 għal + l-aħħar => għall-aħħar
14 bħal + l-hena => bħall-hena
15 lil + l-għalqa => lill-għalqa

**Mela,**

16 ta' + l-aħħar => tal-aħħar
17 ma' + l-hena => mal-hena
18 ta' + l-għalqa => tal-għalqa

### 2.2 In-nomi proprji

Il-prinċipju ilu stabbilit li n-nomi proprji, bħat-toponimi, jinkitbu dejjem bl-ewwel ittra kbira bħalma jagħmlu l-istess l-aġġettivi mnisslin minnhom.

19 il-Baħar Mediterran *mhux* il-baħar mediterran
20 Ewropew *mhux* ewropew
21 il-Lvant Nofsani *mhux* il-lvant nofsani
22 il-Lvant Ċentrali *mhux* il-lvant ċentrali
23 in-Nofsinhar *mhux* in-nofsinhar
24 ix-Xmara Ġordan *mhux* ix-xmara Ġordan

Dan jgħodd ukoll għan-nomi / l-aġġettivi marbutin ma' movimenti kulturali, politiċi u/jew reliġjużi.

25 Nisrani / Nsara *mhux* nisrani / nsara

26 Mislem / Misilmin *mhux* mislem / misilmin,

27 Musulman/i *mhux* musulman/i

28 Protestant/i *mhux* protestant/i

29 Semitiku / Semitiċi *mhux* semitiku / semitiċi

### 2.3 Punti oħra

30 *bies* mhux *bież* għax il-plural *bisien,* minkejja li etimoloġikament suppost li tinkiteb biż-*ż*. Dan il-prinċipju li jirbaħ il-Malti ilu jitħaddem, bħal fil-każ ta' *art* => *artijiet* (suppost *d*), *belt* => *bliet* (suppost *d*).

31 gerbu, partu *mhux* gerbbu, parttu, skond *Regoli tal-Kitba tal-Malti* (2001, RKM *fil-qosor*), reg. 81, p. 42.

32 nagħrfu, nehmżu, negħlbu, negħmżu *mhux* nagħarfu / nagħirfu, nehemżu / nehimżu, negħelbu / negħilbu, negħemżu / negħimżu, skond RKM, reg. 27, p. 17.

33 naħnaħ *mhux* nagħnagħ. Etimoloġikament suppost li l-*għ* tirbaħ, imma ladarba m'hemmx raġuni bil-Malti għala, l-għażla għandha tkun favur tal-*ħ* bħalma ġara fil-każ ta' kliem ieħor bħal *uċuħ* u *ġieħ* għalkemm il-konsonanti bl-Għarbi fihom hi *h.*

34 ażżma *mhux* ażma minħabba li ż-żewġ kelmiet *ażżma* (il-marda) u l-femminil singular ta' *ażżmu* (lit. bla ħmira) f'sens litterali għall-ġebel u f'sens metaforiku għall-bniedem ("Kemm hi ażżma!") huma identiċi fil-ħoss.

35 bergħud *mhux* bergħut skond ir-regola tal-konsonanti ta' l-għerq li ma tinbidilx u li tibqa' *d* fil-konjugazzjoni tal-verb *bergħed,* eż. bergħdet, jbergħdu, mbergħda.

36 berritta *mhux* beritta biex tinżamm l-istruttura tal-plural miksur *brieret.*

37 diqa *mhux* dieqa. Qabbel għall-istess prinċipju l-kelma *mġiba.*

38 għafrit *mhux* għafrid għax hekk qiegħda l-konsonanti tal-għerq tal-kelma.

39 għaġla *mhux* għaġġla għax il-kelma hi nom imnissel mill-verb ipotetiku ta' l-ewwel forma.

40 lembuba *mhux* lenbuba għax il-m u mhux in-n hi waħda mill-konsonanti tal-għerq.

41 lenbija *mhux* lembija billi wieħed mill-plural tagħha hu *lniebi* u f'ċerti rħula *njiebi.*

42 qara' bagħli *mhux* qarabagħli u b'hekk jibqgħu sħaħ l-paradimmi tal-kollettiv u tal-farrad waħdieni fil-każ ta' *qara' aħmar / qargħa ħamra, qara' tork / qargħa torka, qara' twil / qargħa twila,* eċċ.

43 riżq *mhux* risq biex tinżamm ir-rabta mal-konsonanti ta' l-istess għerq fil-kelma *merżuq.*

44 rkobba, rkobbtejh, għarkobbtejh *mhux* rkoppa, rkopptejh, għarkopptejh billi l-kelma mnissla mill-konsonanti tal-verb RiKeB. Id-deċiżjoni jekk hix *għarkobbtejh* jew *għarkubbtejh* hi ċara billi s-singular qatt ma jinstama' *rkuppa* fil-Malti Standard.

45 is-Sur X. Attard *mhux* is-sur X. Attard, skond RKM, reg. 18, p. 14.

46 togħmti *mhux* togħomti, skond RKM, reg. 27, p. 17.

## 3 Il-kriterju tal-frekwenza fl-użu

La sa tittieħed id-deċiżjoni fuq l-għażla tal-varjanti trid tkun irrispettata l-frekwenza ta' dik il-varjanti mill-biċċa l-kbira tal-kelliema. Mingħajr ir-riċerka fuq il-post mhux dejjem tkun ħafifa biex issibha l-varjanti l-aktar użata, bħal fil-każijiet ta' għall*a*nqas / għall*i*nqas

jew għall-*a*nqas / għall-*i*nqas, *a*kbar / *i*kbar, *a*ktar / *i*ktar. Hemm każi wkoll ta' frekwenza qawwija f'Għawdex u mhux Malta, bħal *ċagħaq* (l-aktar f'Malta) u *ċagħak* (l-aktar Għawdex).

**3.1** Nissuġġerixxi li f'dawn il-każijiet ma titteħidx deċiżjoni qabel ma ssir ir-riċerka etnografika serja ma' kullimkien.

**3.2** Jekk ma tistax issir nimxu mal-prinċipju l-ieħor li dejjem imxejna miegħu li jirbaħ il-Malti Standard ta' Malta.

47 radjudramm *mhux* radju dramm, tant li l-plural minn dejjem kien *radjudrammi* għax tqieset bħala kelma waħda.

48 *allaħares* bħala frażi avverbjali – mhux *allajħares* għax m'hix frekwenti daqsha.

**3.3** Fejn jinqala' d-dubju jirbaħ l-użu fil-Malti kontemporanju u mhux l-etimoloġija, b'rispett sħiħ għal xi żviluppi lokali.

49 dgħjufija *mhux* dgħufija, għalkemm il-konsonanti tal-għerq huma D-GĦ-F

50 gidjien, għotjien, subien, tieba, żieda *mhux* gidien, għotien, subjien, tjieba, żjieda. Ara wkoll, RKM, reg. 54e, p. 29.

51 ġegħelna, għedt, megħekna, qegħedna, wegħedna kif irrealizzati fil-Malti tal-lum *mhux* ġegħilna, għidt, megħikna, qegħidna, wegħidna.

4 **Il-kriterju ta' l-uniformità jrid iħaddan ukoll l-iskoperti lingwistiċi** li saru barra u f'Malta minn mindu ħareġ it-*Tagħrif* u b'hekk l-ortografija tkun aġġornata wkoll.

**4.1** *m'hux / mhux.* Dawn m'humiex varjanti ta' xulxin imma kif wera kemm-il darba Aquilina, l-ewwel waħda hija n-negattiv tal-funzjoni verbali ta' *hu,* u t-tieni waħda hija n-negattiv ta' l-aġġettivi, ta' frażijiet u ta' sentenzi sħaħ.

52 It-tifel rieqed => It-tifel m'hux rieqed.

*imma*

53 Mhux rieqed ħallejtu t-tifel!

Ara wkoll dawn l-eżempji:

54 Mhux billi jgħid hu, jien xorta ġej.

55 Mhux aħna nikkmandaw.

56 Mhux wiesa' daqshekk irridu l-garaxx!

57 Mhux akkademiku rridu l-ktieb.

*kontra*

58 Il-ktieb m'hux akkademiku.

5 **Il-kriterju fonetiku tal-Malti**

Il-kliem fil-qofol tiegħu għandu jinkiteb kif jinstema' basta titħares is-sotto-struttura tal-Malti. Din id-deċiżjoni titlob il-kuraġġ għax ħafna mill-Maltin minħabba bosta raġunijiet għadhom m'humiex lesti għal din il-bidla, għalkemm ġa sar ħafna. L-istorja reċenti ta' xi kliem tgħallimna.

59 esej

60 esejist

61 kompjuter

62 tenis

## Kumment ta' l-aħħar

M'għandniex xi ngħidu, dawn il-kriterji m'humiex iżolati għax hemm każi meta f'varjanti waħda se jaħbtu mill-anqas tnejn minnhom u li għalhekk ikomplu jikkonfermaw għala għandha tingħażel il-waħda u mhux il-bqija.

63 buz *mhux* buts / boots

Din il-kelma toqgħod mal-kollettiv (qabbel ma' *żarbun* > *żarbuna, briks* > *briksa)* tant li għandha l-farrad waħdieni *buza,* il-plural determinat *buziet,* il-plural miksur *bwiez* u l-plurali sħaħ tal-plural, *buzijiet* u *bwizijiet* (miġburin minn bosta postijiet, fosthom il-Marsa, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, 1969-2006)

64 awlillejl *mhux* awl il-lejl / ewl il-lejl għax frażi avverbjali; mhux *ewlillejl* minħabba l-prinċipju tal-frekwenza.

# David Muscat

**Daħla**
Kien ilha tinħass il-ħtieġa li tittieħed deċiżjoni fuq liema kliem li jinkiteb b'diversi modi għandu jitqies bħala t-tajjeb u jkun hu li jintgħallem lill-istudenti tal-Malti. Għaldaqstant huwa f'waqtu u ta' siwi kbir li l-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti daħal għal din il-biċċa xogħol u beħsiebu jaqtagħha fuq liema minn fost żewġ varjanti jew aktar ta' kelma għandha minn issa 'l quddiem tittieħed bħala x-xierqa minn kull min jikteb bi lsienna.

Ma jistax jonqos li f'qasam bħal dan ma jkunx hemm fehmiet differenti. Nistqarr li mhux lakemm tiġbed linja għax kull raġunar għandu t-tajjeb u l-ħażin tiegħu. Jien u nistħarreġ il-varjanti ma' sħabi tat-Taqsima tal-Ħiliet Bażiċi tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija u għalliema oħra tal-Malti biddilt fehemti minn kif kont naħsibha qabel fuq kif għandu jinkiteb xi kliem. Naħseb li kollox jiddependi minn liema perspettiva wieħed iħares lejn l-ilsien miktub u xi jqis bħala l-aktar importanti, ngħidu aħna hux nisel il-kelma jew dehritha jew tlissinha, u l-bqija.

Kien hemm min saħansitra qalli li m'għandux ikun hemm varjant wieħed li jirbaħ fuq l-oħrajn sakemm l-ebda varjant ma jkun qed jikser xi regola ortografika. Jien nifhem ukoll lil min iressaq dan l-argument, imma ma naqbilx miegħu għax m'hemmx isbaħ milli kull min jikteb b'xi lsien ikollu mudelli maqbula minn kulħadd li fuqhom ikun jista' jimxi hu u jikteb, bla ma jiġi bejn ħaltejn jekk jinqediex b'varjant jew ieħor ta' l-istess kelma.

Forsi tassew li fi żmienna hemm aspetti oħra ta' lsienna li jeħtieġ ikunu mistħarrġa u indirizzati mill-aktar fis possibbli, imma l-kwistjoni tal-varjanti jien inqisha bħala waħda li għandha tkun fuq l-aġenda ta' min jaħdem b'riżq ilsienna. Nemmen li wasal iż-żmien li nneħħu l-inċertezzi u l-ambigwità fil-kitba bil-Malti għax b'hekk inkunu qed insebbħu, insaħħu u fuq kollox inħeffu lsienna.

**It-tqassim tal-varjanti**
Wara li flejt il-varjanti kollha, waħdi u ma' sħabi, qsamt il-varjanti f'dawn il-kategoriji:
1. kliem li s'issa jinkiteb bis-sing ta' l-artiklu jew mingħajru
2. kliem kompost li hawn min jiktbu sħiħ u hawn min jaqsmu
3. kliem li jista' jinkiteb b'konsonanti waħda jew b'konsonanti doppja
4. nomi proprji
5. il-vokali f'verbi tat-tielet u s-sitt forma
6. kliem b'konsonanti qawwija f'tarfu
7. il-*ma* tan-negattiv meta titqassar u taqgħalha l-*a*
8. il-partiċella *ta'* meta titqassar u ssir *t'* quddiem kliem li jibda b'vokali
9. verbi kwadrilitteri bit-tielet u r-raba' konsonanti ta' l-għerq l-istess
10. id-daqqa fuq il-*a* twila
11. il-ħoss *z* f'tarf xi kliem
12. kliem bil-*i* twila li jinkiteb bil-*i* jew bil-*ie*
13. kliem li jista' jinkiteb bil-*k* kif ukoll bil-*q*
14. kliem ieħor li ma jaqa' taħt l-ebda kategorija msemmija hawn fuq
15. kelmiet fil-lista mogħtija li fil-fehma tiegħi mhumiex varjanti

**L-għażla tal-varjanti**
Meta ġejt biex nagħżel il-varjanti li għandhom jitqiesu bħala l-aktar xierqa għall-kitba, żammejt f'rasi tliet prinċipji bażiċi:
- li l-Ilsien Malti għandu jkun ħafif u sempliċi biex jinkiteb, ħalli kemm jista' jkun inħeffu t-tagħlim tiegħu u l-kitba tgħin fl-iżvilupp psikoloġiku u soċjali tal-persuna mhux ixxekklu

- li l-kliem għandu jinkiteb b'mod li kemm jista' jkun jirrifletti kif ikun qed jingħad mill-poplu, fi kliem ieħor l-ilsien miktub għandu jkun mera ta' l-ilsien mitħaddet
- li fl-għażla ta' varjant u mhux ieħor għandha tinżamm il-konsistenza, biex l-ebda għażla ma tkun arbitrarja (anke jekk ikolli nistqarr imma li xi minn daqqiet jien stess mort kontra dan il-prinċipju minħabba li l-kliem, imqar dak li jixtiebah, mhux dejjem tista' titfgħu f'keffa waħda)

**1. Kliem li s'issa jinkiteb bis-sing ta' l-artiklu jew mingħajru**

Fil-fehma tiegħi l-kliem li suppost jinkiteb bis-sing ta' l-artiklu għandu jibqa' jinkiteb bis-sing. Għal min isibha bi tqila biex jaqra u jikteb bil-Malti jew ikun għadu qed jiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi tiegħu, isibha eħfef jaqsam il-kliem f'biċċiet biex jispellih, jaqrah, jifhmu u jiktbu sew. Is-sing jgħin lin-nies tispelli l-kliem aħjar għax il-kliem ma tarahx daqshekk twil, billi qisu jinqasam f'biċċtejn, l-artiklu għalih fuq naħa u n-nom jew l-aġġettiv fuq in-naħa l-oħra. Ta' min jgħid ukoll li jekk se nibdew inneħħu s-sing ta' l-artiklu, nistgħu nneħħuh darba għal dejjem. Ma nistgħux inwarrbuh f'xi każijiet u f'oħrajn le, għax jekk nagħmlu hekk noħolqu diżgwid bla bżonn.

Għal daqs tant jien naħseb li għandna niktbu:
*fil-għodu* u mhux *filgħodu*
*bil-qiegħda* u mhux *bilqiegħda*
*dak in-nhar* u mhux *dakinhar*
*il-lum* u *mhux illum*
*l-anqas* u mhux *lanqas,* u l-bqija.

**2. Kliem kompost li hawn min jiktbu sħiħ u hawn min jaqsmu**

L-istess bħal fil-każ tal-kliem bl-artiklu, ikun xieraq li fejn fit-taħdit, imqar jekk mhux dejjem, xi kelmiet norbtuhom ma' xulxin għall-ħeffa jew għall-kumdità u jiġu jinstemgħu qishom kelma waħda, fil-kitba dan il-kliem kompost għandna naqsmuh biex min ikun qed jiktbu jkun jista' jiktbu sew. Huwa aktar faċli li tikteb kliem monosillabiku u bisillabiku milli kliem bi tliet sillabi jew aktar.

Għaldaqstant jien naħseb li għandna niktbu:
*Alla ħares* u mhux *Allaħares*
*bħal li kieku* u mhux *bħallikieku*
*ġa la darba* u mhux *ġaladarba*
*għal daqs tant* u mhux *għaldaqstant*
*ma' dan kollu* u mhux *madankollu*, u l-bqija.

**3. Kliem li jista' jinkiteb b'konsonanti waħda jew b'konsonanti doppja**

Ikolli nistqarr li ma nistax niġbed linja għal dan il-kliem. Naħseb imma li għandna niktbu dal-kliem kif naħsbu li jintqal mill-parti l-kbira tan-nies, fi kliem ieħor:
*Awwissu* u mhux *Awissu*
*ammen* u mhux *amen*
*ażżma* u mhux *ażma;*
imma mbagħad:
*beritta* u mhux *berritta*
*karozza* u mhux *karrozza.*
Xi kliem diffiċli tgħid kif jintqal l-aktar u għalhekk kif għandu jinkiteb, ngħidu aħna:
*Afrika* jew *Affrika*
*peprin* jew *pepprin.*

**4. Nomi Proprji**

Kull isem, hu ta' xiex inhu, għandna nibqgħu niktbuh jibda b'ittra kbira u b'hekk inkunu qed nagħrfuh minn nomi jew ismijiet komuni. Għal hekk għandna niktbu:

*il-Baħar Mediterran* u mhux *il-baħar mediterran*
*il-Lvant Nofsani* u mhux *il-lvant nofsani*
*Protestant* u mhux *protestant*
*Ewropew* u mhux *ewropew*, u l-bqija.

**5. Il-vokali f'verbi tat-tielet u s-sitt forma**
Ġa la darba ma jsir l-ebda tibdil fl-għeruq tal-verbi tat-tielet u s-sitt forma jekk jinbidlu xi vokali, għandna mmorru għall-varjanti li l-aktar jingħadu. Aktar ma l-ilsien miktub ikun iqarreb lejn l-ilsien mitħaddet, aktar ikun ħafif għal min ikun qed jitgħallmu biex jiktbu sew. Għal daqs tant għandna niktbu:
*begħedna* aktar milli *begħidna*
*ġegħelna* aktar milli *ġegħilna*
*tqegħedna* aktar milli *tqegħidna*
*twegħedna* aktar milli *twegħidna*, u l-bqija.

**6. Kliem b'konsonanti qawwija f'tarfu u f'nofsu**
Minkejja li xi kliem f'tarfu jista' jinkiteb kemm bil-konsonanti qawwija kif ukoll b'oħtha r-ratba, biex inkunu konsistenti mar-regola li l-konsonanti qawwija fit-tarf tinstema' xi minn daqqiet ratba, imma tinkiteb il-qawwija, anke fi kliem ta' dix-xorta għandna nniżżlu l-konsonanti l-qawwija. Hekk ngħidu aħna niktbu:
*bergħud* u mhux *bergħut*
*bież* u mhux *bies* (l-għasfur)
*għafrid* u mhux *għafrit*, il-bqija.

Bl-istess raġunar il-kelma *priedka* għandna nitkbuha bid-*d* u mhux bit-*t.* Wara kollox ngħidu *predikatur* u mhux *pretikatur* għax *priedka* ġejja mit-Taljan *predica*.

**7. Il-*ma* tan-negattiv meta titqassar u taqgħalha l-*a***
Jekk il-*ma* tan-negattiv quddiem verbi bil-vokali, bl-*għ* jew bl-*h* tinkiteb *m'*, hekk ukoll għandha tinkiteb quddiem il-pronomi personali u kliem ieħor, ngħidu aħna:
*m'iniex/m'inix, m'intix/m'intx, m'huwiex/m'hux, m'hijiex/m'hix,*
*m'aħniex, m'intomx, m'humiex*
u l-istess *m'hawnx, m'hemmx,* u l-bqija.

**8. Il-partiċella *ta'* meta titqassar u ssir *t'* quddiem kelma li tibda b'vokali**
Bl-istess argument tal-*ma,* il-partiċella *ta'* meta taħbat quddiem kliem li jibda bil-vokali, bl-*għ* jew bl-*h,* għandha titqassar f'*t',* ngħidu aħna:
*t'Ottubru, t'Umberto, t'Indri, t'apposta, t'April,* u l-bqija.

**9. Verbi kwadrilitteri bit-tielet u r-raba' konsonanti ta' l-għerq l-istess**
Minkejja li aħna u nikkonjugaw verbi kwadrilitteri bħal *gerbeb* u *partat* fit-tielet persuna plural, waħda mill-konsonanti ta' l-għerq ma tinstemax, għandhom jitniżżlu l-erba' konsonanti ta' l-għerq u mhux tlieta. Ngħidu aħna, niktbu:
*igerbbu* u mhux *igerbu* għax hu *gerbeb*
*parttu* u mhux *partu* għax hu *partat,* u l-bqija.

**10. Id-daqqa fuq il-*a* twila**
Jien tal-fehma li jekk il-*a* twila nibdew inlibbsuha kappell fuq rasha, ikollna mod kif niddistingwu verbi tat-tieni forma mill-partiċipji attivi mnissla mill-istess għerq bħal *baħħar* u *baħħâr, kaħħal* u *kaħħâl, saħħar* u *saħħâr,* u l-bqija. Jekk id-daqqa l-ġdida fuq il-*a* tgħin biex jitħaffef it-tagħlim tal-Malti, m'għandniex nibżgħu noħorġu b'simbolu ġdid. Sakemm jindara forsi jieħu ż-żmien u jkun hemm min iqarras wiċċu, imma jekk hu utli min għadu qatt m'użah għandna nħeġġuh jibda jinqeda bih. L-importanti li s-simbolu jkun mifhum minn kull ħadd.

**11. Il-ħoss *z* f'tarf xi kliem**

Ġa la darba fil-Malti l-ħoss *ts* jinkiteb *z* u l-ħoss *ds* jinkiteb doppja *z*, kliem bħal *gods* u *buts* m'għandux jibqa' jingħadd bħala tajjeb u minfloku għandna niktbu
*gozz, buz, tajz,* u l-bqija.

**12. Kliem bil-*i* twila li jinkiteb bil-*i* jew bil-*ie***
Sakemm ħafna kliem bil-*i* twila se nibqgħu niktbuh bil-*ie*, li fil-Malti nqisuha bħala waħda mill-vokali, allura fil-kliem fejn ħafna jħossu *i* twila, għandna ninqdew bil-*ie*, fi kliem ieħor niktbu:
*dieqa* u mhux *diqa*
*xbieha* u mhux *xbiha*
*ġiex* u mhux *ġix*, u l-bqija.

**13. Kliem li jingħad kemm bil-*k* kif ukoll bil-*q***
Fil-fehma tiegħi dan il-kliem għandu jinkiteb bil-*q*, mhux għax bil-*k* jinstema' ikreh imma biex il-ħoss sabiħ tal-*q* nissoktaw inħarsuh għax hu ħoss partikolari li fost oħrajn f'ħafna ilsna, fosthom bosta lingwi Ewropej, ma jeżistix.
Għal daqs tant nissuġġerixxi li nibdew niktbu:
*ċagħaq, daħaq, serduq, qagħaq*, u l-bqija.

**14. Kliem ieħor li ma jaqa' taħt l-ebda kategorija msemmija hawn fuq**
Xi kliem fit-taħdit jingħad minn xi nies bil-*j* u minn oħrajn mingħajrha. Biex ma jkunx hemm ambigwità, fejn il-*j* tinstema' ċar meta jingħad dan il-kliem, nirrakkomanda li dan il-kliem jinkiteb bil-*j*. Hekk għandna niktbu:
*alljiev* mhux *alliev*
*tjieba* mhux *tieba*
*dgħjufija* mhux *dgħufija*, u l-bqija.

Mill-banda l-oħra, kliem ieħor fil-plural li fl-imgħoddi kien jinkiteb bis-suffiss *–jien*, imma l-lum jingħad biss *–ien*, għandha niktbuh kif jinħass, fi kliem ieħor:
*gidien* mhux *gidjien*
*subien* mhux *subjien*
*għotien* mhux *għotjien.*

Imbagħad kliem ta' nisel rumanz li fit-taħdit ħafna Maltin neħħewlu xi konsonanti jew vokali biex iqassruh jew biex jagħtuh bixra aktar Maltija, naħseb li għandna niktbuh bħalma nlissnuh, fi kliem ieħor:
*koperattiva* mhux *kooperattiva*
*kordinatur* mhux *koordinatur*
*propjetà* mhux *proprjetà*
*propju* mhux *proprju.*

Din ir-regola imma ma nistgħux napplikawha għal kull kelma li fit-taħdit inqassruha għall-ħeffa. Hekk kliem bħal *biblijografija* u *biblijoteka* għandha niktbuh bil-*i* bejn il-*l* u l-*j* u mhux *bibljografija* u *bibljoteka* għax bil-*i* eħfef biex tispellih u tiktbu.

Ma nistax ma ngħidx xi ħaġa fuq il-kliem bl-*għ* u l-*h.* Fil-fehma tiegħi, meta niġu biex nikkonjugaw verbi bħal *għaraf, għeleb* u *hemeż* fl-ewwel, it-tieni u t-tielet persuna plural, fl-imperfett għandna niktbuhom kif nisimgħuhom mlissna minn bosta, fi kliem ieħor:
*nagħrfu* u mhux *nagħirfu*
*negħlbu* u mhux *negħilbu*
*nehmżu* u mhux *nehimżu.*

Fejn għandna mbagħad kliem li nislu jidher li kien mis-Semitiku u kellu l-*għ*, dan għandu jibqa' jinkiteb bl-*għ*, fi kliem ieħor:
*Għarabja* mhux *Arabja* (għax ngħidu wkoll Għarbin, Għarbija eċċ.)

*dugħ* mhux *duħ.*

**15. Kelmiet li fil-fehma tiegħi mhumiex varjanti**
Xi varjanti mniżżla fil-ġabra li għaddielna l-Kunsill Nazzjonali fil-fehma tiegħi m'humiex varjanti. Hekk, ngħidu aħna, *biżżejjed* u *biż-żejjed* jien nafhom li jġorru tifsiriet differenti, fi kliem ieħor *biżżejjed* meta wieħed ma jkunx jeħtieġ aktar għax għandu eżatt jew kważi eżatt, per eżempju
"Kellu *biżżejjed* flus biex jixtri karozza"
fil-waqt li *biż-żejjed* meta wieħed ikun jifdallu ż-żejjed, per eżempju
"*Biż-żejjed* li kien fadallu fl-ixkejjer, ġabar xkora oħra."

L-istess il-każ ta' *xhieda* u *xiehda*. Jien tgħallimtha li *xhieda* tfisser dawk li jixhdu fil-waqt li *xiehda* hija l-evidenza li tingħata. Naħseb li jkun utli li tinżamm din id-distinzjoni, jekk hi korretta.

Fil-każ ta' *skond* u *skont*, naħseb li *skond* tintuża fis-sens ta' kif jgħid, ngħidu aħna
"Il-vanġelu *skond* (kif jgħid) San Luqa"
u *skont* tfisser roħs fil-prezzijiet, ngħidu aħna
"Għal żmien il-Milied il-ħanut qed jagħti *skont* ta' 5% fuq kull xirja."

**Għeluq**
Intemm il-ktiba tiegħi billi nħeġġeġ lill-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti jieħu ż-żmien tiegħu biex itella' u jniżżel liema varjanti se jqis bħala l-uffiċjali, imma fl-istess ħin biex jimmira lejn data mhux daqstant 'il bogħod fis-sena 2007 meta d-deċiżjoni mittieħda titħabbar u tixxandar ħa tilħaq lill-akbar għadd ta' nies possibbli.

# Terence Portelli

**Premessa**
1.1 Hi idea f'waqtha li l-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti *jistħarreġ fid-dettall* u wara żmien u proċess ta' konsultazzjoni u dixxerniment fit-tul, *jiddeċiedi* dwar il-kwistjoni tal-varjanti ortografiċi b'tali mod li jkun hemm standardizzazzjoni fl-użu tal-Malti.

1.2 Dan il-proċess ta' konsultazzjoni hu pass 'il quddiem fil-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet marbuta mal-lingwa. Fix-xhur li ġejjin irridu naraw xi frott se jħalli dan il-proċess miftuħ u demokratiku, speċjalment ġaladarba jibdew jittieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa u mistennija b'ħerqa.

1.3 L-ideat misjuba f'din il-kitba jirriflettu l-interess tiegħi fit-tagħlim tal-Malti u l-problemi li niltaqa' magħhom bħala kittieb li jipprova jesprimi ruħu b'mod letterarju u/jew akkademiku b'Malti tal-lum. Matul dawn il-ġimgħat l-ideat tiegħi evolvew u nħoss li jistgħu jinbidlu aktar f'diskussjoni ma' nies li daħlu aktar fil-fond minni fl-analiżi lingwistika tal-varjanti, imma li fl-istess ħin għandhom moħħ miftuħ u l-umiltà jisimgħu x'impatt jista' jkollhom fuq kategoriji differenti ta' nies id-deċiżjonijiet li jittieħdu.

**Kif nara l-kwistjoni tal-varjanti ortografiċi**
2.1 Il-kwistjoni tal-varjanti hi l-frott ta' żewġ raġunijiet ewlenin li f'waqtiet jistgħu jitqiesu kważi kontra xulxin.

2.1.1 *Fl-imgħoddi…* deċiżjonijiet li saru b'ħeffa żejda qisu l-ilsien Malti kien xi vapur li se jegħreq, bla wisq ħsieb u studju tar-riperkussjonijiet fit-tul u b'nuqqas ta' rispett lejn tradizzjoni twila ta' xi mudelli ortografiċi u morfoloġiċi stabbiliti.

2.1.2 *Fil-preżent…* in-nuqqas ta' deċiżjoni, il-prudenza u l-eżitazzjoni żejda li nfirxet fost xi studjużi tal-Malti li jħossu li dmirhom hu aktar li jiddeskrivu milli jagħtu direzzjoni, f'ġieħ il-prinċipju qatt mittiefes li l-lingwa hi tal-poplu. Din il-kundizzjoni tirrifletti l-konvinzjoni mhux dejjem mistqarra li biex deċiżjoni titwettaq u jkollha effett, irid ikollha r-rispett u l-qbil ta' kulħadd, l-aktar ta' min hu f'pożizzjoni għolja u suppost irid jibda jagħti l-eżempju.

Dawn iż-żewġ raġunijiet qed ikollhom effett fuq il-poplu li għandu mnejn qed jitlef il-fiduċja u/jew il-paċenzja f'min mistenni jiddeċiedi b'għaqal u b'kompetenza.

2.2 Barra minn hekk, għad hemm problema ta' komunikazzjoni bejn min jiddeċiedi u l-poplu. Il-għejun li minnhom suppost tgħaddi l-informazzjoni min-naħa għall-oħra fosthom l-internet u t-televixin, mhux b'saħħithom biżżejjed. Dan jista' jwassal għal nuqqas ta' għarfien fost il-poplu ta' l-iżviluppi tar-regoli ta' l-ortografija tal-Malti, speċjalment fost dawk li ilhom li qamu minn fuq is-siġġijiet ta' l-iskola.

*L-għalliema tal-Malti*
2.3 F'dan l-impass, l-għalliema tal-Malti li f'għajnejn bosta, speċjalment tat-tfal u l-ġenituri, bla dubju ta' xejn huma l-esperti tal-Malti li jafu u jiltaqgħu magħhom kull fil-għodu, huma l-leġiżlaturi li jagħżlu b'ħeffa u bla eżitazzjoni bil-pinna l-ħamra bejn it-tajjeb u l-ħażin. L-għalliema tal-Malti, f'dan il-limbu lingwistiku, qishom imħallfin li kuljum mitluba jiddeċiedu u jagħtu s-sentenzi mingħajr il-qafas legali meħtieġ. Fi kliem ieħor, l-għalliema m'għandhomx il-gwida neċessarja biex jieħdu d-deċiżjonijiet mistennija minnhom. Għalkemm bosta għalliema studjaw il-lingwistika fil-livell terzjarju, nispera li ħadd m'hu qed jistenna minnhom li jkunu lingwisti fis-sens dejjaq tal-kelma.

2.3.1 Fil-kuntest tal-lingwa, ir-regoli grammatikali minn dawk fonetiċi sa dawk sintattiċi (u mhux id-deskrizzjoni tal-morfoloġija semitika biss, b'xi feles 'l hawn u 'l hemm taz-zokk

morfemiku!) huma dawk li għandhom jagħtu direzzjoni. Imma kif hu magħruf biżżejjed, sa issa l-Malti għadu bla grammatika komprensiva u aġġornata, li wara minnha tkun tista' tissawwar grammatika pedagoġika minn nies kompetenti f'dan il-qasam.

2.3.2 Hi mifruxa sew is-sitwazzjoni fejn l-għodod f'idejn l-għalliema, fi kliem ieħor il-kotba skolastiċi użati f'xi skejjel, speċjalment fl-Iskejjel ta' l-Istat, m'humiex aġġornati biżżejjed, lanqas ma' l-aħħar bidliet li kienet ħarġet l-Akkademja. Għaldaqstant, gruppi sħaħ ta' studenti jiddependu għal kollox fuq il-kompetenza, l-inizjattiva u l-aġġornament ta' l-għalliema tagħhom.

2.3.4 L-ewwel sentenza li jaqraw l-istudenti fil-karti tal-Malti hi li jitnaqqsu marki għal Malti mhux miktub skond ir-regoli ta' l-ortografija. Il-kwistjoni tal-varjanti tindika kemm din is-sentenza tista' tkun zoppa meta m'hemmx sistema waħda ta' kif jinkiteb il-Malti jew lista kkodifikata ta' varjanti li b'xi mod titqies uffiċjali u valida. Hi tal-waħx is-sitwazzjoni fejn l-għalliema u l-eżaminaturi mitluba jiddeċiedu bejn kelma u oħra mingħajr gwida standardizzata. Hi sitwazzjoni li għandha tħasseb lil bosta għaliex ġieli jitnaqqsu l-marki f'kuntest fejn kull marka jkollha effett fuq riżultat aħħari t'eżami b'kontribut għoli fil-ħajja ta' l-istudent (*high stake testing*).

2.3.5 Bħalma għad trid issir riċerka fost bosta kategoriji li jkollhom iħaddmu l-Malti (kittieba, ġurnalisti, qarrejja tal-provi, edituri, xandara u l-bqija, bla ma ninsew lil Ċikku l-poplu jew Ġanni Borg) hekk ukoll trid issir riċerka fost l-għalliema biex naraw kif fil-preżent qed jagħmlu l-għażliet tagħhom meta jaqraw jew ikollhom jiktbu varjanti ta' l-istess kelma.

**Kif naqsam il-varjanti u għaliex**

3.1 Il-lista ta' eżempji nħoss li tista' tinqasam f'dawn il-kategoriji li minn isimhom wieħed mill-ewwel jieħu l-idea li ma saritx wara riflessjoni profonda u studju fid-dettall tal-morfoloġija u/jew etimoloġija, imma sempliċiment skematizzazzjoni ħafifa skond ġemgħat ta' kliem bl-istess għamla.

3.1.1 *Kliem ta' min ma jafx sew il-Malti*

Dak il-kliem li skond ir-regoli eżistenti ta' l-ortografija u l-grammatika uffiċjali għandu jitqies miktub b'mod żbaljat. Ħafna drabi dan il-kliem hu xhieda ta' nuqqas ta' għarfien tar-regoli bażiċi minn min jużah, anki jekk issibu użat. Ir-regoli ewlenin għandhom jinżammu u jissaħħu, mhux jixxellfu.

3.1.2 *Kliem fid-dell ta' l-(il)legalità*

Inkongruwenzi żgħar imnissla minn lakuni fir-regoli eżistenti jew interpretazzjoni mhux dejjem preċiża u fidila ta' dawn l-istess regoli, bħalma hu l-artiklu jew it-taqsir ta' xi kliem jew in-negattiv, għandhom ikunu standardizzati darba għal dejjem. Hekk ukoll għandu jkun hemm reviżjoni ċkejkna fejn dak li ddaħħal b'intenzjoni tajba wassal biex sawwar problemi akbar milli solva. Sakemm ma jkunx hemm qbil dwar kif u meta xi kliem li jinzerta jiġi dejjem ħdejn xulxin, jinkiteb f'kelma waħda, inħoss li trid titlieġem il-ħerqa żejda ta' xi wħud li jaqbdu jagħmlu hekk għax jaħsbu li l-verżjoni tagħhom hi aħjar.

3.1.3 *Kliem missellef*

Kull lingwa biex tibqa' ħajja hemm bżonn li tiġġedded minn ġewwa jew tissellef minn barra. Il-Malti sa issa qisu ma sabx mod kif il-kliem missellef jintegrah fis-sistema tal-kitba skond mudelli li jinħassu Maltin. Dan għaliex hemm interferenza kbira mill-ilsna li ssellef minnhom u/jew ma sabx mod sempliċi kif jiktbu bil-Malti. Is-sitwazzjoni hi aktar ikkomplikata fejn fil-lingwa oriġinali jeżistu varjanti wkoll.

3.1.4 *Kliem kompost missellef*

Kategorija mdaqqsa sew hi dik ta' kliem kompost fl-oriġinali, imma missellef fil-Malti daqs li kieku kien kelma waħda. Bi ftit ħsieb jistgħu faċilment ikunu identifikati għajnuniet u/jew mudelli, u eċċezzjonijiet li jgħinu fil-kitba tagħhom.

3.1.5 *Kliem ta' l-irriduċibbli*

Din hi l-kategorija ta' kliem li jintużaw biss minn minoranza anki jekk il-parti l-kbira tal-kittieba ilhom li għażlu mudell bejn it-tnejn jew aktar li jeżistu, eżempju 'karrozza' tintuża regolarment minn gazzetta partikolari u l-bqija jużaw b'mod regolari 'karozza'.

3.1.6 *Kliem imbierek mid-dizzjunarji*

Xi kliem sab il-barka ta' lessikografi li kellhom ir-raġunijiet tagħhom li jinkludu jew ibarru xi kliem jew varjanti. F'dan is-sens ebda dizzjunarju sa issa m'hu għajn ta' dawl, għalkemm il-persuna mhux informata tfittex serħan il-moħħ f'xi wieħed minnhom. F'dan il-kuntest, ebda dizzjunarju sa issa ma qabad dan il-kliem u pprova jsib mudelli sempliċi… kważi kollox kien aċċettat. X'se jsir biex ikun hemm aġġornament bis-serjetà ta' xi dizzjunarji li għandhom ir-rispett ta' setturi sħaħ tal-poplu b'tali mod li l-lessemi u t-tifsir jirriflettu d-deċiżjonijiet il-ġodda? Sakemm il-verżjoni antika tibqa' fl-idejn se jkun hemm it-taħwid u min jiġġustifikah b'referenza għad-dizzjunarju.

**Liema varjanti nippreferi u liema kriterji**

4.1 Iddur iddur, il-prinċipji ta' l-għażla jinbtu mill-enfasi li tingħata lil wieħed minn dawn l-erba' kriterji:

- il-fonetika, il-korrispondenza bejn it-taħdit bil-Malti u l-kitba bil-Malti
- il-morfoloġija, enfasi partikolari fuq mudelli (*patterns*) fit-tnissil tal-kliem
- l-etimoloġija, kif kelma tinkiteb fl-ilsien li minnu ttieħdet
- il-konswetudni fost il-Maltin, kif draw il-Maltin jaqraw u jiktbu xi kliem

4.2 Aktar milli nagħżel bejn dawn l-erbgħa – minn qabel ma bdejt nikteb kont deċiż li nħalli l-għażla f'idejn min hu aktar kompetenti minni f'dan il-qasam – nippreferi ngħid fejn nixtieq iwasslu d-deċiżjonijiet li jittieħdu. F'ċertu sens dawn huma l-valuri li għandhom imexxu l-għażla u lil min jagħżel, valuri dejjiema fejn jidħlu l-lingwi, speċjalment dawk mitkellma minn ftit nies meta mqabbla ma' ilsna oħra b'riżorsi lingwistiċi li jmorru lura mijiet ta' snin.

4.2.1 *Rispett lejn it-tradizzjoni*

Fejn hemm mudell diġà mifrux sew u mħaddem b'suċċess mill-parti l-kbira tal-kittieba, m'għandux isir żvilupp li jkisser dak li għal mijiet ta' snin evolva b'ċertu mod. Fejn hemm bżonn li l-bieb li tbexxaq fl-aħħar aġġornamenti jitbexxaq mill-ġdid, dan għandu jsir mill-aktar fis.

4.2.2 *Konsistenza*

Meta tittieħed deċiżjoni skond xi prinċipju msemmi hawn fuq, kliem ta' l-istess bixra għandu jkollu l-istess soluzzjoni.

4.2.3 *Semplifikazzjoni*

Il-Malti jista' jitqal ħafna meta d-deċiżjonijiet flok jirrispettawh bħala Malti, jitolbu mill-kittieba għarfien lilhinn mill-Malti li qed jiktbu. Il-Malti jista' u għandu jsawwar ir-regoli tiegħu bl-eċċezzjonijiet tiegħu wkoll.

4.2.4 *Ġeneralizzibilità*

Il-prinċipji ta' l-għażla jkunu jistgħu jilqgħu fihom kliem ġdid b'tali mod li s-soluzzjoni timxi fuq il-mekkaniżmu magħżul.

4.2.5 *Ilsien wieħed u sħiħ*

> L-Ilsien Malti għandu jidher bħala lsien wieħed u sħiħ mhux *collage* ta' lingwi oħra. L-ingredjenti li jitwaddbu fil-borma jagħtu t-togħma lil xulxin b'tali mod li jsiru platt wieħed; hekk għandu jkun il-Malti. Ilsien wieħed u sħiħ fih innifsu.

**Għeluq**

5.1 Dawn huma ftit riflessjonijiet ta' min il-Malti jħaddmu u jiktbu b'mod letterarju u akkademiku, aktar milli jistudjah skond oqsma lingwistiċi partikulari. Bħala kittieb u pedagoġista nħoss il-ħtieġa, il-lum qabel għada, ta' standardizzazzjoni. Ix-xogħol jiħfief bil-bosta u l-istudenti jieħdu gost jitgħallmuh għax rashom mistrieħa mill-verżjoni standard.

5.2 Tkun xi tkun id-deċiżjoni finali bejn varjanti differenti, dawk kollha li jiktbu għandhom fl-aħħar mill-aħħar jimxu skond ir-regoli uffiċjali rriveduti jew ġodda.

Il-kwistjoni tal-varjanti fil-kitba setgħet inħolqot minħabba nuqqas ta' tagħrif grammatikali/ortografiku serju li sata' kien hawn fostna fejn ideat differenti influwenzati minn xi tleħħin spiċċaw daħlu fil-kitba.

Meta jkun hemm regoli grammatikali fissi u tajba, il-kelma mleħħna qatt ma titħalla tidħol fil-kitba qabel tingħata ħarsa lejn l-għerq etimoloġiku. Il-gazzetti, ir-reklami, il-kartelluni - uffiċjali u m'humiex- qajla qatt impurtahom kif jiktbu; l-aqwa li jwasslu l-messaġġ! Biex ma nsemmix il-faqar tal-ħsieb Malti tradott minn ilsien ieħor li jkompli jkabbar il-pjaga. Minbarra hekk, forsi wkoll minħabba l-ħeffa li biha l-kelma bdiet tieħu sura Maltija, beda jitwarrab forsi għall-għażż kliem li għadu jingħad fi lsienna sa llum kieku biss ikollna ftit ħin niftakruh u nużawh!

Hemm bosta raġunijiet għaliex inħolqu "l-varjanti" fil-kitba mhux lanqas minnhom id-differenzi fit-tleħħin minn raħal/belt għal ieħor/oħra. Illum li bdejna nħarsu lejn iż-żamma tal-liġijiet kif stabbiliti nippruvaw neqirdu s-sikrana forsi xi darba Lsienna jieħu tabilħaqq il-ġieħ li ħaqqu!

**1**. Jekk ma' l-għerq tal-verb (ta' nisel semitiku) li minnu tnisslet il-kelma, napplikaw il-liġijiet u r-regoli li għandna fil-grammatika, ma għandux għalfejn ikollna dubju dwar kif għandna niktbu kelma għalkemm il-binja tista' toħloq tlissin u tleħħin differenti tal-vokali u tal-konsonanti.

- Ma hemm ebda raġuni għax verbi fit-III Forma bl-'għ' bħala √2 ma jimxux fuq il-verb 'bierek'. Għalhekk: *begħidna, ġegħilna, megħikna ,qegħidna, wegħidna* ( għalkemm kultant uħud inħossuhom jinħatfu f': *begħdna, megħkna* )

- Meta √1 tkun 'għ' jew 'h' f'verb trilitteru fl-Ewwel Forma u √2 tkun konsonanti likwida, daħlet id-drawwa li l-vokali tal-leħen ma tinkitibx quddiem il-likwida għax l-'għ'/'h' ma titleħħinx u l-likwida tinqeda bil-vokali ta' l-imperattiv (qabel l-'għ'/'h'). Għandna naċċettaw dan l-ispeċi ta' aspett ġdid fil-lingwa issa li l-'għ'/'h' ma għadhomx li kienu ? *nebeh* għaqqadnieha ma *nebaħ*, ara wkoll *ġieħ*, *ħejja* eċċ., kif ukoll *żbajt* flok *żbagħt* fejn √3 'għ' illum saret dgħajfa għal kollox. Għalhekk mela: *nagħrfu, nehmżu, negħlbu, negħmżu,* bl-imperattiv plural fl-Ewwel Forma vKKKu (iKSRu)

- Nom ta' l-għadd waħdieni mill-Ewwel Forma (*ukoll jekk ma tingħadx*) qatt ma jista' jkollu √2 doppja! Mela: *għaġla, għatba, għaxqa, għaksa, għajta* eċċ din ta' l-aħħar bil-plural *għajat* u l-istess mhux bl-√2 rduppjat għax isir verb tat-Tieni Forma jew nom ta' l-aġent. Ara *għassa = għases.*

- Meta nibdlu *nagħnagħ* f' *naħnaħ*, *għargħax* f' *għarax, għidt* f'*għedt* inkunu qed noħolqu eċċezzjoni għal kumdità u forsi l-ħeffa, iżda nkunu wkoll qed niftħu bieb bħal dak imsemmi qabel ta' *nebaħ*, *ġieħ*, *ħejja* eċċ.

- *gods* minn geddes = rekken, ġabar flimkien; *gozz* minn gezzez = nsatar, tqartas.

- Fil-każ ta' *partat* u *gerbeb* kwadrilitteri (hekk imsejħa ta' √1 fuq ix-xebh KvKKvK = il-formazzjoni tat-Tieni Forma) jistgħu jitqabblu mal-verbi Torox fit-Tieni Forma: XaMM= XaMMeM fejn it-tielet u r-raba' konsonanti huma l-istess u għalhekk: XaMMiMt, PaRTaTt, GeRBiBt *imma* XaMMu (mhux XaMM*M*u) u allura PaRTu u GeRBu u mhux PaRT*T*u u GerB*B*u. Fi ftit kliem fejn hemm tliet konsonanti wara xulxin u t-tieni u t-tielet huma l-istess taqa' waħda minnhom!

- It-T marbuta ma' kelma li tispiċċa b'vokali 'a' dejjem ħadet postha bħal f'*kelm(a)*t...i,…ek eċċ. Għalhekk *fehmti, saħħti* u wkoll *ħolmti* u *togħmti* dawn l-aħħar tnejn *bil-likwida* 'm' *muta* li mhux il-każ tal-likwida 'r' f'*qoxra* li ssir *qox<u>o</u>rti*.

- Qatt ukoll ma għandna **niktbu** *djufija* jew *dgħjufija* imma *dgħufija* (√d-għ-f) meta nafu li għandna *żgħ<u>**u**</u>rija* -- u mhux *żgħ<u>**o**</u>rija* -- (√ż-għ-r), bħal *tfulija, kburija, bżulija* eċċ.

- Dwar il-plural/kollettiv ta' nagħġa (ngħaġ/nagħaġ), ara wkoll ngħama (mhux nagħma)= ngħam, nagħla ngħul/nagħal u mhux inqas *nejba = njieb*

**2.** Kulfejn żewġ kelmiet jew kultant tlieta għaqqadniehom flimkien f'kelma waħda sawwarna *avverbju* bosta drabi b'tifsir ftit u xejn differenti. Kultant, tant jindraw flimkien li nitilfu għal kollox il-valur tal-kliem kif kien separat ħdejn xulxin.

<u>biż-żejjed</u> li għandek tista' timla xkora oħra

Issa <u>biżżejjed</u>, aqtagħha!

*jew*

<u>iż-żejjed</u> li għandek tarmihx

għamel <u>iżżejjed</u> quddiem martu

<u>dal-waqt</u> sibtni okkupat (dal-mument)

<u>dalwaqt</u> niġi, ma ndumx

<u>bil-ħaqq</u> kollox isir kif għandu jkun

<u>bilħaqq</u>, kont għidtlu lil….

<u>għal fejn</u> int?

<u>għalfejn</u> trid taf?

<u>kull jum</u> li jgħaddi tiżdied it-tama

nitlob għalik <u>kuljum</u>

Xtaqt kelli aktar żmien u spazju imma għallinqas fil-qagħda tiegħi kifinhi kkontribwejt li stajt bit-tama li joħroġ xi ftit ġid għal ilsienna.

# Michael Spagnol

**Fil-Gwardarobba**

F'din id-dinja ta' kliem jeżistu żewġ tipi ta' kelma. Hemm il-kelma li tilbes dejjem l-istess, qisha bl-uniformi. Din l-aktar komuni. Imbagħad hemm il-kelma li għandha ħabta daqqa toħroġ liebsa mod, daqqa mod ieħor.

Ġieli tilbes it-takkuna, *Ewropew*; drabi oħra toħroġ b'żarbun ċatt, *ewropew*. Hemm min iħobb ilibbisha l-*buz* u x-*xorz*, u hemm min jippreferiha bil-*buts* u x-*xorts*. Meta jiftlilha timxi mal-moda, u kultant tibqa' tilbes kif kienet imdorrija: issa toħroġlok bl-għonnella, *daħka*, u issa bil-miniskert, *daħqa*. Waħda tirrifletti l-pronunzja uvulari tal-Malti ta' dari, u l-oħra l-pronunzja glottali tal-Malti standard. Fil-gwardarobba għandna lbies ieħor. Imma f'dil-kitba xtaqt nieqaf fuq tip ta' lbies wieħed partikolari.

**Il-Ġakketta**

Kelma, ġieli toħroġ bil-ġakketta maqfula, u ġieli tħalliha miftuħa: *bħalma* u *bħal ma*, *ġaladarba* u *ġa la darba*, *l-ewwelnett* u *l-ewwel nett*, *għalkollox* u *għal kollox*. F'każi bħal dawn, għandna kliem li tant jagħmilha ma' xulxin, li xi wħud minna rawha tagħmel sens li ngħaqqduh f'kelma waħda, mingħajr spazji. Id-domanda toħroġ spontanja: liema se ngħaqqad u liema se nħallih mifrud; meta bil-ġakketta maqfula u meta biha miftuħa?

Jekk ngħaqqad *l-ewwelnett*, għandi ngħaqqad anke *l-kbir nett*, *iż-żgħir nett* u kull *nett* ieħor? La *bi* u *ħsiebi* ngħaqqadhom flimkien (i) għax jiffrekwentaw ħafna lil xulxin u (ii) għax jesprimu idea waħda li mhix is-somma tal-partijiet tagħha, mela, allura, għandi nikteb **bsaħħtu*, **filwaqtli*, **tataħtfuq*, **għallijistajkun*, **filmija* u **tabarraminhawn*?

Se nittratta xi każi meta l-ġakketta ġieli naqfluha u ġieli le. Jekk niktibx *ġaladarba* jew *ġa la darba*, ma tagħmilx differenza fit-tifsir. Tista' tgħid, kwistjoni ta' gosti. Mhux l-istess jgħodd għall-koppja *għalkollox–għal kollox*. Hemm min jgħid li fis-sens ta' 'completely, entirely', għandi niktibha magħquda (eż. Jekk ir-reċta tittellax jiddependi <u>għalkollox</u> mid-donazzjonijiet tan-nies), u fis-sens ta' 'for everything', għandi nħalliha mifruda (eż. L-opportunitajiet huma ndaqs <u>għal kollox</u> u għal kulħadd).
Fl-ewwel każ, maqfula jew miftuħa, bl-istess ġakketta nibqgħu. It-tieni każ, iżda, mhux biss kwistjoni ta' żipp imtella' jew imniżżel. Il-kelma tkun qisha ġakketta milli jinqalbu: tista' tilbisha minn naħa u mill-oħra, skond dak li tkun trid tfisser.

L-eżempji li ġejjin fit-Tabella 1 juru numru ta' każi fejn id-differenza bejn li jkollok aktar minn kelma waħda magħqudin flimkien u li jkollok il-kliem mifrud mill-ispazju jew mis-sing mhix biss superfiċjali, fuq il-livell tal-forma tal-kelma, imma tmiss livell semantiku jew kuntestwali, aktar fil-fond. 'Il quddiem se naraw li f'xi każi tmiss anke l-livell fonoloġiku u sintattiku.

Tabella 1:
*Koppji ta' varjanti magħqudin u mifrudin*

| Nru. | Varjant | Eżempju illustrattiv | Kumment |
|---|---|---|---|
| 1 | **bilħaqq** | **Bilħaqq**, kont se ninsa ngħidlek li ħija wasal. | |
| | **bil-ħaqq** | Għandna niġġieldu **bil-ħaqq** kollu għal drittijietna. | |
| 2 | **bilkemm** | Tant qed juġagħni dahri li **bilkemm** | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | flaħt inqum. | |
| | **bil-kemm** | **Bil-kemm** qiegħed il-basal? | |
| 3 | **biżżejjed** | Daqshekk **biżżejjed**, ma niflaħx niekol aktar. | Hemm min użaha verbalment, eż., *Intom se tbiżżejdu?!* |
| | **biż-żejjed** | **Biż-żejjed** li baqa' għandna biex nagħmlu festa. | |
| 4 | **dalwaqt** | **Dalwaqt** jasal l-ajruplan. | Tista' titqassar *daqt.* |
| | **dal-waqt** | **Dal-waqt** konna qed nirkbu l-ajruplan. | |
| 5 | **daqskemm** | Kif ma kilhiex; **daqskemm** jiekol is-soltu?! | |
| | **daqs kemm** | Xi **daqs kemm** fih il-kelb tiegħek? | |
| 6 | **filgħaxija** | Għamilna barbikju l-Ġimgħa **filgħaxija**. | Ġieli tkun *flgħaxija.* |
| | **fil-għaxija** | Il-muża mellsitu **fil-għaxija** tal-bieraħ. | Ġieli tkun *fl-għaxija.* |
| 7 | **għalfejn** | **Għalfejn** bqajt ma ġejtx? | |
| | **għal fejn** | Illejla **għal fejn**, Sinjura? | |
| 8 | **għalkemm** | Kiel kollox **għalkemm** ma kellux ġuħ. | |
| | **għal kemm** | **Għal kemm** sajjart? | |
| 9 | **għallaħħar** | Flixkun imkisser perikoluż **għallaħħar**. | |
| | **għall-aħħar** | It-tfal daħlu **għall-aħħar** eżami. | |
| 10 | **għallanqas** | Iċ-ċifra żdiedet b'**għallanqas** elf sa din is-sena. | Tista' tintuża *(minn) talanqas* flokha. |
| | **għall-anqas** | Baqgħu jħaqquha **għall-anqas** sold. | |
| 11 | **illejla** | **Illejla** hemm lejla Maltija l-pjazza. | |
| | **il-lejla** | **Il-lejla** Maltija saret il-pjazza. | |
| 12 | **iżżejjed** | It-tifel fitt **iżżejjed**. | |
| | **iż-żejjed** | **Iż-żejjed** ħu n-nieqes. | |
| 13 | **kemmildarba** | Bgħattlu **kemmildarba** imma ma weġibnix. | Aquilina, Joseph, 1987, *Maltese English Dictionary*, Malta, vol.1: 641. |
| | **kemm-il darba** | **Kemm-il darba** bgħattlu? | |
| 14 | **kultant** | **Kultant** tkun tixtieq tmur xi mkien 'il bogħod. | |
| | **kull tant** | **Kull tant** li jimxi, ikollu jieqaf jistrieħ. | |
| 15 | **lanqas** | **Lanqas** kont naf li għandu oħtu. | Tista' titqassar *aqqas* jew *'qas.* |
| | **l-anqas** | Lm40 kien **l-anqas** ammont li ġbarna. | Tista' titpartat ma' *l-inqas.* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16 | **minbarra**<br>**minn barra** | Tiftaħ kuljum **minbarra** t-Tnejn filgħodu.<br>Xtara karozza **minn barra**. | Tista' titqassar *imbarra* jew *barra*. |
| 17 | **mindaqshekk**<br>**minn daqshekk** | **Mindaqshekk**, ma nistax ingerger minnha.<br>**Minn daqshekk** sar daqshekk. | |
| 18 | **talanqas**<br>**ta' l-anqas** | **Talanqas** iffrankahielna dalgħodu.<br>Ħa l-premju **ta' l-anqas** wieħed li jaħdem! | Flokha tista' tintuża *għallanqas*. |
| 19 | **xħin**<br>**x'ħin** | **Xħin** wasalna, infaqa' jibki.<br>**X'ħin** wasalna? | Aquilina, Joseph, 1987, *Maltese English Dictionary*, Malta, vol.1: 545. |

Hawn fuq għandna każi:

- stabbiliti fejn il-kliem mifrud nużawh biex infissru xi ħaġa li, meta tgħaqqdu flimkien, ma jibqax ifissirha (eż. *għalkemm* bl-Ingliż tiġi 'although', *għal kemm* tiġi 'for how many'; *lanqas* tiġi 'not even', *l-anqas* tiġi 'the least') ;
- laxki fejn il-forma mifruda mill-ispazji ġieli titpartat mal-forma magħquda (eż. *fil-għaxija* tintuża flok *filgħaxija*, *il-lejla* flok *illejla*) ;
- impopolari għax ftit li xejn issir id-distinzjoni bejniethom fil-mod kif niktbuhom (eż. *kemmildarba* 'frequently' u *kemm-il darba* 'how many times'; *għallanqas* 'at least/at the least' u *għall-anqas* 'for the least').

**Infasslu l-Uniformi**

Biex ma jkollniex karnival ta' ħwejjeġ u jkollna iktar kliem bl-uniformi, proposta li toħroġ waħedha aktarx tkun li:

A. **inħalluhom mifrudin** meta jkollna koppji ta' kliem magħqud–mifrud li ma jinvolvux bidla fit-tifsir (*bħalma–bħal ma*, *bilfors–bil-fors*, *kemxejn–kemm xejn*), għax ma jkollniex motivazzjoni semantika jew sintattika (kif se naraw aktar 'l isfel) biex nagħmlu dan ;

B. **inżommu l-koppja ta' kliem magħqud–mifrud** meta l-partijiet li jikkomponu l-kliem magħqud jitilfu l-identità semantika u sintattika tagħhom u, b'hekk, jagħtu 'l-kelma *look* ġdid (*minbarra*, 'except, besides', u *minn barra*, 'from outside, from abroad').

Kriterju ieħor, minbarra dak semantiku, li jista' jgħinna nindunaw meta għandna każ ta' kelma differenti u mhux sempliċi firda mill-ispazju jew mis-sing, hu dak tat-taqsir. Il-fatt li *daqt* tista' tużaha bħala t-taqsira ta' *dalwaqt* imma mhux ta' *dal-waqt*; li *'qas* u *aqqas* joqogħdu flok *lanqas* imma mhux flok *l-anqas*; jew li *minbarra* tista' tqassarha *mbarra* jew *barra* imma ma tistax tagħmel l-istess lil *minn barra*, jistgħu jservu ta' indikazzjoni li hawnhekk qed niddiljaw ma' żewġ kelmiet differenti.

Dan jiġri għax il-kelma l-magħquda tkun tagħmel ma' kategorija grammatikali u l-kliem mifrud ikun jagħmel ma' oħra. Ngħidu aħna, *iż-żejjed* hi nom (jew, għall-eżattezza, frażi nominali) waqt li *żżejjed* hi avverb; *l-anqas* is-superlattiv ta' *nieqes* u *lanqas* avverb; *xħin* tista' tkun kemm avverb (l-eżempju 19 t'hawn fuq) u kemm konġunzjoni (eż. Infaqa' jibki xħin wasalna) mentri *x'ħin* ma tistax. Test sintattiku li kapaċi jkun indikattiv (imma mhux

konkluživ) hu li ddaħħal il-prepożizzjoni *fi* jew *għal* qabel *x_ħin*. Jekk toqgħod, eż. Fi x_ħin wasalna?, mela hi *x'ħin*; jekk ma toqgħodx, eż. *Infaqa' jibki fi x_ħin wasalna, mela hi *xħin*.

**L-Aċċessorji**

Nistgħu ninqdew bi kriterji oħra biex nagħżlu bejn kliem li għandu jingħaqad jew jitħalla mifrud. Ngħidu aħna, fil-każ ta' *biżżejjed–biż-żejjed*, mhux biss nistgħu ninqdew bil-kriterju sintattiku, għax għandna avverb fuq naħa u frażi nominali fuq l-oħra. Iżda ta' l-ewwel, tant nużawh biex insikktu lil xi ħadd, li fil-varjetà lingwistika ta' xi wħud kiseb il-forom ta' l-Imperattiv fis-singular, *biżżejjed*, u fil-plural, *biżżejdu*. Biex ma nsemmux it-tieni persuna ta' l-Imperfettiv, sija fis-singular, *tbiżżejjed*, sija fil-plural, *tbiżżejdu*, u, fit-teorija, il-ħames persuni l-oħra ta' l-Imperfettiv.

Fejn jidħlu l-koppji *xiħadd–xi ħadd* u *xiħaġa–xi ħaġa*, nistgħu nużaw kriterju fonoloġiku. Dawn tant insibuhom flimkien li l-vokali tagħhom jiġu armonizzati: *xaħadd* u *xaħaġa*, imqar fit-taħdit. L-armonizzazzjoni vokalika hi indikazzjoni li dawk li kienu żewġ kelmiet distinti, f'dan il-każ nittrattawhom bħala unità waħda, jekk xejn fuq livell fonoloġiku. Dan il-fenomenu jfeġġ anke fil-Malti djalettali. Fiż-Żejtuni, per eżempju, *xaħaġa* tiġi *xa.ħù.ġa*, hekk kif, għall-argument, *banana* tiġi *ba.nù.na*.

Aspett ieħor li jurina li *xiħadd* u *xiħaġa* jġibu ruħhom bħala nom sempliċi (jew mhux kompost), hu l-fatt li nistgħu nqiegħdu l-artiklu definit quddiemhom, eż. Dan ix-xiħadd qed iħawwad minn taħt; Oħtok għandha dik ix-xiħaġa li tiġbdek fiha. Ma nistgħux nagħmlu l-istess ħaġa bi frażi bħal *xi persuna* jew *xi oġġett*: *Din ix-xi persuna qed tħawwad minn taħt; *Oħtok għandha dak ix-xi oġġett li jiġbdek fiha.

**Xi Tiżrida fil-Ġakketta**

Dan id-diskors jgħodd għal numru ta' każi li huma ċari. Iżda hemm oħrajn inqas ċari, jew periferiċi. Aktar 'il fuq semmejna l-każi laxki (*illejla–il-lejla*). Hawnhekk irridu niddeċiedu jekk, meta nużaw *il-lejla* ('the evening') flok *illejla* ('tonight'), inkunux qed nagħmlu żball tassew, bħal meta nħalltu *iż-żejjed* ('the surplus') ma' *żżejjed* ('excessively'), jew le.

Semmejna anke l-każi impopolari (*kemmildarba–kemm-il darba*). Hawnhekk ukoll, irridu niddiskutu jekk dawn humiex tax-xorta ta' **bsaħħtu*, **filwaqtli*, **għallijistajkun*, eċċ., li tkellimna dwarhom fil-bidu, jew jekk għandniex nagħtuhom l-istess status ta' *għalkemm–għal kemm*.

Terġa', mhux dejjem faċli tadotta l-proposta A jew B taħt is-sottotitlu *Infasslu l-Uniformi*. Mhux faċli taqta' linja dritta bejn forom li għandhom il-motivazzjoni semantika u sintattika li jingħaqdu u forom li m'għandhomx. Ngħidu aħna, bejn *bħallikieku* u *bħal li kieku* m'hemmx differenza fit-tifsir jew fil-kategorija grammatikali. Lanqas m'hemm xi pekuljarità bħat-taqsir li ġġegħelna niddistingwuhom. B'danakollu, għandna d-drawwa, jew, li kieku kellna nħarsu lejha fid-dawl tal-proposta A, il-vizzju, li niktbuha bħala kelma magħquda.

Qisu għandna żewġ opposti. Fuq wiċċ tal-munita għandna każi bħal *kemmildarba–kemm-il darba* li huma impopolari imma jagħmel sens (semantiku u sintattiku) li nżommu d-distinzjoni bejniethom. L-ilbies jagħmlek nies – għax hawn il-kelma, in-nies jistmawha, semantikament u sintattikament, skond il-libsa li jkollha fuqha.
Fuq il-wiċċ l-ieħor, għandna *bħallikieku–bħal li kieku* u oħrajn bħalhom li, skond dawn il-kriterji, m'għandniex għalfejn ngħaqqduhom, iżda għandna l-konvenzjoni li niktbuhom magħqudin. L-ilbies jista' jagħmlek nies?

**Let us start in Germany**
Orthographic issues are not the same for the professional linguist and the native speaker of the language whose writing system is under debate. In my own country, the most recent spelling reform of the standard language has had and still has repercussions in the public discussion. For some – laymen and philologists alike – the reform is a fake as its proponents did not dare to make any major changes whereas others who are equally vociferous claim that reform is putting German cultural traditions at stake because what has been handed down to us by our ancestors has been subjected to pseudo-rationalist scrutiny and changed for no apparent reason. Since culture and education matters and policy do not belong to the domain of federal legislation in Germany, the individual states ("Bundesländer") are relatively free in their choice – they may or may not go along with the reform. Much the same holds for the other (partly) German-speaking countries (Austria, Liechtenstein, Switzerland, Luxemburg). The issue has not been settled yet and anti-reformers are standing their ground in various states, counties, cities, schools, newspapers, etc. As a matter of fact, the immediate result of this reform is dissent and diversification in lieu of homogeneity. The public opinion is split into three relatively large segements, viz. supporters, adversaries and neutralists. Much time and energy are wasted on the relatively futile discussion of the sense or nonsense of the spelling reform – sometimes focussing on single words or spelling rules. With this largely undesirable outcome in the back of my mind, I will try my best to comment on the problems of multiple orthographic renderings of semantically and phonologically identical items in written Maltese.

**General remarks**
Personally, I think that all kinds of orthographies are acceptable as long as they meet two criteria, viz. pupils must be able to learn and memorise the orthography of their native language easily and writers and readers of the language must be able to handle the orthography effortlessly. This does not mean that an internally heterogeneous orthography – even one which invites the classification as unsystematic – cannot be learned and handled. Discrepancies between graphic representation and phonetic realisation of items may be huge without making the orthography dysfunctional. Phonology and orthography may be largely dissociated from each other. One of the most important points to be considered is the symbolic function of orthography: the Maltese doublets for instance belong to a larger body of orthographic phenomena which, for those who use Maltese in writing and reading, constitute a culture-historical heritage which has a value of its own. In cultural matters, there is no place for rationalist reasoning. Thus, if one wants to change something in area A, the changes must not have an effect on the ties area A has with area B in the same orthography. A wholesale change of orthography say, from somewhat unsystematic to logically organised may not be desirable because the traditions might appear to be negatively affected by these measures.

Given these problems, one possibility could be to leave everything as is and allow for a well-defined set of orthographic alternatives with one of them being singled-out as the officially recommended graphic rendering of the item without declaring the other incorrect. The German spelling reform includes this tolerant approach for a relatively small number of cases. What would be necessary though is a regulation according to which within one and the same text, only one of the alternative spellings may be allowed in order to avoid the impression of textual incoherence.

However, if the number of alternative spellings is felt to exceed the tolerable limit (there is no language-independent yardstick to determine the limit!), one will have to regulate the spelling via decree. The decree itself has to be based on principles. Which principles are chosen depends entirely on the preferences of the institutions which occupy themselves with

language reform in a given community. Among the principles which could be chosen from we find:

- **each word has its own history**: According to this principle, there is no need to treat words etc. in analogy to other items of the language because the words etc. are individuals, in a manner of speaking.
- **analogy**: This is the opposite approach to the foregoing. The principle requires that items with similar internal structure be treated on a par with each other.
- **once a word always a word**: This is a sub-principle of **analogy**. In essence, it implies that larger items which contain smaller items which elsewhere in the language recur as separate words should be split up into several words. This may create problems when the splitting produces at least one item which does not have word-status elsewhere in the language.
- **univerbation**: In contradistinction to the above sub-principle, univerbation reflects a point of view which could be described as “grammaticalisation-oriented”. Constructions which in the course of time have coalesced in writing to give rise to a new complex written word should not be split up into the etymological components as long as the univerbated form
  **a)** has a meaning different from the one associated with the construction whose components are treated as separate words,
  **b)** belongs to a word-class or has a syntactic function different from the one of the (major constituent of the) construction whose components are written with spaces in between,
  **c)** contains elements which will be stranded as otherwise unknown in the language if the items are split up.
- **frequency**: This principle takes quantitative predominance as its starting point. Of any pair of alternative spellings, one is expected to occur more often than the other. If the differences in token frequency are statistically significant, the predominant solution is declared standard. However, token frequency does not exhaust the possibilities. For a given word, univerbation might be the most frequent solution whereas for similar cases, the statistics are less clearly in favour of one of two possible renderings. Thus, type frequency is likely to have a say in the decision process, too, because individualising one particular word from a “paradigm” of similar items might be in conflict with other principles as e.g. **analogy**.
- **Etymology**: **Etymology** is closely related to the very first principle mentioned on top of the list. Simplifying, what this principle amounts to is keeping the spelling of items constant over time independent of phonological issues and grammaticalisation processes. This principle may also extend to borrowings whose spelling could reflect the one used in the donor language (as long the donor language employs a Latinate alphabetic system).

Other principles – such as e.g. phonological adequacy etc. – cannot be applied to a segment of the orthography only as there application there would automatically require a spelling reform covering the entire orthography.

In addition, one has to decide whether it makes sense to operate on the basis of only one of the above principles or allow for a combination thereof. If the latter is the case, the question arises whether or not it is possible to establish a hierarchy of principles with one of them as default solution and the others entering the scene under certain conditions only.

In line with the idea implicit in my introductory paragraph, I suggest that the decisions to be taken be guided by the principle of **frequency** as long as there are no serious obstacles. I opt for **frequency** mainly because language users have already decided the issue for us linguists. It would be unwise to force a majority to adopt something which is typical for a perhaps only

very tiny minority. I admit however that this decision is rather schematic and suffers from the lack of concrete statistics on the use of word-forms. Moreover, discounting my outsider status for a moment, in a small number of cases listed in *Varjanti Ortografiċi*, I had the impression that the second-best candidate was indeed the more frequent one as e.g. #176-177 *madankollu* and *maġenb* (but this is absolutely impressionistic).

In what follows, I will opt, by default, for the first mentioned alternative in all those cases which I do not discuss specifically. Where I deem it necessary, I shall comment. Thus, for all those cases over which I pass in silence, the most frequent alternative is the one to be made official.

**From the list**

No. 1 *a favur / affavur*: This is already a problematic case. Writing a space between the two components is tantamount to promoting each of them to word- status. Does <*a*> have any independent word status in Maltese? As far as I can see only in phrases which are borrowed from or patterned according to an Italian model. If so, I recommend that *affavur* is given precedence over *a favur* irrespective of the existence of a lexeme *favur*. See also no. 226, where *per* is given word-status. The decision hinges on the desire of the community to treat foreign material à la Maltaise or according to the rules of the donor language. Consistency is perhaps the most important factor: thus, if you opt for *a favur* you will have to opt for *per każu*; if *affavur* is your choice, then *perkażu* should be acceptable for you, too.

No. 4 *a la biebu / alabiebu*: same remarks as above extending also to <*la*> whose word-status has to be clarified. Again, I opt for the second possibility, viz. *alabiebu*, not the least because it also has a unitary meaning which may not be easily reconstructable from the component parts. See also no. 156-158, 162, where one could partly be of a different opinion. (*branzetta* alone does not seem to be a Maltese word, nor does *la* – with the appropriate meaning, whereas *labranzetta* does...)

No. 5 *Alla ħares / Allaħares*: I prefer the second alternative because in this way one can distinguish between a full-blown sentence with the subject *Alla* and the predicate *ħares* and the discourse-particle *Allaħares*. (See also no. 208, where *mnalla* is preferred over *mn'Alla* etc.)

No. 16 *barra nett / barranett*: As I see it, -*nett* does occur quite frequently and behaves like a suffix(oid). If it is separated from its host, it becomes indistinguishable from *nett* whose meanings do not have any ties to the one of the "suffix" -*nett*. I therefore recommend that all occurrences of suffixed -*nett* be kept as they are (for instance no. 30, 77, 78, 82, 130, 131, 241, 243, 288, 294).

No. 85 *gastro-intestinali / gastrointestinali*: For all internationalisms of this and similar kind whose length exceeds the average length of autochthonous Maltese words, the hyphen seems to be most appropriate (as in 266). Thus perhaps, no. 171 should better be *linji-gwida* with a hyphen (the third option on the list is also best for no. 269-270, 273). The same applies to no. 244, *radju dramm / radjudramm* – why put a space when there is a hyphen available, thus: *radju-dramm*. Likewise: no. 293 should be *użu-frutt*.

No. 88 *gods / gozz*: if the plural *gdus* is the regular one (and not *gzuz/gziz),* I follow the proposal and recommend *gods*. Otherwise, *gozz* must be given preference.

No. 110*għar u każa / għarukaża*: As far as I understand it, *każa* hardly has an existence outside of this construction in Maltese. If this is really the case, the construction is already a

very tightly knit compound with a unique morpheme. Thus, I recommend that the second alternative be given preference over the first one.

No. 126*in ġenerali / inġenerali*: see comment to no. 1 / 4. As long as <*in*> has no independent existence in Maltese, it seems advisable to opt for the univerbated version.

No. 271*sta bene / stabene*: This pair of options is reminiscnet of no. 1 as it shares the property of consisting of two foreign elements. I prefer the second option although I know that *sta* also occurs in other constructions (*sta għal...*) for which it is not a good idea to univerbate the elements under scrutiny.

In general, I see that there is a tendency towards writing univerbated phrases in such a way that the erstwhile independence of its components is highlighted as in no. 96 *għal daqs hekk*. As a frequent reader of Maltese prose I have become accustomed to the univerbated version of many of these cases some of which seem to outnumber the split writing at least in the texts I read over the years. Nevertheless, I find the new solution acceptable as long as it is applied consistently – which it seems in *Varjanti Ortografiċi*.

I hope that my remarks are of help to you.

Illum hemm it-tendenza li frażijiet bħal dawn jingħaqdu f'kelma waħda. Il-Malti, bħall-Ġermaniż, għandu din il-possibbiltà, mela nużawha. Din iżda fil-biċċa l-kbira tal-każi ma għandhiex toħloq diffikultà lill-programmaturi tal-kompjuters għal jekk nieħdu bħala eżempju *għaldaqstant* huma jridu jdaħħlu lilha magħquda, imma wkoll il-komponenti tagħha waħdiet: *għal, daqs, tant.* Hawn ġejja l-lista kif ħsibtha jien:

*affavur* – it-tieni *f* hi ewfonika = tendenza tal-Malti (bħall-Isqalli) li jirdoppja l-konsonanti.
*għalabiebu* (mhux *alabiebu*) – il-komponent ta' quddiem hu l-partiċella prepożizzjoni *għala*, bħalmeta ngħidu: "għadda minn għala widnejja".
*allaħares* – f'dal-każ m'hemmx għalfejn tinkiteb b'kapitali: *allaħares*.
*awlillejl* – mill-Għarbi *awwalu layl*$^{in}$. Fil-Malti żdied l-artiklu quddiem *lejl.*
*bidunett, barraminhekk, barranett, l-aħħarnett, l-ewwelnett, taħtnett, waranett.* Fil-każ ta' –*nett* wieħed irid joqgħod attent għall-*ie* li fuqha tiġbed l-aċċent, imma anki –*nett* tiġbed l-aċċent fuqha, mela f'każijiet bħal dawn l-*ie* tispiċċa: *it-tininnett, it-tiletnett, quddimnett, qigħnett.*
*bħalissa, bħalkieku, bħallikieku, daqslikieku, daqskieku, daqstant, bħalma, bħalmeta, bħalxejn.*
Hemm bżonn issir għażla bejn *il-lum* u *llum*: *il-lum* = il-ġurnata li qegħdin fiha: "Il-lum it-Tnejn, 20 ta' Novembru." *illum* = daż-żmien: "Illum ma għadekx tara nisa bl-għonnella." Hekk ukoll *bħal-lum* u *bħallum,* u *tal-lum* u *tallum*. Hekk ukoll id-differenza bejn *il-bieraħ* u *lbieraħ*.
*il-biraħtlula.*
*illejla.*
*biħsiebi, fiħsiebi, bilfors, bilġri, bilħaqq, bilkemm, bilkif, billejl, bilqiegħda, bilwieqfa, binhar, daparti, dakinhar, dalgħodu, filgħodu, filgħaxija, dalħin, dallejl, dalwaqt, daqshekk, daqskemm, daqsxejn, darbafil, dawramejt, dażgur, ġaladarba, ġieli, gastrointentinali, granmastru, għadilli, għallaħħar, għalbiex, għaldaqshekk, għaldaqstant, għalfejn, għalgħarrieda, għalhekk, għalissa, għalkemm, għalkollox, għalli, għalxejn, għalxiex, għallaħħar, għallanqas, talanqas, għarkubbtejh, għarukaża, hawnhekk, hemmhekk, inġenerali, inkwistjoni, 'kallajrid, kemmildarba, kemmxejn, kuldarba, kulfejn, kulħadd, kullimkien, kuljum, kulma, kulmeta, kulmin, kultant, kulxejn, ladarba, laġenba, laħwa* (mill-Għarbi *jâ iẖwa*), *lakemm, lamaltija, limabħalu* (għaqda ta' *li ma bħalu* u mhux *liema bħalu*!), *lilhawn, lilhemm, lilhinn, linjigwida, lura, madankollu, madwar, maġenb, maħniex, manġapassiġġa, matul, mhawnx, mhemmx, mhijiex, mhix, mhumiex, mhuwiex, mhux, miniex, mintix, mintomx, minbarra, minbejn, mindaqqiet, mindaqshekk, minfejn, minflok, minfuq, mingħajr, mingħalija, mingħandu, mingħand, mintagħna, mnalla, nofsillejl, nofsinhar, in-nofsinhar* (m'hemmx għalfejn kapitali), *nofstanhar, nofsiegħa, pereżempju, perkażu, pezzakustjoni, primkuġin, sekondkuġin, primministru, primadonna* (anki fit-Taljan tinkiteb kelma waħda), *qabelxejn, qajlqajl, qarabagħli, radjudramm, teledramm, sadattant, safejn, saflaħħar, safrattant, sakemm, salaħħar, santafjakka, santapaċenzja, sekondawla* u *primawla* (mhux *sekond' awla* u lanqas *prim' awla*, kif hemm fil-Qorti), *sewwasew, skansafaċendi, soċjoekonomiku, sogħobbija* (*sogħob + bi + ja*), *sottokumitat, sottospekkju, stabene, superpotenza, tapposta, apposta, tabilfors, tabilħaqq, tabirruħi, talanqas, tampar(i), tassew, użufrutt, xiħadd, xiħaġa, xikultant, ximkien, ximindaqqiet.*
*filfatt* (agħmlu minn kollox biex tgħinu lin-nies inaqqsu l-użu tagħha).
Għandha ssir għażla bejn *biż-żejjed* u *biżżejjed*:
*biż-żejjed:* "Biż-żejjed u bin-nieqes ma jsirx xogħol tajjeb."
*biżżejjed:* "Kilna biżżejjed sakemm xbajna."
Għażla oħra li trid issir hi bejn *lanqas* u *l-anqas*:
"Lanqas għadu wasal l-akbar wieħed aħseb u ara l-anqas!"
*rasimbras* u *wiċċimbwiċċ* – mill-Għarbi: *ra's*$^{an}$ *bira's*$^{in}$ u *wajh*$^{an}$ *biwajh*$^{in}$.
*x'ħin* – "X'ħin hu bħalissa?"; *xħin* = meta – "Xħin wasalna kien ġa beda l-programm."

*żîna* = tiżjin – għerq *ż.j.n.*
*żina* = dnub kontra s-sitt kmandament ("la tiżnix") minn *żena* – għerq *ż.n.j.*

**Raġunijiet fonetiċi**

Ġeneralment il-ħoss jurik li tkun konsonanti twila mela doppja.
*Affrika, pepprin.*
*Akkrettu* – il-kliem imnissel minn ilsna Ewropej għandu jsegwi r-regoli tal-fonetika fil-ġarr ta' ittri u kliem minn ilsien għal ieħor.
*Alliev* jew *alljiev*? – stettament bil-Malti jmissha tiġi *alljev*.
*Awwissu* – (1) il-ħoss fonetiku hu ċar biżżejjed – s'issa għadni qatt ma smajt lil xi ħadd jgħid *Awissu* għad li l-biċċa l-kbira jiktbuha hekk. (2) Barra dak fonetiku, fil-kelma hemm ambjent ortografiku tajjeb għal doppja *w* b'vokali qabel u oħra wara, bħal *sewwa* li m'hijiex *sewa*.
*Ewwieq, ażżma, bibbliku, denn, dettall;* imma *beritta*.

**Kliem imnissel minn ilsna Semitiċi**

F'każijiet ta' kliem bil-Malti mnissel minn ilsna Semitiċi jeħtieġ li nibżgħu għall-għerq Semitiku jekk dan ikun jeżisti fil-Malti wkoll.
*Hallelujah* (mhux *halleluja* jew xi forma oħra) – mil-Lhudi *hallelû* = faħħru *yah* = taqsira tal-kelma qaddisa *jaħweh* = faħħru lil Jaħweh (Alla).
*Amen* – din saret kelma internazzjonali mnissla mil-Lhudi bil-għerq tagħha preżenti fil-Malti (alif m n). Dan l-għerq fil-Malti jintuża l-aktar fit-tieni forma (*emmen*), imma jeżisti kliem, illum ma tantx użat, ta' l-istess għerq fl-I forma bħal *emin* = fidil, ta' min joqgħod fuqu.
*Għarabja* – għalkemm it-tlissin tagħha ħa xeħta Taljanizzata, hemm l-għerq Semitiku preżenti fil-Malti: *Għarbi, Għarbija, Għarab;* mela nżommuh bla mittiefes.
*Għafrit-għefieret* (mhux *għafrid*) – mill-Għarbi *'ifrît-'afârît.*
*Islam* (mhux *Iżlam*) – mill-għerq *s.l.m* ta' *sliem*. Hekk ukoll id-derivanti kollha: *islamiku, islamistika, Mislem,* eċċ.
*Israel* (mhux *Iżrael*) – mil-Lhudi *issara ma' El* (= Alla) Ġakobb bidel ismu għal Israel wara li bil-lejl issara ma' l-anġlu tal-Mulej (ara Ġen 32: 23-33). Mela la għandna l-istess għeruq fil-Malti ma mmissuhomx!
*Magħreb* – mill-Għarbi *Magrib*; mill-istess għerq (*għ.r.b*) fil-Malti għandna *Għarb*.

**Kliem li jibda b'ittri kapitali**

Dan il-kliem għandu jibda b'ittri kbar:

- L-ismijiet kollha ta' nies, postijiet, ibħra, kontinenti, inħawi, eċċ.
- Aġġettivi mnisslin minn dawn ta' hawn fuq.
- L-ismijiet ta' reliġjonijiet u aġġettivi mnisslin minnhom.

*Il-baħar Mediterran, ix-xmara Ġordan, Ewropew, Taljan, Islamiku, Musulman, Mislem, Buddista, Nisrani, Protestant, Luteran, Kalvinist, Metodist, Anglikan, l-Amerka, Amerikan, il-Lvant Ċentrali, il-Lvant Imbiegħed, il-Lvant Nofsani, Semitiku, is-Sur Ġann Attard.*

**Verbi u nomi tat-tieni forma u kwadrilitteri**

Id-differenza bejn *baħħar* (verb) u *baħħâr* (nom) – u bħalhom hemm bosta – kemm jista' jkun ma għandhiex tidher permezz ta' l-aċċent, imma għandha tittieħed mill-kuntest li għalhekk fih l-aċċent ikun żejjed:
"Il-*baħħar* tella' l-ankra u salpa bil-bastiment." (nom)

"Jekk trid tara d-dinja *baħħar."* (verb)

Iżda mbagħad fejn mill-kuntest ma jidhirx ċar jekk hemmx nom jew verb, l-aċċent *jista'* jintuża:
"Missieri *baħħâr."* (nom)
"Missieri *baħħar."* (verb)

Imma ġeneralment id-differenza tingħaraf mill-kuntest.
Dan jiswa wkoll għal kliem bħal: *ġara* li tista' tkun verb jew nom:
"*Ġara* (verb) li l-*ġara* (nom) mietet u difnuha."

**Verbi tat-tielet forma bl-għ fin-nofs**

Bħala regola ġenerali dawn jinbnew fuq il-mudell *BieReK.*
Iżda mbagħad f'ċerti vuċijiet għall-vokalizzazzjoni trid tara kif ilissnuhom in-nies.
Ngħidu: *bierek-berikna*, imma minn *biegħed* x'ngħidu: *begħedna* jew *begħidna*?
Jekk noqogħdu fuq il-fonetika popolari jkollna ngħidu li ta' l-ewwel: *begħedna.*
Hekk ukoll: *wegħedna (wiegħed), qegħedna (qiegħed), ġegħelna (ġiegħel), megħekna (miegħek).*
Dan jingħad ukoll għal dawk il-verbi bl-*h* fin-nofs: *fehemna (fiehem).*

Iżda mbagħad attenzjoni: *qiegħed* (parteċipju maskil sing), *qiegħda* (fem) mhux *qegħda!*

**L-għerq jinżamm bla mittiefes**

*Bergħud-briegħed* – għerq *b.r.għ.d.* Kieku kelli ngħid "il-bergħud tiegħi" bil-pronom mehmuż, ngħid: *bergħudi* (mhux *bergħuti*).
*Bies* – għerq *b.w.s* li minnu noħorġu *bewsa.*
*Ċagħak, daħak, serduk, kagħka, kagħak.*
*Dgħufija* – f'dan l-ambjent fonetiku *għu* wara *d* tinstema' *dju.*
*Djieqa* (la *diqa* u lanqas *dieqa*) – għerq *d.j.q.*
*Żjieda* – għerq *ż.j.d.*
*Qjies* – għerq *q.j.s*; *qies* = verb.
*Tjieba* – għerq *t.j.b.*
*Dugħ* – għerq *d.w.għ.*
*Gerbbu* – minn *gerbeb* – għerq *g.r.b.b* (dan hu każ rari ta' verb kwadrilitteru trux).
*Gidjien* – għerq *g.d.j.* Hekk ukoll *subjien* – għerq *s.b.j*; *għotjien* – għerq *għ.t.j.*
*Gods* – mill-istess għerq *g.d.s* għandna *geddes* (it-tieni forma).
*Għaġla* – nom imnissel mill-ewwel forma, bħal *ħasda.*
*Għajat* = nom; *għajjat* = verb: "L-għalliem *għajjat*: 'X'inhu dan l-*għajat*?!' "
*Għargħax* – għerq *għ.r.għ.x.*
*Heżheż* – għerq *h.ż.h.ż.*
*Ħalltejn* = għadd imtenni ta' *ħalla* = mewġa kbira.
*Idejk* u qatt *jdejk* għax l-*i* m'hijiex tal-leħen. "Tani *idejh* u ġbidtu 'l fuq."
*Kasbar* – għerq *k.s.b.r.*
*Lenbi* (maskil sing) *lenbija* (femminil sing) *njiebi* (plural) – għerq *n.b.j.*
*Lenbuba* mill-verb *lenbeb* = *gerbeb* – għerq *l.n.b.b.* Verb ieħor kwadrilitteru trux.
*Parttu* mill-verb *partat* – għerq *p.r.t.t* (bħal fuq).
*Naħnaħ* = tkellem minn imnieħru bħal wieħed *naħnuħ* – għerq *n.ħ.n.ħ.*
*Nagħaġ* – plural *ngħaġ* (bħal *qgħad*) – kollettiv maskil sing.
*Riżq* – għerq *r.ż.q.* Hemm il-verb tat-tieni forma *reżżaq* = "ta l-manteniment" jew "ta r-riżq". Huwa għerq differenti minn *r.s.q* ta' *ressaq.*
*Rkobba* (plu. *rokob*) – għerq *r.k.b.*

**Xi kliem imnissel mit-Taljan**

*Bibljografija* mhux *biblijografija*.
Hekk ukoll: *bibjoteka, Antjokja...*
*Indenn, inizjattiva, inkwatru, karrozza, kooperattiva, kooperazzjoni, koordinatur, koordinazzjoni, labranzetta, magna.*
*Kontriek* = *kontra* + *k* f'dal-każ l-*a* saret *ie*.
*Perjodu, prietka, proprjament,proprjetà, proprjetarju, proprju.*
*Żvog,* bħal *żvojta, żvinturat.*
Jeħtieġ issir għażla bejn *skont* u *skond:*
Skont mit-Taljan *sconto*: "Sid il-ħanut għamilli *skont* (= raħħasli)."
Skond mit-Taljan *secondo*: "Il-Vanġelu *skond* San Ġwann."
*Zoptu* aktarx mit-Taljan *subito*.

**In-numri**

In-numri nħalluhom mifrudin għax inkella naslu għall-assurdità (bħal fit-Taljan) li niktbu f'kelma waħda xi ħaġa bħal din: *Mijawgħoxrinmiljunsebamijawħamsinelfumitejnusittin*!
*Wieħed u tletin* u mhux *wieħed-u-tletin* = ma nikkumplikawx għalxejn!

**L-Influwenza tal-*għ* fuq il-vokali**
Minħabba din l-influwenza tal-*għ*:
*Għidt* mhux *għedt*.

**L-imperfett ta' verbi trilitteri bl-*għ* u l-*h* fin-nofs**

*Nagħirfu, nagħarfu,* jew *nagħrfu*? Il-valur fonetiku tal-*għ* f'dan l-ambjent huwa żero, għalhekk ma tinħoloq ebda diffikultà fit-tnissil u m'hemmx bżonn ta' vokali tal-leħen quddiemha. Għaldaqstant, ejjew inħaffu l-ortografija, mela: *nagħrfu, negħlbu, negħmżu.* Hekk ukoll: *nehmżu.*

**Il-prepożizzjoni ta'**

Nippreferiha tibqa' sħiħa anki quddiem vokali (hekk ukoll *ma'*):
*Ta' April, ta' Alla, ta' Elena, ta' Indrì, ta' Ottubru, ta' Ugo.*

Meta din il-prepożizzjoni tkun artikolata quddiem *għ* u *h* inħobb inħalliha magħquda ma' l-artiklu; nifridha biss quddiem vokali (hekk ukoll *ma'*): *tal-hena, tal-għaqda, ta' l-omm, tal-missier.*

**Oħrajn**

*Fehmti, togħmti*
*Xbieha* bħal *xhieda* mill-Għarbi *šahâda* (taqa' l-vokali l-qasira, tibqa' t-twila).

# Martine Vanhove

## The issue of orthographic variants

Orthographic variants are quite widely spread among the various orthographic systems of the world and should not be regarded as a disease, but rather as cues, symptoms of language evolution. My general feeling, is that there is no emergency to edict rules against them for such a young spelling system as that of Maltese. Variants are indeed useful to the linguist and grammarian as a testimony of what is changing in the language and what is emerging. The fact that they are a problem for computer search or pedagogic purpose is not insuperable, and not so much time consuming that it is economically or pedagogically counter-productive. Moreover, changing spelling systems too often usually proves inefficient, and users tend to loose interest and not apply them.

Still, should the demand for a stable system come from a majority of users, then it is necessary to formulate sound rules which are as general as possible, and applicable whatever the etymon of the words considered. This is probably not an easy task in a multilingual society such as Malta is, with its high level of education in at least two other languages, English and Italian, whose spelling systems are bound to interfere with that of Maltese. Even more so among the journalists, who have to write under the pressure of emergency.

Any new rule should be based on a deep statistical survey of actual contemporary written texts of all types, but I don't know if enough have been computorized yet. Once this survey is done, then, in most cases, the majority rule should apply. I reckon that some sociological reasons, such as the obvious preferences of a publisher for a variant, may need to be examined as well in order to moderate the statistical approach. The variants should also be confronted with the oral usage, as phonetic change is also influencing the written system.

Another point concerns borrowings for which their ancientness in Maltese should be considered. Recent borrowings usually need some time to adapt to the foreign graphic system they are entering.

For the sake of the coherence of the items the Kunsill is going to examine, it should be mentioned that, contrary to the criteria given on the letter I received p. 1 § 5, not all the variants listed are indeed pronounced the same (e.g. *kagħak* and *qagħaq*).

## Classification of variants, their reasons and possible solutions

The list of variants can be explained by **six** different reasons which often combine by two or three, and can be further subdivided (e.g. by consonant type, etymology, etc.).

1. The issue of **word binding** (two or three words) concerns the majority of the listed items, which in isolation belong to all sorts of grammatical categories (determinatives, prepositions, adverbs, conjunctions, pronouns, negatives, nouns, adjectives, verbs, exclamations, numerals). They mainly form adverbials and particles (with often a categorial change of at least one of the two or three constituants) or more rarely compound nouns, exclamations… A small portion concerns frozen borrowings (4, 46, 60, 156, 162, 224, 226, 227, 271). The variants are between isolated words or hyphened (or apostrophed) words, and agglutinated forms. Rarely all three coexist (171, 184, 185, 218, 254, 269, 270, 281, 282, 283, 284, 289). The position which was adopted for French was to agglutinate the forms if speakers feel they form one word and are no longer consciously analyzed as two or three words. A very subjective criteria, but which can in many instances be supported either by phonetic criteria (e.g. one accent) or by statistics (i.e. the most frequent orthography used in written texts). The

need to agglutinate should also be supported by the degree of frequency in discourse (and in texts) of each item: it could be more appropriate to use a single rule for frequent words such as *mhemmx, kulħadd, kullimkien, lura, għarukaża, għalhekk, illum, daqsxejn, bidunett, bħallikieku, tal-hena* or *bilqiegħda* than for e.g. *a favur,*[52] *da parti, prima donna* or *skansa faċendi*. But this single rule need not be the same for all the items that belong to this category. Statistics may go contrary to my own preferences, i.e. that most forms could be agglutinated but the article which should continue to be followed by a hyphen, unless it is no longer analyzed as such (e.g. *biżżejjed, illum, tassew*). But one must not forget that long words are foreign to the Maltese system, and that German for instance had to disagglutinized too long words in its recent orthographic reform.

On the other hand the elimination of a variant such as *ma hemmx* is not straightforward, as speakers, for various pragmatic reasons, still use it orally.

Regarding the case of *nett*, the graphic variants *quddimnett, it-tiletnett, it-tininett* are a proof that the italian word *netto* has really become a suffix in Maltese (the *i* instead of *ie* may prove that there is one accentual unit with the stress on *nett*), and should be written agglutinated as other suffixes. Still, the widespread knowledge of Italian obviously acts as a restraint on the agglutinated form.

As for the case of compound numerals (65, 66), I have no preference, but for pedagogical and paradigmatic reasons, I feel that all of them should be either agglutinated or separated, not only a subpart of them.

On the other hand, I have difficulties accepting agglutinated forms with *xi* (except *xħin*), but cannot think of a good reason for that!

In any case, I do not think it would be advisable to propose unused forms[53] in order to align them on a paradigm (cf. **bħallum, *bħalmeta, *bħalxejn, *bilkif, *kuldarba, *minbarra, *minbejn, *mindaqqiet, *mindaqshekk, *minfejn, *primministru,* wieħed-u-tletin, *ximkien*). If the need does not come from the users, why make things more complicated even for linguistically (paradigmatic) grounded reasons?

As for items 275 to 280 the ellision of the *a* in *ta' > t'* in front of a vowel looks odd graphically within the Maltese spelling system, eventhough the vowel of the preposition is not pronounced. Is the visual argument enough to refuse this variant?

Items such as 85 or 266 which create odd vocalic combinations in Maltese (*oi, oe*) need to be tested on Maltese users to check whether they are accepted, but they concern rare and recently borrowed words which need time to become stable in the system.

2. **Phonetics** alone can account for a number of variants.

2.1. Most of them concern simple or geminated consonants (whatever their "correct" pronunciation). I feel that in most of the cases below, phonetic spelling should prevail. But if there is a correlation with dialectal variants, as there is no consensus on all the linguistic items that can be considered as standard Maltese, I cannot see any reason yet to choose between one variant or the other. For borrowings and their relationship to their cognate forms in Italian or English, the issue of the orthographic system usually adopted should be considered, as well as

---

[52] In addition, this item presents a phonetic problem with the variant *affavur*. Would the *f* be really geminated, then the agglutinated form should be prefered to the etymological one because it means that the item is not felt as a borrowing any longer.

[53] If my interpretation of the * as a symbol for unused is correct.

the (approximate) date of borrowing. As for *għajat* or *għajjat*, morphology may also be considered. Below are listed the types of words concerned:
(i) in between vowels for *r*, *m*, and the semi-consonants: 8, 10, 19, 69, 93,135; and in one case (141) for *t* in a loan word.

(ii) in front of *r, l* or *m* (in loan words only): 2, 12, 29, 92, 223, 247. In front of *m* (12, 247) it is unlikely that the consonant is ever pronounced geminated.

(iii) after an *r*: 86, 222.

(iv) *z* (usually geminated in Italian borrowings, so why not align?) before a semi-consonant *j*: *inizjattiva* or *inizzjativa*.

2.2. Others concern the semi-consonant *j*:

(i) its presence or absence in front of *ie* (a matter of dialectal variants? also of etymology in some cases?): 7, 87, 113, 242, 262, 272, 291, 306.

(ii) the presence or absence of *i* in borrowings before *j* to avoid the original Italian vocalic cluster *io*: *biblijografija*, *bibljografija*, *biblijoteka* or *bibljoteka*, *perjodu* or *perijodu*. The variant *ijo* looks to me as a strange compromise between the original orthography and the Maltese spelling system which, apart from *ie* does not accept vocalic clusters. The *i* could be eliminated and aligned on other borrowings without the *i* (cf. e.g. *ko(o)perazzjoni*)

2.3. The existence of several graphemes for the same phoneme concerns only two iems: *gods* or *gozz*, for which etymology should only prevail if statistics in real texts go in favour of it (maybe doubtful as Aquilina in his dictionary already noted that is pronounced and often written as *gozz*), if not, phonetics could prevail. In the case of *buz* (I guess *buzz* might also appear one day when the loan word is fully integrated…) or *buts* or *boots* (English spelling), the problem is twofold: the fact that it is a recent borrowing and that Maltese are fully aware of the English spelling system. Wait and see!

2.4. The diacritics and digraphs for long vowels:
(i) the mixing of long *i* and *ie:* as they are two different phonemes, they should not be mixed up, and the phonetic variant *ie* of *i* in front of *q* and *ħ* should be solved in favor of the phonemic variant if statistics can prove that it is the most frequent, cf. *diqa* or *dieqa, ġix* or *ġiex*, *kontrik* or *kontriek*, *xbieħa* or *xbiħa* (in the latter form, phonetics is probably of no help).

(ii) the presence or absence of a diacritic on long *â* and long *î*: if statistics on texts exist, I would not be surprised that long vowels are rarely noted with a circumflex accent. In addition, because of the low rate of phonemic opposition, and thus the scarcity of possible confusions, and because speakers probably do not make the confusion when speaking or reading, *â* and *î* could easily be abandonned. Only two items are concerned in the list: *ġara* or *ġâra*, *żina* or *żîna.*

(iii) the vocalic cluster *oo* in borrowings: *koperattiva* or *kooperattiva, koperativa* or *kooperativa*, *koperazzjoni* or *kooperazzjoni*, *kordinatur* or *koordinatur*, *kordinazzjoni* or *koordinazzjoni*. I would think the least akward as compared to the Maltese standard spelling, i.e. no vocalic cluster, would be better, but sociological reasons linked to multilingualism in Malta should be considered and go against my first intuition.

3. **Morphology** alone is rarely the sole reason behind a variant and most items concerned combine morphological and phonetic reasons.

3.1. The sole case of a simple morphological issue is that of *togħmti* vs *togħomti*. Should it be aligned on *togħma*, the radical base of this pronominal form, or should the odd consonant cluster *għmt* be eliminated in favour of the form *togħomti*? Both paradigmatic reasons could be called upon and only the majority usage could decide.

3.2. One recurring problem is that of the groups *(e)għiCC* or *ehiCC* which are orally pronounced as long [e:] (17, 72, 81, 112, 183, 213, 214, 215, 240; similar is 212). Morphology as well as phonetics are at issue here. In the original spelling with a second *i* paradigmatic reasons (alignment on other verbs without a weak consonant) took over phonetic ones. Nowadays it seems that the etymological consonants *għ* and *h* already bring up enough spelling trouble to learners so that in this instance the morphological approach should be avoided in favour of the phonetic solution.

3.3 The retention of double consonants sometimes meets morphological problems: either the paradigmatic view prevails as in *ħalltejn* (from *ħalla*), or the phonetic one as in *ħaltejn*. This is probably not the sole case of variants in this category, but here (and for other cases) contrary to what I advocated in 3.2., I would favour the morphological approach as it can easily be taught: the orthography and pronunciation of other members of the paradigm help.

4. **Etymology** alone is also rarely the sole reason behind a variant and most items concerned combine morphological and phonetic reasons.

4.1. The purely etymological problems concern the etymological spelling of *għ* and *h*:
(a) *Arabja* or *Għarabja* (spelled *Għarabija* in Aquilina's dictionary): easier would be to align on the other forms of the paradigm (with *għ)*, but the influence of Italian and English spelling should not be neglected,

(b) *għargħax* or *għarax*: as the etymology is unclear, why not choose the simplest version *għarax*?

(c) *xhieda* or *xiehda*: I can't think of any Maltese word with an initial consonant clusters in *Ch* (sorry if I am wrong), one might choose the second variant.

4.2. More often the etymological spelling is in conflict with the phonetic one, but they do not bring up the same types of problems:
(a) If the etymological *heżheż* is really pronounced *heżżeż*, then why not accept the latter form? But both variants also exist in Arabic, and it might be a question of dialects.

(b) Regarding the issue of voicing and devoicing assimilations in consonant clusters, or of devoicing in final position, paradigms might be considered in favour of the etymological approach, *priedka* could be supported by *predikatur*, *bies* (against etymology) by the pl. *bisien*. But for some items paradigms are of no help as the same alternations occur (cf. *għarkubbtejh* or *għarkupptejh* vs the f.sg form *rkobba/rkoppa, bergħud(a)* or *bergħut(a)*). Here again one might be faced with dialectal variants. When no paradigmatic series exist, one might favour phonetics, unless the majority usage goes contrary (*akkrettu* or *akkredtu, dvalja* or *tvalja, kasbar* or *każbar, risq* or *riżq, soptu* or *sobtu*. For *għafrid* or *għafrit*, etymology supports phonetics, so why not choose the second variant?) In the case of **skont*, there is no need to introduce an unused form, as the logogrammic (i.e. visual) aspect of this form obviously prevails for the users.

(c) The etymological *għ* concerns three items. Paradigmatic consideration (*għarb*) may favour *Magħreb*, but if it is pronounced as *Magreb*, why keep the etymological form? Or is it an influence of Italian and English pronunciations favored by the mass medias? If *naħnaħ* is always pronounced as such, it would be better to eliminate *nagħnagħ*, as the first *għ* is never

pronounced as *ħ* in this position. As for *nagħaġ* or *ngħaġ*, the paradigmatic argument used by Aquilina in his dictionary which favours *nagħaġ* seems sound (pattern of *basla* - *basal, baqra* - *baqar*).

(d) The sole argument in favour of *n* in the series *lembija* or *lenbija*, and *lembuba* or *lenbuba,* is the pl. *lniebi*, if still in use (but I personnaly recorded *lembijiet*). Otherwise phonetics, if supported by statistics, might be favoured.

(e) I would reckon that very few people pronounce the *r* in the second cluster in *proprjament* or *propjament, proprjetà* or *propjetà, proprjetarju* or *propjetarju, proprju* or *propju*. I feel that it could be easily eliminated, unless the influence of Italian spelling proves pervasive (and majoritary) in usage.

5. **Upper case letters** *vs* lower case (13, 71, 173, 174, 207, 209, 216, 219, 236, 259, 274, 305) in proper names (whether nouns or adjectives) is a matter of convention which each orthographic system solved its own way. In this domain being consistant one way or the other should prevail as one rule is better and easier taught than two. 13 and 305 are boarder cases as *baħar* and *xmara* are also common nouns. But if one accepts upper case for them when specified by a geographic reference, why not also *belt*, *muntanja*...? Anyway this issue is certainly not a problem for computer search.

6. **Dialectal variants**

They concern (i) the alternation between *k* and *q* (44, 45, 134, 260), (ii) probably also the vocalic and consonantal alternations in borrowings (109, 128, 132, 246, 263). As there is no consensus on all the linguistic items that can be considered as standard Maltese, I feel that there is no reason yet to choose between one variant or the other. (iii) As for the old borrowing *magna* or *makna,* if they really are dialectal variants, the problem is the same as for the aforementioned items. If not, then phonetics could prevail on etymology if supported by usage (here interferences with the Italian cognate may have recently occurred).

# Alexandra Vella

## Introduzzjoni qasira

Dan id-dokument jiġbor fih ftit informazzjoni dwar xogħol li sar biex jiġu identifikati xejriet fl-għażliet ta' varjanti ortografiċi fost nies involuti fix-xogħol ta' traduzzjoni f'xi wħud mill-istituzzjonijiet Ewropej, kemm fil-Lussemburgu kif ukoll fi Brussell. L-għan ta' dan ix-xogħol kien li jiġi stabbilit fil-fatt jekk il-varjabilità fl-użu ta' varjanti ortografiċi hijiex kbira fil-fatt daqskemm naħsbu li hi f'dan is-settur. Dan id-dokument jinqasam fi tnejn: fl-ewwel parti nispjega fil-qosor il-kodifikazzjoni li użajt, fit-tieni parti nagħti ħarsa ta' malajr lejn ir-riżultati ta' l-analiżi.

## Spjega tal-kodifikazzjoni li ntużat

Inġabret *data* minn 14-il persuna, kollha jaħdmu (min ilu ferm, min beda iktar reċentement) ma' l-istituzzjonijiet Ewropej. It-tweġibiet inġabru f'lista waħda. Intużaw ukoll dawn il-konvenzjonijiet:

- Is-simbolu "Ø" ġie miżjud biex juri li persuna partikolari m'għamlet l-ebda għażla
- Meta ngħatat distinzjoni għal żewġ użi differenti, waħda għal kull varjant differenti, dan il-fatt ġie indikat permezz taż-żieda "2 sensi"
- Għażliet mhux fil-lista ġew miżjuda fil-marġni.

Għaddejt in-numru ta' risposti għal kull varjant u għamilt kodifikazzjoni bil-kulur. Din tinkludi n-numru ta' dawk li m'għamlux għażla, jiġifieri l-Ø, u tan-numru ta' każi fejn ingħataw spjegazzjonijiet ta' kliem b'2 sensi jew fejn ġew miżjuda varjanti differenti (dawn iddaħħlu fil-lista f'ċellola separata bil-kulur "kannella".[54]

Il-deċiżjonijiet ta' kif saret il-kodifikazzjoni huma spjegati hawn taħt:

| Irrispondew **14**-il persuna, li kollha b'xi mod huma involuti f'xogħol li jġegħelhom iħaddmu l-Malti b'mod regolari | Nr. ta' għażliet | |
|---|---|---|
| Meta, minn 14, kien hemm qbil assolut fuq l-għażla ta' l-istess varjant | 14 | 100% |
| Meta, minn 14, għamlu għażla ta' varjant speċifiku 13 jew 12 minn dawk li rrispondew | 13-12 | ±100% |
| Meta, minn 14, għamlu għażla ta' varjant speċifiku 11, 10 jew 9 minn dawk li rrispondew | 11-10-9 | ±75% |
| Meta, minn 14, għamlu għażla ta' varjant speċifiku 8, 7 jew 6 minn dawk li rrispondew | 8-7-6 | ±50% |
| Meta, minn 14, għamlu għażla ta' varjant speċifiku 5 jew inqas minn dawk li rrispondew | 1-2-3-4-5 | ±25% |

Ħlief fil-każ ta' qbil assolut, il-persentaġġi nħadmu fuq medda ta' numri minħabba l-fatt li n-numru ta' dawk li taw sehemhom f'din il-kwantifikazzjoni kien żgħir u iktar kienet importanti li jidhru, fejn kien hemm, ix-xejriet partikolari. Għalhekk, fejn kien hemm 13 jew 12 li għamlu l-istess għażla, speċjalment la nafu li l-kliem fil-lista nġabru fuq il-bażi tal-problematiċità tagħhom, it-13 jew it-12-il għażla identika ta' l-istess varjant tqieset bħala qbil kważi (għalhekk "±") assolut. Bl-istess mod, 11, 10 jew 9 għażliet identiċi għal varjant wieħed ġew magħduda bħala qbil ta' 75% fost dawk li rrispondew, eċċ.

[54] Referenza għal-lista hija possibbli: min jixtieq kopja għandu jikteb *email* lil sandra.vella@pt.lu.

**Sommarju tar-riżultati**

Din il-kwantifikazzjoni mhix waħda xjentifika, anke minħabba l-fatt li dawk li rrispondew ma jistgħux jitqiesu bħala *random sample* għax intgħażlu kollha minn fost nies li jaħdmu fl-istituzzjonijiet Ewropej. Il-*pie chart* t'hawn taħt tagħtina r-riżultati fil-qosor:




Il-*pie chart* turi hekk :

- Li kien hemm 6% tal-kliem fil-lista li fuqu kien hemm qbil assolut fl-għażla ta' varjant speċifiku (xi eżempji – 'ċagħaq', 'Ewropew', 'għarukaża', 'kulħadd', 'qarabagħli')
- Li kien hemm qbil bejn kważi dawk kollha li ħadu sehem f'dan ix-xogħol ta' kwantifikazzjoni fuq l-għażla ta' l-istess varjant f'20% tal-kliem fil-lista (xi eżempji – 'Afrika', 'dalgħodu', 'dawramejt', 'l-aħħarnett', 'xi ħaġa')
- Li għal 39% tal-kliem fil-lista, kien hemm qbil ta' tliet kwarti minn dawk li ħadu sehem (xi eżempji – 'bħallum', 'imb'ras', 'm'hemmx', 'nagħrfu', 'skansafaċendi')
- Li għal 18% tal-kliem fil-lista, nofs dawk li ħadu sehem għamlu l-istess preferenza (l-għażliet tan-nofs l-ieħor kienu sparpaljati) (xi eżempji – 'għallanqas', 'inġenerali', ''kk Alla jrid', 'kooperattiva' u 'sottospekku')
- Li għal 12% biss tal-kliem fil-lista, l-għażliet ta' dawk li ħadu sehem kienu maqsumin bejn żewġ kampi kważi bl-eżatt (xi eżempji 'Awissu' ~ 'Awwissu', 'm'humiex' ~ 'mhumiex', 'nofs il-lejl' ~ 'nofsillejl', 'sfog' ~ 'żvog' u 'wegħedna' ~ 'wegħidna')
- Li għal 5% biss tal-kliem fil-lista deher li hemm stampa kompletament imċajpra ta' kif għandha tiġi miktuba kelma partikolari (xi eżempji 'darba fil' ~ 'darba fill' ~ 'darbafill' ~ 'darbafil', 'awl il-lejl' ~ 'ewl il-lejl' ~ 'awlillejl' ~ 'ewlillejl', 'granmastru' ~ 'gran mastru' ~ 'grammastru').

Li nsib inkuraġġanti hu li kien hemm ħafna iktar konformità milli kont qed nistenna li jkun hemm. Jekk ngħoddu s-6% ta' kliem li fuqu kien hemm qbil assolut mal-20% fejn kien hemm qbil relattiv, insibu li kien hemm 26% mill-każi fejn kien hemm qbil fuq l-istess varjant. Ma' dawn nistgħu nżidu d-39% tal-każi fejn kien hemm madwar 75% minn dawk li ħadu sehem f'dan l-istudju żgħir li qablu fuq l-istess varjant.

Jiġifieri, f'65% tal-każi "problematiċi" li ġabar il-Kunsill, kien hemm qbil ta' almenu 75% minn dawk li rrispondew fuq l-għażla ta' l-istess varjant: naħseb dan il-fatt hu inkuraġġanti għax jista' jindika li, meta n-nies ikunu qed iħaddmuha l-lingwa, hemm ċans li iktar ma jgħaddi ż-żmien, ikun possibbli li iktar nimxu lejn standardizzar.

Kienu biss 5% tal-każi fejn ir-risposti kienu sparpaljati u 12% fejn, sfortunatament, l-għażliet kienu eżatt 50-50%: dawn ta' l-aħħar, sa ċertu punt, l-iktar li narahom inkwetanti.

Fil-bqija, jiġifieri 18% mill-każi, 50% għamlu preferenza ċara għal varjant wieħed, imma mbagħad kien hemm sparpaljar fuq varjanti oħra, rispondenti li rrifjutaw li jwieġbu, għażla ta' varjant mhux fuq il-lista, eċċ.. Dan il-grupp ma narahx daqshekk inkwetanti.

**Konklużjoni**

Naħseb jista' jkun utli li jsir stħarriġ, *forsi* online u fuq perjodu ta' żmien pjuttost twil, li permezz tiegħu l-pubbliku inġenerali jkun jista' jagħti *feedback*. Fl-istess ħin, naħseb li hemm ħafna każi ta' għażliet li fil-fatt mhumiex daqshekk problematiċi biex isiru wara għarbiel xieraq u fejn hu possibbli, fl-isfond ta' kriterji ċari (eċċezzjonijiet dejjem ser ikun hemm, imma din hija ħaġa inevitabbli għax il-lingwa l-ħin kollu tinbidel). Fejn jistgħu jittieħdu deċizjonijiet, kif ukoll jitħejjew u jiġu ppubblikati "għodod" għall-użu ta' l-utent, dawn jistgħu jgħinu l-inċertezza tonqos, ħaġa li, mir-riżultati ta' dan ix-xogħol ta' kwantitattiv żgħir, tidher li diġà qed isseħħ fost dawk li qed jħaddmu l-lingwa għall-iskop ta' xogħol fid-traduzzjoni.

# Charles Vella

Dawn huma l-kummenti tiegħi dwar il-varjanti ortografiċi. Nammetti li mhumiex neqsin minn kontradizzjonijiet imma pprovajt insib bilanċ bejn l-użu, ir-regoli ta' l-ortografija u preferenzi personali.

Spjegazzjoni

a. għax hekk ġeneralment tinstema' fi lsien il-poplu
b. użu avverbjali li jibdel in-nom f'espressjoni kwalitattiva
c. m'għandniex nittrattaw il-varjanti daqs kieku l-ilsien Malti jibża' minnhom. Fejn ma jfixklux, jien inħoss li jsebbħu u jarrikkixxu l-lingwa
d. kriterji viżivi, prattiċi
e. il-kontest tal-kelma jiddetermina l-pronunzja mingħajr ebda tfixkil
f. it-tennija tal-konsonanti 'rr' hija użu aktarx marbut ma' xi lokalitajiet f'Malta. Għandna wkoll il-kelma *kumpannija* li naqbel li għandha tinkiteb *kumpanija*
g. kriterju pedagoġiku
h. forma ilha aċċettata u ma nħossx li għandha tinbidel
i. preferenza personali

Preferenzi

1. affavur (a)
2. Afrika (a)
3. akkredtu – kelma ġejja mit-Taljan *credito.* Inħoss li għandha titqies fuq il-mudell ta' kliem semitiku li jispiċċa b'konsonanti qawwija bħal *b* u tinstema' *p*, eż. *dnub/dnup*, *ħadid/ħadit*, ukoll jekk mhux strettament skond il-loġika ta' l-ortografija.
4. alabiebu – (b)
5. Alla ħares, Alla jħares – naċċettahom it-tnejn għax jista' jkollhom tifsira differenti, eż. "Alla ħares jersaq 'l hawn għax nagħtih xebgħa"; "Alla jħares lil kulħadd mid-diżgrazzi." L-importanti hu li *Alla* tibqa' kelma kkapitalizzata bħal fl-Ingliż 'God willing'.
6. alleluja, halleluja – naċċettahom it-tnejn. (ċ)
7. alliev – naf bandisti li iktar minn tmenin sena ilu kienu jużaw din il-pronunzja għal dawk li kienu jkunu jitgħallmu xi strument.
8. amen (d)
9. Arabja (d), imma mbagħad irridu naraw x'nagħmlu bi kliem ieħor, eż. *Għarbi/Arbi, Għarbija/Arbija, Għ*ara *b/*Ara *b* fejn l-*għ* hija kkaratterizzata bit-titwil ta' l-*a* warajha. Nistgħu nittrattaw Ara *bja* bħala eċċezzjoni.
10. Awwissu (a)
11. awl il-lejl (a) & (d). Għalkemm avverbju, bħal *filgħaxija*, naħseb li llum drajna niktbuha *awl il-lejl.* Teżisti wkoll *hawn il-lejl* imma naħseb din hija korruzzjoni ta' *awl.*
12. ażżma (a)
13. il-Baħar Mediterran – il-Malti dejjem mexa fuq is-sistema Ingliża li tikkapitalizza l-ismijiet proprji u naħseb għandna nissoktaw nagħmlu hekk. Ninsew is-sistema Taljana (Italia/italiano).
14. baħħar (e). Jekk jista' jkun ma nżidux iktar simboli fl-alfabett Malti.
15. barraminhekk – taqbel mar-regola ġenerali li meta l-kliem ikollu funzjoni avverbjali, dan għandu jingħaqad. Eċċezzjonijiet jista' jkun hemm, u mhux ftit.
16. barranett – (ara nru 15)
17. begħidna – jekk nibdlu din il-forma minħabba raġunijiet purament ta' pronunzja rridu naraw il-konsegwenzi. X'nagħmlu, per eżempju, bi *tbegħid*?
18. bergħud – għandna numru mhux ħażin ta' kliem li jispiċċa b'konsonanti qawwija li titlissen b'mod iktar artab u ma naqbilx li mmissu r-regoli kurrenti, eż. d/t *bergħud*, b/p *bieb*, ġ/ċ *t*ara *ġ*, eċċ.

19. beritta (f)
20. bħalissa – użu avverbjali.
21. Bħallikieku – ara nru. 20 u (a).
22. (ara nru 21)
23. bħal-lum – *bħal* hija prepożizzjoni ta' xebh, eż. qares bħal-lumi. Ma naħsibx li nistgħu naċċettaw *bħallumi.*
24. bħalma – użu avverbjali.
25. bħal meta – jekk ngħaqqdu din f'kelma waħda rridu naraw x'jiġri mill-espressjoni *minn meta*. *Minnmeta* jidhirli li mhix xierqa – (d).
26. bħalxejn – kont nippreferi niktibha *bħal xejn* imma diġà għandna *kemmxejn, daqsxejn* li huma aċċettati.
27. biblijografija – (a)
28. biblijoteka – (a)
29. bibbliku – kelma li ġejja minn *bibbja*. Naħseb din id-derivazzjoni m'għandhiex tintilef. Nagħmel osservazzjoni: niktbu *uffiċċju* imma mbagħad *uffiċjal* jew *uffiċjalment*. Din dejjem qistha bħala komplikazzjoni żejda u timplika li fit-tagħlim l-istudent irid jitgħallem regola addizzjonali minflok ma jserraħ rasu li, la darba jkun tgħallem il-kelma bażika, kull derivattiv għandu jinkiteb mingħajr ebda bidla fiha – (g).
30. bidunett – naħseb din il-forma hija diġà aċċettata – (d).
31. bies – ara nru. 30.
32. bi ħsiebi, fi ħsiebi – (d)
33. bilfors – (d)
34. bil-ġiri, bilġri – għandhom ikunu aċċettati t-tnejn għax jista' jkollhom funzjoni distinta. *bilġri* tista' tagħti iktar urġenza minn sempliċement *bil-ġiri* wkoll jekk hija biss taqsira tagħha. Barraminhekk, minħabba raġunijiet ta' metrika, tista' tkun utli ħafna fil-poeżija.
35. bil-ħaqq, bilħaqq – it-tnejn għandhom funzjoni proprja. *bil-ħaqq* tfisser bil-ġustizzja. *bilħaqq* tista' tintuża f'sens ieħor, eż. "Bilħaqq, insejt nimpostalek l-ittra."
36. bilkemm – naħseb li jekk naċċettaw *għalkemm* nistgħu naċċettaw *bilkemm*.
37. bil-kif – (d)
38. bil-lejl – (d)
39. bilqiegħda – (d) & (g)
40. bilwieqfa – (d) & (g)
41. b'inhar – dan il-varjant mhux inkluż fil-lista imma aktarx huwa l-iktar komuni.
42. biżżejjed – il-forma l-iktar komuni.
43. buz, buts, boots – varjanti fonetiċi li aħjar ikunu ttrattati f'seminar apposta fis-sensiela.
44. ċagħak – il-varjant l-ieħor (*ċagħaq*) huwa komuni u ta' min jaċċettah. Ma ninsewx is-singular, *ċagħka/ċagħqa*).
45. daħak – ara nru. 44. Ma ninsewx *daħk/daħq, daħka/daħqa*.
46. daparti – (d)
47. dak in-nhar – (d) & (ħ)
48. dalgħodu – użu avverbjali ta' *għodu*. Hawn jidher li tenħtieġ regola li fejn in-nom jagħmel funzjoni avverbjali meta jkun ippreċedut minn partiċella *(bi, fi),* il-partiċella u n-nom għandhom jingħaqdu flimkien. Bħal f'kull regola, eċċezzjonijiet jista' jkun hemm.
49. dal-ħin – ara nru. 47.
50. dal-lejl – ara nru. 47.
51. dalwaqt – ara nru. 47.
52. daqshekk – ara nru. 47.
53. daqskemm – ara nru. 47.
54. daqskieku – ara nru. 47.
55. daqs li kieku – ara nru. 47.
56. daqstant – ara nru. 47.

57. daqsxejn – Jekk naċċettaw *kemmxejn* għandna wkoll naċċettaw din il-forma. Ara nru. 47.
58. darba fill – ara nru. 47.
59. dawramejt – ara nru. 47.
60. dażgur – ara nru. 47.
61. denn/indenn – (a)
62. dettall – (a)
63. dgħjufija – (a). Nippreferi *djufija* imma nibża' mmiss l-għ għax jista' jkollha konsegwenzi serji.
64. dieqa – (a)
65. disa' mija – (d)
66. disat elef – (d). Naħseb li għandna nżommu din il-forma, bħal *ħamest elef.*
67. Dugħ – din għandha tiġi ddeterminata wara konsiderazzjoni sħiħa tal-kliem kollu li jispiċċa b'*għ* u *h* fl-aħħar tal-kelma u mlissnin *ħ*. Eż. *żagħżugħ, qlugħ, uċuħ, nagħniegħ*.
68. dvalja – (a)
69. ewieq – (d)
70. Ara nru. 11.
71. Ewropew – ara nru. 13.
72. fehmti – (a) & (d)
73. fil-fatt – jekk tinbidel inħoss li nkunu qegħdin nilagħbu mal-grammatika bla bżonn.
74. filgħaxija – ara nru 48.
75. filgħodu – ara nru. 48.
76. filwaqt – ara nru. 48.
77. fl-aħħarnett – ara nru. 48.
78. fuq nett – (d)
79. ġaladarba – (a) & (d)
80. ġara – ara Nru. 14.
81. ġegħelna – (a)
82. ġewwa nett – (d)
83. ġieli – preferenza personali
84. ġiex – il-pronunzja fiha t-tkarkira karatteristika ta' l-*ie*.
85. gastro-intestinali – (g). Din trid tkun iddeterminata fil-kuntest ta' ħafna kliem mediku ieħor. Inħoss li għandha tkun bis-sing għax ikun eħfef biex taqraha.
86. gerbu – (a)
87. gidien – (a)
88. gozz – inħoss li mhemmx bżonn tinbidel.
89. granmastru/grammastru – (ċ)
90. għad illi – (d)
91. għafrid – ara nru. 18.
92. għaġla – (a). Imma ma naħsibx li nistgħu niskartaw *għaġġla* għal kollox.
93. għajjat – (a)
94. għall-aħħar – (d)
95. għal biex – (d)
96. għaldaqshekk – preferenza personali.
97. għaldaqstant – ara nru. 96.
98. għalfejn – ara nru. 96.
99. għal għarrieda – ara nru. 96.
100. għalhekk – jekk naċċettaw *hemmhekk*, nistgħu naċċettaw din il-forma.
101. għalissa – ara nru. 96.
102. għalkemm – ara nru. 36.
103. għal kollox – ara nru. 96.
104. għalli – (d)
105. għalxejn – (ħ)
106. għalxiex – ara nru. 105.

107. għall-aħħar – (d)
108. għallanqas/għallinqas – (d) & nru. 105.
109. għarkupptejh – (a)
110. għarukaża – (a)
111. għarax – (d)
112. għedt – żball ortografiku li jirrepeti ruħu sikwit. Forsi aħjar naċċettawh.
113. għotjien – ara (a)
114. hawnhekk – ara nru. 105.
115. hemmhekk – ara nru. 105.
116. heżżeż – (pronunzja *heżżes* jew *ħeżżes*) ara (a) & nru. 18.
117. ħalltejn – (ħ)
118. idejk – din niddiskutiha iktar 'l isfel, ara Kummenti (1).
119. ilbieraħ – din hija avverbju bħal *filgħodu*. Imma hemm ħafna eċċezzjonijiet.
120. il-bieraħtlura – ara nru. 119.
121. illejla – ara nru. 119.
122. illum – ara nru. 119.
123. imbras – ara nru. 119.
124. imbwiċċ – ara nru. 119.
125. indenn – ara nru. 61 & (a).
126. in ġenerali – (i).
127. inizzjattiva – għandna ruxxmata kliem li fit-Taljan, minn fejn ġej, ma jirdoppjax ċerti konsonanti. Inħoss li fil-Malti dawk il-konsonanti għandhom ikunu rdoppjati (f'dan il-każ *zz*) għax hekk huma mlissna mill-poplu. Dan jagħmilhom Maltin.
128. inkwatru – (a). *Inkwatru* jista' ma jkunx kwadru u *mill-kwadru* ma tistax tpoġġih f'inkwatru.
129. in kwistjoni – (i)
130. it-tielet nett – (d)
131. it-tieni nett – ara (d).
132. Iżlam – (a)
133. iż-żejjed/iżżejjed – kull waħda għandha funzjoni proprja. Eż. "*Iż-żejjed* agħtih karità"/"Issa *żżejjed*, oqgħod bi kwietek." Ara nru. 35.
134. kagħka/qagħqa – it-tnejn komuni. Ara nru. 44.
135. karozza – (a)
136. 'k Alla jrid – ara nru. 5.
137. kasbar – (d)
138. kemm-il darba – (d)
139. kemxejn – (i)
140. 'k jogħġbok – (d)
141. koperattiva – (a)
142. koperazzjoni – (a)
143. kordinatur – (a)
144. kordinazzjoni – (a)
145. kontrik – (a)
146. kull darba – (d)
147. kull fejn – (d)
148. kulħadd – (d)
149. kullimkien – (d)
150. kuljum – (d)
151. kulma – (d)
152. kull meta – (d)
153. kull min – (d)
154. kultant – (d)
155. kull xejn – (d)
156. labranzetta – (i)
157. ladarba – (i)

158. laġenba – (i)
159. l-aħħarnett – (d)
160. l-aħwa – (d)
161. lakemm – (d)
162. la Maltija – (i)
163. lanqas – din tidher l-aktar aċċettata
164. lenbija – naħseb li għandha tibqa' kif inhi. Jekk le, irridu nieħdu ħsieb kliem bħal *inbid*, *ġenb,* u oħrajn u nispiċċaw b'konfużjoni.
165. lenbuba – ara nru. 164.
166. l-ewwelnett – (d)
167. liema bħalu – l-iktar aċċettata.
168. lil hawn – (i)
169. lil hemm – ara nru. 168.
170. lil hinn – ara nru. 168.
171. linji gwida – (d)
172. lura – (d)
173. il-Lvant Ċentrali – ara nru. 13.
174. Il-Lvant Nofsani – ara nru. 13.
175. madankollu – l-iktar aċċettata. Ukoll ara (d).
176. madwar – (d)
177. maġenb – (d)
178. m'aħniex – ara nru. 175.
179. magna – (a)
180. Magreb – (a)
181. manġapassiġġa – Diġà għandna l-kelma *Gwardamanġa* u naħseb li jkun korrett jekk inżommu l-istess forma.
182. matul – (d)
183. ara Nru. 17.
184. m'hawnx – (d)
185. m'hemmx – (d)
186. mhijiex – (i)
187. mhix – (i)
188. mhumiex – (i)
189. mhuwiex – (i)
190. mhux – (i)
191. m'iniex – (i)
192. m'inix – (i)
193. m'intix – (i)
194. m'intomx – (i)
195. m'intx – m'għandhiex tieħu post "m'intix". Ara l-kumment f'nru. 34.
196. minn barra/minbarra – it-tnejn ma jfissrux l-istess. Eż. (1) "Daħal id-dar minn barra u għamel storbju," (2) "Minbarra minni ħadd ma fetaħ ħalqu." Ara nru. 35.
197. minn bejn – (i)
198. minn daqqiet – (i)
199. mindaqshekk – (i)
200. minn fejn – (i)
201. minflok – (i)
202. minn fuq/minfuq – it-tnejn għandhom funzjoni. Eż. (1) "Niżżel il-gwardarobba minn fuq għal isfel"; (2) "Minfuq ma tgħinni, tgħarraqni." Ara nru.35. Inżid li *minfuq* hija wkol il-partiċipju passiv tal-verb *nefaq*.
203. mingħajr – L-iktar aċċettata. Ara wkoll (d).
204. mingħalija – (i)
205. mingħand – bħal nru. 203.
206. minn tagħna – (i)
207. mislem – bħal *nisrani, protestant, luteran*.

208. mn'Alla – ara nri. 5 u 136.
209. musulman – ara nru.207.
210. naħnaħ – (d). Ara wkoll nru. 67.
211. nagħaġ – il-forma l-iktar użata.
212. nagħrfu – ditto
213. nehmżu – ditto
214. negħlbu – ditto
215. negħmżu – ditto
216. nisrani – ditto
217. nofs il-lejl – ditto
218. nofs inhar – ditto
219. in-nofsinhar – bħalma niktbu *it-tramuntana*.
220. nofs ta' nhar – il-forma l-iktar użata.
221. nofs siegħa – ditto
222. partu – ditto & (d).
223. peprin – ditto & (d).
224. per eżempju – ditto & (d).
225. perjodu – il-forma l-iktar użata.
226. per każu – (i)
227. pezza kustjoni – ditto
228. priedka – (d) & nru. 3.
229. prim kuġin – (d)
230. prim ministru – forsi wkoll Prim Ministru.
231. prima donna – (i)
232. proprjament – ditto
233. proprjetà – ditto
234. proprjetarju – ditto
235. proprju – ditto
236. protestant – ara nru. 207.
237. qabel xejn – (i)
238. qajlqajl – (i)
239. qarabagħli – (i)
240. qegħedna – (d) & (i)
241. qiegħnett – (i)
242. qies – (a)
243. quddiemnett – (i)
244. radju dramm – (i)
245. risq – (a), ukoll jekk tmur kontra l-etimoloġija tal-kelma.
246. rkoppa – ditto
247. ruxxmata – (a)
248. sadattant – (i)
249. safejn – (i)
250. sa fl-aħħar – (i)
251. safrattant – (i)
252. sakemm – ditto
253. sa l-aħħar – ditto
254. sa llum – ditto
255. santa fjakka – (d)
256. santa paċenzja – ditto
257. sekond kuġin – (i)
258. sekond awla – ara nru. 118.
259. Semitiku – bħalma niktbu *Ingliż, Taljan, Franċiż,* eċċ.
260. serduq – ara nru. 44.
261. sewwasew – (i)
262. sieda/sjieda – kliem ma tantx għadu fl-użu. Wieħed jistgħa jikkunsidra 'sidien'.

263. żvog – (a)
264. skansafaċendi – (i)
265. skond – ara nru. 3.
266. soċjo-ekonomiku – (d) & (i)
267. jisgħob bija – (i)
268. zoptu – (a)
269. sotto kumitat – (d) & (i)
270. sotto spekkju – ditto
271. sta bene – ditto
272. subien – l-iktar forma aċċettata.
273. superpotenza – ditto
274. is-Sur Attard – aħna nsegwu l-użu Ingliż *(Mr)*. It-Taljani sa fejn naf jien jużaw *signor* (b'ittra żgħira). Nippreferi nibqgħu kif aħna.
275. t'apposta – (i) & nru. 118.
276. ta' April – ditto
277. ta' Elena – ditto
278. ta' Indri – ditto
279. ta' Ottubru – ditto
280. ta' Ugo – ditto
281. ta' bilfors – (i)
282. tabilħaqq – (i). Ara wkoll Nru. 35.
283. tabirruħi – (i)
284. ta' lanqas – (i)
285. tal-hena – l-*h*, għalkemm mhix imlissna, hija konsonanti bħall-oħrajn.
286. tal-għalqa – ditto
287. ta' mpari – (i)
288. taħtnett – ara nri. 159 u 166.
289. ta' llum – (i)
290. tassew – il-forma l-aktar użata.
291. tieba – ditto
292. togħmti – (i)
293. użufrutt – (ħ)
294. waranett – ara nru. 288.
295. wegħedna – il-forma l-aktar użata.
296. wieħed u tletin – (i)
297. xbieha – (ħ)
298. xhieda – ditto
299. x'ħin – ditto
300. xi ħadd – ditto
301. xi ħaġa – ditto
302. xi kultant – ditto
303. x'imkien – ditto
304. xi minn daqqiet – (i)
305. ix-Xmara Ġordan – ara nru. 13
306. żieda – (i)
307. żina – ara nru. 14.

Kummenti

(1) Nru 118 – *Iż-Żieda mat-Tagħrif (1984)*, Ċ. REGOLI PARTIKULARI, 1) tat direttiva li kliem barrani li jibda bil-vokali *i* (eż. *importanti, inklinat, introduċa),* jibqa' jżomm l-*i* ukoll meta l-kelma ta' qabel tispiċċa b'vokali. *L-Aġġornament tat-Tagħrif* (1992), L-Ewwel Parti, VII), neħħa l-użu tal-*w* minflok il-konġunzjoni *u* bejn żewġ vokali. Eż. "aħna u intom." Niktbu wkoll *Stati Uniti, Renju Unit.* Jidhirli li, b'dawn id-direttivi, ir-regola li żewġ vokali ma joqogħdux fejn xulxin ma baqagħlha l-ebda valur u għandha titneħħa. Eż. "Għandu idejh nodfa" (flok *jdejh*); "tah daqqa għal ta' apposta (flok

*t'apposta).* Nistgħu wkoll inħallu l-għażla fakultattiva f'idejn il-kittieb. Jekk se tittieħed xi deċiżjoni dwar nru. 118, għandha tittieħed fid-dawl tar-regola ġenerali u ta' l-Aġġornament.

Inżid li qabel jittieħdu xi deċiżjonijiet, ikunu studjati l-verbi li ġejjin minn lingwi oħra u li fil-Malti jtennu l-ewwel ittra tagħhom. Eż. *approva, ipprepara, ikkontesta.* Tikteb *provat* jew *ipprovat, preparat* jew ippr*eparat, kontestat* jew *ikkontestat*?

(2) Forsi tista' ssir regola ġenerali li toħloq uniformità fejn in-nomi li tinhemeż magħhom partiċella, u b'hekk isiru avverbji, il-partiċella u n-nom jinhemżu flimkien. Eż. *għodu/filgħodu, għaxija/filgħaxija.* Imma aktarx li regola bħal din ikollha ħafna eċċezzjonijiet u wieħed irid joqgħod attent li ma noħolqux iktar ambigwitajiet. Ara nru. 35.

(3) Mas-seminars li hemm ippjanati naħseb li għandu jsir ieħor biex jinstemgħu xi suġġerimenti dwar is-simplifikazzjoni (mhux it-tneħħija) ta' l-użu tal-*għ*. Eż. *qagħad, noqgħod, noqogħdu.* Tista' ssir xi ħaġa biex l-*għ* ma tiċċaqlaqx daqshekk?

(4) Niktbu *tal-perit* <u>imma</u> *ta' l-avukat*. Naħseb li fiż-żewġ każi nistgħu niktbu *tal-* mingħajr ma noħolqu ebda ambigwità.

(5) Inżommu f'rasna li meta toħroġ lista ta' kliem miktub b'mod differenti minn qabel, din il-lista għandha tkun definittiva għax ma jistax ikun li noqogħdu nbiddlu kull jumejn. L-ewwelnett, ħadd ma joħodna bis-serjetà u, it-tieni, nispiċċaw b'ħafna kotba f'idejna miktubin ortografikament ħażin.

(6) Jien naqbel li għandha ssir reviżjoni tat-*Tagħrif* ta' Cremona. Wara fuq tmenin sena, għandna esperjenza biżżejjed biex nagħmlu dan imma l-kawtela hija l-aqwa virtù għax jista' jisfaxxa kollox.

(7) Qiegħed nieħu l-impressjoni li l-*computer*, u mhux il-grammatika/ortografija, se jiddetta kif niktbu. Naħseb li għandu jkun il-maqlub. L-ewwel tiġi l-grammatika/ortografija mbagħad il-*computer* isib is-soluzzjonijiet. Ta' min jara x'għamlu lingwi oħra għax, wara kollox, ċerti problemi mhumiex tal-Malti biss. Imma nistqarr li fil-*computer* ma nifhem xejn.

# Trevor Żahra

F'dan kollu li ġej jiena qed nipprova nimxi fuq il-motto:
*"Ejja nissimplifikaw kull fejn nistgħu. Ejja nagħmlu l-ortografija inqas ikkomplikata! Ejja nibdew inqisu l-ortografija bħala għodda u mhux bħala skop fih innifsu."*

**Kliem Magħqud jew Mifrud**
Inħoss li għall-ħeffa u l-prattiċità, aktar jagħmel sens li ngħaqqdu l-kliem milli noqogħdu nifirduh bis-sing jew mod ieħor. Jiġifieri jiena aktar inxaqleb lejn l-użu ta' kliem bħal *filgħodu, flgħaxija, għalissa, billejl, nofsinhar, bilqiegħda*... eċċ. Biss it-tfal li jkunu għadhom qed jitgħallmu jaqraw, żgur li aktar isibuha faċli jaqraw: *dak in-nhar* milli *dakinhar.* Aktar faċli għalihom jaqraw: *sa dan it-tant* milli *sadattant.*

U hawn jidħol prinċipju ieħor: it-tfal! Ma ninsewx li l-Malti jrid jinżamm ħaj permezz tat-tfal. Jekk se ntaqqluhulhom iżżejjed, se nġegħluhom jobogħduh u jduru iżjed lejn l-Ingliż. F'kull pass li nagħmlu tajjeb neżaminaw sewwa kif dak il-pass ikun se jeffettwa lit-tfal. Jien dejjem ħassejt li dari kienu jfasslu r-regoli għall-istudjuż bla ma qatt ikkunsidraw li dawn iridu jitgħallmuhom it-tfal.

**Kliem mill-Ingliż**
Kif inhuma l-affarijiet issa, skond l-aħħar aġġornament li sar fl-ortografija, il-kliem li jidħol mill-Ingliż u li jkun qabad sewwa suppost niktbuh skond l-ortografija tal-Malti. Minn din ir-regola bdew jitwieldu atroċitajiet bħal *ħendawtt, kapxin, woxxrum,* u kull mutilazzjoni immaġinabbli.

**L-iżvantaġġi ta' din ir-regola**

1. Tajjeb niftakru li dan il-kliem ikun ġa daħal f'moħħ il-poplu bil-format Ingliż. Jiġifieri l-poplu jkun ilu li dera jara l-kelmiet *handout, caption, washroom* miktubin bl-Ingliż u jkun ilu li fforma immaġni mentali tagħhom. Għalhekk meta jarahom miktubin mod ieħor qatt ma jasal jaċċettahom. Anzi jarahom grotteski u redikoli u jieħu l-impressjoni li l-Malti lingwa taż-żufjett. Ejjew nammettu li din ir-regola l-poplu inġenerali ma jridhiex!

2. Din l-istess regola fetħet ukoll il-bieb beraħ għall-abbuż. Ħafna sabuha komda li minflok jagħmlu kemxejn sforz u jfittxu l-kelma Maltija, arahom minnufih iduru għal dik Ingliża u jraqqdu l-kuxjenza billi jispelluha bil-Malti.
   U minflok jużaw *kelb il-baħar* jużaw *xark*
   Minflok *Milied* jużaw *Krismis*
   Minflok *sarvetta* jużaw *nepkin*
   Minflok *tarbija* jużaw *bejbi*
   Minflok *żlaqt* jużaw *isslippjajt*... eċċ.

3. Barra minn dan, anki jekk wieħed jibqa' miexi fuq din ir-regola atroċi, xorta waħda se jsib li daħal fi sqaq.
   X'se nikteb:
   *maniġer* jew *meniġer*?
   *telefown* jew *telifown* jew *telefon*?

Jiġifieri hawn nidħlu fil-problema tal-pronunzja. Qabel ma naraw kif se tinkiteb kull kelma rridu wkoll naraw liema pronunzja se naċċettaw. Meta mbagħad tqis li ħafna kliem qed noħduh mill-Amerikan u mhux mill-Ingliż, aktar u aktar il-biċċa tikkomplika ruħha.

Is-soluzzjoni jiena naraha faċli ħafna:

**Dawk in-nomi li ħadniehom mill-Ingliż u ma bdilnielhom xejn minn kif sibniehom, għandna niktbuhom kif inhuma fl-Ingliż.**

Għalhekk nibdew niktbu *mobile, heater, cooker, mouse, computer, screen, bonnet, steering* eċċ.

Iżda mbagħad għandna niktbu *trakk - trakkijiet, kejk - kejkijiet, kowt - kowtijiet…* għax dawn ma ħallejnihomx kif impurtajniehom.

Jien anzi nżid li għandna nagħmlu kif qed jagħmlu t-Taljani u lanqas hemm għalfejn niktbuhom korsiv. Il-poplu dan il-kliem diġà drah u huwa intelliġenti biżżejjed biex jagħraf meta kelma hija Ingliża u meta l-kumplament huwa bil-Malti.

**L-*i* ewfonika jew etmoloġika**
Kif inhi r-regola bħalissa, qabel nara jekk inwaqqax l-*i* tal-kelma (jew jekk inżidhiex) irrid noqgħod ngħarbel jekk dik hix kelma barranija jew le. Jiġifieri jekk ikollna persuna li taf biss il-Malti ma tista' qatt tikteb Malti korrett. Ngħid għalija tgħidx kemm domt ma indunajt li l-*i* ta' *indunajt* suppost tibqa' għax ġejja minn *indovinare.* Timmaġinaw it-tfal joqogħdu jidħlu f'analiżi bħal din qabel jaraw jekk l-*i* jżommuhiex jew iwaqqgħuhiex?

Kemm ikun eħfef il-Malti li kieku nagħmlu regola li l-*i* wara vokali taqa' dejjem!!! U nibdew niktbu: *laqgħa nternazzjonali – ittra nformali…* eċċ.

**Varjanti oħra?**

Ma naħsibx li dawn li se nsemmi huma strettament varjanti. Imma llum hawn ħafna taħwid dwar:

*ippubblikat - pubblikat*
*ikkomplikat - komplikat*
*iffrankat - frankat…* eċċ.

Taħsbu li hemm bżonn tiġi ċċarata l-pożizzjoni ta' dan il-kliem?